ISSN 1831-8517

CVRIA

# CVRIA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

# Rapport annwali 2009

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

# RAPPORT ANNWALI 2009

Ħarsa lejn ix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu 2010

www.curia.europa.eu

Il-Qorti tal-Ġustizzja
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon: (352) 43 03-1

Il-Qorti Ġenerali
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon: (352) 43 03-1

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon: (352) 43 03-1

Il-Qorti fuq l-Internet: http://www.curia.europa.eu

Ir-Rapport Annwali huwa wkoll disponibbli fuq CD-ROM
mid-Dipartiment Stampa u Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja
Telefon: (352) 4303-2035

Data meta tlesta: l-1 ta' Jannar 2010

Riproduzzjoni awtorizzata sakemm jiġi indikat is-sors. Ir-ritratti jistgħu jiġu riprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, għandha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2010

ISBN 978-92-829-0958-4

doi:10.2862/2165

© L-Unjoni Ewropea, 2010

*Printed in Luxembourg*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

# Werrej

Daħla mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja
Vassilios Skouris ..... 5

## Kapitolu I

*Il-Qorti tal-Ġustizzja*

A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2009 ..... 9

B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 55

1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 57
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2009 ..... 73
3. Ordnijiet Protokollari ..... 75
4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 77

C – Statistika tal-Attività Ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 81

## Kapitolu II

*Il-Qorti Ġenerali*

A – Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2009 ..... 113

B – Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali ..... 149

1. Membri tal-Qorti Ġenerali ..... 151
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2009 ..... 161
3. Ordnijiet protokollari ..... 163
4. Membri preċedenti tal-Qorti Ġenerali ..... 165

C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali ..... 167

## Kapitolu III

*It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku*

A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2009 ........ 191

B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 201

1. Il-Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 203

2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2009 ........ 207

3. Ordnijiet protokollari ........ 209

4. Membri preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 211

C – Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 213

## Kapitolu IV

*Laqgħat u Żjarat*

A – Żjarat uffiċjali u avvenimenti fil-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Qorti Ġenerali u fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 227

B – Żjarat ta' studju (2009) ........ 229

C – Udjenzi Solenni ........ 233

D – Żjarat jew parteċipazzjoni f'avvenimenti uffiċjali ........ 235

*Organigramma tal-Qorti* ........ 240

# Daħla

Is-sena li għadha kemm intemmet spiċċat b'avveniment importanti ħafna. Fl-1 ta' Diċembru 2009, wara proċedura ta' ratifika twila u kumplessa, daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona. Dan it-Trattat, li jfittex li jagħti lill-Unjoni Ewropea strutturi leġiżlattivi u amministrattivi iktar effikaċi u li jpoġġiha f'pożizzjoni aħjar sabiex tilqa' l-isfidi tal-bidu tas-seklu 21, introduċa bidliet importanti fil-parti l-kbira tal-oqsma ta' attività tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'hekk, minbarra l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-fatt li l-Unjoni kisbet personalità ġuridika u mill-fatt li l-istruttura tagħha bbażata fuq tliet pilastri twarrbet, it-Trattat ta' Lisbona introduċa numru ta' riformi marbuta kemm mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u kemm mal-proċeduri quddiem il-qrati li jikkostitwixxu l-Qorti tal-Ġustizzja.

Is-sena 2009 rat ukoll tiġdid parzjali fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja, li kien ikkaratterizzat mit-tluq ta' erba' mill-Membri tagħha. Meta saru l-ħatriet fil-kuntest ta' dan it-tiġdid parzjali, il-Gvernijiet tal-Istati Membri reġgħu kkunsidraw il-ħtieġa li dawn il-ħatriet isiru mingħajr dewmien u li tinżamm, sa fejn possibbli, l-istabbiltà tal-Istituzzjoni, b'tali mod li din tal-aħħar setgħet tkompli twettaq il-missjoni tagħha mingħajr diffikultajiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax ma tkunx sodisfatta b'dan.

Fl-aħħar nett, is-sena 2009 kienet ikkaratterizzata wkoll minn avveniment ta' niket. Qiegħed nirreferi għall-mewt tal-Avukat Ġenerali Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer. Ix-xokk ikkawżat mill-mewt tiegħu għadu jinħass, anki minħabba li qegħdin niddeliberaw u ser inkomplu niddeliberaw fix-xhur li ġejjin f'kawżi li bbenefikaw mill-konklużjonijiet tiegħu. Il-memorja tiegħu tinħass b'mod konkret ħafna fl-attivitajiet tagħna.

Dan ir-rapport jagħti lill-qarrej preżentazzjoni kompleta tal-iżvilupp u tal-attività tal-Istituzzjoni matul is-sena 2009. Bħal kull sena, parti sostanzjali tar-Rapport Annwali hija ddedikata għal rendikonti fil-qosor iżda eżawrjenti tal-attività ġudizzjarja proprja tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Din l-analiżi hija kkompletata u sostnuta bi statistika speċifika għal kull qorti.



V. Skouris
President tal-Qorti tal-Ġustizzja



# Kapitolu I

## Il-Qorti tal-Ġustizzja

# A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2009

*Minn Vassilios Skouris, President*

Din l-ewwel parti tar-Rapport Annwali tagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea matul is-sena 2009. Hija tagħti, l-ewwel nett, ħarsa lejn l-iżvilupp tal-Istituzzjoni matul din is-sena b'enfażi fuq il-bidliet istituzzjonali li affettwaw lill-Qorti tal-Ġustizzja u l-iżviluppi li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna u l-metodi tax-xogħol tagħha (Taqsima 1). It-tieni nett, hija tinkludi analiżi statistika tal-iżvilupp tal-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll tat-tul medju tal-proċeduri (Taqsima 2). It-tielet nett, bħal kull sena, din il-parti tippreżenta l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza kklassifikati skont is-suġġett (Taqsima 3).

**1.1.** Ma hemm ebda dubju li l-avveniment l-iktar importanti li kellu impatt fuq l-iżvilupp istituzzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena 2009 kien id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Dan it-Trattat introduċa diversi ememdi għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u tat-Trattat KE li jikkonċernaw lill-Qorti tal-Ġustizzja. Uħud minn dawn l-emendi jirriżultaw mill-fatt li l-istruttura tal-Unjoni bbażata fuq tliet pilastri twarrbet, mill-fatt li għalhekk il-Komunità Ewropea ma għadhiex teżisti u mill-fatt li minn issa 'l quddiem l-Unjoni għandha personalità ġuridika. Emendi oħra huma iktar speċifiċi u jikkonċernaw direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Sabiex insemmi l-iktar emendi importanti biss, nindika, qabel kollox, li, mill-1 ta' Diċembru 2009, l-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni hija msejħa l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din hija komposta, bħalma kienet qabel, minn tliet qrati, li issa jissejħu: il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Il-ħolqien ta' qrati speċjalizzati eventwali oħra għadu possibbli iżda, minn wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, dan għandu jsir skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jiġifieri permezz ta' kodeċiżjoni b'maġġoranza kkwalifikata u mhux bl-unanimità kif kien meħtieġ qabel. Dan japplika wkoll għall-emendi għall-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-istatus tal-Imħallfin u tal-Avukati Ġenerali u ta' dawk li jikkonċernaw is-sistema lingwistika tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Emenda importanti tikkonċerna l-proċedura għall-ħatra tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Minn issa 'l quddiem l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jinħatru mill-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' kumitat inkarigat li jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Dan il-kumitat huwa kompost minn seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti taż-żewġ qrati, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.

Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi osservat li din testendi għad-dritt tal-Unjoni Ewropea, sakemm it-Trattati ma jipprovdux mod ieħor. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kisbet ġurisdizzjoni preliminari ġenerali fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minħabba t-tneħħija tal-pilastri u t-tħassir, bit-Trattat ta' Lisbona, tal-Artikoli 35 UE u 68 KE, li kienu jipprevedu restrizzjonijiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Minn naħa, fir-rigward tal-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni preliminari saret obbligatorja u ma għadhiex iktar suġġetta għal dikjarazzjoni minn kull Stat Membru li tirrikonoxxi din il-ġurisdizzjoni u li tindika liema qrati nazzjonali jistgħu jressqu talba għal deċiżjoni preliminari. Madankollu,

dispożizzjonijiet tranżitorji jipprovdu li din il-ġurisdizzjoni sħiħa hija applikabbli biss minn ħames snin wara d-dħul tat-Trattat ta' Lisbona.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-viżi, l-ażil, l-immigrazzjoni u l-politiki l-oħra relatati mal-moviment ta' persuni (b'mod partikolari l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi), il-Qorti tal-Ġustizzja, minn issa 'l quddiem, tista' tkun adita mill-qrati nazzjonali kollha – u mhux biss mill-qrati superjuri – u minn issa 'l quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar miżuri ta' ordni pubbliku fil-kuntest ta' kontrolli transkonfinali.

Barra minn hekk, ta' min wieħed ifakkar li, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea saret test leġiżlattiv vinkolanti u kisbet l-istess valur legali bħat-Trattati [1]. Fl-aħħar, fil-qasam sensittiv tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni, fuq bażi eċċezzjonali, sabiex, minn naħa, tistħarreġ id-delimitazzjoni bejn il-kompetenzi tal-Unjoni u l-PESK, li l-implementazzjoni tagħha ma għandhiex taffettwa l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-kompetenzi tal-istituzzjonijiet għall-eżerċizzju tal-kompetenzi esklużivi u kondiviżi tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, tisma' rikorsi għall-annullament tad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill, pereżempju fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (iffriżar ta' assi).

It-Trattat ta' Lisbona jinkludi wkoll emendi sinjifikattivi li jikkonċernaw il-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni. Fost l-iktar importanti nsemmi, minn naħa, il-fatt li dan it-Trattat taffa l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn individwi kontra l-atti regolatorji tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi issa jistgħu jippreżentaw rikors kontra att regolatorju jekk jolqothom direttament u jekk ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni. Għalhekk, dawn il-persuni ma għadhomx meħtieġa juru li huma individwalment ikkonċernati minn tali tip ta' att.

Min-naħa l-oħra, it-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ il-mekkaniżmu tas-sanzjonijiet pekunjarji (il-ħlas ta' somma f'daqqa u/jew ta' pagamenti ta' penalità) fil-każ li sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma tiġix eżegwita. B'mod partikolari, minn issa 'l quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi, mill-ewwel sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, sanzjonijiet pekunjarji fil-każ li l-miżuri nazzjonali li jittrasponu direttiva ma jkunux ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni.

**1.2.** Minbarra r-riformi introdotti bit-Trattat ta' Lisbona, għandha tissemma wkoll l-emenda tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Jannar 2009 (ĠU L 24, p. 8). Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7(3) ta' dawn ir-regoli, li jistipula l-modalitajiet tal-elezzjoni tal-President u tal-Presidenti ta' Awla. Fil-verżjoni preċedenti tagħha, din id-dispożizzjoni kienet tipprevedi żewġ votazzjonijiet. Jekk wara t-tieni votazzjoni n-numru ta' voti jkun għadu ugwali, kien jiġi elett l-Imħallef l-iktar anzjan. Il-verżjoni l-ġdida tad-dispożizzjoni msemmija tipprovdi li, jekk ebda Mħallef ma jikseb il-voti ta' iktar minn nofs l-Imħallfin li jikkomponu l-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom isiru iktar votazzjonijiet sakemm tintlaħaq din il-maġġoranza.

[1] Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2) TUE jippreċiża li "L-Unjoni għandha taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-adeżjoni m'għandhiex taffettwa l-kompetenzi tal-Unjoni kif definiti mit-Trattati". Il-Protokoll Nru 8 jindika li l-ftehim dwar l-adeżjoni għandu jippreċiża b'mod partikolari "l-arranġamenti speċifiċi għall-parteċipazzjoni eventwali ta' l-Unjoni fil-korpi ta' kontroll tal-Konvenzjoni Ewropea [u] l-mekkaniżmi meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-proċedimenti minn Stati mhux Membri u l-applikazzjonijiet individwali jkunu indirizzati b'mod korrett lill-Istati Membri u/jew l-Unjoni skond il-każ". Din l-adeżjoni tal-Unjoni "ma tolqotx il-kompetenzi tagħha u s-setgħat ta' l-istituzzonijiet tagħha".

**2.** L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2009 hija, b'mod ġenerali, ikkaratterizzata minn żieda fil-produttività u miż-żamma ta' effiċjenza sodisfaċenti fir-rigward tat-tul tal-proċeduri. Barra minn hekk, għandha tissemma wkoll it-tendenza kostanti ta' żieda fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 543 kawża fl-2009 (ċifra netta, inklużi l-kawżi magħquda), ċifra din li tirrappreżenta żieda kunsiderevoli meta mqabbla mas-sena preċedenti (495 kawża maqtugħa fl-2008). Minn dawn il-kawżi, 377 inqatgħu permezz ta' sentenza u 165 permezz ta' digriet. In-numru ta' kawżi maqtugħa fl-2009 huwa fost l-ogħla fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Tressqu 561 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (irrispettivament mill-kawżi magħquda minħabba konnessjoni), ċifra din li tirrappreżenta tnaqqis żgħir meta mqabbla mas-sena 2008 (592 kawża mressqa). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li n-numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa din is-sena huwa l-ogħla wieħed sa issa (302 kawżi).

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija pożittiva ħafna. F'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul kien ta' 17.1 xhur, jiġifieri prattikament l-istess tul bħalma kien fl-2008 (16.8 xhur). F'dak li jirrigwarda r-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 17.1 xhur u ta' 15.4 xhur rispettivament (16.9 xhur u 18.4 xhur fl-2008).

It-titjib fl-effiċjenza li biha l-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kawżi huwa dovut kemm għar-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha mnedija f'dawn l-aħħar snin, u kif ukoll għall-użu iktar estiż tad-diversi strumenti proċedurali li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef ċerti kawżi (il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-prijorità tad-deċiżjonijiet, il-proċedura mħaffa, il-proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali).

Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ntalbet fi 3 kawżi u l-Awla magħżula kkunsidrat li l-kundizzjonijiet mitluba fl-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura kienu sodisfatti fi 2 minn dawn il-kawżi. Dawn il-kawżi nqatgħu fi żmien medju ta' 2.5 xhur.

Tressqu 5 talbiet għal proċedura mħaffa, iżda l-kundizzjonijiet mitluba mir-Regoli tal-Proċedura ma kienu sodisfatti f'ebda waħda minnhom. Skont prassi stabbilita fl-2004, it-talbiet għal proċedura mħaffa jiġu milqugħa jew miċħuda permezz ta' digriet motivat tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, fi 8 kawżi ġie aċċettat li dawn il-kawżi jingħataw prijorità fuq il-kawżi l-oħra.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja użat b'mod regolari l-proċedura ssemplifikata prevista fl-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura sabiex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula lilha permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, inqatgħu b'kollox 22 kawża permezz ta' digriet abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja użat b'mod iktar frekwenti s-setgħa mogħtija lilha bl-Artikolu 20 tal-Istatut tagħha li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ġdida ta' dritt. Fil-fatt, nistgħu nsemmu li madwar 52 % tas-sentenzi mogħtija fl-2009 kienu mingħajr konklużjonijiet (41 % fl-2008).

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi bejn id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' min isemmi li l-Awla Manja ddeċidiet madwar 8 %, l-Awli b'ħames Imħallfin 57 % u l-Awli bi tliet Imħallfin madwar 34 % tal-kawżi maqtugħa permezz ta' sentenza fl-2009. Meta mqabbla mas-sena l-oħra, wieħed jara tnaqqis fin-numru tal-kawżi maqtugħa mill-Awla Manja (14 % fl-2008) u żieda fin-numru tal-kawżi maqtugħa mill-Awli bi tliet Imħallfin (26 % fl-2008). Fir-rigward tal-kawżi

maqtugħa b'digriet ġudizzjarju, 84 % minnhom kienu ġew allokati lill-Awli bi tliet Imħallfin, 10 % lill-Awli b'ħames Imħallfin u 6 % huma digrieti mogħtija mill-President.

Għal informazzjoni iktar iddettaljata dwar l-istatistika tas-sena ġudizzjarja 2009, il-qarrej huwa mitlub jara l-punt Ċ ta' dan ir-rapport.

## *Kwistjonijiet kostituzzjonali jew istituzzjonali*

Il-kwistjoni komuni tal-bażi legali fi ħdan l-ewwel pilastru tat lok għal diversi sentenzi li ta' min wieħed isemmi. Fil-kawża *Il-Parlament vs Il-Kunsill* (sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, C-166/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kontribuzzjonijiet tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda għandhom ikunu bbażati fuq bażi legali doppja, jiġifieri l-Artikoli 159 KE u 308 KE. L-użu ta' din il-bażi legali doppja jfisser li l-leġiżlatur Komunitarju jkun obbligat jirrikonċilja diversi proċeduri leġiżlattivi għall-adozzjoni ta' att wieħed.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li, fil-kuntest tas-sistema ta' kompetenzi tal-Komunità, l-għażla tal-bażi legali ta' att għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jiġu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom jinsabu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att ikkonċernat. L-użu tal-Artikolu 308 KE bħala bażi legali huwa ġġustifikat biss jekk ebda dispożizzjoni oħra tat-Trattat ma tagħti lill-istituzzjonijiet Komunitarji l-kompetenza meħtieġa sabiex jadottaw l-att ikkonċernat. Barra minn hekk, l-użu ta' din id-dispożizzjoni jirrikjedi li l-azzjoni prevista tkun tikkonċerna l-"funzjonament tas-suq komuni".

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat, minn naħa, li l-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1968/2006, dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010)[2], jikkorrispondu għall-għanijiet tal-politika Komunitarja ta' koeżjoni ekonomika u soċjali u, min-naħa l-oħra, li kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja lill-Fond, mingħajr ma jitqies il-qafas regolatorju li tifforma parti minnu, taqa' taħt azzjonijiet speċifiċi li, meta jinħass il-bżonn tagħhom barra mill-Fondi Strutturali sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 158 KE, jistgħu jiġu adottati skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 159 KE. Madankollu, la l-modalitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u l-Fond u lanqas il-kundizzjonijiet u l-metodu ta' ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ma jippermettu lil din tal-aħħar li tipprevedi li l-użu ta' din il-kontribuzzjoni mill-Fond ma jkoprix l-azzjonijiet li, filwaqt li josservaw l-għanijiet tal-Ftehim li jikkonċerna l-Fond Internazzjonali għall-Irlanda, imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-politika Komunitarja ta' koeżjoni ekonomika u soċjali jew, tal-inqas, mhumiex amministrati skont il-kriterji applikati mill-Komunità fil-kuntest ta' din il-politika. Għalhekk, il-leġiżlatur Komunitarju seta' validament jikkunsidra li l-firxa ta' attivitajiet iffinanzjati minn dan ir-regolament tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-politika Komunitarja ta' koeżjoni ekonomika u soċjali. Madankollu, l-Artikolu 159 KE jkopri biss azzjonijiet awtonomi tal-Komunità, amministrati skont il-qafas regolatorju Komunitarju u li kontenut tiegħu ma jmurx lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-politika Komunitarja ta' koeżjoni ekonomika u soċjali. Għaldaqstant, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 159 KE, waħdu, ma jagħtix lill-Komunità l-kompetenza meħtieġa sabiex tilħaq l-għanijiet tal-politika Komunitarja ta' koeżjoni ekonomika u soċjali permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja fil-kundizzjonijiet previsti mir-Regolament Nru 1968/2006.

Madankollu, ir-Regolament Nru 1968/2006 għandu l-għan li jappoġġa l-azzjonijiet ta' organiżmu internazzjonali mwaqqaf minn żewġ Stati Membri li l-objjettiv tiegħu huwa t-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali. Kif jirriżulta mill-Artikolu 2 KE u mill-Artikolu 3(1)(k) KE, it-tisħiħ tal-koeżjoni

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1968/2006, tal-21 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 409, p. 81).

ekonomika u soċjali jikkostitwixxi, barra mit-Titolu XVII tat-Trattat, obbjettiv għall-Komunità. Barra minn hekk, l-għan tar-regolament imsemmi jaqa' taħt il-qasam tas-suq komuni peress li huwa intiż li jwassal għal titjib ekonomiku f'żoni żvantaġġati ta' żewġ Stati Membri, u għaldaqstant għall-funzjonament tas-suq komuni.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, peress li r-Regolament Nru 1968/2006 jipprova jilħaq l-għanijiet previsti fl-Artikolu 2 KE u fl-Artikolu 3(1)(k) KE kif ukoll fit-Titolu XVII tat-Trattat, mingħajr ma dan it-titolu waħdu jagħti lill-Komunità l-kompetenza sabiex tilħaqhom, il-leġiżlatur Komunitarju kellu juża t-tielet paragrafu tal-Artikolu 159 KE u l-Artikolu 308 KE flimkien, filwaqt li josserva l-proċeduri leġiżlattivi previsti fihom, jiġifieri, il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 KE msejħa ta' "kodeċiżjoni", kif ukoll il-vot unanimu fi ħdan il-Kunsill.

Dejjem dwar is-suġġett tad-determinazzjoni tal-bażi legali adegwata fi ħdan l-ewwel pilastru, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, C-411/06), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet tilwima li kienet tikkonċerna l-bażi legali tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, dwar vjeġġi [vjaġġi] ta' skart[3]. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-att kellu jiġi bbażat fuq l-Artikolu 175(1) KE biss u mhux fuq l-Artikoli 133 KE u 175(1) KE sa fejn kellu biss effetti sekondarji fuq il-politika kummerċjali komuni.

Skont il-ġurisprudenza tradizzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa biss eċċezzjonalment, jekk att ikollu iktar minn għan wieħed fl-istess ħin jew jekk ikollu iktar minn komponent wieħed, li jkunu marbuta b'mod li ma jistgħux jinħallu minn xulxin, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett fil-konfront ta' xulxin, li tali att irid ikun ibbażat fuq id-diversi bażijiet legali korrispondenti. F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset li l-għażla ta' bażi legali doppja kienet meħtieġa minħabba l-fatt li dan ir-regolament kien jinkludi żewġ komponenti li ma jistgħux jinħallu minn xulxin, wieħed li jirrigwarda l-politika kummerċjali komuni u l-ieħor il-protezzjoni tal-ambjent, li ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala sekondarji jew indiretti fil-konfront ta' xulxin.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ma qablitx mal-Kummissjoni u kkunsidrat li mill-analiżi tar-regolament ikkontestat jirriżulta li dan jikkonċerna prinċipalment, kemm permezz tal-għan tiegħu kif ukoll permezz tal-kontenut tiegħu, il-protezzjoni tas-saħħa umana u tal-ambjent kontra l-effetti potenzjalment dannużi tal-vjaġġi transkonfinali ta' skart. B'mod iktar partikolari, sa fejn il-proċedura ta' notifika u tal-kunsens bil-miktub minn qabel tħaddan b'mod ċar għan ta' protezzjoni tal-ambjent fil-qasam tal-vjaġġi ta' skart bejn l-Istati Membri u ġiet konsegwentement ibbażata korrettament fuq l-Artikolu 175(1) KE, ikun inkoerenti li jitqies li din l-istess proċedura, meta tapplika għall-vjaġġi ta' skart bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, bl-istess għan ta' protezzjoni tal-ambjent, ikollha n-natura ta' strument tal-politika kummerċjali komuni u għandha, għal din ir-raġuni, tkun ibbażata fuq l-Artikolu 133 KE. Din il-konklużjoni hija kkorroborata minn analiżi tal-kuntest leġiżlattiv li fih jaqa' dan ir-regolament. Interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' politika kummerċjali komuni mhijiex ta' natura li tpoġġi fid-dubju l-konstatazzjoni li r-Regolament Nru 1013/2006 huwa strument li jaqa' prinċipalment taħt il-politika tal-protezzjoni tal-ambjent. Fil-fatt, att Komunitarju jista' jaqa' f'dan il-qasam, anki jekk il-miżuri previsti mill-imsemmi att jistgħu jaffettwaw il-kummerċ. Fil-fatt, att Komunitarju jaqa' fil-kompetenza esklużiva fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni prevista fl-Artikolu 133 KE biss meta jkun jikkonċerna speċifikament il-kummerċ internazzjonali fis-sens li jkun intiż essenzjalment li jinkoraġġixxi, jiffaċilita jew jirregola l-kummerċ u jkollu effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ fil-prodotti kkonċernati. Huwa evidenti li dan mhuwiex il-każ fil-kawża preżenti. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 1013/2006 ma għandux bħala għan li jiddefinixxi l-karatteristiċi li għandu jkollu l-iskart sabiex jiċċaqlaq liberament fis-suq intern jew fil-kuntest ta'

[3] Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 190, p. 1).

kummerċ ma' pajjiżi terzi, iżda li jistabbilixxi sistema armonizzata ta' proċeduri li permezz tagħhom il-moviment tal-iskart jista' jkun limitat sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent.

Kienet kwistjoni li tinvolvi d-diversi pilastri u l-bażi legali li wasslet għall-kawża *L-Irlanda vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (sentenza tal-10 ta' Frar 2009, C-301/06). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-adozzjoni tad-Direttiva 2006/24/KE, dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika[4], kellha ssir fuq il-bażi tat-Trattat KE sa fejn tikkonċerna, b'mod prinċipali, l-operazzjoni tas-suq intern.

Fil-fatt, il-leġiżlatur Komunitarju jista' jirrikorri għall-Artikolu 95 KE b'mod partikolari meta jkun hemm disparitajiet bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u meta dawn id-disparitajiet ikunu ta' natura li jostakolaw il-libertajiet fundamentali jew li joħolqu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u b'dan il-mod ikollhom effett dirett fuq l-operazzjoni tas-suq intern. Issa, irriżulta li d-diverġenzi bejn id-diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali adottati fil-qasam taż-żamma tad-data relattiva għall-komunikazzjoni elettronika kienu ta' natura li jkollhom effett dirett fuq l-operazzjoni tas-suq intern u li kien prevedibbli li dan l-effett kellu jaggrava. Sitwazzjoni bħal din kienet tiġġustifika li l-leġiżlatur Komunitarju jfittex l-għan li jipproteġi l-operazzjoni tajba tas-suq intern billi jadotta regoli armonizzati.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-istess direttiva emendat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, li min-naħa tagħha kienet ibbażata fuq l-Artikolu 95 KE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li temenda direttiva eżistenti li tagħmel parti mill-*acquis communautaire*, id-direttiva msemmija ma setgħetx tkun ibbażata fuq dispożizzjoni tat-Trattat UE mingħajr ma tikser l-Artikolu 47 UE.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-Direttiva 2006/24 tirregola operazzjonijiet li huma indipendenti mill-implementazzjoni ta' kull azzjoni ta' kooperazzjoni mill-pulizija jew ġudizzjarja f'materji kriminali li jista' jkun hemm. Din la tarmonizza l-kwistjoni tal-aċċess għad-data mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u lanqas dik tal-użu u l-iskambju ta' din id-data bejn dawn l-awtoritajiet. Dawn il-kwistjonijiet, li bħala regola ġenerali jaqgħu fil-qasam kopert mit-Titolu VI tat-Trattat UE, ġew esklużi mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Minn dan jirriżulta li l-kontentut materjali tad-Direttiva 2006/24 jipprevedi essenzjalment l-attivitajiet tal-fornituri ta' servizzi fis-settur ikkonċernat tas-suq intern, bl-esklużjoni tal-attivitajiet statali li jaqgħu taħt it-Titolu VI tat-Trattat UE. Fid-dawl ta' dan il-kontenut materjali, kellu jiġi konkluż li d-direttiva msemmija tikkonċerna b'mod prinċipali l-operazzjoni tas-suq intern.

Għalkemm il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju ilhom li ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, għadhom ikunu s-suġġett tal-ġurisprudenza. Fil-kawża *Heinrich* (sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, C-345/06), il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-portata tar-rekwiżit tal-pubblikazzjoni tal-atti legali u b'hekk ikkonfermat l-importanza tal-prinċipju taċ-ċertezza legali bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju.

[4] Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU L 105, p. 54).

Passiġġier ma tħalliex jitla' abbord ajruplan fl-ajurport ta' Vienne-Schwechat għaliex fil-bagalja tal-kabina tiegħu kellu xi oġġetti kkunsidrati bħala oġġetti pprojbiti taħt regolamenti Komunitarji. Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002[5] jipprojbixxi b'mod partikolari l-preżenza abbord ajruplan ta' ċerti oġġetti, li huma definiti b'mod ġenerali f'lista annessa ma' dan ir-regolament. Dan ir-regolament ġie implementat permezz tar-Regolament (KE) Nru 622/2003[6] u tal-anness tiegħu, li ġie emendat fl-2004 bir-Regolament (KE) Nru 68/2004[7] iżda li qatt ma ġie ppubblikat.

Sussegwentement, dan il-passiġġier ressaq kawża sabiex jikseb dikjarazzjoni dwar l-illegalità tal-miżuri meħuda kontrih. Il-qorti nazzjonali staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk regolamenti jew partijiet minnhom li ma jkunux ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jistgħux xorta waħda jkollhom saħħa vinkolanti.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li mill-kliem innifsu tal-Artikolu 254(2) KE jirriżulta li regolament Komunitarju jista' joħloq effetti ġuridiċi biss jekk ikun ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali. It-tieni nett, hija enfasizzat li att adottat minn istituzzjoni Komunitarja ma jistax jiġi invokat kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi fi Stat Membru qabel ma dawn tal-aħħar ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu dwarhom permezz ta' pubblikazzjoni adegwata fil-Ġurnal Uffiċjali. L-istess prinċipji japplikaw għall-miżuri nazzjonali li jeżegwixxu leġiżlazzjoni Komunitarja.

Fir-rigward tal-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-Regolament (KE) Nru 2320/2002 huwa intiż li jimponi obbligi fuq l-individwi sa fejn jipprojbixxi l-preżenza abbord ajruplani ta' ċerti oġġetti ddefiniti f'lista annessa mar-regolament. Peress li l-anness tar-Regolament (KE) Nru 622/2003 ma ġiex ippubblikat, kien impossibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina jekk dan jikkonċernax ukoll il-lista ta' oġġetti pprojbiti u jekk għalhekk huwiex intiż li jimponi obbligi fuq l-individwi. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, madankollu, ma jistax jiġi eskluż li dan huwa l-każ. Barra minn hekk, dejjem skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-lista ta' oġġetti pprojbiti ma taqa' f'ebda waħda mill-kategoriji ta' miżuri u ta' informazzjoni li huma kklassifikati bħala kunfidenzjali u li għalhekk ma jkunux ippubblikati. Minn dan jirriżulta li, fil-każ li r-Regolament (KE) Nru 622/2003 jwassal għal adattamenti tal-imsemmija lista tal-oġġetti pprojbiti, dan ir-regolament ikun, għaldaqstant, neċessarjament invalidu. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-anness tar-Regolament (KE) Nru 622/2003 ma għandux saħħa vinkolanti sa fejn huwa intiż li jimponi obbligi fuq l-individwi.

Fil-kawża *Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill* (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, C-141/08 P), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell, fakkret in-natura fundamentali tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u ssanzjonat il-ksur ta' dawn id-drittijiet fi proċedura antidumping.

Il-kwistjoni kienet tikkonċerna, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' rispett tat-terminu ta' għaxart ijiem impost mill-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96[8] għat-trażmissjoni lill-Kunsill tal-proposti definittivi tal-Kummissjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel

5 Regolament (KE) Nru 2320/2002, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2002, li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 181).

6 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003, tal-4 ta' April 2003, li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 252).

7 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2004, tal-15 ta' Jannar 2004, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni (ĠU L 10, p. 14).

8 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45).

nett, spjegat li l-Kummissjoni hija obbligata tirrispetta dan it-terminu sabiex tagħti lill-impriżi, li jkunu informati bl-intenzjoni tagħha li żżid id-dazju antidumping meta mqabbel ma' dak ippjanat fil-komunikazzjoni preċedenti tagħha, l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li n-nuqqas ta' rispett tat-terminu jista' jwassal għall-annullament tar-regolament adottat mill-Kunsill biss meta jkun hemm il-possibbiltà li, minħabba din l-irregolarità, il-proċedura amministrattiva setgħet tirriżulta f'eżitu differenti, b'tali mod li d-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata jkunu konkretament affettwati.

Għalhekk, sabiex tikseb l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-għoti tal-istatus ta' impriża li topera f'ekonomija tas-suq li tkun ittieħdet fin-nuqqas ta' rispett tat-terminu ta' għaxart ijiem, l-impriża kkonċernata mhijiex meħtieġa turi li din id-deċiżjoni kienet tkun b'kontenut differenti iżda għandha turi biss li tali ipoteżi mhijiex eskluża totalment peress li hija kienet tkun tista' tiddefendi ruħha aħjar li kieku ma kienx hemm l-irregolarità proċedurali. Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, għall-kuntrarju tal-Qorti Ġenerali, li, fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni kienet diġà bidlet il-pożizzjoni tagħha darbtejn minħabba l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet ikkonċernati, ma setax jiġi eskluż li l-Kummissjoni kienet ser terġa' tibdel il-pożizzjoni tagħha għal darba oħra minħabba l-argumenti mressqa mill-impriża kkonċernata. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali iżda annullat ukoll ir-regolament tal-Kunsill ikkontestat.

Dejjem fil-qasam tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, ta' min isemmi r-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkunsidra l-prinċipju ta' ugwaljanza tal-azzjonisti bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitajru. Fil-kawża *Audiolux et* (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, C-101/08), hija fil-fatt iddeċidiet li d-dritt Komunitarju ma jinkludix prinċipju ġenerali tad-dritt li permezz tiegħu l-azzjonisti b'minoranza huma protetti bl-obbligu tal-azzjonist dominanti, li jakkwista jew jeżerċita l-kontroll ta' kumpannija, li joffrilhom li jixtri l-ishma tagħhom bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk miftehma meta sar l-akkwist tas-sehem li ta jew saħħaħ il-kontroll tal-azzjonist dominanti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi fatt li d-dritt Komunitarju sekondarju jistipula ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-azzjonisti b'minoranza, fih innifsu, mhuwiex biżżejjed sabiex jistabbilixxi l-eżistenza ta' prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, partikolarment jekk il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa limitat għal drittijiet ferm speċifikati u ċerti. Barra minn hekk, il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali, waħdu, ma jistax iwassal għat-tnissil ta' obbligu partikolari fuq l-azzjonist dominanti għall-benefiċċju tal-azzjonisti l-oħra u lanqas ma jista' jistabbilixxi s-sitwazzjoni speċifika li magħha huwa marbut tali obbligu. Dan il-prinċipju lanqas ma jista' jkun deċiżiv fl-għażla bejn id-diversi metodi possibbli ta' protezzjoni ta' azzjonisti b'minoranza. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali trattament jippresupponi għażliet ta' natura leġiżlattiva, li jistrieħu fuq il-bilanċ tal-interessi kkonċernati u d-determinazzjoni minn qabel ta' regoli preċiżi u ddettaljati u ma jistax jiġi dedott mill-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali. Fil-fatt, il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju huma ta' natura kostituzzjonali filwaqt li t-trattament imsemmi huwa kkaratterizzat minn livell ta' dettall li jeħtieġ elaborazzjoni leġiżlattiva li fuq livell Komunitarju ssir permezz ta' att tad-dritt Komunitarju sekondarju.

Il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza u l-implikazzjonijiet tagħha ġew eżaminati f'kunest proċedurali mhux tas-soltu. Fil-fatt, fil-kawża *ČEZ* (sentenza tas-27 ta' Ottubru 2009, C-115/08), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar dan il-prinċipju fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEEA.

Qorti reġjonali Awstrijaka, li kienet adita b'azzjoni intiża li jitwaqqfu l-inkonvenjenti kkawżati lil ġirien imressqa mill-proprjetarji ta' proprjetà mmobbli kontra l-faċilità nukleari ta' Temelin fir-Repubblika Ċeka, għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet Ċeki għall-isfruttament tal-faċilità kellhiex tiġi rrikonoxxuta fl-Awstrija fil-kuntest ta' tali azzjoni ġudizzjarja, peress li tali rikonoxximent ma kienx previst fid-dritt Awstrijak.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li l-attività industrijali eżerċitata mill-faċilità ta' Temelin taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (KEEA). It-tieni nett, hija osservat li l-impriżi li joperaw faċilità li tinsab fi Stat Membru jkunu normalment inkorporati skont id-dritt ta' dan l-Istat Membru u li s-sitwazzjoni tagħhom hija komparabbli għal dik taċ-ċittadini ta' dan l-Istat. Għaldaqstant, it-trattament differenti għad-detriment tal-istallazzjonijiet li jgawdu minn awtorizzazzjoni amministrattiva maħruġa fi Stat Membru ieħor barra mir-Repubblika tal-Awstrija għandu jiġi kkunsidrat bħala trattament differenti minħabba ċ-ċittadinanza. Issa, il-prinċipju ta' projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju li japplika wkoll fil-kuntest tat-Trattat KEEA. Huwa għalhekk fil-kuntest tat-Trattat KEEA li għandu jiġi eżaminat it-trattament differenti magħmul mir-Repubblika tal-Awstrija għad-detriment tal-istallazzjonijiet nukleari li jgawdu minn awtorizzazzjoni amministrattiva maħruġa fi Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad osservat li d-diskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza ma tistax tkun iġġustifikata minħabba għanijiet ta' natura purament ekonomika, bħalma huma l-protezzjoni tal-interessi tal-operaturi ekonomiċi nazzjonali. Tali diskriminazzjoni lanqas ma tista' tkun iġġustifikata minħabba l-għan tal-protezzjoni tal-ħajja, tas-saħħa pubblika, tal-ambjent jew tad-dritt għall-proprjetà sa fejn jeżisti qafas Komunitarju, li fih taqa' parzjalment din l-awtorizzazzjoni, li jiżgura din il-protezzjoni. Minn dan isegwi li r-Repubblika tal-Awstrija ma tistax tiġġustifika d-diskriminazzjoni applikata fil-konfront tal-awtorizzazzjoni amministrattiva maħruġa fir-Repubblika Ċeka għall-isfruttament tal-faċilità nukleari f'Temelin.

Minkejja li l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament kienu s-suġġett ta' ġurisprudenza abbondanti ħafna, fil-kawżi magħquda *Il-Kummissjoni vs Ente per le Ville Vesuviane* (sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, C-445/07 P u C-455/07 P), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell, kellha għal darba oħra tittratta l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rikorsi ppreżentati mill-awtoritajiet infra-Statali kkonċernati mill-għoti ta' għajnuna finanzjarja.

Wara li fakkret li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, entità reġjonali jew lokali tista', sa fejn din ikollha personalità ġuridika taħt id-dritt nazzjonali, tressaq rikors fil-konfront tad-deċiżjonijiet indirizzati lilha u li jikkonċernawha individwalment u direttament, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kundizzjoni li l-persuna tkun ikkonċernata direttament titlob li jkunu sodisfatti żewġ kriterji kumulattivi, jiġifieri li l-miżura Komunitarja kkontestata, fl-ewwel lok, toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-persuna individwali u, fit-tieni lok, ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji li għandhom jimplementawha.

F'dan ir-rigward, għall-kuntrarju tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li n-nominazzjoni, f'deċiżjoni tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja, ta' entità reġjonali jew lokali bħala awtorità responsabbli mill-implementazzjoni ta' proġett tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ma timplikax li din l-entità jkollha hija stess id-dritt għall-imsemmija għajnuna. Bl-istess mod, il-fatt stess li l-awtoritajiet nazzjonali indikaw l-intenzjoni tagħhom li jirkupraw is-somom indebitament irċevuti mill-imsemmija entità reġjonali jew lokali jesprimi l-eżistenza ta' volontà awtonoma min-naħa tagħhom, fin-nuqqas ta' obbligi f'dan ir-rigward taħt id-dritt Komunitarju, u dan juri s-setgħa diskrezzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-awtorità infra-Statali inkwistjoni ma kinitx ikkonċernata direttament mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni u għalhekk ma setgħetx tressaq azzjoni quddiem il-qorti nazzjonali tagħha sabiex tikkontesta l-legalità tal-miżuri nazzjonali dwar l-applikazzjoni ta' att Komunitarju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità wkoll li tfakkar ir-rekwiżiti tal-prinċipju tal-kontradittorju li jirregola l-proċedura quddiem il-qorti Komunitarja.

Fil-fatt, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et* (sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, C-89/08 P), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-prinċipju, bħala regola ġenerali, ma jikkonferixxix biss lil

kull parti f'kawża d-dritt li ssir taf bil-provi u bl-osservazzjoni ppreżentati lill-qorti mill-avversarju tagħha, u li tiddiskutihom, u ma jipprekludix biss lill-qorti Komunitarja milli tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq fatti u dokumenti li l-partijiet, jew xi waħda minnhom, ma setgħux isiru jafu bihom u li, għaldaqstant, qatt ma setgħu jadottaw pożizzjoni dwarhom, iżda jimplika wkoll id-dritt tal-partijiet li jsiru jafu bil-motivi ta' liġi mqajma *ex officio* mill-qorti, li fuqhom din il-qorti jkollha l-intenzjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha, u li jiddiskutuhom. Fil-fatt, sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti relatati mad-dritt għal smigħ xieraq, il-partijiet għandu jkollhom għarfien u għandhom ikunu jistgħu jiddiskutu kontradittorjament kemm il-punti ta' fatt kif ukoll il-punti ta' liġi li jkunu deċiżivi għall-eżitu tal-proċeduri. Konsegwentement, minbarra fil-każijiet partikolari bħal, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-qrati Komunitarji, il-qorti Komunitarja ma tistax tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq motiv ta' liġi mqajjem *ex officio*, anki ta' ordni pubbliku u, bħal f'din il-kawża, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma qabel tistieden lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjoni fuq l-imsemmi motiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li fil-kuntest, analogu, tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB), hija kienet diġà ddeċidiet li huwa speċifikament fid-dawl ta' dan l-artikolu u tal-għan stess tad-dritt ta' kull persuna interessata għal proċedura kontradittorja u għal smigħ xieraq fis-sens ta' din id-dispożizzjoni li hija tista' *ex officio* jew fuq proposta tal-Avukat Ġenerali, jew ukoll fuq talba tal-partijiet, tordna li tiftaħ mill-ġdid il-proċedura orali, skont l-Artikolu 61 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, jekk hija tqis li ma għandhiex informazzjoni suffiċjenti jew li l-kawża għandha tiġi deċiża abbażi ta' argument li ma kienx ġie diskuss bejn il-partijiet (ara d-digriet tal-4 ta' Frar 2000, *Emesa Sugar*, C-17/98, Ġabra p. I-665, punti 8, 9 u 18, kif ukoll is-sentenza tal-10 ta' Frar 2000, *Deutsche Post*, C-270/97 u C-271/97, Ġabra p. I-929, punt 30). F'din il-kawża, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-proċess u mis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Qorti Ġenerali annullat, permezz tas-sentenza appellata, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni abbażi ta' motiv imqajjem *ex officio* bbażat fuq ksur tal-Artikolu 253 KE mingħajr ma qabel stiednet lill-partijiet, matul il-proċedura bil-miktub jew il-proċedura orali, sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-imsemmi motiv. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju tal-kontradittorju, u b'hekk ikkawżat ħsara għall-interessi tal-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, kif kien irrileva l-Avukat Ġenerali, għalkemm nuqqas ta' motivazzjoni jikkostitwixxi difett li, bħala regola ġenerali, ma jistax jiġi rrimedjat, il-konstatazzjoni ta' tali nuqqas issir madankollu minn evalwazzjoni li għandha, skont il-ġurisprudenza stabbilita, tieħu inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' elementi. Tali evalwazzjoni tista' tiġi suġġetta għal diskussjoni, b'mod partikolari meta ma tkunx tirrigwarda n-nuqqas totali ta' motivazzjoni iżda tkun tirrigwarda l-motivazzjoni ta' punt speċifiku ta' fatt jew ta' liġi. F'din il-kawża, b'mod partikolari, il-Kummissjoni setgħet, li kieku kienet f'pożizzjoni li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, issostni l-istess argumenti bħal dawk magħmula fil-kuntest tar-raba' u l-ħames aggravji tal-appell.

Fir-rigward tal-obbligi li d-dritt Komunitarju jimponi fuq l-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawża *Danske Slagterier* (sentenza tal-24 ta' Marzu 2009, C-445/06), kellha l-opportunità tfakkar il-prinċipji tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istati Membri għal ksur tad-dritt Komunitarju, filwaqt li għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet u tat numru ta' spjegazzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni konkreta tagħhom.

Fir-rigward ta' kif tiġi stabbilita din ir-responsabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja, huwa fil-kuntest tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbilità li l-Istat għandu jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi tad-dannu kkawżat lill-individwi minħabba l-ksur tad-dritt Komunitarju, bil-kundizzjoni li l-kundizzjonijiet, b'mod partikolari dwar it-termini, stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni jkunu kompatibbli mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. F'dan ir-rigward, l-iffissar minn qabel ta' termini perentorji raġonevoli għall-preżentata ta' rikors kien diġà tqies kompatibbli mad-dritt Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li tali terminu għandu barra minn hekk ikun suffiċjentement prevedibbli għall-individwi.

Hija l-qorti nazzjonali, filwaqt li tikkunsidra l-elementi kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni legali u fattwali fiż-żmien tal-fatti li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ. Hija wkoll il-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk, minħabba l-applikazzjoni b'analoġija tat-terminu previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-kundizzjonijiet ta' kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba l-ksur tad-dritt Komunitarju mill-Istat Membru kkonċernat humiex inqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-kumpens għal danni simili ta' natura domestika.

Meta mbagħad iddeċidiet dwar l-applikazzjoni konkreta tat-terminu ta' preskrizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dritt Komunitarju ma jeżiġix li dan ikun interrott jew sospiż meta l-Kummissjoni Ewropea tkun bdiet proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 226 KE. Bl-istess mod, fil-każ ta' azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat minħabba t-traspożizzjoni inkorretta ta' direttiva, kif kien il-każ f'din il-kawża, id-dritt Komunitarju ma jipprekludix li t-terminu jibda jiddekorri mid-data li fiha jkunu seħħew l-ewwel konsegwenzi dannużi ta' din it-traspożizzjoni inkorretta u li fiha l-konsegwenzi dannużi ulterjuri tagħha jkunu prevedibbli, anki jekk din id-data tiġi qabel it-traspożizzjoni korretta ta' din id-direttiva.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-attitudni meħtieġa min-naħa tal-persuna leża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija kompatibbli mad-dritt Komunitarju leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li individwu ma jistax jikseb kumpens għad-danni meta huwa jkun naqas, intenzjonalment jew b'negliġenza, milli jipprevjeni li jseħħu d-danni billi juża rimedju legali, sakemm l-użu ta' dan ir-rimedju legali jkun jista' jiġi raġonevolment rikjest mill-persuna leża, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa. Il-probabbiltà li l-qorti nazzjonali tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE jew l-eżistenza ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħux, fihom infushom, jikkostitwixxu raġuni suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li mhux raġonevoli li jiġi eżerċitat rimedju legali.

Fir-rigward tad-dritt tar-relazzjonijiet barranin tal-Komunità, għandhom jissemmew opinjoni u tliet kawżi.

Fl-opinjoni 1/08 tagħha tat-30 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fuq talba tal-Kummissjoni u skont l-Artikolu 300(6) KE, dwar il-kwistjonijiet ta' jekk, minn naħa, il-Komunità Ewropea għandhiex kompetenza esklużiva jew jekk għandhiex biss kompetenza kondiviża mal-Istati Membri sabiex tikkonkludi, ma' ċerti Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), ftehim li jimmodifikaw l-Iskedi ta' Rabtiet Speċifiċi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS), u, min-naħa l-oħra, liema hija l-bażi legali adegwata li għandha tintuża għall-konklużjoni ta' dawn il-ftehim.

F'dan il-każ, it-tkabbir li seħħ fl-1995 u fl-2004 irrenda neċessarja l-elaborazzjoni ta' skeda ġdida, li tinkludi t-tlettax-il Stat Membru ġdid li sa dakinhar kellhom l-iskedi tagħhom fil-kuntest tal-GATS. Bl-intenzjoni li l-iskeda ta' rabtiet tat-tlettax-il Stat Membru ġdid tingħaqad mal-iskeda attwali tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni nnotifikat l-iskeda ta' modifiki u rtirar ta' rabtiet fit-28 ta' Mejju 2004. Issa, skont l-Artikolu XXI tal-GATS, dawn il-modifiki fl-iskedi ta' rabtiet wasslu għal talbiet għal kumpens favur diversi Membri tad-WTO affettwati mid-diversi aġġustamenti tal-iskedi li kienu dovuti għal din l-għaqda tal-iskedi. Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li l-għażla tal-bażi legali adegwata għandha importanza kostituzzjonali. Fil-fatt, peress li l-Komunità għandha biss kompetenzi attribwiti, hija jkollha torbot il-ftehim li jkun beħsiebha tikkonkludi ma' dispożizzjoni tat-Trattat li tagħtiha s-setgħa li tapprova tali att. Hija għalhekk eżaminat il-kompetenza tal-Komunità sabiex tikkonkludi l-ftehim inkwistjoni u l-bażijiet legali li setgħu jintużaw għall-finijiet ta' tali konklużjoni, żewġ kwistjonijiet dawn li huma marbuta ma' xulxin b'mod li ma jistgħux jiġu separati. Wara li analizzat l-Artikolu 133(1), (5) u (6) KE, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li l-ftehim mal-Membri affettwati tad-WTO jaqgħu taħt

il-kompetenza kondiviża tal-Komunità u tal-Istati Membri. Fir-rigward tal-bażi legali adegwata, hija ppreċiżat li l-aspett tat-"transport" tal-ftehim inkwistjoni jaqa', skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 133(6) KE, taħt il-qasam tal-politika tat-trasport u mhux taħt dak tal-politika kummerċjali komuni. Fl-aħħar nett, mill-analiżi tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja siltet il-konklużjoni li l-att Komunitarju li jikkonkludi dawn il-ftehim għandu jkun ibbażat fuq l-Artikolu 133(1) u (5) KE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 133(6) KE kif ukoll fuq l-Artikoli 71 KE u 80(2) KE, flimkien mal-Artikolu 300(2) KE u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) KE.

Fil-kawżi *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* kif ukoll *Il-Kummissjoni vs L-Isvezja* (sentenzi tat-3 ta' Marzu 2009, C-205/06 u C-249/06), il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mibdija mill-Kummissjoni, ikkonstatat li, billi naqsu milli jirrikorru għall-miżuri opportuni sabiex jeliminaw l-inkompatibbiltajiet bejn l-obbligi tagħhom taħt id-dritt Komunitarju u d-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' trasferiment ta' kapital li jinsabu fil-ftehim ta' investiment konklużi ma' ċerti Stati terzi, ir-Renju tal-Isvezja u r-Repubblika tal-Awstrija naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 307 KE. F'dan il-każ, id-diversi ftehim ta' investiment inkwistjoni kien fihom dispożizzjonijiet li jiżguraw it-trasferiment liberu ta' pagamenti konnessi ma' investiment f'munita liberament konvertibbli. Sa hawnhekk dawn il-ftehim kienu konformi mat-termini tal-Artikolu 56(1) KE, li jipprojbixxi kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital u ta' pagamenti bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 57(2) KE, 59 KE u 60(1) KE jagħtu lill-Kunsill kompetenza sabiex jirrestrinġi, f'ċerti każijiet speċifiċi, il-movimenti ta' kapital u l-pagamenti bejn l-Istati Membri u l-Istati terzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-imsemmija dispożizzjonijiet, huwa neċessarju li l-miżuri restrittivi għall-moviment liberu tal-kapitali jkunu jistgħu jiġu, fil-każ li jkunu adottati mill-Kunsill, applikati immedjatament fir-rigward tal-Istati li huma jikkonċernaw, li jistgħu jinkludu ċerti Stati li ffirmaw wieħed mill-ftehim inkwistjoni mar-Renju tal-Isvezja u mar-Repubblika tal-Awstrija. Dawn il-kompetenzi tal-Kunsill, li jikkonsistu f'li jiġu adottati unilateralment miżuri restrittivi fir-rigward ta' Stati terzi f'qasam li huwa identiku jew konness ma' dak irregolat minn ftehim preċedenti konkluż bejn Stat Membru u Stat terz, juru inkompatibbiltà mal-imsemmi ftehim meta, minn naħa, dan ma jipprevedix dispożizzjoni li tippermetti lill-Istat Membru kkonċernat li jeżerċita d-drittijiet tiegħu u li jissodisfa l-obbligu tiegħu bħala membru tal-Komunità u meta, min-naħa l-oħra, lanqas ma jkun hemm mekkaniżmu fid-dritt internazzjonali li jippermettilu dan. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-perijodi ta' żmien neċessarji għal kull negozjati internazzjonali li jkunu neċessarji sabiex jiġu diskussi mill-ġdid il-ftehim inkwistjoni huma min-natura tagħhom stess inkompatibbli mal-effettività ta' dawn il-miżuri. Il-possibbiltà li jintużaw miżuri oħra offerti mid-dritt internazzjonali, bħas-sospensjoni tal-ftehim, jekk mhux ukoll id-denunzja tal-ftehim inkwistjoni jew ta' ċerti dispożizzjonijiet tagħhom, hija wisq inċerta fl-effetti tagħha sabiex tiżgura li l-miżuri meħuda mill-Kunsill ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv.

Fil-kawża *Soysal u Savatli* (sentenza tad-19 ta' Frar 2009, C-228/06), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-klawżola ta' "standstill" prevista fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija[9]. Skont din il-klawżola, il-Partijiet Kontraenti għandhom jibqgħu lura milli jintroduċu bejniethom xi restrizzjonijiet ġodda rigward il-libertà ta' stabbiliment u rigward il-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-protokoll imsemmi.

[9] Protokoll Addizzjonali, iffirmat fit-23 ta' Novembru 1970 fi Brussell u konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 41).

Fil-kawża ineżami, kienu involuti żewġ ċittadini Torok li xtaqu jagħmlu użu, fit-territorju ta' Stat Membru, mid-dritt għal ċirkulazzjoni libera tas-servizzi abbażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni msemmi. Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li din id-dispożizzjoni, stabbilita b'termini ċari, preċiżi u inkundizzjonati, għandha effett dirett. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-dispożizzjoni msemmija fis-sens li tipprojbixxi l-introduzzjoni, mid-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat, tal-ħtieġa ta' viża sabiex ċittadini Torok ikunu jistgħu jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru sabiex jipprovdu fih servizzi f'isem impriża stabbilita fit-Turkija, meta, f'dik id-data, tali viża ma kinitx meħtieġa.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-konklużjoni ma tistax titpoġġa f'dubju minħabba l-fatt li l-imsemmija restrizzjoni tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa dispożizzjoni Komunitarja ta' dritt sekondarju, peress li l-ftehim internazzjonali konklużi mill-Komunità għandhom supremazija fil-konfront tal-att tad-dritt Komunitarju sekondarju.

## *Ċittadinanza Ewropea*

Il-kawża *Rüffler* (sentenza tat-23 ta' April 2009, C-544/07) hija eżempju tajjeb tal-applikazzjoni tad-dritt ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Is-Sur Rüffler, ex ħaddiem Ġermaniż li meta rtira stabbilixxa ruħu fil-Polonja, jirċievi żewġ pensjonijiet fil-Ġermanja, li waħda minnhom hija ntaxxata f'dan l-Istat Membru filwaqt li l-oħra hija ntaxxata fit-territorju Pollakk. Is-Sur Rüffler talab lill-awtorità fiskali Pollakka sabiex it-taxxa fuq id-dħul dovuta minnu fil-Polonja titnaqqas bl-ammont tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni kontra l-mard li huwa ħallas fil-Ġermanja. Madankollu, din it-talba ġiet miċħuda minħabba li l-leġiżlazzjoni Pollakka tipprovdi li huma biss il-kontribuzzjonijiet imħallsa lil korp ta' assigurazzjoni kontra l-mard Pollakk li jistgħu jitnaqqsu mit-taxxa fuq id-dħul. Din il-kwistjoni tressqet quddiem il-qorti nazzjonali u mbagħad quddiem dik Komunitarja.

B'differenza mir-rikorrent u mill-qorti tar-rinviju, li kienu qegħdin jibbażaw l-argumenti tagħhom fuq l-Artikoli 12 u 39 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi eskludiet l-applikazzjoni tal-Artikolu 39 KE peress li dan l-artikolu jikkonċerna biss il-ħaddiema attivi jew li jkunu qegħdin ifittxu impjieg. Madankollu, is-Sur Rüffler jista' jinvoka l-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni u għalhekk id-dritt tiegħu li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, kif irrikonoxxut fl-Artikolu 18 KE. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-konformità tas-sistema fiskali Pollakka fid-dawl ta' dan l-artikolu u ddeċidiet li, sa fejn tissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju fiskali li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet għall-kundizzjoni li dawn tal-aħħar kienu tħallsu lil korp ta' assigurazzjoni kontra l-mard Pollakk u twassal sabiex dan il-benefiċċju jiġi rrifjutat lill-persuni taxxabbli li ħallsu kontribuzzjonijiet lil korp ta' Stat Membru ieħor, il-leġiżlazzjoni Pollakka tiżvantaġġa lill-persuni taxxabbli li eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom billi telqu mill-Istat Membru li fih huma eżerċitaw l-attività professjonali kollha tagħhom sabiex jistabbilixxu ruħhom fil-Polonja. Tali limitazzjoni tad-dritt għat-tnaqqis mit-taxxa fuq id-dħul tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu u għal-libertà ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri li mhijiex oġġettivament ġustifikata.

## *Moviment liberu tal-merkanzija*

F'dan il-qasam, tliet kawżi wrew kemm huwa diffiċli li jiġi ddefinit xi jkopri l-kunċett ta' miżuri li għandhom effett ekwivalenti.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tal-10 ta' Frar 2009, C-110/5), u wara l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar ir-rikors tal-Kummissjoni li permezz

tiegħu kienet qiegħda titlobha tikkonstata li, billi pprojbiet liċ-ċiklomuturi, lill-muturi, lit-triċikli u lill-kwadriċikli milli jirmunkaw karru, ir-Repubblika Taljana kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 28 KE. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, Stat Membru li, minħabba raġunijiet marbuta mal-protezzjoni tas-sigurtà fit-triq, jipprojbixxi lil tali vetturi milli jirmunkaw karru ddisinjat speċjalment għalihom u mmanifatturat u kkummerċjalizzat legalment fi Stati Membri oħra, ma jonqosx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-artikolu msemmi. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li huwa minnu li tali projbizzjoni tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni pprojbita mill-imsemmi artikolu sa fejn għandha l-effett li tostakola l-aċċess għas-suq inkwistjoni tal-karrijiet iddisinjati speċjalment għall-muturi minħabba li għandha impatt kunsiderevoli fuq l-aġir tal-konsumaturi u tipprekludi l-eżistenza ta' domanda fis-suq inkwistjoni għal tali karrijiet. Madankollu, l-imsemmija projbizzjoni għandha, f'dan il-każ, tiġi kkunsidrata bħala ġustifikata minħabba raġunijiet marbuta mal-protezzjoni tas-sigurtà fit-triq. F'dan ir-rigward, għalkemm huwa l-Istat Membru li jinvoka rekwiżit imperattiv sabiex jiġġustifika l-ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija li għandu juri li l-leġiżlazzjoni tiegħu hija adegwata u meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu mixtieq, dan l-oneru tal-prova ma jistax iwassal sabiex dan l-Istat Membru jintalab juri, b'mod pożittiv, li ebda miżura immaġinabbli oħra ma tippermetti li jintlaħaq dan il-għan fl-istess kundizzjonijiet. Fil-fatt, għalkemm mhuwiex eskluż li miżuri oħra minbarra l-projbizzjoni inkwistjoni jistgħu jiżguraw ċertu livell ta' sigurtà fit-triq għaċ-ċirkulazzjoni ta' mutur flimkien ma' karru, xorta jibqa' l-fatt li l-Istati Membri ma jistgħux jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jilħqu għan, bħalma huwa s-sigurtà fit-triq, billi jintroduċu regoli ġenerali u sempliċi li jistgħu jinftiehmu u jiġu applikati b'mod faċli mis-sewwieqa u li jistgħu anki jiġu amministrati u kkontrollati b'mod faċli mill-awtoritajiet kompetenti.

Is-sentenza tat-30 ta' April 2009, *Fachverband des Buch- und Medienwirtschaft* (C-531/07) tikkonċerna leġiżlazzjoni Awstrijaka dwar il-prezz stabbilit għall-kotba bil-lingwa Ġermaniża li tipprovdi li l-pubblikatur jew l-importatur huwa obbligat li jiffissa, jew li jwassal għall-għarfien tal-pubbliku, prezz tal-bejgħ għall-pubbliku u li l-importatur ma jistax jiffissa prezz irħas, wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud, mill-prezz tal-bejgħ għall-pubbliku ffissat jew irrakkomandat mill-pubblikatur għall-Istat fejn issir il-pubblikazzjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka tikkonċerna modalitajiet ta' bejgħ tal-kotba, billi tobbliga lill-importaturi ma jiffissawx prezz irħas minn dak applikabbli fl-Istat fejn issir il-pubblikazzjoni, din il-leġiżlazzjoni ma tolqotx bl-istess mod il-kummerċjalizzazzjoni tal-kotba nazzjonali u dik tal-kotba li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet tistabbilixxi trattament inqas favorevoli għall-kotba bil-lingwa Ġermaniża li joriġinaw minn Stati Membri oħra minn dak mogħti lill-kotba nazzjonali peress li tipprekludi lill-importaturi Awstrijaċi, kif ukoll lill-pubblikaturi barranin, milli jiffissaw il-prezzijiet bl-imnut minimi skont il-karatteristiċi tas-suq tal-importazzjoni, għalkemm il-pubblikaturi Awstrijaċi għandhom il-libertà li jiffissaw huma stess tali prezzijiet għall-bejgħ bl-imnut minimi għal prodotti tagħhom fis-suq nazzjonali. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ukoll li din ir-restrizzjoni ma kinitx ġustifikata. Hija enfasizzat b'mod partikolari li l-protezzjoni tal-ktieb bħala prodott kulturali tista' tiġi kkunsidrata bħala rekwiżit imperattiv ta' interess pubbliku li jista' jiġġustifika miżuri ta' restrizzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija, sakemm tali miżuri jkunu adegwati sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit u sakemm ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu. Issa, f'din il-kawża, l-għan tal-protezzjoni tal-ktieb bħala prodott kulturali seta' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi għall-importatur, pereżempju billi jingħata permess lilu, jew lill-pubblikatur barrani, sabiex jiffissaw prezz tal-bejgħ għas-suq Awstrijak li jikkunsidra l-karatteristiċi ta' dan is-suq. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka li tipprekludi lill-importaturi ta' kotba bil-lingwa Ġermaniża milli jiffissaw prezz irħas mill-prezz tal-bejgħ għall-pubbliku ffissat jew irrakkomandat mill-pubblikatur fl-Istat fejn issir il-pubblikazzjoni kienet tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija li ma setgħetx tiġi ġġustifikata taħt id-dritt Komunitarju.

Fil-kawża *Mickelsson u Roos* (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, C-142/05), il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar il-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni Svediża li kienet tipprojbixxi l-użu, ħlief f'ċerti żoni, ta' ċerti tipi ta' dgħajjes personali bil-mutur, jiġifieri "dgħajsa ta' mhux iktar minn erba' metri fit-tul [...] li jkollha magna bil-kombustjoni interna b'pompa b'ġett tal-ilma bħala s-sors ewlieni ta' propulsjoni tagħha, u [...] li tkun iddisinjata sabiex tiġi mmanuvrata minn persuna waħda jew diversi persuni bil-qiegħda, bil-wieqfa jew għarkuptejhom fuq il-buq, u mhux ġo fih", ma', b'mod partikolari, l-Artikoli 28 KE u 30 KE. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-artikoli msemmija ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, għal raġunijiet marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent, tipprojbixxi l-użu ta' tali dgħajjes bil-mutur barra mill-passaġġi ddeżinjati, bil-kundizzjoni, l-ewwel nett, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu marbuta li jieħdu l-miżuri ta' implementazzjoni previsti sabiex jiddeżinjaw żoni barra mill-passaġġi tal-ilma pubbliċi li fihom dawn id-dgħajjes ikunu jistgħu jintużaw, it-tieni nett, li dawn l-awtoritajiet ikunu effettivament eżerċitaw il-kompetenza mogħtija lilhom f'dan ir-rigward u jkunu ddeżinjaw iż-żoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u, it-tielet nett, li dawn il-miżuri jkunu ġew adottati f'terminu raġonevoli wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-leġiżlazzjoni. Huwa minnu li peress li r-regoli nazzjonali għad-deżinjazzjoni tal-ilmijiet u tal-passaġġi tal-ilma jkollhom l-effett li jżommu lill-utenti ta' dawn id-dgħajjes milli jużawhom sew u kif suppost jew li jillimitaw ħafna l-użu tagħhom, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, dawn ir-regoli jista' jkollhom influwenza kunsiderevoli fuq l-aġir tal-konsumaturi li, minħabba li jkunu jafu li l-użu awtorizzat minn din il-leġiżlazzjoni huwa limitat ħafna, ikollhom interess imnaqqas fix-xiri tal-prodott inkwistjoni. Għalhekk, tali regoli jkollhom l-effett li jostakolaw l-aċċess ta' dawn il-prodotti fis-suq nazzjonali inkwistjoni u jikkostitwixxu, għaldaqstant, miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi għall-importazzjoni, li hija pprojbita mill-Artikolu 28 KE. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni tista' tiġi ġustifikata mill-għan tal-protezzjoni tal-ambjent bil-kundizzjoni li jiġu osservati r-rekwiżiti indikati iktar 'il fuq. Fil-fatt, peress li limitazzjoni jew projbizzjoni tal-użu tad-dgħajjes personali bil-mutur ikunu mezzi adatti sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent, sabiex il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tista' titqies li hija ġustifikata, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom juru li l-effetti restrittivi tagħha fuq il-moviment liberu tal-merkanzija ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan il-għan jintlaħaq. F'dan ir-rigward, għalkemm mhuwiex eskluż li miżuri oħra barra l-projbizzjoni inkwistjoni jistgħu jiżguraw ċertu livell ta' protezzjoni tal-ambjent, xorta jibqa' l-fatt li l-Istati Membri ma jistgħux jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jilħqu għan bħalma huwa l-għan tal-protezzjoni tal-ambjent billi jadottaw regoli ġenerali li, minn naħa, ikunu neċessarji minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi partikolari tal-Istat Membru kkonċernat u, min-naħa l-oħra, ikunu amministrati u kkontrollati faċilment mill-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, peress li l-formulazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali stess tħalli li wieħed jippreżumi li, fiż-żoni li għandhom jiġu ddeżinjati permezz ta' miżuri ta' implementazzjoni, id-dgħajjes personali bil-mutur jistgħu jintużaw mingħajr ma joħolqu riskji jew fastidji li huma meqjusa inaċċettabbli għall-ambjent, isegwi li projbizzjoni ġenerali tal-użu ta' dawn il-prodotti barra mill-passaġġi tal-ilma pubbliċi tikkostitwixxi miżura li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tal-ambjent. Barra minn hekk, jekk il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-miżuri ta' implementazzjoni jkunu ġew adottati f'terminu raġonevoli, imma wara li seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, u li dawn il-miżuri jiddeżinjaw bħala żoni navigabbli l-ilmijiet li fihom l-imputati fil-kawża prinċipali użaw dgħajjes personali bil-mutur u, għaldaqstant kienu s-suġġett ta' proċeduri kriminali, sabiex il-miżura nazzjonali tkun tista' żżomm il-proporzjonalità tagħha u, konsegwentement, il-ġustifikazzjoni tagħha fir-rigward tal-għan tal-protezzjoni tal-ambjent, għandu jiġi permess li din id-deżinjazzjoni tkun tista' tiġi invokata mill-imsemmija imputati, kif barra minn hekk huwa meħtieġ ukoll mill-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju tal-applikazzjoni retroattiva, skont il-każ, tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli u tal-piena l-iktar ħafifa.

## *Agrikoltura*

In-numru ta' kawżi marbuta mal-agrikoltura ilu jonqos għal dawn l-aħħar diversi snin u din it-tendenza kompliet fl-2009.

Għalhekk, ser tissemma biss il-kawża *Budějovický Budvar* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, C-478/07), li tikkonċerna l-kwistjoni tal-protezzjoni tal-isem "BUD" bħala denominazzjoni tal-oriġini. Ir-Regolament tal-Kunsill, tal-20 ta' Marzu 2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini[10], huwa intiż sabiex jiżgura lill-konsumaturi li prodotti agrikoli b'indikazzjoni ġeografika rreġistrata skont dan ir-regolament għandhom, minħabba l-provenjenza tagħhom minn żona ġeografika speċifika, ċerti karatteristiċi partikolari u, għaldaqstant, joffru garanzija ta' kwalità dovuta għall-provenjenza ġeografika tagħhom. Jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament, id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi msejħa "kwalifikati" ikunu protetti. Għall-kuntrarju, ir-Regolament ma japplikax għall-indikazzjonijiet ġeografiċi msejħa "sempliċi", jiġifieri dawk li ma jeħtiġux li l-prodotti jkollhom kwalità speċjali jew ċerta reputazzjoni marbuta mal-post ta' provenjenza tagħhom. Madankollu, il-protezzjoni ta' tali indikazzjoni ta' provenjenza ġeografika sempliċi minn Stat Membru, li tista' toħloq restrizzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija, tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tkun ġustifikata fid-dawl tad-dritt Komunitarju. F'din il-kawża, birrerija Ċeka kienet ressqet proċeduri legali quddiem il-qorti tal-kummerċ ta' Vjenna kontra distributur ta' xorb stabbilit fi Vjenna bil-għan li dan jiġi pprojbit milli jikkummerċjalizza, taħt it-trade mark American Bud, birra prodotta minn birrerija stabbilita fl-Istati Uniti, u dan minħabba li l-użu ta' din id-denominazzjoni għal birra li ġejja minn Stat li mhuwiex ir-Repubblika Ċeka allegatament imur kontra d-dispożizzjonijiet ta' konvenzjoni bilaterali konkluża fl-1976 bejn l-Awstrija u l-ex Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka. Skont din il-birrerija Ċeka, id-denominazzjoni "Bud" tikkostitwixxi denominazzjoni protetta, skont din il-konvenzjoni, li għalhekk għandha tkun irriżervata esklużivament għall-prodotti Ċeki. Meta saritilha domanda mill-qorti ta' Vjenna dwar taħt liema kundizzjonijiet l-isem "Bud" jista' jiġi protett, taħt il-konvenzjoni bilaterali msemmija, għall-birra prodotta fir-Repubblika Ċeka, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-isem "Bud" seta' jikkostitwixxi indikazzjoni ta' provenjenza ġeografika sempliċi u indiretta, jiġifieri isem li fir-rigward tiegħu ma teżistix konnessjoni diretta bejn, minn naħa, kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott u, min-naħa l-oħra, l-oriġini ġeografika speċifika tiegħu, u isem li minbarra dan, mhuwiex bħala tali isem ġeografiku iżda li, tal-inqas, huwa idoneu sabiex jinforma lill-konsumatur li l-prodott li għandu dan l-isem ġie minn post, minn reġjun jew minn pajjiż speċifiku. Fl-eventwalità li l-qorti tal-kummerċ tikklassifika l-isem "Bud" bħala indikazzjoni ta' provenjenza ġeografika sempliċi, hija jkollha tivverifika jekk, skont il-kundizzjonijiet ta' fatt u l-kunċetti prevalenti fir-Repubblika Ċeka, l-isem "Bud" huwiex tal-inqas idoneu sabiex jinforma lill-konsumatur li l-prodott li għandu dan l-isem ġej minn reġjun jew minn parti mit-territorju ta' dan l-Istat Membru u ma kisibx natura ġenerika f'dan l-Istat Membru. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-dritt Komunitarju ma jipprekludix protezzjoni nazzjonali ta' tali indikazzjoni ta' provenjenza ġeografika sempliċi u lanqas barra minn hekk l-estensjoni, permezz ta' trattat bilaterali, ta' din il-protezzjoni għat-territorju ta' Stat Membru ieħor. Madankollu, skont il-qorti tal-kummerċ, l-isem "Bud" għandu jitqies pjuttost bħala denominazzjoni tal-oriġini li tidentifika prodotti li l-karatteristiċi partikolari tagħhom huma dovuti għal fatturi naturali jew umani inerenti għall-post ta' provenjenza tagħhom. F'dan id-dawl, il-qorti tal-kummerċ xtaqet tkun taf jekk ir-Regolament Komunitarju dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi jipprekludix il-protezzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini "Bud" li r-reġistrazzjoni tagħha ma ntalbitx skont dan ir-regolament. Fil-fatt, meta saret Membru tal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Ċeka kienet talbet

[10] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006, tal-20 ta' Marzu 2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU L 335M, p. 213).

protezzjoni Komunitarja biss għal tliet indikazzjonijiet ta' provenjenza relatati mal-birra prodotta fil-belt ta' Česke Budějovice, jiġifieri "Budějovické pivo", "Českobudějovické pivo" u "Budějovický měšťanský var", li jindikaw birra qawwija msejħa "Bud Super Strong". Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għandu natura eżawrjenti, b'tali mod li jipprekludi l-applikazzjoni ta' sistema ta' protezzjoni prevista minn trattati li jorbtu żewġ Stati Membri, bħat-trattati bilaterali inkwistjoni, li tagħti lil isem, rikonoxxut skont id-dritt ta' Stat Membru bħala li jikkostitwixxi denominazzjoni tal-oriġini, protezzjoni fi Stat Membru ieħor fejn din il-protezzjoni hija effettivament mitluba minkejja li ma saret ebda applikazzjoni għal reġistrazzjoni għad-denominazzjoni tal-oriġini skont dan ir-regolament.

## *Moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital*

Din is-sena, għal darba oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi sentenzi dwar, minn naħa, l-implementazzjoni tal-prinċipji ta' moviment liberu fil-leġiżlazzjoni Komunitarja u, min-naħa l-oħra, ir-restrizzjonijiet introdotti permezz ta' ċerti leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-konfront tal-libertajiet ta' moviment. Peress li diversi kawżi jikkonċernaw l-eżerċizzju ta' iktar minn libertà waħda, din il-preżentazzjoni hija organizzata skont il-prinċipju ta' libertà minflok kawża b'kawża.

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-moviment liberu tal-ħaddiema, għandha tissemma l-kawża *Consiglio Nazionale degli Ingegneri* (sentenza tad-29 ta' Jannar 2009, C-311/06), li tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva 89/48/KEE, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin[11]. Id-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienu jikkonċernaw, b'mod iktar preċiż, il-possibbiltà, għall-persuna li jkollha approvazzjoni ta' diploma, mogħtija minn awtorità ta' Stat Membru, li ma tiċċertifikax taħriġ taħt is-sistema edukattiva ta' dan l-Istat u li la tkun ibbażata fuq eżami u lanqas fuq esperjenza professjonali miksuba f'dan l-Istat, li tinvoka d-dispożizzjonijiet tad-direttiva msemmija sabiex ikollha aċċess għal professjoni rregolata fi Stat Membru ospitanti. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fin-negattiv, peress li kkunsidrat li titolu li jiċċertifika kwalifiki professjonali ma jistax jiġi ekwiparat għal "diploma" fis-sens ta' din l-istess direttiva jekk dawn il-kwalifiki ma jkunux inkisbu totalment jew parzjalment, fil-kuntest tas-sistema edukattiva tal-Istat Membru li jagħti t-titolu inkwistjoni. Barra minn hekk, titolu jiffaċilita l-aċċess għal professjoni sa fejn jagħti prova tal-pussess ta' kwalifika supplimentari. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li persuna li tkun kisbet titolu mogħti mill-Istat Membru ta' oriġini li, fih innifsu, ma jagħtix aċċess għal professjoni rregolata, tingħata, madankollu, aċċess għal din il-professjoni, mingħajr ma l-approvazzjoni tal-kwalifiki miksuba fl-Istat Membru l-ieħor tkun tixhed madankollu kwalifika supplimentari jew esperjenza professjonali, imur kontra l-prinċipju li l-Istati Membri jżommu l-fakultà li jiffissaw il-livell minimu tal-kwalifiki neċessarji sabiex tkun iggarantita l-kwalità tas-servizzi pprovduti fit-territorju tagħhom.

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u, b'mod sekondarju, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew tal-moviment liberu tal-kapital, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi sentenzi dwar leġiżlazzjonijiet nazzjonali li l-għan tagħhom huwa l-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

Fost dawn is-sentenzi ta' min jissemmew tnejn li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-leġiżlazzjoni Taljana u oħra Ġermaniża li jipprovdu li spiżjara biss jistgħu jippossjedu u joperaw spiżerija. Fil-kawża *Apothekerkar des Saarlandes et* (sentenza tad-19 ta' Mejju 2009, C-171/07 u C-172/07) il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 43 KE u 48 KE ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni.

[11] Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 337).

Huwa minnu li tali regola ta' esklużjoni ta' dawk li mhumiex spiżjara tikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 43 KE. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din ir-restrizzjoni tista' tkun ġustifikata minħabba l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u, b'mod iktar preċiż, minħabba l-għan li tiġi żgurata provvista affidabbli u ta' kwalità ta' prodotti mediċinali għall-pubbliku. Fil-fatt, fid-dawl tan-natura partikolari ħafna tal-prodotti mediċinali, li l-effetti terapewtiċi tagħhom jiddistingwuhom sew minn merkanzija oħra, u fid-dawl tar-riskji li l-konsum eċċessiv jew il-konsum inkorrett ta' prodotti mediċinali jista' jkollhom għas-saħħa pubblika u għall-ekwilibriju finanzjarju tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, l-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw il-persuni responsabbli mid-distribuzzjoni bl-imnut ta' prodotti mediċinali għal rekwiżiti stretti, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-modalitajiet ta' kummerċjalizzajoni tagħhom u t-tfittxija għall-profitt. B'mod partikolari, huma jistgħu jirriżervaw il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali, fil-prinċipju, għall-ispiżjara biss, minħabba l-garanziji li dawn tal-aħħar għandhom jippreżentaw u l-informazzjoni li huma għandhom ikunu f'pożizzjoni li jagħtu lill-konsumatur. Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tad-19 ta' Mejju 2009, C-531/06), il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet raġunament analogu sabiex iddeċidiet li r-Repubblika Taljana, billi żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tirriżerva d-dritt ta' ġestjoni ta' spiżerija bl-imnut privata lil dawk il-persuni biss li huma lawreati fil-farmaċija u lill-kumpanniji ta' ġestjoni komposti esklużivament minn soċji li huma spiżjara ma naqsitx milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 43 KE u 56 KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-istess konklużjoni fir-rigward tal-impossibbiltà, għall-impriżi ta' distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi, li jakkwistaw ishma fil-kumpanniji li jiġġestixxu spiżeriji muniċipali.

Għall-kuntrarju, fil-kawża *Hartlauter* (sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, C-169/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 43 KE u 48 KE jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali li permezz tagħhom hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' klinika privata fil-forma ta' poliklinika dentali indipendenti u li jipprovdu li tali awtorizzazzjoni ma għandhiex tingħata meta, fid-dawl tal-kura diġà offerta minn tobba li jaħdmu fuq bażi kuntrattwali ma' fondi ta' assigurazzjoni, ma jinħass l-ebda bżonn li jiġġustifika l-ftuħ ta' tali klinika. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni mhijiex adegwata sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għanijiet intiżi għaż-żamma ta' servizz mediku ta' kwalità, ekwilibrat u aċċessibbli għal kulħadd kif ukoll sabiex ma jkunx hemm riskju ta' dannu gravi għall-bilanċ finanzjarju tas-sigurtà soċjali peress li din il-leġiżlazzjoni ma tissuġġettax bl-istess mod lil kliniċi ta' grupp ta' professjonisti għal tali sistema u peress li mhijiex ibbażata fuq kundizzjoni li tista' tillimita biżżejjed l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali. Sabiex tali sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel tkun ġustifikata, għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, li ma jkunux diskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, li jiżguraw li din is-sistema tkun adegwata sabiex tillimita biżżejjed l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ma jkunx il-każ meta l-għoti ta' awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ poliklinika dentali ġdida huwa suġġett għal kundizzjoni bbażata fuq in-numru ta' pazjenti għal kull tabib, li la huwa stabbilit u lanqas b'xi mod ma jiġi kkomunikat minn qabel lill-persuni kkonċernati, jew meta s-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel tkun ibbażata fuq metodu li jista' jwassal għal nuqqas ta' oġġettività u imparzjalità fit-trattament tat-talba għall-awtorizzazzjoni kkonċernata.

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għandha tissemma l-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tat-28 ta' April 2009, C-518/06), li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni Taljana li timponi fuq l-impriżi tal-assigurazzjoni kollha, inklużi dawk li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor li, iżda, jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fl-Italja, l-obbligu li jipprovdu assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur fuq it-talba ta' kull klijent potenzjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi żammet fis-seħħ tali leġiżlazzjoni, ir-Repubblika Taljana ma naqsitx milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 43 KE u 49 KE. Huwa minnu li tali obbligu li jiġi konkluż kuntratt jirrestrinġi l-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din ir-restrizzjoni hija ġustifikata minħabba għan ta' protezzjoni soċjali, li jikkonsisti essenzjalment f'garanzija ta'

kumpens xieraq għall-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku. Fir-rigward, b'mod partikolari, tan-natura proporzjonata tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li mhuwiex indispensabbli li l-miżura restrittiva stabbilita mill-awtoritajiet ta' Stat Membru tikkorrispondi għal kunċett komuni għall-Istati Membri kollha għal dak li jikkonċerna l-modalitajiet ta' protezzjoni tal-interess leġittimu. Għaldaqstant, il-fatt li ċerti Stati Membri għażlu li jistabbilixxu sistema differenti sabiex jiggarantixxu li kull proprjetarju ta' vettura jkun jista' jikkonkludi b'rata mhux eċċessiva kuntratt ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur mhuwiex ta' natura li juri li l-obbligu li jiġi konkluż kuntratt imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq.

Wieħed jinnota li, fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ukoll l-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/49/KEE[12] u ddeċidiet li dan l-artikolu jiddefinixxi b'mod mhux eżawrjenti l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju tal-kontroll mill-Istat Membru ta' oriġini, billi jistabbilixxi li s-sorveljanza finanzjarja "tinkludi" il-verifika tal-istat ta' likwidità u tal-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet tekniċi. Minkejja dan, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tfisser li l-Istat Membru ta' oriġini għandu kompetenza esklużiva ta' kontroll li testendi fuq l-imġiba kummerċjalli tal-impriżi ta' assigurazzjoni. Minn dan isegwi li din id-dispożizzjoni ma teskludix il-possibbiltà ta' kontrolli mill-Istat Membru ospitanti dwar il-modalitajiet li skonthom l-impriżi ta' assigurazzjoni li joperaw f'dan l-Istat bis-saħħa tal-libertà ta' stabbiliment jew tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jikkalkolaw il-primjums ta' assigurazzjoni tagħhom, kif ukoll l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet.

Fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-kawża *Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Baw International* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, C-42/07) tat opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha dwar il-leġiżlazzjoni li tirregola l-logħob tal-ażżard u l-imħatri fl-Istati Membri. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 KE ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi lil operaturi privati stabbiliti fi Stati Membri oħra, fejn jipprovdu legalment servizzi analogi, milli jipproponu logħob tal-ażżard bl-internet fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm tali leġiżlazzjoni tagħti lok għal restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din ir-restrizzjoni, madankollu, tista', fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-offerta ta' logħob tal-ażżard bl-internet, titqies bħala ġustifikata minħabba l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-kriminalità. Fir-rigward tal-eżami tan-natura neċessarja tas-sistema kkonċernata, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li s-settur tal-logħob tal-ażżard offert permezz tal-internet mhuwiex is-suġġett ta' armonizzazzjoni Komunitarja. Għalhekk, Stat Membru jista' jikkunsidra li s-sempliċi fatt li operatur privat jipproponi legalment servizzi li jaqgħu f'dan is-settur permezz tal-internet fi Stat Membru ieħor, fejn ikun stabbilit u fejn fil-prinċipju jkun diġà suġġett għal kundizzjonijiet legali u għal kontrolli min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat tal-aħħar, ma jistax jitqies bħala garanzija suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi nazzjonali kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità, fid-dawl tad-diffikultajiet li jistgħu jsibu, f'tali kuntest, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kwalitajiet u tal-onestà professjonali tal-operaturi. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kuntatt dirett bejn il-konsumatur u l-operatur, il-logħob tal-ażżard aċċessibbli bl-internet jimplika riskji ta' natura differenti u ta' portata ikbar meta mqabbla mas-swieq tradizzjonali ta' tali logħob fir-rigward ta' eventwali frodi mwettqa mill-operaturi għad-detriment tal-konsumaturi. Barra minn hekk, ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li operatur li jkun l-isponsor ta' wħud mill-kompetizzjonijiet sportivi li fir-rigward tagħhom jaċċetta mħatri kif ukoll ta' wħud mit-timijiet li jieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet isib ruħu f'sitwazzjoni fejn ikun jista' jeżerċita influwenza, diretta jew indiretta, fuq ir-riżultat ta' dawn il-kompetizzjonijiet u b'hekk ikabbar il-profitti tiegħu.

[12] Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja u temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 346).

Fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-moviment liberu tal-kapital, għandha tinġibed l-attenzjoni għall-kawżi magħquda *X u Passenheim-van Schoot* (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, C-155/08 u C-157/08), li jikkonċernaw it-terminu ta' rettifika previst mil-leġiżlazzjoni Olandiża meta l-kapital imfaddal u d-dħul miksub minn dan il-kapital imfaddal ma jkunux ġew iddikjarati lill-awtoritajiet fiskali nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 49 KE u 56 KE ma jipprekludux l-applikazzjoni minn Stat Membru, meta l-awtoritajiet fiskali ta' dan l-Istat Membru ma jkollhom l-ebda indizju dwar l-eżistenza ta' tali kapital li jippermettilhom jibdew investigazzjoni, ta' terminu ta' rettifika itwal meta dan il-kapital imfaddal jinżamm fi Stat Membru ieħor milli minn meta dan jinżamm fl-ewwel Stat Membru. Il-fatt li l-Istat Membru l-ieħor japplika s-sigriet bankarju mhuwiex rilevanti f'dan ir-rigward. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn l-artikoli lanqas ma jipprekludu li, f'tali każ, multa imposta minħabba li l-imsemmija kapital imfaddal u dħul barrani ma jkunux ġew iddikjarati tiġi kkalkolata proporzjonalment mal-ammont fir-rettifika u fuq dan it-terminu itwal. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, għalkemm tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni kemm tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u kemm tal-moviment liberu tal-kapital, hija tista', madankollu, tkun ġustifikata minħabba n-neċessità li tinżamm l-effiċjenza tal-kontrolli fiskali kif ukoll minħabba l-ġlieda kontra l-frodi fiskali, sakemm ikun osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità. Fuq dan il-punt tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, fin-nuqqas ta' indizju dwar l-eżistenza ta' elementi li jippermettu lill-awtoritajiet fiskali ta' Stat Membru jibdew investigazzjoni, ikun impossibbli għal dan l-Istat Membru li jikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor sabiex dawn tal-aħħar jgħaddulu l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi stabbilit l-ammont preċiż ta' taxxa. Għall-kuntrarju, meta l-awtoritajiet fiskali ta' Stat Membru jkollhom indizji li jippermettulhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, is-sempliċi fatt li l-elementi taxxabbli kkonċernati jinsabu fi Stat Membru ieħor ma jiġġustifikax l-applikazzjoni ġenerali ta' terminu addizzjonali ta' rettifika li ma jirrigwarda bl-ebda mod iż-żmien meħtieġ sabiex jintuża b'mod utli dan il-mekkaniżmu ta' għajnuna reċiproka.

Fir-rigward, l-aħħar nett, tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital, il-Qorti tal-Ġustizzja tat żewġ deċiżjonijiet li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

L-ewwel waħda minn dawn id-deċiżjonijiet ingħatat fil-kawża *Persche* (sentenza tas-27 ta' Jannar 2009, C-318/07), li tikkonċerna l-kwistjoni delikata ta' donazzjonijiet magħmula lil korpi ta' interess ġenerali. Wara li ppreċiżat li tali donazzjonijiet jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, anki jekk isiru in natura fil-forma ta' prodotti għall-użu ta' kuljum, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 56 KE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, fir-rigward tad-donazzjonijiet magħmula lil korpi rikonoxxuti li huma ta' interess ġenerali, tipprovdi li l-benefiċċju tat-tnaqqis fiskali huwa mogħti biss għad-donazzjonijiet mogħtija lil korpi stabbiliti fuq it-territorju nazzjonali, mingħajr ebda possibbiltà għall-persuna taxxabbli li turi li donazzjoni mogħtija lil korp stabbilit fi Stat Membru ieħor tissodisfa l-kundizzjonijiet imposti mill-imsemmija leġiżlazzjoni għall-għoti ta' tali benefiċċju. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa minnu li huwa possibbli li Stat Membru, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tiegħu dwar il-possibbiltà ta' tnaqqis fiskali ta' donazzjonijiet, japplika trattament differenti bejn il-korpi nazzjonali rikonoxxuti li huma ta' interess ġenerali u dawk stabbiliti fi Stati Membri oħra meta dawn tal-aħħar ikollhom objettivi differenti minn dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tiegħu. Madankollu, korp stabbilit fi Stat Membru li jissodisfa l-kundizzjonijiet imposti għal dan il-għan minn Stat Membru ieħor għall-għoti ta' vantaġġi fiskali jinsab, fir-rigward tal-għoti minn dan l-aħħar Stat Membru ta' vantaġġi fiskali li għandhom l-għan li jinkoraġġixxu l-attivitajiet ta' interess ġenerali kkonċernati, f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-korpi rikonoxxuti li huma ta' interess ġenerali li huma stabbiliti f'dan l-aħħar Stat Membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-trattament differenti introdott mil-leġiżlazzjoni msemmija jikkostitwixxi għalhekk restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital. Din ir-restrizzjoni la tista' tiġi ġġustifikata minħabba n-neċessità li tinżamm l-effiċjenza tal-kontrolli fiskali u lanqas minħabba l-ġlieda kontra l-frodi fiskali. Fuq dan il-punt tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika, madankollu, li, fir-rigward

ta' korpi ta' interess ġenerali li jinsabu fi Stat terz, huwa, bħala regola, leġittimu għall-Istat Membru ta' tassazzjoni li jirrifjuta l-għoti ta' dan it-tnaqqis jekk, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' obbligu taħt id-dritt internazzjonali ta' dan il-pajjiż terz li jipprovdi informazzjoni, ikun impossibbli li tinkiseb mill-imsemmi pajjiż l-informazzjoni meħtieġa.

It-tieni deċiżjoni ngħatat fil-kawża *Woningstichting Sint Servatius* (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, C-567/07), li tikkonċerna talba għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital intiża li tiġi evalwata l-kompatibbiltà ma' dawn id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Olandiża li l-għan tagħha huwa li tippromwovi l-offerta ta' akkomodazzjoni. Skont din il-leġiżlazzjoni, l-entitajiet awtorizzati Olandiżi fil-qasam tal-akkomodazzjoni għandhom jissottomettu l-proġetti tagħhom ta' investimenti fil-proprjetà immobbli transkonfinali għal proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni bil-quddiem u għandhom jagħtu prova li l-investimenti kkonċernati ser isiru fl-interess tal-akkomodazzjoni soċjali fil-Pajjiżi l-Baxxi. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali obbligu jikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital. Il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li ħtiġijiet marbuta mal-politika ta' akkomodazzjoni soċjali ta' Stat Membru u mal-finanzjament tagħha jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u, għalhekk, jistgħu jiġġustifikaw tali restrizzjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġusizzja tispeċifika li sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva bil-quddiem ma tistax tilleġittimizza aġir arbitrarju min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, b'tali mod li ċċaħħad lid-dispożizzjonijiet Komunitarji mill-effettività tagħhom. Barra minn hekk, sabiex tali sistema tkun ġustifikata, hija għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, li ma jkunux diskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, li jiżguraw li din is-sistema tkun adegwata sabiex tillimita biżżejjed l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali, ħaġa din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali.

## *Trasport*

Fil-kawżi magħquda *Sturgeon et* kif ukoll *Böck u Lepuschitz* (sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, C-402/07 u C-432/07), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar il-kunċett ta' titjira mdewma fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 261/2004[13]. Dan ir-regolament jipprovdi għal kumpens permezz ta' somma fissa fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira iżda mhux fil-każ ta' dewmien. Il-qrati tar-rinviju kienu ġew aditi minn passiġġieri li kienu qegħdin jitolbu dan il-kumpens permezz ta' somma fissa minħabba li kienu waslu fl-ajruport tad-destinazzjoni b'dewmien ta' 22 u 25 siegħa meta mqabbla mal-ħin tal-wasla skedat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li t-tul tad-dewmien, anki jekk sinjifikattiv, mhuwiex biżżejjed sabiex it-titjira titqies li ġiet ikkanċellata. Titjira mdewma, indipendentement mit-tul tad-dewmien, ma tistax titqies li hija titjira kkanċellata meta, minbarra l-ħin tat-tluq, l-elementi l-oħra kollha tat-titjira kif inizjalment skedati, fosthom b'mod partikolari r-rotta, jibqgħu l-istess.

It-tieni nett, fir-rigward tad-dritt għal kumpens, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-passiġġieri li t-titjira tagħhom kienet is-suġġett ta' kanċellazzjoni u dawk affettwati minn dewmien ta' titjira jsofru dannu simili, konsistenti f'telf ta' ħin, u għalhekk isibu ruħhom f'sitwazzjoni komparabbli li ma tiġġustifikax trattament differenti. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jistgħu jiġu assimilati mal-passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens, u dan jippermettilhom jitolbu huma wkoll kumpens

[13] Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p10).

permezz ta' somma fissa mingħand il-kumpannija tal-ajru meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom tliet sigħat jew iktar wara l-ħin tal-wasla previst, sakemm id-dewmien ma jkunx dovut għal ċirkustanzi straordinarji. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li problema teknika fuq ajruplan ma tistax tiġi kkunsidrata bħala ċirkustanza straordinarja ħlief jekk din il-problema tirriżulta minn avvenimenti li, minħabba n-natura jew l-oriġini tagħhom, mhumiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tal-kumpannija tal-ajru kkonċernata u li fuqhom din il-kumpannija ma għandhiex kontroll effettiv.

## *Regoli tal-kompetizzjoni*

Fuq livell ġenerali ħafna, fil-kawża *X BV* (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, C-429/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni tista' tissottometti, *ex officio*, osservazzjonijiet bil-miktub lil qorti ta' Stat Membru f'kawża dwar il-possibbiltà ta' tnaqqis mill-profitt taxxabbli ta' multa imposta mill-Kummissjoni minħabba ksur tal-Artikoli 81 KE u 82 KE. L-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1/2003, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [14], intitolat "Koperazzjoni bejn [ma'] qrati nazzjonali", jipprevedi, f'ċirkustanzi partikolari, il-possibbiltà li l-Kummissjoni tintervjeni fil-kawżi pendenti quddiem il-qrati nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-fakultà tal-Kummissjoni li tissottometti, *ex officio*, osservazzjonijiet bil-miktub lill-qrati msemmija hija suġġetta għal kundizzjoni waħda, jiġifieri li l-applikazzjoni koerenti tal-Artikoli 81 KE u 82 KE tirrikjedi hekk. Din il-kundizzjoni tista' tkun sodisfatta anki f'każijiet fejn il-proċeduri kkonċernati ma jikkonċernawx, fil-mertu, l-applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE jew 82 KE. Barra minn hekk, peress li teżisti rabta intrinsika bejn il-multi u l-applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, l-effettività tas-sanzjonijiet imposti mill-awtoritajiet nazzjonali jew Komunitarji tal-kompetizzjoni abbażi tal-Artikolu 83(2)(a) KE hija kundizzjoni għall-applikazzjoni koerenti tal-Artikoli 81 KE u 82 KE. Minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni li l-qorti ta' Stat Membru tkun meħtieġa tagħti f'kawża dwar il-possibbiltà ta' tnaqqis mill-profitt taxxabbli tal-ammont kollu jew parti minnu ta' multa tista' tippreġudika l-effettività tas-sanzjonijiet fil-qasam tal-prattiki antikompetittivi u, għalhekk, tista' tikkomprometti l-applikazzjoni koerenti tal-Artikoli 81 KE u 82 KE. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'tali sitwazzjoni, l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1/2003 jippermetti lill-Kummissjoni tissottometti osservazzjonijiet lill-qorti nazzjonali.

Fil-qasam tal-akkordji, il-kawża *GlaxoSmithKline vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, C-501/06 P, C-513/06 P, C-515/06 P, C-519/06 P) ipprovdiet lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 81 KE ta' ftehim li kellhom bħala għan li jillimitaw il-kummerċ parallel ta' prodotti mediċinali [15]. F'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, bħala prinċipju, ftehim intiżi sabiex jipprojbixxu jew jillimitaw il-kummerċ parallel għandhom bħala għan il-prevenzjoni tal-kompetizzjoni. Dan il-prinċipju japplika għas-settur farmaċewtiku. Il-konstatazzjoni tal-eżistenza tal-għan antikompetittiv ta' ftehim ma tistax tkun suġġetta għall-prova li l-ftehim iwassal għal inkonvenjenzi għall-konsumaturi finali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex jiġi eżentat skont l-Artikolu 81(3) KE, ftehim għandu jikkontribwixxi sabiex itejjeb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-prodotti jew sabiex jippromwovi l-progress tekniku jew ekonomiku. Din il-kontribuzzjoni ma tidentifikax ruħha mal-vantaġġi kollha li l-impriżi parteċipanti f'dan il-ftehim jiksbu minnu fir-rigward tal-attività tagħhom, imma mal-vantaġġi oġġettivi kunsiderevoli, ta' tip li jikkumpensaw l-inkonvenjenti li jirriżultaw minnu għall-kompetizzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tagħmel analiżi prospettiva. Huwa biżżejjed

[14] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 2, p. 205).

[15] Għal evalwazzjoni, fid-dawl tal-Artikolu 82 KE, ta' miżuri unilaterali li jillimitaw il-kummerċ parallel ta' prodotti farmaċewtiċi ara s-sentenza tas-16 ta' Settembru 2009, Sot. Lélos kai Sia, C-478/06, Ġabra p. I-7239.

li l-Kummissjoni tasal għall-konvinzjoni li huwa probabbli li l-vantaġġ oġġettiv kunsiderevoli jikkonkretizza ruħu sabiex jiġi preżunt li l-ftehim fih tali vantaġġ. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-eżami ta' ftehim, sabiex jiġi ddeterminat jekk dan jikkontribwixxix sabiex itejjeb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-prodotti jew sabiex jippromwovi l-progress tekniku jew ekonomiku u jekk joħloqx vantaġġi oġġettivi kunsiderevoli, eżami dan li għandu jsir fid-dawl tal-argumenti ta' fatt u tal-provi pprovduti fil-kuntest tat-talba għal eżenzjoni, jista' jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura u l-eventwali karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat mill-ftehim, jekk dawn huma determinanti għar-riżultat tal-eżami. Tali teħid inkunsiderazzjoni ma jfissirx li l-oneru tal-prova ser jinbidel, imma sempliċement jiżgura li l-eżami tat-talba għal eżenzjoni jsir fid-dawl tal-argumenti ta' fatt u tal-provi adegwati mressqa mill-applikant.

Fil-kawża *Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, C-511/06 P), dwar akkordju illegali fis-settur tal-aċidu ċitriku, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-konsegwenzi għad-drittijiet tad-difiża li jirriżultaw mill-fatt li impriża tiġi kkwalifikata bħala mexxej ta' akkordju. Tali kwalifika, fil-fatt, għandha konsegwenzi importanti fuq l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta fuq impriża. Din il-kwalifika hija, minn naħa, ċirkustanza aggravanti u, min-naħa l-oħra, ċirkustanza li, fil-każ ta' kooperazzjoni min-naħa tal-impriża, teskludi *a priori* l-benefiċċju ta' tnaqqis sostanzjali tal-multa. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm il-Kummissjoni mhijiex meħtieġa tindika fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet il-mod kif kienet ser tagħmel użu mill-elementi ta' fatt sabiex tiddetermina l-livell tal-multa u lanqas, b'mod partikolari, jekk hija kinitx, fuq il-bażi ta' dawn il-fatti, ser tikkwalifika impriża bħala mexxej ta' akkordju, il-Kummissjoni għandha minn tal-inqas tindika dawn l-elementi ta' fatt. Issa, meta d-dokumenti u l-provi li minnhom jirriżultaw il-fatti li fuqhom tkun ibbażata l-kwalifika bħala mexxej tal-akkordju jkunu jikkonsistu fix-xhieda ta' persuni mdaħħla f'dawn il-proċeduri għal ksur u jkollhom għalhekk aspett suġġettiv, il-fatt li ġew annessi mad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, mingħajr ma dawn il-fatti ssemmew espressament fit-test stess ta' din id-dikjarazzjoni, ma jippermettix lill-impriża tevalwa l-kredibbiltà li l-Kummissjoni tagħti lil kull element u tikkontestahom, u lanqas għalhekk ma jippermettilha tinvoka d-drittijiet tagħha b'mod effettiv. Meta taġixxi b'dan il-mod, il-Kummissjoni tikser id-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata. Għalhekk, hija ma tistax tibbaża ruħha fuq dawn l-elementi sabiex tikkwalifika l-impriża bħala mexxej tal-akkordju. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' provi oħra fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li jippermettu li tinżamm tali kwalifika, il-Kummissjoni ma tistax teskludi *a priori* l-benefiċċju ta' tnaqqis sostanzjali tal-multa fil-każ ta' kooperazzjoni min-naħa tal-impriża. Barra minn hekk, f'din l-istess kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-waqfien mill-ksur mal-ewwel interventi tal-Kummissjoni ma jwassalx awtomatikament għall-applikazzjoni ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa. Hija fakkret ukoll li l-impatt konkret ta' ksur fis-suq huwa element wieħed minn fost oħrajn li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-24 ta' Settembru 2009, *Erste Bank der österreichischen Sparkassen vs Il-Kummissjoni* (C-125/07 P, C-133/07 P, C-135/07 P, C-137/07 P), mogħtija fil-kuntest tal-appell fil-kawża magħrufa bħala "Klabb Lombard", il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li akkordju jkollu biss bħala għan il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti fi Stat Membru wieħed mhuwiex biżżejjed sabiex jiġi eskluż li l-kummerċ bejn Stati Membri jista' jintlaqat. Peress li min-natura tiegħu stess, tali akkordju għandu l-effett li jikkonsolida d-diviżjonijiet ta' natura nazzjonali, u b'hekk jostakola l-interpenetrazzjoni ekonomika mixtieqa mit-Trattat KE, teżisti preżunzjoni qawwija ta' effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri li tista' tiġi eskluża biss meta l-analiżi tal-karatteristiċi tal-ftehim u tal-kuntest ekonomiku li fih jaqa' turi l-kuntrarju.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-Kummissjoni b'ebda mod mhija obbligata, fil-każ ta' ksur imwettaq minn sussidjarja, tivverifika qabel kollox jekk il-kundizzjonijiet sabiex il-ksur jiġi imputat lill-kumpannija parent humiex sodisfatti. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha l-għażla li

tippenalizza jew lis-sussidjarja li kienet ipparteċipat fil-ksur, jew lill-kumpannija parent li kienet tikkontrollaha matul dan il-perijodu.

Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, iddeċidiet li akkordju orizzontali fuq il-prezzijiet li jkopri settur ekonomiku daqstant importanti bħalma huwa s-settur bankarju ma jistax, bħala prinċipju, jevita l-kwalifika ta' ksur serju ħafna, indipendentement mill-kuntest tiegħu. It-tieni nett, hija speċifikat li fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, u għall-kuntrarju ta' dak li kienu qegħdin isostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma bbażatx ruħha biss fuq l-implementazzjoni tal-akkordju iżda kkonstatat l-impatt konkret tiegħu fuq is-suq. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi, it-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, sabiex tqassam f'kategoriji differenti l-kumpanniji li assumew ir-rwol ta' kumpanniji ewlenin fi ħdan grupp bankarju, tal-partijiet mis-suq tal-komponenti tal-grupp ma jikkostitwixxix imputazzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' dawn tal-aħħar lill-kumpanniji ewlenin. Dan huwa pass li huwa intiż li jiżgura li l-livell tal-multi imposti fuq il-kumpanniji ewlenin jirrifletti b'mod adegwat il-gravita tal-aġir tagħhom li jikkostitwixxi ksur. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tal-portata tat-tnaqqis ta' multa, hija ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-Qorti Ġenerali li tkun iddeċidiet fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

Fil-qasam ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tat żewġ sentenzi importanti.

Wara li France Télécom appellat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Jannar 2007 (T-340/03, *France Télécom vs Il-Kummissjoni*, Ġabra p. II-107), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din is-sentenza li kienet ċaħdet ir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet imponiet fuq din il-kumpannija multa ta' EUR 10.35 miljuni minħabba abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-suq Franċiż ta' aċċess għall-internet b'veloċità għolja għall-klijenti residenzjali. Għall-argument ta' din il-kumpannija li l-Qorti Ġenerali kienet kisret l-Artikolu 82 KE billi kkunsidrat li d-dimostrazzjoni tal-possibbiltà li jkun irkuprat it-telf mhijiex rekwiżit preliminari sabiex tkun ikkonstatata prattika ta' prezzijiet predatorji, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet li din il-possibbiltà ma tikkostitwixxix kundizzjoni neċessarja sabiex jiġi stabbilit il-karattru abbużiv ta' tali politika tal-prezz. Tali possibbiltà tikkostitwixxi biss element rilevanti fl-evalwazzjoni tal-karattru abbużiv tal-prattika inkwistjoni, sa fejn tista' tikkontribwixxi, pereżempju, sabiex teskludi, fil-każ ta' applikazzjoni ta' prezzijiet inferjuri għall-medja tal-ispejjeż varjabbli, ġustifikazzjonijiet ekonomiċi oħra minbarra l-eliminazzjoni ta' kompetitur, jew sabiex tistabbilixxi, fil-każ tal-applikazzjoni ta' prezzijiet inferjuri għall-medja tal-ispejjeż totali imma superjuri għall-medja tal-ispejjeż varjabbli, l-eżistenza ta' pjan li għandu l-għan li jelimina kompetitur. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, in-nuqqas ta' kwalunkwe possibbiltà ta' rkupru tat-telf mhuwiex biżżejjed sabiex jeskludi li l-impriża inkwistjoni tasal sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha wara, b'mod partikolari, il-ħruġ mis-suq ta' wieħed jew iktar mill-kompetituri tagħha, b'tali mod li l-livell ta' kompetizzjoni li kien jeżisti fis-suq, li kien diġà dgħajjef preċiżament minħabba l-preżenza tal-impriża inkwistjoni, ikun imnaqqas iktar, u b'tali mod li l-konsumaturi jbatu dannu minħabba l-limitazzjoni tal-possibbiltajiet ta' għażla tagħhom.

Fil-kawża *Der Grüne Punkt - Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, C-385/07), il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret li n-natura raġonevoli tat-tul taż-żmien sakemm tingħata deċiżjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, bħal ma huma l-kumplessità tal-kawża u l-aġir tal-partijiet, ikkunsidrat li, fil-każ ta' kawża dwar l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, ir-rekwiżit fundamentali taċ-ċertezza legali li għandhom igawdu minnu l-operaturi ekonomiċi u l-għan li jiġi żgurat li l-kompetizzjoni ma tiġix distorta fis-suq intern huma ta' importanza kunsiderevoli mhux biss għar-rikorrent stess u għall-kompetituri tiegħu, iżda wkoll għal terzi, u dan minħabba n-numru kbir ta' persuni kkonċernati u l-interessi finanzjarji inkwistjoni. Fir-rigward ta' kawża dwar l-abbuż minn pożizzjoni dominanti ta' impriża li teżiġi l-ħlas

ta' dritt għall-użu, mifrux ħafna, tal-logo tagħha, u fid-dawl tal-effetti possibbli tal-eżitu tal-kawża msemmija, proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, li damu madwar 5 snin u 10 xhur, ma jissodisfawx ir-rekwiżiti marbuta mal-osservanza ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni sakemm it-tul ta' dawn il-proċeduri ma jistax jiġi ġustifikat permezz ta' xi ċirkustanza partikolari għall-kawża, irrispettivament minn jekk din tkunx il-kumplessità tal-kawża, l-aġir tal-partijiet, kwistjonijiet proċedurali mqajma mill-partijiet jew l-adozzjoni mill-Qorti Ġenerali ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew ta' istruzzjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, għalkemm in-nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali jikkostitwixxi difett proċedurali, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi interpretat u implementat b'mod effettiv. Issa, sakemm ma jkun hemm xejn li jindika li n-nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni seta' kellu effett fuq l-eżitu tal-kawża, l-annullament tas-sentenza appellata ma jirrimedjax il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva mwettaq mill-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, fid-dawl tan-neċessità li jiġi osservat id-dritt tal-kompetizzjoni Komunitarju, ir-rikorrent ma jistax, għas-sempliċi raġuni li ma ġiex osservat terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni, jitħalla jerġa' jikkontesta l-eżistenza ta' ksur meta l-aggravji kollha tiegħu intiżi kontra l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali dwar dan il-ksur u dwar il-proċedura amministrattiva marbuta miegħu jkunu ġew miċħuda bħala infondati. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' osservanza, mill-Qorti Ġenerali, ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni jista' jagħti lok għal talba għad-danni fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra l-Komunità skont l-Artikolu 235 KE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE.

Ingħataw ukoll diversi sentenzi li komplew isaħħu l-qafas ta' ġurisprudenza dwar l-għajnuna mil-Istat. Fil-kawża *3F vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, C-319/07 P), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell, kellha l-opportunità tirfina l-ġurisprudenza tagħha dwar il-mekkaniżmu ta' rikors għal annullament fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat meta r-rikors jiġi ppreżentat minn persuna terza u mhux mill-benefiċjarju tal-għajnuna. Il-kawża fl-ewwel istanza kienet tikkonċerna t-talba tas-sindakat ġenerali ta' ħaddiema Daniż għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna, mogħtija fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul lill-baħħara impjegati fuq bastimenti rreġistrati fir-reġistru internazzjonali Daniż u intiża sabiex jinżammu taħt il-bandiera nazzjonali bastimenti li setgħu jiġu ttrasferiti taħt bandiera ta' konvenjenza, kompatibbli mas-suq komuni mingħajr ma nfetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 88(2) KE. Il-Qorti Ġenerali kienet ċaħdet ir-rikors tas-sindakat bħala inammissibbli peress li kkunsidrat li la r-rikorrent u lanqas il-membri tiegħu ma kienu kkonċernati individwalment mid-deċiżjoni kkontestata.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li rikors kontra deċiżjoni li ma tinfetaħx proċedura ta' investigazzjoni formali jkun ammissibbli meta r-rikorrent ikun jista' jiġi kkunsidrat li huwa persuna interessata fis-sens tal-Artikolu 88(3) KE u meta r-rikors tiegħu jkun intiż li jissalvagwardja l-interessi proċedurali. Minn dan jirriżulta li mhuwiex eskluż li sindakat ta' ħaddiema jkollu jiġi kkunsidrat bħala parti interessata fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE meta juri li l-interessi tiegħu stess jew tal-membri tiegħu jistgħu eventwalment jiġu affettwati bl-għoti ta' għajnuna.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kwistjoni kienet jekk il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent fir-rigward tas-sindakati l-oħra kinitx ġiet affettwata bl-għoti tal-imsemmija għajnuna. Issa, mill-fatt li ftehim bejn sindikati u min iħaddem jista', minħabba n-natura tiegħu, is-suġġett tiegħu u l-għanijiet ta' politika soċjali segwiti minnu, jitħalla barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81(1) KE, ma jistax jiġi dedott li n-negozjati kollettivi jew il-partijiet involuti fihom huma wkoll, kompletament u awtomatikament, esklużi mir-regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat jew li rikors għal annullament li dawn il-partijiet jistgħu eventwalment jippreżentaw ikun kważi awtomatikament ikkunsidrat bħala inammissibbli minħabba l-involviment tagħhom f'dawn in-negozjati. Fil-fatt, l-esklużjoni *a priori* tal-possibbiltà li sindakat jista' juri li huwa

parti interessata fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE, billi jibbaża ruħu fuq ir-rwol tiegħu matul in-negozjati kollettivi u fuq l-effetti għal dan ir-rwol ta' miżuri fiskali nazzjonali kkunsidrati mill-Kummissjoni bħala għajnuna kompatibbli mas-suq komuni, tkun ta' natura li tikkompromettti l-istess għanijiet ta' politika soċjali, imsemmija b'mod partikolari fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 136 KE u fl-Artikolu 138(1) KE.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, peress li ma jistax jiġi eskluż li korpi li jirrappreżentaw lill-ħaddiema ta' impriżi benefiċjarji ta' għajnuna jistgħu, bħala persuni interessati fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE, jippreżentaw lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet tagħhom dwar kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali li jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu kkunsidrati minnha, il-qorti Komunitarja għandha, f'każ bħal dan, sabiex tevalwa jekk l-argumenti tar-rikorrent ibbażati fuq il-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu humiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li huwa parti interessata fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE, teżamina l-aspetti soċjali li jirriżultaw mill-miżuri inkwistjoni fid-dawl tal-linji gwida Komunitarji msemmija, li jinkludu r-rekwiżiti legali għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat kontenzjuża.

Adita b'appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali li annullat deċiżjoni tal-Kummissjoni minħabba nuqqas ta' motivazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja u Wam* (sentenza tat-30 ta' April 2009, C-494/06 P), li l-Qorti Ġenerali kienet ikkunsidrat korrettament li, fid-dawl tal-każ ineżami, motivazzjoni ġenerali, ibbażata fuq ripetizzjoni tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza *Tubemeuse* (C-142/87, Ġabra p. I-959), ma setgħetx, fiha nnifisha, tiġi kkunsidrata bħala li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward ta' għajnuna intiża li tiffinanzja, permezz ta' self issussidjat, l-ispejjeż ta' penetrazzjoni kummerċjali fi Stati terzi u li għalhekk l-ekwivalenti tagħha bħala sussidju huwa ta' ammont relattivament żgħir, huwa diffiċli li jiġi pperċepit l-effett tagħha fuq il-kummerċ intra-Komunitarju u għalhekk huwa meħtieġ li l-Kummissjoni timmotiva d-deċiżjoni tagħha b'mod dettaljat. Għalhekk, is-sempliċi fatt li l-impriża benefiċjarja tipparteċipa fil-kummerċ intra-Komunitarju billi tesporta parti sinjifikattiva mill-produzzjoni tagħha fl-Unjoni, ma jistax ikun suffiċjenti, fir-rigward ta' tali għajnuna, sabiex juri l-imsemmija effetti.

Fil-kawża *Uteca* (sentenza tal-5 ta' Marzu 2009, C-222/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 87 KE għandu jiġu interpretat fis-sens li miżura meħuda minn Stat Membru li tobbliga lill-operaturi tat-televiżjoni jirriżervaw 5 % mid-dħul tal-operat tagħhom għall-finanzjament antiċipat ta' films ċinematografiċi u tat-televiżjoni Ewropej kif ukoll, speċifikament, 60 % minn dan il-5 % għal xogħlijiet li l-lingwa oriġinali tagħhom hija waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dan l-Istat Membru, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat favur l-industrija ċinematografika ta' dan l-Istat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li ma kienx jidher li l-vantaġġ mogħti mill-miżura msemmija lill-industrija ċinematografika tal-Istat Membru kkonċernat jikkostitwixxi vantaġġ li huwa mogħti direttament mill-Istat jew pemezz ta' korp pubbliku jew privat, innominat jew stabbilit minn dan l-Istat. Il-vantaġġ jirriżulta minn liġi ġenerali li tobbliga lill-operaturi tat-televiżjoni, kemm jekk dawn huma pubbliċi jew privati, li jirriżervaw parti mid-dħul tal-operat tagħhom għall-finanzjament antiċipat ta' films ċinematografiċi u tat-televiżjoni. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan il-każ ma kienx jidher li l-vantaġġ ikkonċernat jiddependi mill-kontroll imwettaq mill-entitajiet pubbliċi fuq tali operaturi jew mid-direttivi mogħtija minn dawn l-istess entititajiet lil tali operaturi.

## *Tassazzjoni*

F'dan is-settur ta' min isemmi l-kawża *TNT Post UK* (sentenza tat-23 ta' April 2009, C-357/07) li, fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tippreċiża l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tas-"servizzi postali pubbliċi" stabbilita fl-Artikolu 13A(1)(a) tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE[16]. Fil-kawża prinċipali, il-kumpannija TNT Post, li tipprovdi "servizzi upstream" għall-posta kummerċjali suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud, kienet qiegħda tikkontesta l-legalità tal-eżenzjoni mit-taxxa tas-servizzi postali offruti minn Royal Mail, li hija l-uniku fornitur ta' servizz postali universali fir-Renju Unit u li la l-istatus u lanqas l-obbligi tagħha ma ġew emendati wara l-liberalizzazzjoni tas-suq postali f'dan l-Istat fl-2006. Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "servizzi postali pubbliċi" li jidher fl-Artikolu 13A(1)(a), iċċitat iktar 'il fuq, ikopri operaturi, pubbliċi jew privati, li jintrabtu li jiżguraw fi Stat Membru t-totalità ta' jew parti mis-servizz postali universali, kif iddefinit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 97/67/KE[17]. F'dan id-dawl, l-eżenzjoni prevista mill-Artikolu 13A(1)(a), iċċitat iktar 'il fuq, inżammet mingħajr bidliet, minkejja l-liberalizzazzjoni tas-settur postali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din l-eżenzjoni tapplika għall-provvista ta' servizzi u għall-provvista ta' oġġetti inċidentali għalihom, bl-eċċezzjoni tat-trasport tal-passiġġieri u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni, li s-servizzi postali pubbliċi jwettqu bħala tali, jiġifieri minħabba l-kwalità tagħhom ta' operaturi li jintrabtu li jiżguraw fi Stat Membru t-totalità ta' jew parti mis-servizz postali universali. Hija ma tapplikax għall-provvista ta' servizzi u lanqas għall-provvista ta' oġġetti inċidentali għalihom meta l-kundizzjonijiet ta' din il-provvista jkunu ġew innegozjati individwalment.

## *Approssimazzjoni tal-liġijiet u liġijiet uniformi*

F'dan il-qasam, fejn, għal darba oħra, il-ġurisprudenza kienet abbondanti ħafna, għandhom jissemmew, l-ewwel nett, żewġ sentenzi dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

Fil-kawża *Sea* (sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, C-573/07), dwar l-għoti ta' kuntratt għas-servizz ta' ġbir, ta' trasport u ta' rimi ta' skart urban, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikoli 43 KE u 49 KE, il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom ma jipprekludux l-attribuzzjoni diretta ta' kuntratt pubbliku għal servizzi lil kumpannija b'responsabbiltà limitata b'kapital kollu kemm hu pubbliku meta l-awtorità pubblika li hija l-awtorità kontraenti teżerċita fuq din il-kumpannija kontroll analogu għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess u meta din il-kumpannija twettaq il-parti essenzjali tal-attività tagħha mal-awtorità jew l-awtoritajiet li lilhom tappartjeni.

Għaldaqstant, bla ħsara għall-verifika mill-qorti nazzjonali tan-natura operanti tad-dispożizzjonijiet statutorji kkonċernati, il-kontroll eżerċitat mill-awtoritajiet azzjonisti fuq din il-kumpannija jista' jiġi kkunsidrat bħala analogu għal dak li huma jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess, minn naħa, meta l-attività ta' din il-kumpannija tkun limitata għat-territorju ta' dawn l-awtoritajiet u tkun essenzjalment eżerċitata għall-benefiċju tagħhom, u, min-naħa l-oħra, meta, permezz ta' organi statutorji komposti minn rappreżentanti ta' dawn l-awtoritajiet, huma jeżerċitaw influwenza

[16] Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

[17] Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Diċembru 1997, dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71), kif emendata bid-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Ġunju 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 316).

determinanti kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti ta' din il-kumpannija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, minkejja li ma jistax jiġi eskluż li ishma ta' kumpannija jinbigħu lil investituri privati, l-ammissjoni li din is-sempliċi possibbiltà tista' tissospendi indefinittivament l-evalwazzjoni fir-rigward tan-natura pubblika jew le tal-kapital ta' kumpannija konċessjonarja ta' kuntratt pubbliku mhijiex konformi mal-prinċipju ta' ċertezza legali. L-aċċess tal-kapital lil investituri privati ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni ħlief jekk teżisti, fil-mument li jingħata l-kuntratt pubbliku, perspettiva konkreta u fi żmien qasir ta' tali aċċess.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (sentenza tad-9 ta' Ġunju 2009, C-480/06), li kienet tikkonċerna kuntratt dwar ir-rimi tal-iskart f'impjant ġdid tal-irkupru tas-sħana mill-iskart konkluż bejn erba' Landkreise u d-dipartiment tat-toroq tal-belt ta' Hamburg mingħajr ma saret proċedura ta' sejħa għal offerti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kuntratt li jikkostitwixxi kemm il-bażi kif ukoll il-kuntest legali għall-kostruzzjoni u t-tħaddim futuri ta' impjant intiż għat-twettiq ta' servizz pubbliku, jiġifieri l-irkupru tas-sħana mill-iskart, sakemm dan ikun ġie konkluż minn awtoritajiet pubbliċi biss, mingħajr il-parteċipazzjoni ta' parti privata, u li ma jkun jipprevedi u lanqas ma jkun jippreġudika l-għoti ta' kuntratti pubbliċi li jkunu eventwalment neċessarji għall-kostruzzjoni u għat-tħaddim tal-impjant ta' trattament tal-iskart ma jinsabx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/50/KEE[18].

Fil-fatt, awtorità pubblika tista' twettaq id-dmirijiet ta' interess pubbliku li huma imposti fuqha jew bil-mezzi tagħha stess, jew inkollaborazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħra, mingħajr ma tkun obbligata li tirrikorri għal entitajiet esterni li ma jkunux jifformaw parti mid-dipartimenti tagħha. F'dan ir-rigward, minn naħa, id-dritt Komunitarju bl-ebda mod ma jimponi fuq l-awtoritajiet pubbliċi, sabiex jiżguraw flimkien il-funzjonijiet ta' servizz pubbliku tagħhom, l-adozzjoni ta' forma ġuridika partikolari. Min-naħa l-oħra, tali kollaborazzjoni bejn awtoritajiet pubbliċi ma tistax thedded l-għan prinċipali tar-regoli Komunitarji fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, jiġifieri l-moviment liberu tas-servizzi u l-ftuħ għall-kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fl-Istati Membri kollha, meta l-implementazzjoni ta' din il-kooperazzjoni tkun unikament irregolata minn kunsiderazzjonijiet u ħtiġijiet intiżi għall-ksib ta' għanijiet ta' interess pubbliku u meta l-prinċipju ta' trattament ugwali tal-persuni kkonċernati msemmi fid-Direttiva 92/50 ikun iggarantit, b'tali mod li l-ebda impriża privata ma titqiegħed f'sitwazzjoni privileġġata meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

It-tieni nett, għandhom jissemmew sensiela ta' sentenzi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta l-leġiżlazzjoni Komunitarja li tirregola l-prattiki kummerċjali fid-dawl tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

Fil-kawża *Messner* (sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, C-489/07), li tikkonċerna l-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-possibiltà li jintalab kumpens mingħand il-konsumatur li jkun irtira minn tali kuntratt wara li jkun ġie konkluż. Hija ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 97/7/KE[19] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi b'mod ġenerali għall-possibbiltà li l-bejjiegħ jitlob mingħand il-konsumatur

[18] Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [għoti ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 322).

[19] Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi inrigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319).

kumpens għall-użu ta' oġġett akkwistat permezz ta' kuntratt mill-bogħod fil-każ li l-konsumatur ikun eżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu fit-termini previsti. Fil-fatt, jekk il-konsumatur ikollu jħallas tali kumpens minħabba s-sempliċi fatt li kellu l-possibbiltà juża l-oġġett għall-perijodu li dan ikun fil-pussess tiegħu, huwa jkun jista' jeżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu biss billi jħallas l-imsemmi kumpens u dan ikun b'mod ċar kontradittorju mal-formulazzjoni u mal-għan tad-Direttiva 97/7 u, b'mod partikolari, iċaħħad lill-konsumatur mill-possibbiltà li juża bil-libertà kollha u mingħajr ebda pressjoni l-perijodu ta' riflessjoni mogħti lilu minn din id-direttiva. Bl-istess mod, l-effikaċità u l-effettività tad-dritt ta' rtirar ikunu mheddha jekk il-konsumatur ikun obbligat iħallas kumpens minħabba s-sempliċi fatt li jkun eżamina u pprova l-oġġett. Sa fejn id-dritt ta' rtirar għandu preċiżament l-għan li jagħti din il-possibbiltà lill-konsumatur, il-fatt li l-konsumatur jagħmel użu minnha ma jistax ikollu bħala konsegwenza li l-konsumatur ikun jista' jeżerċita l-imsemmi dritt biss bil-kundizzjoni li jħallas kumpens.

Madankollu, dawn l-istess dispożizzjonijiet ma jipprekludux li l-konsumatur ikun obbligat iħallas kumpens għall-użu ta' dan l-oġġett fis-sitwazzjoni fejn dan ikun uża l-imsemmi oġġett b'mod inkompatibbli mal-prinċipji tad-dritt ċivili, bħall-*bona fide* jew l-arrikkiment indebitu, bil-kundizzjoni iżda li ma jkunux ippreġudikati l-għan ta' din id-direttiva u, b'mod partikolari, l-effikaċità u l-effettività tad-dritt ta' rtirar, ħaġa din li għandha tiġi ddeterminata mill-qorti nazzjonali.

Fil-kawża *Pannon GSM* (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, C-243/08), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13/KEE[20] tagħti lill-konsumaturi tkopri l-każijiet fejn il-konsumatur, li jkun ikkonkluda ma' bejjiegħ jew fornitur kuntratt li fih klawżola inġusta, ma jinvokax in-natura inġusta ta' din il-klawżola jew għaliex ma jkunx jaf id-drittijiet tiegħu, jew minħabba l-fatt li l-ispejjeż li jinvolvu l-proċeduri legali jiddiswaduh milli jiddefendi d-drittijiet tiegħu. Għaldaqstant, ir-rwol tal-qorti nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi mhuwiex limitat għas-sempliċi fakultà li tiddeċiedi dwar in-natura possibbilment abbużiva ta' klawżola kuntrattwali, iżda jinkludi wkoll l-obbligu li teżamina *ex officio* din il-kwistjoni, meta jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' dritt u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan, inkluż meta teżamina l-ġurisdizzjoni territorjali tagħha. Meta l-qorti nazzjonali tikkunsidra tali klawżola bħala inġusta, hija ma għandhiex tapplikaha, ħlief meta l-konsumatur, wara li jiġi avżat mill-qorti, ma jkollux l-intenzjoni jsostni n-natura inġusta u mhux vinkolanti tagħha.

Bl-istess mod, mhijiex kompatibbli mad-Direttiva regola nazzjonali li tipprovdi li huwa biss fil-każ fejn il-konsumatur ikun ikkontesta b'suċċess quddiem il-qorti nazzjonali klawżola inġusta f'kuntratt li huwa ma jkunx marbut biha. Fil-fatt, tali regola teskludi l-possibbiltà għall-qorti nazzjonali li tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li klawżola f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur, li tiddaħħal mingħajr ma tkun ġiet innegozjata individwalment u li tikkonferixxi ġurisdizzjoni esklużiva lill-qorti fil-ġurisdizzjoni territorjali fejn ikun jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-bejjiegħ jew tal-fornitur, tista' tiġi kkunsidrata bħala inġusta.

Fuq l-istess linji, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawża *Asturcom Telecomunicaciones* (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, C-40/08), iddeċidiet li qorti nazzjonali adita b'rikors għall-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni mogħtija abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ li tkun saret *res judicata* u li tkun ingħatat fil-kontumaċja tal-konsumatur, hija marbuta, meta jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi

[20] Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

ta' dritt u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan, li tevalwa *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, sa fejn, skont ir-regoli proċedurali nazzjonali, hija tkun tista' teffettwa tali evalwazzjoni fil-kuntest ta' rikorsi simili ta' natura nazzjonali. Jekk dan ikun il-każ, hija din il-qorti li għandha tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn din l-evalwazzjoni skont id-dritt nazzjonali sabiex tiżgura li l-konsumatur ma jkunx marbut minn din il-klawżola.

Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżat, minn naħa, li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 huwa dispożizzjoni ta' natura imperattiva u, min-naħa l-oħra, li, fid-dawl tan-natura u tal-importanza tal-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-protezzjoni li din id-direttiva tagħti lill-konsumatur, l-Artikolu 6 tagħha għandu jitqies li huwa regola ekwivalenti għar-regoli nazzjonali li għandhom, fis-sistema legali nazzjonali, il-grad ta' regoli ta' ordni pubbliku.

Fil-kawża *Aventis Pasteur* (sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, C-358/08), il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li rreferiet għall-ġurisprudenza *O'Byrne*[21], ippreċiżat li l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374/KEE[22] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza s-sostituzzjoni ta' konvenut ma' ieħor matul proċeduri ġudizzjarji tiġi applikata b'mod li tippermetti li, wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-artikolu msemmi, "produttur", fis-sens tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, jiġi msejjaħ bħala konvenut fi proċeduri ġudizzjarji mressqa f'dan it-terminu kontra persuna oħra.

Madankollu, minn naħa, dan l-Artikolu 11 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix lill-qorti nazzjonali milli tqis li, fil-proċeduri ġudizzjarji mressqa, fit-terminu stabbilit fl-artikolu msemmi, kontra l-kumpannija sussidjarja miżmuma 100 % mill-"produttur", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374, dan il-produttur jista' jiġi ssostitwit minnflok din il-kumpannija sussidjarja jekk din il-qorti tikkonstata li t-tqegħid fis-suq tal-prodott ikkonċernat kien fil-fatt iddeterminat minn dan il-produttur.

Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta persuna ppreġudikata minn prodott allegatament diffettuż ma setgħetx raġonevolament tidentifika l-produttur ta' dan il-prodott qabel ma teżerċita d-drittijiet tagħha kontra l-fornitur ta' dan tal-aħħar, dan il-fornitur għandu jiġi kkunsidrat bħala "produttur", b'mod partikolari għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 11 ta' din id-direttiva, jekk ma jkunx ikkomunika lill-persuna ppreġudikata, b'inizjattiva tiegħu stess u b'mod diliġenti, l-identità tal-produttur jew tal-fornitur tiegħu stess, liema komunikazzjoni għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali skont iċ-ċirkustanzi tal-każ.

Fir-rigward tal-prattiki kummerċjali żleali, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta d-Direttiva 2005/29/KE[23] fil-kawża *VTB-VAB* (sentenza tat-23 ta' April 2009, C-261/07 u C-299/07). Hija ddeċidiet li din id-direttiva tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, ħlief f'ċerti eċċezzjonijiet u mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni – għaldaqstant, b'mod ġenerali u preventiv – tipprojbixxi kull offerta konġunta magħmula minn bejjiegħ lil konsumatur.

[21] Sentenza tad-9 ta' Frar 2006, C-127/04, Ġabra p. I-1313.

[22] Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonjiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257).

[23] Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, p. 22).

Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni tistabbilixxi l-prinċipju ta' projbizzjoni tal-offerti konġunti, minkejja li tali prattiki mhumiex previsti fl-Anness I tal-istess direttiva li jelenka b'mod eżawrjenti l-uniċi prattiki kummerċjali pprojbiti f'kull ċirkustanza, li għaldaqstant ma għandhomx ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni każ b'każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-direttiva tagħmel armonizzazzjoni kompleta, fuq livell Komunitarju, tar-regoli dwar il-prattiki kummerċjali żleali. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri iktar restrittivi minn dawk definiti mid-direttiva msemmija, lanqas sabiex jiżguraw grad ogħla ta' protezzjoni lill-konsumaturi.

Issa, billi tistabbilixxi preżunzjoni ta' illegalità tal-offerti konġunti, leġiżlazzjoni nazzjonali ma tissodisfax l-eżiġenzi imposti minn din l-istess direttiva, u dan minkejja li tipprevedi numru ta' eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni msemmija.

Fil-qasam tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, għandhom jissemmew żewġ sentenzi.

Fl-ewwel lok, għandha tissemma l-kawża *FEIA* (sentenza tat-2 ta' Lulju 2009, C-32/08), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002[24], li jipprovdi li d-dritt għad-disinn Komunitarju għandu jkun vestit f'min iħaddem meta disinn jiġi żviluppat minn impjegat fit-twettiq ta' dmirijietu jew wara l-ordnijiet mogħtija lilu minn min iħaddmu, għajr jekk miftiehem jew speċifikat xorta oħra bil-liġijiet nazzjonali, ma japplikax għad-disinn Komunitarju li jkun ġie kkummissjonat. Fil-fatt, il-leġiżlatur Komunitarju ried jiddefinixxi s-sistema speċjali prevista mill-Artikolu 14(3) tar-regolament imsemmi b'referenza għal tip speċifiku ta' relazzjoni kuntrattwali, jiġifieri r-relazzjoni ta' impjieg, li teskludi l-applikabbiltà tal-imsemmi artikolu għar-relazzjonijiet kuntrattwali l-oħra, bħal dik li tirrigwarda disinn Komunitarju li ġie kkummissjonat.

Meta, minn naħa, ikunu involuti disinni Komunitarji mhux irreġistrati li jkunu ġew ikkummissjonati u, min-naħa l-oħra, il-liġi nazzjonali ma tassimilax disinni bħal dawn ma' dawk maħluqin fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għad-disinn Komunitarju għandu jagħti dritt legali lid-disinjatur, sakemm ma jkunx ġie ttrasferit permezz ta' kuntratt lis-suċċessur tiegħu fit-titolu. Fil-fatt, il-possibbiltà li d-dritt għad-disinn Komunitarju tad-disinjatur jiġi ttrasferit permezz ta' kuntratt lis-suċċessur tiegħu fit-titolu fis-sens tal-Artikolu 14(1) tar-regolament imsemmi tirriżulta, minn naħa, mill-kliem stess tal-imsemmi artikolu u, min-naħa l-oħra, hija konformi mal-għanijiet imħaddna mill-imsemmi regolament. F'dan ir-rigward, l-adattament tal-protezzjoni tad-disinni Komunitarji għall-bżonnijiet tas-setturi kollha tal-ekonomija tal-Komunità, permezz ta' trasferiment kuntrattwali tad-dritt għad-disinn Komunitarju, jista' jikkontribwixxi għall-għan essenzjali tal-eżerċizzju effiċjenti tad-drittijiet mogħtija minn disinn Komunitarju fit-territorju kollu tal-Komunità. Barra minn hekk, protezzjoni mtejba għad-disinni industrijali mhux biss tippromwovi l-kontribuzzjoni tad-disinjaturi individwali għall-eċċellenza Komunitarja f'dan il-qasam, imma tinkoraġġixxi wkoll l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u l-investiment fil-produzzjoni tagħhom. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika l-kontenut ta' kuntratt bħal dan u, f'dan id-dawl, tistabbilixxi jekk, eventwalment, id-dritt għal disinn Komunitarju mhux irreġistrat kienx effettivament ittrasferit mid-disinjatur lis-suċċessur tiegħu fit-titolu, billi tapplika, fil-kuntest tal-imsemmi eżami, il-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti sabiex tistabbilixxi lil min jappartjeni, b'mod konformi mal-Artikolu 14(1) tar-regolament imsemmi, id-dritt għad-disinn Komunitarju mhux irreġistrat.

24 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p 142).

Fit-tieni lok, fil-kawża *Sony Music Entertainment* (sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, C-240/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-perijodu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati, f'dan il-każ tad-drittijiet ta' riproduzzjoni ta' fonogrammi, previst mid-Direttiva 2006/116/KE[25], huwa applikabbli wkoll, skont l-Artikolu 10(2) ta' din id-direttiva, meta s-suġġett inkwistjoni qatt ma kien ġie protett fl-Istat Membru fejn qed tintalab il-protezzjoni. Fil-fatt, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-ewwel kundizzjoni alternattiva tirrigwarda l-eżistenza ta' protezzjoni preċedenti tas-suġġett inkwistjoni f'mill-anqas Stat Membru wieħed. L-imsemmija dispożizzjoni ma titlobx li dan l-Istat Membru jkun dak fejn il-protezzjoni prevista mill-istess direttiva qed tintalab. Barra minn hekk, peress li din id-direttiva għandha l-għan li tarmonizza l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri sabiex il-perijodi ta' protezzjoni jkunu identiċi fil-Komunità kollha, interpretazzjoni tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2006/116 fis-sens li l-applikazzjoni ta' din il-kundizzjoni tiddependi mill-eżistenza ta' protezzjoni mogħtija preċedentement mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru fejn il-protezzjoni prevista mill-imsemmija direttiva qed tintalab, anki jekk tali protezzjoni preċedenti kienet ingħatat fi Stat Membru ieħor, la hija konformi mat-termini stess tad-dispożizzjoni inkwistjoni u lanqas mal-għan ta' din id-direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2006/116 għandu jiġi interpretat ukoll fis-sens li l-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva japplikaw f'sitwazzjoni fejn ix-xogħol jew is-suġġett inkwistjoni kien, fl-1 ta' Lulju 1995, bħala tali protett f'mill-anqas Stat Membru wieħed, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dan l-Istat Membru dwar id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati u fejn id-detentur ta' tali drittijiet fuq dan ix-xogħol jew dan is-suġġett, li jkun ċittadin ta' pajjiż terz, kien jibbenifika, f'din id-data, mill-protezzjoni prevista minn dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali. Fil-fatt, il-kwistjoni jekk, fil-kuntest tal-imsemmija dispożizzjoni, detentur ta' drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fuq xogħol jew suġġett, li huwa ċittadin ta' pajjiż terz, kienx protett, fl-1 ta' Lulju 1995, f'mill-anqas Stat Membru wieħed, għandha tkun ikkunsidrata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dan l-Istat Membru u mhux fid-dawl tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn il-protezzjoni prevista minn din id-direttiva qed tintalab. Tali konklużjoni hija, barra minn hekk, ikkonfermata mill-għanijiet ta' armonizzazzjoni tad-direttiva msemmija u, b'mod partikolari, mill-għan li jiġi pprovdut l-istess punt ta' tluq għall-kalkolu tal-perijodu ta' protezzjoni tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur, kif ukoll l-istess perijodi ta' protezzjoni ta' dawn id-drittijiet ġewwa l-Komunità kollha. Minn dan jirriżulta li, għal xogħol jew suġġett protett fl-1 ta' Lulju 1995 f'mill-anqas Stat Membru wieħed skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, il-fatt li d-detentur ta' din il-protezzjoni jkun ċittadin ta' pajjiż terz u li, fl-Istat Membru fejn il-perijodu ta' protezzjoni previst mid-Direttiva 2006/116 huwa mitlub, dan ma jgawdix minn protezzjoni skont il-liġi nazzjonali ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, mhuwiex fattur deċiżiv għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) ta' din id-direttiva. Dak li jimporta huwa, fil-fatt, il-kwistjoni jekk ix-xogħol jew is-suġġett inkwistjoni kienx jibbenefika minn protezzjoni fl-1 ta' Lulju 1995 skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' mill-anqas Stat Membru wieħed.

Numru ta' kawżi oħra kienu jikkonċernaw setturi oħra li wkoll kienu s-suġġett ta' armonizzazzjoni fuq livell Komunitarju.

Fil-kawża *Damgaard* (sentenza tat-2 ta' April 2009, C-421/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tippreċiża l-kunċett ta' reklamar fil-qasam tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mressqa kontra ġurnalist peress li xerred informazzjoni lill-pubbliku dwar il-karatteristiċi u d-disponibbiltà ta' prodott mediċinali li l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu ma kinitx awtorizzata fl-Istati

[25] Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar il-perjodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati (ĠU L 372, p.12).

Membri kollha, filwaqt li d-Direttiva 2001/83/KE[26] tistabbilixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-qasam tal-informazzjoni u tar-reklamar dwar il-prodotti mediċinali. B'risposta għal domanda dwar l-interpretazzjoni li għalhekk għandha tingħata lill-Artikolu 86 tad-Direttiva 2001/83, kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE[27], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tixrid minn terz ta' informazzjoni dwar prodott mediċinali, b'mod partikolari dwar il-kwalitajiet tiegħu ta' fejqan jew ta' prevenzjoni, jista' jiġi kkunsidrat bħala reklamar fis-sens ta' dan l-artikolu, inkluż fil-każ fejn dan it-terz jaġixxi minn rajh u b'mod għal kollox indipendenti, fid-dritt u fil-fatt, mill-manifattur jew mill-bejjiegħ ta' tali prodotti mediċinali. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk dan it-tixrid jikkostitwixxix tip ta' tixrid ta' informazzjoni bieb-bieb, attività ta' kkanvassjar jew inkoraġġiment bl-għan li jippromwovi l-preskrizzjoni, provvista, bejgħ jew konsum ta' prodotti mediċinali.

Fil-kawża *UTECA*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 89/552/KEE, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni, kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE[28], u, b'mod iktar partikolari, l-Artikolu 3 tagħha kif ukoll l-Artikolu 12 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni Spanjola li tobbliga lill-operaturi tat-televiżjoni jirriżervaw 5 % mid-dħul tal-operat tagħhom għall-finanzjament antiċipat ta' films ċinematografiċi u tat-televiżjoni Ewropej kif ukoll, speċifikament, 60 % minn dan il-5 % għal xogħlijiet li l-lingwa oriġinali tagħhom hija waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dan l-Istat Membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, indipendentement mill-kwistjoni jekk miżura taqax taħt l-oqsma koperti minn din id-direttiva, l-Istati Membri jibqgħu, fil-prinċipju, kompetenti sabiex jadottawha, bil-kundizzjoni li jirrispettaw il-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat. Għalkemm tali miżura, sa fejn tirrigwarda l-obbligu li jiġu rriżervati għal xogħlijiet li l-lingwa oriġinali tagħhom hija waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat 60 % mill-5 % tad-dħul tal-operat irriżervat għall-finanzjament antiċipat ta' films ċinematografiċi u tat-televiżjoni Ewropej, tikkostitwixxi restrizzjoni għal numru ta' libertajiet fundamentali, jiġifieri l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-libertà ta' stabbiliment, il-moviment liberu tal-kapital u l-moviment liberu tal-ħaddiema, hija tista' tiġi ġustifikata minħabba l-għan li tiġi difiża u promossa waħda jew iktar mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat. F'dan ir-rigward, miżura bħal din, sa fejn tistabbilixxi obbligu ta' investiment f'films ċinematografiċi u tat-televiżjoni li l-lingwa oriġinali tagħhom tkun waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dan l-Istat Membru, tidher li hija adegwata sabiex tiggarantixxi t-twettiq ta' għan bħal dan. Barra minn dan, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ma jidhirx li tali miżura tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt, din il-miżura, fl-aħħar mill-aħħar, tirrigwarda biss 3 % mid-dħul tal-operat ta' dawn l-operaturi, perċentwali li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala sproporzjonata meta mqabbla mal-għan imfittex. Barra minn dan, din il-miżura ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minħabba s-sempliċi fatt li din ma tipprovdix kriterji li jippermettu li x-xogħlijiet ikkonċernati jiġu kklassifikati bħala "prodotti kulturali". Peress li l-lingwa u l-kultura huma intrinsikament marbuta, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-għan, imfittex minn Stat Membru, li jikkonsisti fid-difiża u l-promozzjoni ta' waħda jew iktar mil-lingwi uffiċjali tagħha, bilfors irid ikun neċessarjament marbut ma' kriterji kulturali oħrajn sabiex ikun jista' jiġġustifika restrizzjoni għal waħda mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat. Din il-miżura lanqas ma tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb l-għan

[26] Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

[27] Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li ghandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 262).

[28] Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 224).

imfittex minħabba s-sempliċi fatt li l-benefiċjarji tal-finanzjament ikkonċernat huma fil-parti l-kbira impriżi produtturi taċ-ċinema stabbiliti f'dan l-Istat Membru. Il-fatt li l-kriterju li fuqu tkun ibbażata l-miżura msemmija, jiġifieri l-kriterju lingwistiku, jista' jikkostitwixxi vantaġġ għal impriżi produtturi taċ-ċinema li jaħdmu bil-lingwa msemmija minn dan il-kriterju u li, għalhekk, jistgħu, fil-prattika, ikunu fil-parti l-kbira joriġinaw mill-Istat Membru fejn din il-lingwa tikkostitwixxi lingwa uffiċjali, jidher li huwa inerenti għall-għan imfittex. Tali sitwazzjoni ma tistax tikkostitwixxi, minnha nfisha, il-prova tan-natura sproporzjonata tal-miżura msemmija, għaliex inkella jitneħħa s-sens tar-rikonoxximent, bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku, tal-għan imfittex minn Stat Membru, jiġifieri li jiddefendi u li jippromwovi waħda jew iktar mil-lingwi uffiċjali tiegħu. Fir-rigward tal-Artikolu 12 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din id-dispożizzjoni hija intiża li tiġi applikata b'mod awtonomu biss f'sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt Komunitajru li għalihom it-Trattat ma jipprevedix regola speċifika ta' nondiskriminazzjoni. Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implementat, fl-oqsma tal-moviment liberu tal-ħaddiema, tad-dritt ta' stabbiliment, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-moviment liberu tal-kapital mill-Artikoli 39(2) KE, 43 KE, 49 KE u 56 KE rispettivament. Billi minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-miżura inkwistjoni ma tidhirx li tmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, hija lanqas ma tista' tiġi kkunsidrata bħala li tikser l-Artikolu 12 KE.

## *Trade marks*

F'dan il-qasam ta min isemmi l-kawża *PAGO International* (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, C-310/07), fejn ġew ippreċiżati l-kundizzjonijiet li trade mark għandha tissodisfa sabiex titqies li għandha «reputazzjoni» fis-sens tal-Artikolu 9(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94[29]. Filwaqt li applikat raġunament analogu għal dak applikat fis-sentenza *Davidoff* (sentenza tad-9 ta' Jannar 2003, C-292/00, Ġabra p. I-389), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, l-ewwel nett, li minkejja l-kliem tal-imsemmi artikolu u fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għanijiet tas-sistema li jagħmel parti minnha dan l-artikolu, il-protezzjoni tat-trade marks Komunitarji li għandhom reputazzjoni ma tistax tkun inqas fil-każ ta' użu ta' sinjal għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu milli fil-każ li sinjal jintuża għal prodotti jew servizzi li ma jixxiebhux. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-artikolu jipproteġi wkoll trade mark Komunitarja li għandha reputazzjoni għal prodotti jew servizzi li jixbhu lil dawk li għalihom l-imsemmija trade mark hija rreġistrata. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tibbenefika mill-protezzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, trade mark Komunitarja għandha tkun magħrufa minn parti sinjifikattiva tal-pubbliku kkonċernat mill-prodotti jew mis-servizzi koperti minnha, f'parti sostanzjali tat-territorju tal-Komunità u li, fid-dawl tar-reputazzjoni tat-trade mark PAGO International fit-territorju kollu ta' Stat Membru, jiġifieri f'dak tal-Awstrija, dan it-territorju jista' jkun ikkunsidrat bħala li jammonta għal parti sostanzjali mit-territorju tal-Komunità.

## *Politika soċjali*

F'dan il-qasam il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha kwistjonijiet li qatt ma kienet iddeċidiet dwarhom qabel. Kien fil-kawża *Akavan Erityisalojen Keskusliitto AEK et* (sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, C-44/08) li ddeċidiet għall-ewwel darba dwar il-portata tal-obbligu ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni previst fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [sensji] kollettivi[30].

Fir-rigward tal-mument meta jinħoloq l-obbligu ta' konsultazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li hija l-adozzjoni, fi ħdan grupp ta' impriżi, ta' deċiżjonijiet strateġiċi jew ta' modifiki ta' attivitajiet

[29] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

[30] Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327).

li jġiegħlu lil min iħaddem jipprevedi jew jipproġetta sensji kollettivi li tagħti lok għall-obbligu ta' min iħaddem li jikkonsulta mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Barra minn hekk, hija ppreċiżat li l-ħolqien ta' dan l-obbligu ma jiddependix fuq il-fatt li min iħaddem ikun diġà f'pożizzjoni li jipprovdi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(3)(b) tad-Direttiva 98/59.

Fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' fuq min jaqa' l-obbligu ta' konsultazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-uniku destinatarju tal-obbligi fil-qasam tal-informazzjoni, ta' konsultazzjoni u ta' notifika huwa min iħaddem. Impriża li tista' tikkontrolla lil min iħaddem, anki jekk hija tista' tieħu deċiżjonijiet li jillimitaw lil min iħaddem, ma għandhiex il-kwalità tal-persuna li tħaddem. Fil-każ ta' grupp ta' impriżi magħmul minn kumpannija parent u minn kumpannija sussidjarja waħda jew iktar, l-obbligu ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema ma jinħoloqx, fil-konfront tal-kumpannija sussidjarja li għandha l-kwalità tal-persuna li tħaddem, ħlief meta din il-kumpannija sussidjarja, li fi ħdanha jkun hemm possibbiltà li jseħħu sensji kollettivi, tkun identifikata.

Fir-rigward tal-konklużjoni ta' proċess ta' konsultazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ ta' grupp ta' impriżi, il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tiġi konkluża mill-kumpannija sussidjarja kkonċernata minn sensji kollettivi qabel ma din il-kumpannija, jekk ikun il-każ fuq istruzzjoni diretta tal-kumpannija parent tagħha, tittermina l-kuntratti tal-ħaddiema kkonċernati minn dawn is-sensji.

Fil-kawża *Mono Car Styling* (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, C-12/08), il-Qorti tal-Ġustizza ddeċidiet, għall-ewwel darba wkoll, dwar il-kwistjoni ta' jekk id-Direttiva 98/59[31] tagħtix jew le dritt individwali lill-ħaddiema li jkunu jixtiequ jinvokaw ksur tal-proċedura ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni previst fid-Direttiva 98/59, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 tagħha, huwa intiż b'mod li jibbenefikaw il-ħaddiema bħala grupp u għalhekk għandu natura kollettiva. Issa, il-livell ta' protezzjoni ta' dan id-dritt kollettiv mitlub mill-Artikolu 6 ta' din id-direttiva jintlaħaq meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tagħti lir-rappreżentanti tal-ħaddiema dritt li jippreżentaw rikors li ma jkunx suġġett għal limiti jew għal kundizzjonijiet speċifiċi. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċeduri li jippermettu kemm lir-rappreżentanti tal-ħaddiema kif ukoll lil dawn tal-aħħar individwalment jiżguraw l-osservanza tal-obbligi previsti minn din id-direttiva, iżda li tillimita d-dritt individwali tal-ħaddiema li jippreżentaw rikors f'dak li jirrigwarda l-ilmenti li jistgħu jiġu invokati u li tissuġġetta dan id-dritt għall-kundizzjoni li jkunu fformulati oġġezzjonijiet minn qabel fir-rigward ta' min iħaddem mir-rappreżentanti tal-ħaddiema, kif ukoll għall-kundizzjoni li l-ħaddiem ikkonċernat ikun informa minn qabel lil min iħaddem dwar il-fatt li jkun qiegħed jikkontesta li l-proċedura ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni kienet ġiet osservata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, fl-applikazzjoni tad-dritt intern, il-qorti nazzjonali għandha, skont il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali, tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha ta' dan id-dritt u tinterpretahom, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan ta' direttiva sabiex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq minnha. Konsegwentement, sa fejn l-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tnaqqas l-obbligi ta' min iħaddem li jkun biħsiebu jagħti sensji kollettivi meta mqabbla ma' dawk previsti f'dan l-artikolu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, li l-obbligi ta' min iħaddem ma jitnaqqsux meta mqabbla ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva.

[31] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

Fil-kawża *Meerts* (sentenza tat-22 ta' Ottubru 2009, C-116/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tippreċiża d-drittijiet ta' impjegat li ngħata s-sensja waqt li kien fuq leave tal-ġenituri part-time, kif dawn id-drittijiet jirriżultaw mid-Direttiva 96/34/KE, dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, CEEP u mill-ETUC[32].

Filwaqt li kkonstatat li l-Klawżola 2(6) tal-ftehim qafas imsemmi tipprovdi li d-drittijiet akkwiżiti jew fil-proċess li jkunu akkwiżiti mill-ħaddiem fid-data li fiha l-leave tal-ġenituri jibda għandhom jibqgħu kif inhuma sa meta jintemm il-leave tal-ġenituri, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kemm mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll mill-kuntest tagħha jirriżulta li din id-dispożizzjoni għandha bħala għan li tevita t-telf jew it-tnaqqis tad-drittijiet li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' xogħol, akkwiżiti jew fil-proċess li jkunu akkwiżiti, li għalihom il-ħaddiem jista' jkun intitolat meta jibda l-leave tal-ġenituri u li tiggarantixxi li, fit-tmiem tal-imsemmi leave, il-ħaddiem jerġa' jsib ruħu, fir-rigward ta' dawn id-drittijiet, fl-istess sitwazzjoni li kien jinsab fiha qabel dan il-leave. Fid-dawl tal-għan ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa segwit mill-ftehim qafas dwar il-leave tal-ġenituri, l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet akkwiżiti jew fil-proċess li jkunu akkwiżiti għandu jinftiehem bħala li jesprimi prinċipju tad-dritt soċjali Komunitarju li għandu importanza partikolari u ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv. Mill-għanijiet tal-ftehim qafas dwar il-leave tal-ġenituri jirriżulta li l-kunċett ta' "drittijiet akkwiżiti jew fil-proċess li jkunu akkwiżiti" tal-ftehim qafas ikopri d-drittijiet u l-vantaġġi, fi flus jew in natura, kollha li jirriżultaw direttament jew indirettament mir-relazzjoni ta' xogħol, li għalihom il-ħaddiem jista' jkun intitolat fir-rigward ta' min iħaddem fid-data tal-bidu tal-leave tal-ġenituri. Fost tali drittijiet u vantaġġi jinsabu dawk kollha dwar il-kundizzjonijiet ta' impjieg, bħad-dritt ta' ħaddiem full-time li jkun jinsab f'sitwazzjoni ta' leave tal-ġenituri part-time li jibbenefika minn perijodu ta' avviż fil-każ ta' tmiem unilaterali minn min iħaddem ta' kuntratt għal żmien indefinit, perijodu li t-tul tiegħu jiddependi mill-anzjanità tal-ħaddiem fl-impriża u li l-għan tiegħu huwa li jiffaċilita t-tfittxija għal impjieg ġdid. Dawn id-drittijiet u vantaġġi kollha jitilfu kull sens jekk, fl-ipoteżi li ma jkunx osservat il-perijodu legali ta' avviż fil-każ ta' tkeċċija li sseħħ matul leave tal-ġenituri part-time, ħaddiem impjegat full-time jitlef id-dritt li l-kumpens ta' tkeċċija tiegħu jiġi stabbilit abbażi tar-remunerazzjoni relatata mal-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Għalhekk, leġiżlazzjoni nazzjonali li twassal għal tnaqqis tad-drittijiet li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' xogħol fil-każ ta' leave tal-ġenituri tista' tiddiswadi lill-ħaddiem milli jieħu tali leave u tista' tħeġġeġ lil min iħaddem li jkeċċi, fost il-ħaddiema, pjuttost dawk li jinsabu f'sitwazzjoni ta' leave tal-ġenituri. Dan imur direttament kontra l-għan tal-ftehim qafas dwar il-leave tal-ġenituri, li wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa li jkunu rrikonċiljati aħjar il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-ftehim qafas dwar il-leave tal-ġenituri jipprekludi li, fil-każ ta' tmiem unilaterali minn min iħaddem, mingħajr raġuni serja jew mingħajr osservanza tal-perijodu legali ta' avviż, tal-kuntratt tal-impjieg ta' ħaddiem impjegat għal żmien indefinit u full-time filwaqt li dan tal-aħħar ikun qiegħed jibbenefika minn leave tal-ġenituri part-time, il-kumpens li għandu jitħallas lil dan il-ħaddiem jiġi ddeterminat fuq il-bażi tar-remunerazzjoni mnaqqsa li huwa jirċievi meta sseħħ it-tkeċċija.

Fil-kawża *Hütter* (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2009, C-88/08), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-perijodi ta' xogħol imwettqa qabel l-età ta' 18-il sena milli jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-iskala li fiha għandhom jiġu kklassifikati

32 Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE, tat-3 ta' Ġunju 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/75/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 263).

l-aġenti kuntrattwali tas-servizz pubbliku ta' Stat Membru tagħmel diskriminazzjoni bbażata fuq l-età li ma tistax tkun ġustifikata b'mod leġittimu u li għalhekk tmur kontra d-dritt Komunitarju.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li tali leġiżlazzjoni, li tistabbilixxi differenza fit-trattament bejn persuni bbażata fuq l-età li kellhom meta kisbu l-esperjenza professjonali tagħhom, timponi differenza fit-trattament ibbażata direttament fuq il-kriterju tal-età fis-sens tal-Artikolu 2(1) u 2(a) tad-Direttiva 2000/78/KE[33].

Il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli billi tosserva li l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, jiġifieri li ma tkunx ippreġudikata l-edukazzjoni sekondarja ġenerali meta mqabbla ma' edukazzjoni professjonali u l-promozzjoni tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' żgħażagħ li jkunu kisbu edukazzjoni professjonali, huma għanijiet leġittimi fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li dawn l-għanijiet huma *prima facie* paradossali sa fejn il-miżura inkwistjoni ma tistax tiffavorixxi t-tnejn li huma. Barra minn hekk, fir-rigward tal-għan li ma tkunx ippreġudikata l-edukazzjoni sekondarja ġenerali meta mqabbla ma' edukazzjoni professjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-kriterju tal-età li kellha persuna meta kisbet l-esperjenza preċedenti japplika indipendentement mit-tip ta' edukazzjoni miksuba. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan il-kriterju ma jidhirx li huwa adegwat sabiex jinkiseb dan l-għan. Fir-rigward tal-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' żgħażagħ li jkunu kisbu edukazzjoni professjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-esklużjoni tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-esperjenza miksuba qabel it-18-il sena tapplika mingħajr distinzjoni għall-aġenti kuntrattwali kollha tas-servizz pubbliku, indipendentement mill-età li kellhom meta ġew impjegati. Sa fejn ma tikkunsidrax l-età tal-persuni meta huma jiġu impjegati, din ir-regola, għaldaqstant, mhijiex adegwata sabiex tippromwovi d-dħul fis-suq tax-xogħol ta' kategorija ta' ħaddiema identifikata fuq il-bażi tal-età żgħira tagħhom.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-diskriminazzjoni, stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, ma tistax titqies li hija ġustifikata u għalhekk tmur kontra l-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78.

### *Ambjent*

Bħas-snin li għaddew, kienu diversi l-kawżi dwar id-dritt tal-ambjent li nstemgħu mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Malta* (sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, C-76/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina jekk, kif kienet qiegħda ssostni l-Kummissjoni, ir-Repubblika ta' Malta kinitx naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi[34], billi awtorizzat il-ftuħ tal-kaċċa għas-summien u għall-gamiem fis-snin 2004 sal-2007.

Fil-fatt, skont l-Artikolu 7(1) u (4) tad-direttiva msemmija, dawn iż-żewġ speċi ma għandhomx ikunu suġġetti għall-kaċċa matul ir-ritorn tagħhom lejn il-postijiet tat-trobbija tagħhom. Madankollu, l-Artikolu 9(1) ta' din l-istess direttiva jistabbilixxi sistema ta' derogi għal din il-projbizzjoni fl-assenza ta' soluzzjoni oħra sodisfaċenti.

[33] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

[34] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, minkejja li ż-żewġ speċi inkwistjoni kienu effettivament jinsabu f'Malta matul il-ħarifa fis-snin inkwistjoni, il-kaċċaturi setgħu jaqbdu biss kwantità negliġibbli ta' għasafar matul dan il-perijodu. Barra minn hekk, matul dan il-perijodu, dawn l-għasafar ikunu jinsabu biss f'parti żgħira ta' Malta. Fl-aħħar nett, il-popolazzjoni ta' dawn iż-żewġ speċi ta' għasafar ma tinsabx taħt livell sodisfaċenti. Mil-lista tal-ispeċi mheddha stabbilita mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura jirriżulta, b'mod partikolari, li l-ispeċi inkwistjoni jinsabu fil-kategorija msejħa ta' "preokkupazzjoni minuri". Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, fid-dawl ta' dawn il-fatti partikolari ħafna, il-kaċċa fil-ħarifa għal dawn iż-żewġ speċi ma tistax tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi, f'Malta, soluzzjoni oħra sodisfaċenti minflok il-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Madankollu, din il-konstatazzjoni mhux talli ma tiftaħx mingħajr limiti l-possibbiltà li tiġi awtorizzata l-kaċċa fir-rebbiegħa iżda tippermetti biss li l-kaċċa tinfetaħ strettament biss sa fejn hija meħtieġa u sakemm l-għanijiet l-oħra tad-direttiva msemmija ma jkunux mheddha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-ftuħ ta' perijodu ta' kaċċa fir-rebbiegħa, perijodu li matulu dawn iż-żewġ speċi jirritornaw lejn il-postijiet tat-trobbija tagħhom, u li jwassal għal rata' ta' mortalità tliet darbiet akbar għas-summien u tmien darbiet akbar għall-gamiem, minn dik li tirriżulta mill-kaċċa fil-ħarifa, mhuwiex soluzzjoni adegwata u strettament proporzjonali għall-għan ta' konservazzjoni tal-ispeċi mfittex minn din l-istess direttiva.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-Repubblika ta' Malta ma osservatx il-kundizzjonijiet tad-deroga u, għalhekk, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja* (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, C-165/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina jekk, kif kienet qiegħda ssostni l-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Polonja kinitx naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttivi 2001/18/KE[35] u 2002/53/KE[36] billi pprojbixxiet b'mod ġenerali l-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa ta' varjetajiet ġenetikament immodifikati kif ukoll l-introduzzjoni tagħhom fil-katalgu nazzjonali tal-varjetajiet.

Ir-Repubblika tal-Polonja qajmet argumenti oriġinali meta sostniet li d-Direttivi 2001/18 u 2002/53 ma setgħux jiġu applikati f'din il-kawża peress li l-għanijiet tagħhom huma l-moviment liberu u l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika filwaqt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kellha għanijiet etiċi u reliġjużi. Fi kliem ieħor, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva msemmija għalkemm l-ostakoli għaċ-ċirkulazzjoni libera tal-GMOs li huma joħolqu bi ksur potenzjali tal-Artikolu 28 KE jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu ġustifikati skont l-Artikolu 30 KE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, sabiex tiddeċiedi l-kawża, ma kienx neċessarju li tieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk l-Istati Membri jikkonservawx possibbiltà li jinvokaw argumenti ta' natura etika jew reliġjuża sabiex jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' miżuri interni li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2001/18 u 2002/53. Kien biżżejjed li jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja ma kinitx ipprovat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kellhom effettivament l-għanijiet allegati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, projbizzjonijiet ġenerali bħal dawk inklużi fid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jiksru l-obbligi li jirriżultaw għar-Repubblika tal-Polonja kemm mill-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva 2001/18 kif ukoll mill-Artikoli 4(4) u 16 tad-Direttiva

35 Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kaptiolu 15, Vol. 6, p. 77).

36 Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 36, p. 281).

2002/53. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li Stat Membru li jipprojbixxi ċ-ċirkulazzjoni libera ta' żerriegħa ta' varjetajiet ġenetikament modifikati kif ukoll l-introduzzjoni tal-varjetajiet ġenetikament modifikati fil-katalgu nazzjonali tal-varjetajiet jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva 2001/18 kif ukoll taħt l-Artikoli 4(4) u 16 tad-Direttiva 2002/53.

Fil-kuntest ta' kawża dwar il-kalkolu ta' taxxa fuq l-iskart (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, *Futura Imobiliare et*, C-254/08), li kienet intiża sabiex tapplika l-prinċipju li min iniġġes iħallas, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 15(a) tad-Direttiva 2006/12/KE[37] fis-sens li, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi, għall-finanzjament ta' servizz ta' mmaniġġjar u ta' rimi tal-iskart urban, taxxa li hija kkalkolata abbażi ta' stima tal-volum ta' skart iġġenerat mill-utenti ta' dan is-servizz u mhux abbażi tal-kwantità ta' skart li dawn ikunu effettivament ipproduċew u ppreżentaw għall-ġbir.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ir-raġunament tagħha fuq il-fatt li, f'sitwazzjoni fejn id-detenturi ta' skart jgħadduh għall-immaniġġjar minn kollettur privat, l-Artikolu 15(a) tad-Direttiva 2006/12 jipprovdi li, skont il-prinċipju li min iniġġes iħallas, l-ispiża tar-rimi tal-iskart għandha tiġi sostnuta minn dawn id-detenturi. Issa, huwa ħafna drabi diffiċli, u tabilħaqq oneruż, li jiġi stabbilit il-volum eżatt ta' skart urban ippreżentat għall-ġbir minn kull detentur. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-użu ta' kriterji bbażati, minn naħa, fuq il-kapaċità produttiva tad-detenturi, ikkalkolata abbażi tas-superfiċji tal-proprjetajiet immobbli li huma jokkupaw kif ukoll tal-użu ta' dawn tal-aħħar u/jew, min-naħa l-oħra, fuq in-natura tal-iskart prodott, jista' jippermetti li jiġu kkalkolati l-ispejjeż tar-rimi ta' dan l-iskart u li jinqasmu bejn id-diversi detenturi, inkwantu dawn iż-żewġ parametri huma tali li jinfluwenzaw direttament l-ammont tal-imsemmija spejjeż.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, abbażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi li ġew ippreżentati quddiemha, jekk it-taxxa fuq ir-rimi tal-iskart solidu urban intern twassalx għall-attribuzzjoni lil ċerti detenturi, f'dan il-każ stabbilimenti ta' lukandi, ta' spejjeż manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-volumi jew man-natura tal-iskart li huma jistgħu jipproduċu.

## *Viża, ażil u immigrazzjoni*

Jidher li hemm tendenza ta' żieda fin-numru ta' kawżi fil-qasam tal-ażil u l-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt kellha l-opportunità tinterpreta għall-ewwel darba diversi direttivi f'dan il-qasam.

F'dan is-sens, fil-kawża *Petrosian et* (sentenza tad-29 ta' Jannar 2009, C-19/08), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-proċedura tat-trasferiment ta' applikazzjoni għal ażil u b'hekk kellha l-opportunità tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 343/2003[38]. Il-familja Petrosian, ta' oriġini Armenja, kienet ressqet applikazzjoni għal ażil fi Franza u sussegwentement fl-Isvezja. L-awtoritajiet nazzjonali Svediżi xtaqu jibagħtu l-familja fi Franza iżda din id-deċiżjoni ġiet ikkontestata diversi drabi minn din il-familja u għalhekk it-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 20(1)(d) tar-regolament imsemmi kien laħaq skada. Dan it-terminu, li jiddekorri b'effett mid-"deċiżjoni wara appell jew reviżjoni", jippermetti lill-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni għal ażil jipproċedi bit-trasferiment filwaqt li l-iskadenza tiegħu għandha l-konsegwenza li tagħmel lil dan l-istess Stat responsabbli. Il-kwistjoni ċentrali f'din is-sentenza kienet dwar l-avveniment li jista' jiskatta t-terminu ta' sitt xhur.

[37] Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p. 9).

[38] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109).

Fir-risposta tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet skont jekk, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali, rikors għandux effett sospensiv jew le. B'hekk hija ddeċidiet li, meta ma jkunx previst li rikors ikollu effett sospensiv, it-terminu għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment jibda jiddekorri b'effett mid-deċiżjoni, espliċita jew impliċita, li permezz tagħha l-Istat Membru mitlub jaċċetta t-trasferiment jaċċetta li jieħu lura l-persuna kkonċernata. Għall-kuntrarju, meta l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li jitlob it-trasferiment tipprovdi għall-effett sospensiv ta' rikors, it-terminu għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment ma jibdiex jiddekorri b'effett mid-deċiżjoni ġudizzjarja provviżorja li tissospendi l-implementazzjoni tal-proċedura tat-trasferiment iżda biss b'effett mid-deċiżjoni ġudizzjarja li tiddeċiedi fuq il-mertu tal-proċedura u li ma tkunx għadha tista' tostakola din l-implementazzjoni. Fil-fatt, fid-dawl tal-għan imfittex mill-iffissar ta' terminu, fir-rigward tal-Istati Membri, il-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li l-Istati Membri jkollhom terminu ta' sitt xhur li huma mistennija jisfruttaw b'mod sħiħ sabiex jistabbilixxu l-modalitajiet tekniċi tat-twettiq tat-trasferiment. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-osservanza tal-protezzjoni ġudizzjarja u tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri.

Sussegwentement, fil-kawża *Elgafaji* (sentenza tas-17 ta' Frar 2009, C-465/07), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar il-portata tal-protezzjoni sussidjarja mogħtija mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/83/KE[39], dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati. Id-domanda magħmula kienet jekk il-kundizzjoni tal-eżistenza ta' "theddida serja u individwali għal ħajja [jew għall-persuna ta' pajżan] minħabba fi vjolenza [indiskriminata] f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern" prevista fl-Artikolu 15(ċ) tad-direttiva msemmija għandhiex tinftiehem, kif titlob il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sens li teżiġi li min jitlob il-protezzjoni sussidjarja għandu jressaq il-prova li huwa speċifikament affettwat minħabba elementi speċifiċi għas-sitwazzjoni tiegħu.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal din id-domanda kienet fin-negattiv. Hija l-ewwel nett affermat l-awtonomija tal-Artikolu 15 billi osservat li l-kontenut tiegħu huwa distint minn dak tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u, għalhekk, għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu. It-tieni nett, hija kkunsidrat li l-perikolu ddefinit fl-Artikolu 15(ċ) bħala li huwa kkostitwit minn "theddida serja u individwali għal ħajja [jew għall-persuna]" tal-applikant ikopri riskju ta' theddida iktar ġenerali miż-żewġ tipi l-oħra ta' perikoli ddefiniti fl-istess artikolu, bħalma hija l-piena kapitali, li jkopru sitwazzjonijiet li fihom l-applikant ikun speċifikament espost għal riskju ta' perikolu ta' tip partikolari. Barra minn hekk, it-theddid imsemmi huwa inerenti għal sitwazzjoni ġenerali ta' "konflitt armat internazzjonali jew intern".

Fl-aħħar nett, il-vjolenza inkwistjoni li kienet l-oriġini ta' dan it-theddid hija kkwalifikata bħala "indiskriminata", terminu li jimplika li din tista' testendi għal persuni mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li iktar ma l-applikant ikun kapaċi juri li huwa speċifikament affettwat minħabba elementi partikolari għas-sitwazzjoni personali tiegħu, inqas ser ikun għoli l-grad ta' vjolenza indiskriminata mitlub sabiex ikun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet billi enfasizzat li din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(ċ) hija kompletament kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u b'mod partikolari mal-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 3.

[39] Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

Finalment, id-domanda magħmula fil-kawżi magħquda *Zurita García u Choque Cabrera* (sentenza tat-22 ta' Ottubru 2009, C-261/08 u C-348/08) kienet tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (iktar 'il quddiem il-"KFS") u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jobbligawx lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jadottaw deċiżjoni ta' tkeċċija fil-konfront ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz li fir-rigward tiegħu jkun ġie stabbilit li jinsab f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju ta' Stat Membru. Il-fatti li wasslu għal dawn il-kawżi kienu jikkonċernaw lil Z. García u lil C. Cabrera, li fil-konfront tagħhom kienu ttieħdu żewġ deċiżjonijiet ta' tkeċċija minħabba li kienu jinsabu f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju Spanjol. Issa, skont il-liġi Spanjola u l-interpretazzjoni mogħtija lil din il-liġi, is-sanzjoni imposta f'dan il-każ għandha tkun limitata għal multa, fin-nuqqas ta' elementi supplimentari li jiġġustifikaw li minflok il-multa tiġi applikata t-tkeċċija. Għalhekk, Z. García u lil C. Cabrera ressqu azzjoni quddiem il-qorti nazzjonali li, min-naħa tagħha, għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-risposta tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi kkonstatat l-eżistenza ta' nuqqas ta' qbil bejn il-verżjoni Spanjola u l-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tat-test inkwistjoni. Madankollu, peress li l-verżjoni Spanjola kienet l-unika waħda fejn it-tkeċċija kienet tidher bħala obbligu u mhux bħala possibbiltà għall-awtoritajiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-rieda reali tal-leġiżlatur ma kinitx dik li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu ta' tkeċċija. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-KFS tiffavorixxi t-tluq volontarju taċ-ċittadin f'sitwazzjoni irregolari. Barra minn hekk, għalkemm il-KFS tipprovdi li, f'ċerti ċirkustanzi, ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitkeċċa mit-territorju tal-Istat Membru fejn inqabad, din il-konsegwenza hija madankollu suġġetta għall-kundizzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li huwa d-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jadotta, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet li taħthom għandha titwettaq it-tkeċċija, il-modalitajiet ta' kif għandhom jiġu applikati r-regoli bażiċi stabbiliti fil-KFS li jirrigwardaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' perijodu ta' soġġorn qasir fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li la l-KFS u lanqas il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ma jobbligaw lill-Istati Membri jadottaw deċiżjoni ta' tkeċċija fil-konfront ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju ta' Stat Membru.

### *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u dritt internazzjonali privat*

Is-sena 2009 kienet ikkaratterizzata minn numru ta' sentenzi importanti fil-qasam tad-dritt internazzjonali privat. Għandha tissemma, qabel kollox, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, *ICF* (C-133/08), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat għall-ewwel darba l-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali[40]. Adita b'diversi domandi dwar l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li din kienet ġiet konkluża sabiex jitkompla, fil-kamp tad-dritt internazzjonali privat, ix-xogħol ta' unifikazzjoni ġuridika mibdi permezz tal-Konvenzjoni ta' Brussell dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[41]. Skont il-Konvenzjoni ta' Ruma, il-partijiet huma liberi li jagħżlu l-liġi applikabbli għall-kuntratt li huma jikkonkludu. Fin-nuqqas ta' għażla, il-kuntratt għandu jkun irregolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu jkollu l-eqreb rabta. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tipprevedi preżunzjoni favur il-post ta' residenza tal-parti li tagħmel l-eżekuzzjoni li tikkaratterizza l-kuntratt u kriterji ta' rabta speċjali, b'mod partikolari għall-kuntratt ta' trasport ta' merkanzija. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kriterju ta' rabta previst fl-Artikolu 4(4) tal-konvenzjoni msemmija

[40] Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (ĠU C 169, 8.7.2005, p. 10).

[41] Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummercjali (ĠU 1972, L 299, p. 32).

japplika biss għal kuntratt ta' nolleġġ, li ma jkunx kuntratt għal "vjaġġ wieħed", meta l-għan ewlieni tal-kuntratt ma jkunx biss is-sempliċi provvista ta' mezz ta' trasport, iżda jkun it-trasport stess tal-merkanzija. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4(5) tal-konvenzjoni msemmija għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta miċ-ċirkustanzi kollha jirriżulta ċar li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabtiet ma' pajjiż li ma jkunx dak iddeterminat fuq il-bażi ta' wieħed mill-kriterji previsti fl-Artikolu 4(2) sa (4) tal-istess konvenzjoni, huwa l-kompitu tal-ġudikant li jwarrab dawn il-kriterji u japplika l-liġi tal-pajjiż li miegħu l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li parti mill-kuntratt tista', eċċezzjonalment, tiġi rregolata minn liġi differenti minn dik applikata għall-bqija tal-kuntratt meta l-għan ta' din il-parti jkun awtonomu.

L-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Regolament ta' Brussell I)[42], u tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968, dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Konvenzjoni ta' Brussell), wasslet ukoll għal diversi kawżi li ta' min jissemmew. Il-kawża *Apostolides* (sentenza tat-28 ta' April 2009, C-420/07) taf l-oriġini tagħha fid-diviżjoni ta' Ċipru wara l-intervent tas-suldati Torok fl-1974. Ir-Repubblika ta' Ċipru, li saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004, effettivament tikkontrolla biss il-parti ta' isfel tal-gżira filwaqt li l-parti ta' fuq issejjaħ lilha nnifisha r-Repubblika Torka ta' Ċipru ta' Fuq, li hija rrikonoxxuta biss mit-Turkija. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Protokoll anness mal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru jissospendi l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju fiż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv. Adita minn ċittadin Ċiprijott b'kawża intiża li jiġu rrikonoxxuti u eżegwiti żewġ sentenzi mogħtija minn qorti stabbilita fil-parti ta' isfel tal-gżira li jordnaw lil żewġ ċittadini Brittaniċi joħorġu minn proprjetà li tinsab fil-parti ta' fuq, il-qorti tar-rinviju, qorti tar-Renju Unit, għamlet diversi domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001. Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett iddeċidiet li d-deroga prevista fil-Protokoll ma tipprekludix l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 fil-konfront ta' sentenza mogħtija minn qorti Ċiprijotta sedenti fiż-żona kkontrollata mill-Gvern, iżda li tikkonċerna proprjetà li tinsab fiż-żona ta' fuq tal-gżira. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-fatt li l-proprjetà tinsab f'żona li fuqha l-Gvern ma jeżerċitax kontroll effettiv u, għalhekk, il-fatt li s-sentenzi inkwistjoni ma jistgħux, fil-prattika, jiġu eżegwiti fil-post fejn tinsab il-proprjetà, ma jipprekludux ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fi Stat Membru ieħor. Il-punt 1 tal-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 44/2001 jikkonċerna, fil-fatt, il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-Istati Membri u mhux il-kompetenza interna tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll, fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku tal-Istat Membru fejn tintalab l-eżekuzzjoni, li qorti ma tistax, għaliex inkella tippreġudika l-għan tar-Reoglament Nru 44/2001, tiċħad ir-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor minħabba s-sempliċi raġuni li hija tqis li d-dritt nazzjonali jew id-dritt Komunitarju ġie applikat b'mod żbaljat. F'sitwazzjoni bħal din, l-eċċezzjoni tapplika biss sa fejn l-iżball ta' liġi jimplika li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza jikkostitwixxu ksur manifest ta' regola ta' dritt essenzjali fis-sistema legali interna tal-Istat Membru kkonċernat. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija inkontumaċja ma jistgħux jiġu rrifjutati meta l-konvenut seta' jippreżenta rikors kontra s-sentenza mogħtija inkontumaċja u meta permezz ta' dan ir-rikors huwa seta' jsostni li l-att promotur jew l-att ekwivalenti ma kienx ppreżentat jew innotifikat lilu fil-ħin u b'tali mod li seta' jiddefendi ruħu.

[42] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42)

Fil-kawża *Allianz (li kienet Riunione Adriatica di Sicurta)* (sentenza tal-10 ta' Frar 2009, C-185/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ladozzjoni, minn qorti ta' Stat Membru, ta' ordni intiża li tipprojbixxi lil persuna milli tibda jew issegwi proċedura quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor ("anti-suit injunction"[43]), għar-raġuni li din il-proċedura tmur kontra ftehim ta' arbitraġġ, hija inkompatibbli mar-Regolament Nru 44/2001. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' "antisuit injunction" ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tarRegolament Nru 44/2001 iżda jista' jkollha konsegwenzi li jikkawżaw ħsara għall-effettività tiegħu. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, meta din il-proċedura timpedixxi lil qorti ta' Stat Membru milli teżerċita l-ġurisdizzjoni li ġiet assenjata lilha taħt ir-Regolament Nru 44/2001. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċiediet li, jekk, minħabba s-suġġett talkawża, jiġifieri minħabba nnatura tad-drittijiet li hija intiża li tipproteġi, proċedura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, kwistjoni preliminari dwar l-applikabbiltà ta' ftehim ta' arbitraġġ taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Minn dan isegwi li l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ibbażata fuq l-eżistenza ta' ftehim ta' arbitraġġ, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tarRegolament Nru 44/2001 u li għalhekk hija biss ilqorti li għandha tiddeċiedi fuq din l-eċċezzjoni, kif ukoll fuq il-ġurisdizzjoni tagħha stess, skont irregolament imsemmi. Il-fatt li, permezz ta "anti-suit injunction", qorti ta' Stat Membru, li normalment għandha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament Nru 44/2001, tiġi prekluża milli tiddeċiedi dwar l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament għall-kawża li titressaq quddiemha, ifisser neċessarjament li tkun tneħħiet is-setgħa ta' din il-qorti li tiddeċiedi fuq il-ġurisdizzjoni tagħha stess. Għalhekk, "anti-suit injunction" ma tosservax il-prinċipju ġenerali li kull qorti li quddiemha titressaq il-kawża għandha tiddeċiedi hija stess, skont irregoli li hija għandha tapplika, jekk għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża li titressaq quddiemha. Barra minn hekk, "anti-suit injunction" tmur kontra l-fiduċja li l-Istati Membri jagħtu reċiprokament lis-sistemi legali tagħhom kif ukoll lill-istituzzjonijiet ġuridiċi tagħhom. Hija għalhekk mhijiex kompatibbli mar-Regolament Nru 44/2001.

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 kien ukoll il-qofol tal-kawża *SCT Industri* (sentenza tat-2 ta' Lulju 2009, C-111/08). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan ir-regolament ma japplikax għal azzjoni rivendikatorja ta' proprjetà mibdija fil-kuntest ta' proċedimenti ta' falliment. B'mod iktar preċiż, fid-dawl tar-rabta mill-qrib bejnha u l-proċedimenti ta' falliment, azzjoni intiża għall-annullament ta' ċessjoni ta' ishma li saret minn kuratur fil-kuntest ta' proċedimenti ta' falliment taqa' taħt l-eċċezzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 fir-rigward tal-fallimenti.

Wara li fil-kawża *Color Drack* (sentenza tat-3 ta' Mejju 2007, C-386/05, Ġabra p. I-3699) kienet iddeċidiet dwar il-kuntratti ta' bejgħ ta' merkanzija li jipprevedu diversi postijiet ta' kunsinna, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha, fil-kawża *Rehder* (sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, C-204/08), kuntratti ta' provvista ta' servizzi li jipprevedu diversi postijiet għall-provvista tas-servizzi u, b'mod iktar partikolari, kuntratt ta' trasport bl-ajru. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materji kuntrattwali prevista fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 44/2001 tissodisfa l-għan ta' prossimità u hija mmotivata mill-eżistenza ta' rabta mill-qrib bejn il-kuntratt u l-qorti li tintalab tisma' l-kawża dwar dan il-kuntratt. Għalhekk, fid-dawl tal-għanijiet ta' prossimità u ta' prevedibbiltà, fil-każ ta' diversi postijiet għall-provvista tas-servizzi fi Stati Membri differenti, għandu jiġi ddeterminat il-post li jiżgura r-rabta l-iktar mill-qrib bejn il-kuntratt u l-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni, b'mod partikolari dak fejn, skont il-kuntratt, għandha titwettaq il-provvista prinċipali tas-servizzi. Fil-każ ta' trasport bl-ajru ta' persuni minn Stat Membru għal ieħor, magħmul abbażi ta' kuntratt konkluż ma' kumpannija waħda tal-ajru, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' talba għal kumpens ibbażata fuq dan il-kuntratt ta' trasport u fuq ir-Regolament (KE) Nru 261/2004, li

[43] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' April 2004, *Turner* (C-159/02, Ġabra p. I-3565).

jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens għal passiġġieri[44], hija dik, skont l-għażla tar-rikorrent, li fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha jinsab il-post tat-tluq jew tal-wasla tal-ajruplan.

Fis-sentenza tat-2 ta' April 2009, *Gambazzi* (C-394/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kunċett ta' "sentenza" fis-sens tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni li jinsabu fil-Konvenzjoni ta' Brussell, kif ukoll dwar il-portata tal-motiv tar-rifjut ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni bbażat fuq ksur tal-ordni pubbliku tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sentenza u ta' digriet mogħtija inkontumaċja huma "sentenzi" meta jkunu ngħataw fi proċeduri ċivili li, bħala regola, isegwu l-prinċipju tal-kontradittorju. Fil-fatt, l- Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Brussell jirreferi għas-sentenzi kollha mogħtija mill-qrati tal-Istati Kontraenti, mingħajr ma jagħmel distinzjoni bejniethom. Sabiex tali sentenzi jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li, qabel ma jkun intalab ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tagħhom huma kienu, jew setgħu jkunu s-suġġett, fl-Istat ta' oriġini, ta' inkjesta kontradittorja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-fatt li l-qorti ddeċidiet bħallikieku l-konvenut, li kien deher debitament quddiemha, kien kontumaċi mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi kkontestata l-kwalifikazzjoni bħala "sentenza". Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza tista' tikkunsidra, fid-dawl tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku, il-fatt li l-qorti tal-Istat ta' oriġini ddeċidiet dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrent mingħajr ma semgħet lill-konvenut, li deher debitament quddiemha iżda li ġie eskluż mill-kawża permezz ta' digriet għaliex ma ssodisfax l-obbligi imposti permezz ta' digrieti oħra mogħtija preċedentement fil-kuntest tal-istess kawża. L-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku tista' tiġi invokata jekk jidher li l-miżura ta' esklużjoni kienet ksur manifest u sproporzjonat tad-dritt għal smigħ tal-konvenut. L-istħarriġ tal-qorti tar-rinviju għandu jirrigwarda mhux biss il-kundizzjonijiet li fihom ittieħdu s-sentenzi li tagħhom qed tintalab l-eżekuzzjoni, iżda wkoll il-kundizzjonijiet li fihom ingħataw id-digrieti, b'mod partikolari dwar il-verifika tar-rimedji tad-dritt li l-konvenut kellu għad-dispożizzjoni tiegħu u tal-possibbiltà li l-konvenut jinstema'.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta wkoll ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000[45]. Ta' min isemmi, l-ewwel nett, il-kawża *Hadadi* (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, C-168/08), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kriterju taċ-ċittadinanza tal-konjuġi fl-għażla tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' divorzju. Din il-kawża kienet tikkonċerna żewġ konjuġi li tnejn li huma kellhom ċittadinanza doppja Franċiża u Ungeriża u li kull wieħed minnhom kien ippreżenta rikors għal divorzju f'wieħed minn dawn iż-żewġ pajjiżi. Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi kkonstatat li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jagħmilx distinzjoni skont jekk persuna għandhiex ċittadinanza waħda jew iktar minn waħda. Għaldaqstant, id-dispożizzjoni ta' dan ir-regolament li tipprovdi li huma l-qrati tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-konjuġi li għandhom ġurisdizzjoni ma tistax tiġi interpretata mod jekk iż-żewġ konjuġi għandhom l-istess ċittadinanza doppja u mod ieħor jekk għandhom biss l-istess ċittadinanza. Meta ż-żewġ konjuġi jkollhom kemm iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru li fih tinsab il-qorti adita u dik ta' Stat Membru ieħor, il-qorti adita għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konjuġi għandhom ukoll iċ-ċittadinanza tal-Istati Membru l-ieħor u li l-qrati ta' dan tal-aħħar setgħu kellhom ġurisdizzjoni skont ir-regolament imsemmi. Il-Qorti

[44] Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p10).

[45] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

tal-Ġustizzja kompliet billi osservat li r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' divorzju previsti fir-regolament imsemmi huma bbażati fuq diversi kriterji oġġettivi alternattivi u fuq l-assenza ta' ġerarkija bejn id-diversi kapijiet ta' ġurisdizzjoni. Għaldaqstant, il-koeżistenza ta' diversi qrati li għandhom ġurisdizzjoni hija permessa, mingħajr ma hija stabbilita ġerarkija bejniethom. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta kull wieħed mill-konjuġi jkollu ċittadinanza tal-istess żewġ Stati Membri, ir-Regolament Nru 2201/2003 jipprekludi li l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri tiġi eskluża minħabba l-fatt li r-rikorrent ma jkollux elementi ta' rabta oħra ma' dan l-Istat. Hija ppreċiżat ukoll li l-qrati tal-Istati Membri li tagħhom il-konjuġi għandhom iċ-ċittadinanza għandhom ġurisdizzjoni skont dan ir-regolament, u l-konjuġi jistgħu jagħżlu l-qorti tal-Istat Membru li quddiemha ser tinstema' l-kawża.

It-tieni nett, ta' min isemmi l-kawża *A* (sentenza tat-2 ta' April 2009, C-523/07), fejn għall-ewwel darba l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "residenza abitwali" ta' minuri bħala kriterju li jiddetermina l-ġurisdizzjoni tal-qrati fi kwistjonijiet dwar l-awtorità tal-ġenituri. Peress li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jagħmel ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tat-tifsira u l-portata tal-kunċett ta' "residenza abitwali", il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan huwa kunċett awtonomu. Fid-dawl tal-kuntest u tal-għan ta' dan ir-regolament, ir-residenza abitwali tikkorrispondi mal-post li jirrifletti ċerta integrazzjoni tal-minuri f'ambjent soċjali u familjari. Għandhom b'mod partikolari jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tul, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru u tat-trasferiment tal-familja f'dan l-Istat, iċ-ċittadinanza tal-minuri, il-post u l-kundizzjonijiet ta' tagħlim, il-konoxxenzi lingwistiċi kif ukoll ir-rapporti familjari u soċjali tal-minuri f'dan l-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi enfasizzat li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina r-residenza abitwali tal-minuri billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali kollha partikolari għal kull każ. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat is-sistema ta' miżuri urġenti jew protettivi fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu ordnati minn qorti nazzjonali jekk ikunu urġenti, jekk ikollhom jittieħdu fir-rigward ta' persuni preżenti fl-Istat Membru kkonċernat u jekk ikunu ta' natura provviżorja. L-implementazzjoni ta' dawn il-miżuri, adottati sabiex jiġu protetti l-aqwa interessi tal-minuri, kif ukoll in-natura vinkolanti tagħhom, huma stabbiliti b'mod konformi mad-dritt nazzjonali. Ladarba l-miżura protettiva tkun implementata, il-qorti nazzjonali ma għandhiex għalfejn tirreferi l-kawża lill-qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha ġurisdizzjoni. Madankollu, jekk il-protezzjoni tal-aqwa interessi tal-minuri teżiġi hekk, il-qorti nazzjonali li tkun iddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni, għandha tinforma b'dan lill-qorti ta' Stat Membru ieħor li jkollha ġurisdizzjoni.

Is-servizz u n-notifika ta' atti notarili adottati f'kuntest li ma jinvolvi ebda proċeduri ġudizzjarji kienu s-suġġett tas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2009, *Roda Golf & Beach Resort* (C-14/08). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "dokument extra-ġudizzjarju" fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali[46], huwa kunċett tad-dritt Komunitarju. Fil-fatt, l-għan tat-Trattat ta' Amsterdam li joħloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u t-trasferiment, mit-Trattat UE lejn it-Trattat KE, tas-sistema li tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri li jaqgħu taħt il-qasam ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom effett transkonfinali jixhdu r-rieda tal-Istati Membri li jdaħħlu tali miżuri fis-sistema legali Komunitarja u li jistabbilixxu b'hekk il-prinċipju tal-interpretazzjoni awtonoma tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-servizz u n-notifika ta' att notarili f'kuntest li ma jinvolvix proċeduri ġudizzjarji jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1348/2000. Fil-fatt, peress li s-sistema ta'

[46] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, tad-29 ta' Mejju 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 227)

servizz u ta' notifika intra-Komunitarja għandha bħala għan il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kooperazzjoni ġudizzjarja msemmija fl-Artikolu 65 KE u fir-Regolament Nru 1348/2000 ma tistax tkun limitata biss għall-proċeduri ġudizzjarji. Din il-kooperazzjoni tista' timmanifesta ruħha wkoll f'kuntest li ma jinvolvix tali proċeduri sa fejn l-imsemmija kooperazzjoni jkollha effett transkonfinali u tkun neċessarja għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' dokument extra ġudizzjarju ma toħloqx riskju li jiġi impost ammont eċċessiv ta' xogħol fid-dawl tar-riżorsi tal-qrati nazzjonali, peress li, minn naħa, l-Istati Membri jistgħu wkoll jindikaw bħala aġenziji li jittrażmettu jew aġenziji li jirċievu, għall-finijiet tas-servizz u tan-notifika, entitajiet oħra għajr dawn il-qrati u, min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-possibbiltà li s-servizz jew in-notifika lill-persuni li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor issir direttament bil-posta.

## *Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali*

Fil-kawża *Wolzenburg* (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, C-123/08), il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar il-kwistjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tipprevedi trattament differenti għaċ-ċittadini nazzjonali u għaċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra fir-rigward tar-rifjut li jiġi eżegwit mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li kienet tipprovdi għaċ-ċittadini nazzjonali, il-leġiżlazzjoni Olandiża li timplementa d-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew[47], kienet tipprevedi eċċezzjoni għal din l-eżekuzzjoni għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li iżda kienet suġġetta għall-kundizzjoni li dawn tal-aħħar kienu residenti, b'mod legali, għal perijodu kontinwu ta' ħames snin fil-Pajjiżi l-Baxxi u li jkollhom permess ta' residenza għal żmien indefinit. Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi kkonstatat li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 KE huwa applikabbli peress li, fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' deċiżjoni qafas adottata fuq il-bażi tat-Trattat UE, l-Istati Membri ma jistgħux jippreġudikaw id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-libertà rikonoxxuta lil kull ċittadin tal-Unjoni li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad indikat li l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jkun involut ċittadin tal-Unjoni, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tal-mandat ma jistax, minbarra kundizzjoni marbuta mat-tul tar-residenza, jissuġġetta l-applikazzjoni tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat imsemmi għal rekwiżiti amministrattivi addizzjonali, bħall-pussess ta' permess ta' residenza għal żmien indefinit. Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 12 KE ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ta' eżekuzzjoni li bis-saħħa tagħha l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' dan l-Istat tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra wieħed miċ-ċittadini tiegħu għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija, filwaqt li tali rifjut, meta jkun involut ċittadin ta' Stat Membru ieħor li jkollu dritt ta' residenza bħala ċittadin tal-Unjoni huwa suġġett għall-kundizzjoni li dan iċ-ċittadin kien residenti b'mod legali għal perijodu kontinwu ta' ħames snin fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru ta' eżekuzzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiġġustifika din is-soluzzjoni billi tosserva li din il-kundizzjoni, minn naħa, għandha l-għan li tiżgura li ċittadin ta' Stat Membru ieħor ikun integrat biżżejjed fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u, min-naħa l-oħra, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

47 Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34; rettifika fil-ĠU L 17, 22.1.2009, p. 45).

# B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja



(Ordni Protokollari fl-14 ta' Diċembru 2009)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

C. Toader u E. Levits, Presidenti ta' Awla; P. Mengozzi, Avukat Ġenerali Prinċipali; K. Lenaerts u A. Tizzano, Presidenti ta' Awla; V. Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja; J. N. Cunha Rodrigues, J.-C. Bonichot, R. Silva de Lapuerta u P. Lindh, Presidenti ta' Awla; C. W. A. Tirmans, Imħallef.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L. Bay Larsen, U. Lõhmus, M. Ilešič, G. Arestis u P. Kūris, Imħallfin; J. Kokott, Avukat Ġenerali; A. Rosas, K. Schiemann, E. Juhász, A. Borg Barthet, J. Malenovský u A. Ó Caoimh, Imħallfin.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

P. Cruz Villalón, Avukat Ġenerali; M. Berger, M. Safjan, A. Arabadjiev u T. von Danwitz, Imħallfin; Y. Bot, E. Sharpston, J. Mazák u V. Trstenjak, Avukati Ġenerali; J.-J. Kasel u D. Šváby, Imħallfin; N. Jääskinen, Avukat Ġenerali; R. Grass, Reġistratur.

# 1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



**Vassilios Skouris**

Imwieled fl-1948; gradwat fil-Liġi mill-Università libera ta' Berlin (1970); irċieva d-Dottorat fid-Dritt Kostituzzjonali u Amministrattiv fl-Università ta' Amburgu (1973); Assistent Professur fl-Università ta' Amburgu (1972-1977); Professur fid-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Bielefeld (1978); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru tal-Affarijiet Interni (fl-1989 u fl-1996); membru tal-Kumitat Amministrattiv fl-Università ta' Kreta (1983-1987); Direttur taċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (1997-2005); President tal-Assoċjazzjoni Griega għad-Dritt Ewropew (1992-1994); membru tal-Kumitat tar-Riċerka Nazzjonali Griega (1993-1995); membru tal-Kumitat Superjuri għas-selezzjoni tal-impjegati għas-servizz pubbliku Grieg (1994-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Akkademja tad-Dritt Ewropew ta' Trier (mill-1995); membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kulleġġ Nazzjonali Grieg tal-Maġistratura (1995-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1997-1999); President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Peter Jann**

Imwieled fl-1953; dottorat fid-dritt fl-Università ta' Vjenna (1957) ; nominat bħala mħallef u assenjazzjoni fil-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (1961); imħallef fil-qasam tal-istampa fis-Straf-Bezirksgericht ta' Vjenna (1963-1966); kelliem għall-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (1966-1970); wara wettaq funzjonijiet fid-diviżjoni internazzjonali fl-istess ministeru; kunsillier għall-Kummissjoni tal-Ġustizzja u kelliem fil-Parlament (1973-1978) nominat bħala membru tal-Qorti Kostituzzjonali (1978) ; imħallef relatur permanenti f'din il-Qorti sa l-aħħar tal-1994; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mid-19 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2009.



**Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer**

Imwieled fl-1949; imħallef; maġistrat fil-Consejo General Del Poder Judicial (Kunsill superjuri tal-maġistratura); professur; kap tal-kabinett tal-president tal-Kunsill tal-Maġistratura; imħallef ad hoc tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; maġistrat tat-Tribunal Suprem mill-1996; Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja mid-19 ta' Jannar 1995 sal-12 ta' Novembru 2009, id-data tal-mewt tiegħu.



**Antonio Tizzano**

Imwieled fl-1940; professur tad-dritt Ewropew fl-Università La Sapienza, ta' Ruma; professur fl-universitajiet "Istituto Orientale" (1969-1979) u "Federico II" ta' Napli (1979-1992), ta' Catania (1969-1977) u ta' Mogadishu (1967-1972); avukat fil-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana; Kunsillier ġuridiku fir-rappreżentanza permanenti tar-Repubblika Taljana għall-Komunitajiet Ewropej (1984-1992); membru tad-delegazzjoni Taljana fin-negozjati dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej, dwar l-Att Uniku Ewropew u dwar it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet, fosthom kuntarji fuq it-Trattati Ewropej u l-Kodiċi tal-Unjoni Ewropea; fundatur u direttur mill-1996 tar-rivista "Il Diritto dell'Unione Europea"; membru tal-kumitati ta' direzzjoni jew redazzjoni ta' diversi rivisti ġuridiċi; relatur f'diversi kungressi internazzjonali, konferenzi u korsijiet f'diversi istituzzjonijiet internazzjonali, fosthom l-Académie de droit international ta' Den Haag (1987); membru tal-grupp ta' esperti independenti maħtura sabiex jeżaminaw il-finanzi tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1999); Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sat-3 ta' Mejju 2006; Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



**José Narciso da Cunha Rodrigues**

Imwieled fl-1940; Funzjonijiet ġudizjarji diversi (1964-1977); inkarigat b'diversi missjonijiet għall-Gvern in vista tar-realizzazzjoni u tal-koordinament tal-istudji tar-Riformi tas-Sistema Ġudizzjarji; aġent tal-Gvern fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1980-1984); espert fi ħdan l-iSteering Committee tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa (1980-1985); Membru tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Kodiċi Penali u l-Kodiċi tal-Proċedura Penali; Procurador-Geral da República (1984-2000); membru tal-Kumitat tas-Sorveljanza tal-Uffiċċju tal-Ġlieda kontra l-Frodi tal-Unjoni Ewropea (OLAF) (1999-2000); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000.



**Christiaan Willem Anton Tirmans**

Imwieled fl-1941; Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1966-1969); funzjonarju tal-Kummisjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1969-1977); dottorat fid-dritt (Università ta' Leiden); professur fid-Dritt Ewropew fl-Università ta' Groningue (1977-1989); Imħallef Aġġunt fil-Qorti tal-Appell ta' Arnhem; responsabbli għal diversi publikazzjonijiet; Direttur Ġenerali Aġġunt fis-servizzi legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1989-2000); Professur tad-Dritt Ewropew fl-Uuniversità ta' Amsterdam; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000.



**Allan Rosas**

Imwieled fl-1948; dottorat fid-dritt fl-Università ta' Turku (Finlandja); professur tal-liġi fl-Università ta' Turku (1978-1981) u fl-Åbo Akademi (Turku/Åbo) (1981-1996); Direttur ta' l'Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-istess akkademja (1985-1995); diversi inkarigi universitarji ta' responsabbilta, nazzjonali u internazzjonali; membru tas-soċjetajiet xjentifiċi; koordinazzjoni ta' diversi proġetti u programmi ta' riċerka, nazzjonali u internazzjonali, partikolarment fis-suġġetti segwenti: dritt komunitarju, dritt internazzjonali, drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali, dritt kostituzzjonali u amministrazzjoni pubblika komparata; rappreżentant tal-gvern Finlandiż bħala membru jew kunsillier tad-delegazzjonijiet Finlandiżi f`diversi konferenzi u laqgħat internazzjonali; funzjonijiet ta' espert tal-ħajja ġuridika Finlandiża, partikolarment fi ħdan il-kummissjonijiet ġuridiki governattivi jew parlamentari fil-Finlandja, kif ukoll tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' l'UNESCO, tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u tal-Kunsill tal-Ewropa; mill-1959, kunsillier ġuridiku prinċipali fis-servizzi ġuridiċi tal-Kummissjoni Ewropea, responsabbli għar-relazzjonijiet barranin; minn Marzu 2001, direttur ġenerali aġġunt tas-servizz ġuridiku tal-Kummissjoni Ewropea; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-17 ta' Jannar 2002.



**Rosario Silva de Lapuerta**

Imwielda fl-1945; gradwata fid-dritt (Université Complutense de Madrid); abogado del Estado f' Málaga; abogado del Estado fis-servizz ġuridiku fil-Ministeru tat-Transport, tat-Turiżmu u tal-Komunikazzjoni, wara fis-servizz ġuridiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin; abogado del Estado-Jefe tas-servizz ġuridiku tal-Istat, responsabbli minn proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u viċi-Direttur Ġenerali fis-servizz tal-assistenza ġuridika komunitarja u internazzjonali ta' l`Abogacia General del Estado (Ministeru tal-Ġustizzja); membru tal-Grupp ta' Riflessjoni tal-Kummisjoni fuq il-Ġejjieni tas-Sistema Ġudizzjarja Komunitarja; Kap tad-Delegazzjoni Spanjola tal-Grupp "Amis de la Présidence" għar-Riforma tas-Sistema Ġurisdizzjonali Komunitarja fit-trattat ta' Nizza u tal-grupp ad hoc "Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; professur tad-Dritt Komunitarja fl-Iskola Diplomatika ta' Madrid; kodirettur tar-rivista "Noticias de la Unión Europea"; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Koen Lenaerts**

Imwieled fl-1945; lic.iuris, Ph.D. fid-dritt (Katholieke Universiteit Leuven); Master of Laws, Master in Public Administration (Harvard University); professur fil-Katholieke Universiteit Leuven; visiting professor fl-universitajiet ta' Burundi, ta' Strasburg u fil-Harvard University; professur fil-Collège d'Europe ta' Bruges; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja; avukat fil-Qorti ta' Brussel; Imħallef tal-Qorti tal-Prim`Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2003; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Juliane Kokott**

Imwielda fl-1957; studjat il-liġi (Universitajiet ta' Bonn u ta' Ġinevra); LL.(American University/Washington D.C.); Dottorat fil-Liġi (Università ta' Heidelberg, 1985; Università ta' Harvard, 1990); visiting professor fl-Università ta' Berkeley (1991); Professur tad-Dritt Pubbliku Ġermaniż u barrani, tad-Dritt Internazzjonali u tad-Dritt Ewropew fl-Universitajiet ta' Augsburg (1992), Heidelberg (1993) u Düsseldorf (1994); Deputat-Imħallef għall-gvern Ġermaniz fil-Qorti Internazzjonali tal-Konċiljazzjoni u Arbitraġġ tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE); Viċi President tal-Kunsill Konsultattiv Federali fuq it-Tibdil Globali (WBGU, 1996); Professur tad-Dritt Internazzjonali, tad-Dritt Internazzjonali tan-Negozju u tad-Dritt Ewropew fl-Università ta' St. Gallen (1999); Direttur tal-Istitut tad-Dritt Ewropew u d-Dritt Internazzjonali tan-Negozju fl-Università ta' St.Gallen (2000); Direttur Aġġunt tal-Programm ta' Speċjalizzazzjoni fid-Dritt tan-Negozju fl-Università ta' St. Gallen (2001); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Luís Miguel Poiares Pessoa Maduro**

Imwieled fl-1967; gradwat fid-dritt (Università ta' Lisbona, 1990); assistent (Istitut Universitarju Ewropew, 1991); dottorat fid-dritt (Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, 1996); visiting professor (London School of Economics; Collège d'Europe f`Natolin, Institut Ortega y Gassett ta' Madrid; Università Kattolika portugiża; Istitut tal-Istudji Ewropej f` Macao); professur (Università Awtonoma ta' Lisbona, 1997); Fulbright Visiting Research Scholar (Università ta' Harvard, 1998); kodirettur tal-Akkademja tad-Dritt Kummerċjali Internazzjonali; koeditur (Hart Series on European Law and Integration, European Law Journal) u membru tal-kumitat ta' redazzjoni ta' diversi rivisti ġuridiċi varji; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003 sas-6 ta' Ottubru 2009.



**Konrad Hermann Theodor Schiemann**

Imwieled fl-1937; gradwat fid-dritt f'Cambridge University; barrister (1964-1980); Queen's Counsel (1980-1986); Imħallef fil-High Court of England and Wales (1986-1995); Lord Justice of Appeal (1995-2003); membru anzjan tal- Honourable Society of the Inner Temple mill-1985, u teżorier (2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Jannar 2004.



**Jerzy Makarczyk**

Imwieled fl-1938; duttur tal-liġi (1966), professur tad-dritt internazzjonali pubbliku (1974), Visiting Fellow mal-Università ta' Oxford (1985), professur mal-Università Kristjana Internazzjonali ta' Tokyo (1988); awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet dwar id-dritt internazzjonali pubbliku, id-dritt komunitarju u d-drittijiet tal-bniedem; membru ta' diversi soċjetajiet ta' nies esperti fil-qasam tad-dritt internazzjonali, dritt Ewropew u d-drittijiet tal-bniedem; negozjatur tal-Gvern Pollakk għall-irtirar tat-truppi Pollakki mit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja; sotto segretarju tal-Istat, imbagħad segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin (1989-1992); president tad-delegazzjoni Pollakka għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti; Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1992-2002); president tal-Istitut tad-Dritt Internazzjonali (2003); konsulent tal-President tar-Repubblika tal-Polonja għall-politika barranija u d-drittijiet tal-bniedem (2002-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004 sas-6 ta' Ottubru 2009.



**Pranas Kūris**

Imwieled fl-1938; iggradwa fid-dritt mill-Università ta' Vilnius (1961); dottorat fi x-xjenzi legali mill-Università ta' Moska; awtorizzat sabiex jgħallem il-liġi (Dr. hab), Università ta' Moska (1973); assistent riċerkatur mal-Institut des Hautes Études International (Direttur: Prof. C. Rousseau); Università ta' Pariġi (1967-1968); membru tal-Akkademja tax-Xjenzi tal-Litwanja (1996); duttur honoris causa tal-Università tad-dritt tal-Litwanja (2001); varji inkarigi ta' tagħlim u inkarigi amministrattivi mal-Università ta' Vilnius (1961-1990); lecturer, assistent professur u professur tad-Dritt Pubbliku Internazzjonali u dekan tal-Fakultà tal-Liġi; numru ta' inkarigi governattivi mas-servizz diplomatiku u mal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Litwanja; Ministru tal-Ġustizzja (1990-1991), Membru tal-Kunsill tal-Istat (1991), ambaxxatur tar-Repubblika tal-Litwanja għall-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda (1992-1994); Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn Ġunju 1994); Imħallef fil-Qorti Suprema tal-Litwanja u, sussegwentement, il-President tal-istess Qorti (Diċembru 1994 – Ottubru 1998); ipparteċipa f'numru ta' konferenzi internazzjonali; membru tad-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja għan-negozjati mal-Unjoni Sovjetika (1990-1992); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet (madwar 200); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Endre Juhász**

Imwieled fl-1944; iggradwa fid-dritt mill-Università ta' Szeged, Ungerija (1967); Eżamijiet għall-ammissjoni fl-Avukatura Ungeriża (1970); studji post-graduate fid-Dritt Komparattiv, Università ta' Strasbourg, Franza (1969, 1970, 1971, 1972); Uffiċjal fid-Dipartiment tal-Liġi tal-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1966-1974), Direttur għal affarijiet leġiżlattivi (1973-1974); First Corcial Secretary fl-Ambaxxata Ungeriża, Brussell, responsabbli għal affarijiet komunitarji (1974-1979); Direttur fil-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1979-1983); First Corcial Secretary, imbagħad Konsulent kummerċjali għall-Ambaxxata Ungeriża f'Washington DC, USA (1983-1989); Direttur Ġenerali mal-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1989-1991); negozjatur prinċipali fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Ungerija u l-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom (1990-1991); segretarju ġenerali mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali, kap tal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej (1992); Segretarju tal-Istat mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1993-1994); Segretarju tal-Istat, president tal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej, Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ (1994); Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju, kap tal-missjoni diplomatika tar-Repubblika Ungeriża għall-Unjoni Ewropea (Jannar 1995 – Mejju 2003); negozjatur prinċipali għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea (Lulju 1998 – April 2003); Ministru bla portafoll għall koordinazzjoni ta' affarijiet dwar l-integrazzjoni Ewropea (minn Mejju 2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**George Arestis**

Imwieled fl-1945; iggradwa fil-Liġi mill-Università ta' Ateni (1968); M.A. fil-Politika Kumparattiva u Gvern, Università ta' Kent f'Canterbury (1970); ipprattika bħala Avukat f'Ċipru (1972-1982); Maħtur Imħallef ta' Qorti Distrettwali (1982); promoss għall-kariga ta' President ta' Qorti Distrettwali (1995); President Amministrattiv tal-Qorti Distrettwali ta' Nikożija (1997-2003); Imħallef tal-Qorti Suprema ta' Ċipru (2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Anthony Borg Barthet U.O.M.**

Imwieled fl-1947; duttur tal-liġi mir-Royal University of Malta fl-1973; daħal fis-Servizz taċ-Ċivil Malti bħala Nutar tal-Gvern fl-1975; Avukat tar-Repubblika fl-1978, Avukat anzjan tar-Repubblika fl-1979, Deputat Avukat Ġenerali fl-1988 u maħtur Avukat Ġenerali mill-President ta' Malta fl-1989; Lecturer part-time tad-dritt ċivili fl-Università ta' Malta; Membru tal-Kunsill tal-Università ta' Malta (1998-2004); Membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (1998-2004); Membru tal-Bord tad-Diretturi taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Marko Ilešič**

Imwieled fl-1947; duttur tal-liġi (Università ta' Ljubljana); speċjalizzat fid-dritt kumparat (Universitajiet ta' Strasbourg u ta' Coimbra); Membru tal-Avukatura; Imħallef tal-Qorti tax-Xogħol, Ljubljana (1975-1986); President tat-Tribunal tal-Isports (1978-1986); Arbitru fil-Qorti tal-Arbitraġġ tal-kumpannija tal-Assigurazzjoni Triglav; Chairman tas-Sezzjoni tal-Appell tal-Borża (mill-1995); Arbitru tal-qorti tal-arbitraġġ tal-Borża (mill-1998); Arbitru tal-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali f'Pariġi; Imħallef fil-bord tal-appelli tal-UEFA (mill-1988) u tal-FIFA (mill-2000); President tal-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet ta' Avukati Sloveni; membru tal-assoċjazzjoni tad-dritt internazzjonali, tal-Kumitat Marittimu Internazzjonali u ta' diversi soċjetajiet legali internazzjonali oħra; professur tad-dritt ċivili, tad-dritt kummerċjali u tad-dritt internazzjonali privat; dekan tal-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Ljubljana; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet legali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Jiří Malenovský**

Imwieled fl-1950; duttur tal-liġi miċ-Charles University ta' Praga (1975); membru iktar anzjan tal-Fakultà (1974-1990), Viċi dekan (1989-1991) u Kap tad-Dipartiment tad-dritt internazzjonali u tad-dritt ewropew (1990-1992) fl-Università ta' Masaryk f'Brno; Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali taċ-Ċekoslovakkja (1992); invijat għall-Kunsill tal-Ewropa (1995); Direttur anzjan fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1998-2000); President tas-sezzjoni Ċeka u Slovakka tal-Assoċjazzjoni tad-dritt internazzjonali (1999-2001); Imħallef tal-qorti kostituzzjonali (2000-2004); membru tal-Kunsill leġiżlattiv (1998-2000); membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ f'Den Haag (mill-2000); professur tad-dritt internazzjonali pubbliku fl-Università ta' Masaryk Brno (2001); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Ján Klučka**

Imwieled fl-1951; duttur tal-liġi mill-Università ta' Bratislava (1974); professur tad-dritt internazzjonali fl-Università ta' Kosoice (mill-1975); Imħallef tal-qorti kostituzzjonali (1993); membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ ta' Den Haag (1994); membru tal-Venice Commission for Democracy through law (1994); Chairman tal-Assoċjazzjoni Slovakka tad-dritt internazzjonali (2002); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004 sas-6 ta' Ottubru 2009.



**Uno Lõhmus**

Imwieled fl-1952; duttur tal-liġi fl-1986; membru tal-Avukatura (1977-1998); visiting professor tad-dritt kriminali tal-Università ta' Tartu; Imħallef tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1994-1998); Prim Imħallef tal-Qorti Suprema tal-Estonja (1998-2004); membru tal-Kumitat għal opinjoni esperta dwar il-Kostituzzjoni; Konsulent għall-grupp ta' xogħol li jfassal il-kodiċi kriminali; membru tal-grupp ta' xogħol li jfassal il-kodiċi ta' proċedura ċivili; awtur ta' diversi xogħlijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt kostituzzjonali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Egils Levits**

Imwieled fl-1955; gradwat fid-Dritt u fix-Xjenza Politika mill-Università ta' Hamburg; assistent riċerkatur fil-Fakultà tal-Liġi, Università ta' Kiel; Konsultent għall-Parlament tal-Latvja dwar kwistjonijiet ta' Dritt Internazzjonali, Dritt Kostituzzjonali u riforma leġiżlattiva; Ambaxxatur tal-Latvja għall-Ġermanja u għall-Isvizzera (1992-1993), għall-Awstrija, għall-Isvizzera u għall-Ungerija (1994 - 1995); Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja, Aġent Ministru għall-Affarijiet Barranin (1993-1994); Konċiljatur fil-Qorti tal-Konċiljazzjoni u tal-Arbitraġġ fi ħdan l-OSCE (mill-1997); Membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ (mill-2001); elett bħala Mħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1995, ri-elett fl-1998 u fl-2001; diversi pubblikazzjonijiet fl-oqsma tad-Dritt Kostituzzjonali u tad-Dritt Amministrattiv, tar-Riforma Legali u tad-Dritt tal-Komunità Ewropea; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Aindrias Ó Caoimh**

Imwieled fl-1950; gradwat fid-dritt ċivili (National University of Ireland, University College Dublin, 1971); Barrister (King's Inns, 1972); Diploma ta' studji superjuri fid-dritt ewropew (University College Dublin, 1977); Barrister fl-avukatura Irlandiża (1972-1999); Lecturer tad-dritt Ewropew (King's Inns, Dublin); Senior Counsel (1994-1999); irrappreżenta lill-gvern Irlandiż f'diversi kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-High Court tal-Irlanda (minn 1999); Bencher (Dekan) ta' l'Honorable Society of King's Inns (minn 1999); Viċi president tal-Assoċjazzjoni Irlandiża tad-dritt Ewropew; membru tal-Assoċjazzjoni tad-dritt internazzjonali (sezzjoni Irlandiża); bin Andreas O'Keeffe (Aindrias Ó Caoimh) Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja (1974-1985); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-13 ta' Ottubru 2004.



**Lars Bay Larsen**

Imwieled fl-1953; Gradwat fix-Xjenza Politika (1976), Liċenzjat fid-Dritt (1983), Università ta' Kopenhagen; Uffiċjal tal-Ministeru tal-Ġustizzja (1983-1985); Konsulent tal-korsijiet (1984-1991), wara Assistent Professur (1991-1996) fid-Dritt tal-Familja fl-Università ta' Kopenhagen; Kap ta' Sezzjoni fl-Advokatsamfund (1985-1986); Kap ta' Dipartiment (1986-1991) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; ass fl-Avukatura (1991); Kap ta' Diviżjoni (1991-1995), Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija (1995-1999), Kap tad-Dipartiment Ġuridiku (2000-2003) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Rappreżentant tad-Danimarka fil-Kumitat K-4 (1995-2000), fil-Groupe central de Schengen (1996-1998) u fil-Europol Management Board (1998-2000)l Imħallef mal-Højesteret (2003-2006); Imħallef mal-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Jannar 2006.



## Eleanor Sharpston

Imwielda fl-1955; studji fl-ekonomija, fil-lingwi u fid-dritt fil-King's College, Cambridge (1973-1977); Assistenta u Riċerkatriċi mal-Corpus Christi College, Oxford (1977-1980); ammessa fl-Avukatura (Middle Temple 1980); Barrister (1980-1987 u 1990-2005); Référendaire mal-Avukat Ġenerali, wara Mħallef Sir Gordon Slynn (1987-1990); Professur tad-Dritt Ewropew u tad-Dritt Komparattiv (Director of Legal European Studies) mal-University College London (1990-1992); Professur (Lecturer) fil-Fakultà tal-Liġi (1992-1998), wara Assistenta Professur (Affiliated Lecturer) (1998-2005) fl-Università ta' Cambridge; Fellow of King's College Cambridge (mill-1992); Assistenta Professur u Riċerkatriċi (Senior Research Fellow) mas-Centre for European Legal Studies fl-Università ta' Cambridge (1998-2005); Queen's Counsel (1999); Bencher of Middle Temple (2005); Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Jannar 2006.



## Paolo Mengozzi

Imwieled fl-1938; Professur tad-Dritt Internazzjonali u inkarigat mill-Jean Monnet Chair of European Community Law tal-Università ta' Bologna; Duttur honoris causa tal-Università Carlos III ta' Madrid ; visiting professor tal-universitajiet John Hopkins (Bologna Cener), St Johns (New York), Georgetown, Paris-II, Georgia (Athens) u tal-Institut Universitaire International (Lussemburgu); koordinatur tal-European Business Law Pallas Program, organizzat fi ħdan l-Università ta' Nijmegen; membru tal-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-kuntratti pubbliċi; Viċi Segretarju tal-Istat għall-Industrija u l-Kummerċ matul is-semestru tal-Presidenza Taljana tal-Kunsill; membru tal-grupp ta' riflessjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), u Direttur għas-sessjoni 1997 taċ-Ċentru għar-Riċerka tal-Akkademja tad-Dritt Internazzjonali ta' Den Haag li huwa ddedikat għall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-4 ta' Marzu 1998 sat-3 ta' Marzu 2006; Avukat Ġenerali mal-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



**Pernilla Lindh**

Imwielda fl-1942; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Lund; référendaire u Mħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Trollhättan (1971-1974); référendaire fll-Qorti tal-Appell ta' Stokkolma (1974-1975); Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Stokkolma (1975); Kunsillier għall-affarijiet ġuridiċi u amministrattivi tal-President tal-Qorti tal-Appell ta' Stokkolma (1975-1978); Konsulent Speċjali fid-Domstolverket (Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati) (1977); Kunsillier fl-Uffiċċju tal-Kanċillier tal-Ġustizzja (Justice Chancellor) (1979-1980); Imħallef Assessur tal-Qorti tal-Appell ta' Stokkolma (1980-1981); Kunsillier Ġuridiku fil-Ministeru tal-Kummerċ (1981-1982); Kunsillier Ġuridiku, wara Direttur u Direttur Ġenerali għall-affarijiet ġuridiċi fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1982-1995); titolu ta' ambaxxatur fl-1992; Viċi President tas-Swedish Market Court; inkarigata mill-kwistjonijiet ġuridiċi u istituzzjonali waqt in-negozjati ŻEE (Viċi President u wara President tal-grupp EFTA) u waqt in-negozjati għall-adeżjoni tar-Renju tal-Isvezja fl-Unjoni Ewropea; Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2006; Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Yves Bot**

Imwieled fl-1947; gradwat mill-fakultá tal-liġi ta' Rouen; dottorat fid-dritt (Università ta' Pariġi II Panthéon-Assas); Professur assoċjat mal-fakultà tal-liġi ta' Mans; sostitut u, sussegwentement, prim sostitut mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Mans (1974-1982); Prokuratur tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Dieppe (1982-1984); Assistent Prokuratur tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Strasbourg (1984-1986); Prokuratur tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Bastia (1986-1988); Avukat Ġenerali mal-cour d'appel ta' Caen (1988-1991); Prokuratur tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Mans (1991-1993); Konsulent speċjali mal-ministre d'État, garde de Sceaux (1993-1995); Prokuratur tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance de Nanterre (1995-2002); Prokuratur tar-Repubblika mat-tribunal de grande instance ta' Pariġi (2002-2004); Prokuratur tar-Repubblika mal-Qorti tal-Appell ta' Pariġi (2004-2006); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Ján Mazák**

Imwieled fl-1954; dottorat fid-dritt (Università Pavol Jozef Safarik, Košice, 1978); Professur tad-dritt ċivili (1994) u tad-dritt Komunitarju (2004); Direttur tal-Istitut tad-Dritt Komunitarju fil-fakultà tal-liġi ta' Košice (2004); Imħallef fil-Krajský súd (qorti reġjonali) ta' Košice (1980); Viċi President (1982) u President (1990) ta' Mestský súd (qorti tal-belt) ta' Košice; membru tal-assoċjazzjoni tal-Avukatura Slovakka (1991); konsulent legali mal-Qorti Kostituzzjonali (1993-1998); Viċi Ministru tal-Ġustizzja (1998-2000); President tal-Qorti Kostituzzjonali (2000-2006); membru tal-Kummissjoni ta' Venezia (2004); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Jean-Claude Bonichot

Imwieled fl-1955; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Metz, gradwat tal-Institut d'études politiques ta' Pariġi, gradwat mill-École nationale d'administration; Relatur (1982-1985), Kummissarju tal-Gvern (1985-1987 u 1992-1999); Assessur (1999-2000); President tas-sixième sous-section de la section du contentieux (2000-2006) mal-Conseil d'État; référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja (1987-1991); Direttur tal-Uffiċċju tal-Ministru tax-Xogħol, tal-Impjieg u tat-Taħriġ Professjonali, imbagħad ministre d'État, Ministru tas-Servizz Pubbliku u tal-Modernizzazzjoni tal-Amministrazzjoni (1991-1992); Kap tad-Delegazzjoni Legali tal-Conseil d'État mal-Caisse nationale d'assurance maladie des travailleurs salariés (2001-2006); Professur assoċjat mal-Università ta' Metz (1988-2000), imbagħad mal-Università ta' Pariġi I Panthéon-Sorbonne (mill-2000); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt amministrattiv, id-dritt Komunitarju u d-Dritt Ewropew tad-drittijiet tal-bniedem; fundatur u President tal-Kumitat Editorjali tal-"Bulletin de jurisprudence de droit de l'urbanisme", kofundatur u membru tal-Kumitat Editorjali tal-"Bulletin juridique des collectivités locales", President tal-Kunsill Xjentifiku tal-għaqda ta' riċerka fuq l-istituzzjonijiet u d-dritt tal-iżvilupp tal-ibliet u tal-habitats; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Thomas von Danwitz

Imwieled fl-1962; studji f'Bonn, Ġinevra u Pariġi; eżami tal-Istat fid-dritt (1986 u 1992); dottorat fid-dritt (Università ta' Bonn, 1988); diploma internazzjonali ta' amministrazzjoni pubblika (École nationale d'administration, 1990); awtorizzazzjoni (Università ta' Bonn, 1996); Professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (1996-2003), dekan tal-fakultà tal-liġi tal-Università tar-Ruhr, Bochum (2000-2001); Professur tad-dritt pubbliku Ġermaniż u tad-dritt Ewropew (Università ta' Cologne, 2003-2006); Direttur tal-Istitut ta' Dritt Pubbliku u Xjenza Amministrattiva (2006); Visiting Professor mal-Fletcher School of Law and Diplomacy (2000), mal-Università François Rabelais (Tours, 2001-2006) u mal-Università ta' Pariġi I Panthéon-Sorbonne, (2005-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Verica Trstenjak**

Imwielda fl-1962; eżami ġudizzjarju (1987); dottorat fil-Liġi mill-Università ta' Ljubljana (1995); Professur tat-Teorija tad-dritt u tal-Istat (duttrina) u tad-dritt privat (mill-1996); riċerkatriċi; studji dottorali fl-Università ta' Zurich, fl-istitut tad-dritt komparattiv tal-Università ta' Vjenna, fl-Istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali privat f'Amburgu; fl-Università Ħielsa ta' Amsterdam (Vrije Universiteit ta' Amsterdam); visiting professor fl-Università ta' Vienna, ta' Friebourg (Il-Ġermanja) u fl-iskola tad-dritt Bucerius f'Amburgu; Kap tas-Servizz Ġuridiku (1994-1996) u Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tax-Xjenza u tat-Teknoloġija (1996-2000); Segretarju Ġenerali tal-Gvern (2000); membru tal-Grupp ta' Studju fuq il-Kodiċi Ċivili Ewropew (Study Group on European Civil Code) mill-2003; responsabbli għall-proġett ta' riċerka Humboldt (Humboldt Stiftung); pubblikazzjoni ta' iktar minn mitt artiklu u diversi kotba fuq id-dritt Ewropew u d-dritt privat; premju tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Sloveni bħala "Avukat tas-sena 2003"; membru tal-kunsill editorjali ta' diversi rivisti legali; Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-ġuristi Sloveni; membru ta' diversi assoċjazzjonijiet ta' ġuristi fosthom il-Gesellschaft für Rechtsvergleichung; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Lulju 2004; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Alexander Arabadjiev**

Imwieled fl-1949; gradwat fid-dritt (Università St Kliment Ohridski, Sofia); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Blagoevgrad (1975-1983); Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Blagoevgrad (1983-1986); Imħallef fil-Qorti Suprema (1986-1991); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1991-2000); membru tal-Kummissjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem (1997-1999); membru tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur tal-Ewropa (2002-2003); deputat (2001-2006); osservatur fil-Parlament Ewropew; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Jannar 2007.



**Camelia Toader**

Imwielda fl-1963; gradwata fid-dritt (1986), dottorat fid-dritt (1997) (Università ta' Bukarest); tħarrġet bħala Mħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Buftea (1986-1988); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Ħames Settur ta' Bukarest (1988-1992); lecturer (1992-2005) u wara professura (2005-2006) ta' dritt ċivili u ta' dritt kuntrattwali Ewropew fl-Università ta' Bukarest; diversi studji ta' dottorat u ta' riċerka fl-istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali privat f'Hamburg (bejn l-1992 u l-2004); kap tad-Dipartiment għall-Integrazzjoni Ewropea fil-Ministeru tal-Ġustizzja (1997-1999); Imħallef fil-Qorti Għolja ta' Appell u ta' Ġustizzja (1999-2006); professura mistiedna fl-Università ta' Vjenna (2000); għalliema ta' dritt Komunitarju fl-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura (2003 u 2005-2006); membru tal-kumitat editorjali ta' diversi rivisti legali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Jannar 2007.



## Jean-Jacques Kasel

Imwieled fl-1946; gradwat fid-dritt, bi speċjalizzazzjoni fid-dritt amministrattiva (ULB, 1970); gradwat mill-IEP ta' Pariġi (Ecofin, 1972); avukat staġista; konsulent ġuridiku tal-Banque de Paris et des Pays-Bas (1972-1973); attaché, u wara uffiċjal fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (1973-1976); president tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill tal-Ministri (1976); l-Ewwel Segretarju tal-ambaxxata, rappreżentant permanenti aġġunt għall-OCDE (Pariġi, 1976-1979); kap tal-kabinett tal-viċi president tal-gvern (1979-1980); president tal-Kooperazzjoni Politika Ewropea (1980); konsulent, u wara kap tal-kabinett aġġunt tal-President tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1981); direttur tal-baġit u tal-istatut mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri (1981-1984); chargé de mission mar-rappreżentanza permanenti għall-Komunitajiet Ewropej (1984-1985); president tal-kumitat tal-baġit; ministru plenipotenzjarju, direttur għall-Affarijiet Politiċi u Kulturali (1986-1991); konsulent diplomatiku tal-Prim Ministru (1986-1991); ambaxxatur fil-Greċja (1989-1991, mhux residenti), president tal-kumitat politiku (1991); ambaxxatur, rappreżentant permanenti għall-Komunitajiet Ewropej (1991-1998); president tal-Coreper (l-ewwel semestru 1997); ambaxxatur (Brussell, 1998-2002); rappreżentant permanenti għall-OTAN (1998-2002); maréchal tal-Qorti tal-Ġustizzja u kap tal-kabinett tal-Altezza Rjali Tiegħu l-Gran Duka (2002-2007); Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-15 ta' Jannar 2008.



## Marek Safjan

Imwieled fl-1949; Duttur tal-Liġi (Università ta' Varsavja, 1980); Duttur fix-xjenzi legali (Università ta' Varsavja, 1990); Professur tal-Liġi (1998-2009); Direttur tal-Istitut tad-Dritt Ċivili fl-Università ta' Varsavja (1994-1997); Segretarju Ġenerali tas-sezzjoni Pollakka tal-Assoċjazzjoni Henri Capitant des amis de la culture juridique française (1994-1998); Rappreżentant tal-Polonja fil-Kumitat għall-bioetika tal-Kunsill tal-Ewropa (1991-1997); President tal-Kumitat Xjentifiku tal-Istitut tal-Ġustizzja (1998); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1997-1998), sussegwentement President tal-istess Qorti (1998-2006); Membru tal-Akkademja Internazzjonali tad-Dritt Komparattiv (mill-1994), Membru tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tad-Dritt, Etika u Xjenza (mill-1995), Membru tal-Kumitat Pollakk ta' Helsinki; Membru tal-Akkademja Pollakka tal-Arti u l-Letteratura; Medalja pro merito mogħtija mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa (2007); awtur ta' numru kbir ta' pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt ċivili, tad-dritt mediku u tad-dritt Ewropew; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Daniel Šváby**

| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 1 |
| **L-Olanda** | Raad van State | 69 | |
| | Hoge Raad der Nederlanden | 183 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 47 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 139 | |
| | Tariefcommissie | 34 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 271 | 743 |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 4 | |
| | Oberster Gerichtshof | 75 | |
| | Oberster Patent- und Markensenat | 3 | |
| | Bundesvergabeamt | 24 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 59 | |
| | Vergabekontrollsenat | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 179 | 348 |
| **Il-Polonja** | Sąd Najwyższy | 4 | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | 6 | |
| | Trybunał Konstytucyjny | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 14 | 24 |
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal de Justiça | 2 | |
| | Supremo Tribunal Administrativo | 36 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 29 | 67 |
| **Ir-Rumanija** | Tribunal Dâmbovița | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 2 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Is-Slovenja** | Vrhovno sodišče | | |
| | Ustavno sodišče | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 2 | 2 |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný Súd | | |
| | Najvyšší súd | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 3 |
| **Il-Finlandja** | Korkein hallinto-oikeus | 24 | |
| | Korkein oikeus | 10 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 24 | 58 |
| **L-Isvezja** | Högsta Domstolen | 13 | |
| | Marknadsdomstolen | 4 | |
| | Regeringsrätten | 23 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 41 | 81 |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 40 | |
| | Court of Appeal | 53 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 383 | 476 |
| **Oħra** | Cour de justice Benelux/Benelux Gerechtshof [1] | | 1 |
| | Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej [2] | | 1 |
| **Total** | | | **6 620** |

1 Kawża C-265/00, Campina Melkunie.

2 Kawża C-196/09, Miles et.

## 21. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja* (1952-2009) – Rikorsi ġodda għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu [1]

**1952-2009**




| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2009 | 13 | | 4 | | 5 | 5 | 12 | 11 | 8 | 6 | 16 | 3 | | | 5 | 1 | 3 | 5 | 7 | 11 | 17 | 1 | | 2 | 1 | 1 | 5 | **142** |
| 1952–2009 | 353 | | 20 | 34 | 258 | 10 | 365 | 219 | 389 | 192 | 615 | 6 | | 2 | 250 | 6 | 13 | 134 | 121 | 31 | 172 | 1 | 2 | 6 | 48 | 46 | 127 | **3 420** |

[1] Artikoli 93, 169 sa 171 u 225 tat-Trattat KE (li saru Artikoli 88 KE, 226 sa 228 KE u 298 KE, sussegwentement Artikoli 108, 258 sa 260 u 348 TFUE), Artikoli 141 sa 143 KEEA u Artikolu 88 KEFA.



# Kapitolu II

## Il-Qorti Ġenerali

# A – Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2009

*Mill-President Marc Jaeger*

Peress li l-kulleġġ tal-Qorti Ġenerali kiber fin-numru matul it-tkabbir, qed issir ħaġa rari li tgħaddi sena mingħajr ma jkun hemm bidla fil-kompożizzjoni tiegħu, u dan minbarra t-tiġdid parzjali tal-qorti. Barra minn hekk, l-2009 rat it-tluq ta' żewġ Imħallfin: Virpi Tiili, Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-1995, u Daniel Šváby, Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-2004, sostitwiti rispettivament minn Heikki Kanninen u Juraj Schwarcz.

Mill-aspett tal-istatistika, is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata minn kontinwità. Kien hemm numru sinjifikattiv ta' kawżi mressqa (568) li, minkejja tnaqqis żgħir meta mqabbel mal-2008, jibqa' ħafna ogħla miċ-ċifri rreġistrati sa issa. Konsegwentement, minkejja li reġa' kien hemm titjib sinjifikattiv fil-volum ta' kawżi deċiżi, (b'555 kawżi deċiżi), in-numru ta' kawżi pendenti ma setax jitnaqqas, minkejja sforzi kostanti f'dan is-sens.

Barra minn hekk, żewġ avvenimenti eċċezzjonali ħallew marka fuq is-sena 2009.

Fl-ewwel lok, il-qorti ċċelebrat l-20 anniversarju tagħha. Il-konferenza "Minn 20 sena sas-sena 2020 – Nibnu l-Qorti tal-Prim'Istanza t'għada fuq pedamenti sodi", organizzata għal din l-okkażjoni, tat lok għal diskussjonijiet u kontribuzzjonijiet notevoli minn osservaturi mill-oqsma kollha[1]. Issemmew linji ta' ħsieb importanti dwar il-futur tal-qorti, il-missjoni u l-ħidma tagħha, li jkomplu jsaħħu l-opinjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-ħtieġa li jitkomplew ir-riformi, inklużi dawk strutturali, sabiex jiġi żgurat livell dejjem ogħla ta' protezzjoni tal-individwu.

Fit-tieni lok, l-2009 kienet is-sena tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Anki jekk l-effett primarju ta' dan it-trattat dwar il-kostruzzjoni Ewropea ma jidhirx prinċipalment fir-rigward tal-qrati tal-Unjoni, huwa xorta jsemmi ċerti aspetti li ma jistax ma jkollhomx effett fuq il-Qorti Ġenerali. L-ewwel nett, dan jirrigwarda l-isem il-ġdid tal-Qorti: il-"Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej" ingħatat l-isem ġdid "Qorti Ġenerali" tal-Unjoni Ewropea[*], sabiex tiġi kkunsidrata l-kompetenza ta' appell li hija għandha fil-qasam tas-servizz pubbliku. Sussegwentement jirrigwarda wkoll it-tnaqqis fir-rigorożità tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' rikorsi għal annullament ippreżentati minn individwi kontra l-atti regolamentari. Jirrigwarda wkoll l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali għal ċerti rikorsi ppreżentati minn individwi fl-oqsma tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni, minn naħa waħda, u l-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, min-naħa l-oħra. Fl-aħħar nett, jirrigwarda wkoll il-fatt illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ngħatat l-istess valur bħat-Trattat. Dawn il-bidliet, li jikkostitwixxu kisbiet sinjifikattivi favur il-protezzjoni ġudizzjarja, jista' jkollhom influwenza notevoli kemm fuq il-volum kif ukoll fuq it-tip ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-kumplament tad-dokument jipprova jitfa' dawl fuq id-diversità u, xi drabi, il-kumplessità, tal-kamp ta' attività tal-Qorti Ġenerali, bħala qorti li tiddeċiedi kawżi dwar il-legalità (I), kawżi dwar il-kumpens għad-danni (II), appelli (III) u talbiet għal miżuri provviżorji (IV).

[1] Dawn il-kontribuzzjonijiet huma aċċessibbli fuq is-sit www.curia.europa.eu u d-dokumenti tal-konferenza ser jiġu ppubblikati matul is-sena 2010.

[*] Minħabba raġunijiet ta' kjarezza u fid-dawl tal-kontinwità tal-qorti, fil-kumplament tad-dokument ser jintuża l-isem il-ġdid, mingħajr distinzjoni kronoloġika.

# I. Kawżi dwar il-legalità

## *Ammissibbiltà tar-rikorsi mressqa taħt l-Artikolu 230 KE*

### 1. Atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors

Il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jibdlu b'mod kunsiderevoli l-pożizzjoni legali tiegħu, jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 KE[2].

Fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2009, *Brink's Security Luxembourg vs Il-Kummissjoni* (T-437/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), dwar talba għal aċċess għal ċerti dokumenti li saret fil-kuntest ta' kawża, imressqa mir-rikorrenti, dwar l-għoti ta' kuntratt pubbliku lil kumpannija kompetitriċi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod innovativ sabiex din id-definizzjoni tingħata interpretazzjoni inqas stretta.

F'din il-kawża, l-att ikkontestat kien ittra tal-Kummissjoni li permezz tagħha hija informat lir-rikorrenti biċ-ċaħda tagħha li tikkomunikalha l-kompożizzjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerti mressqa mill-offerenti. Il-proċedura ta' aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni, irregolata mill-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament Nru 1049/2001[3], tiżvolġi f'żewġ stadji. Fl-ewwel lok, l-applikant għandu jindirizza lill-Kummissjoni talba inizjali għal aċċess għal dokumenti. Fit-tieni lok, fil-każ ta' ċaħda totali jew parzjali, l-applikant jista' jippreżenta talba konfermattiva lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni. Fil-każ ta' ċaħda totali jew parzjali, l-applikant jista' jippreżenta rikors ġudizzjarju kontra l-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 230 KE. Għaldaqstant, hija biss il-miżura adottata mis-Segretarju Ġenerali li tista' toħloq effetti legali ta' natura li jaffettwaw l-interessi tal-applikant u, għalhekk, li tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament.

Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikors għal annullament, ippreżentat kontra ċ-ċaħda tat-talba inizjali, ma huwiex, bħala regola, ammissibbli. Madankollu, hija rrilevat li, fl-ittra ta' ċaħda, il-Kummissjoni naqset milli tinforma lir-rikorrenti, minkejja li r-Regolament Nru 1049/2001 jimponi fuqha li tagħmel dan, bid-dritt li din tal-aħħar għandha li tippreżenta talba konfermattiva. Tali irregolarità għandha l-konsegwenza li, b'mod eċċezzjonali, tagħmel ammissibbli rikors għal annullament kontra ċ-ċaħda tat-talba inizjali. Inkella, il-Kummissjoni eventwalment tkun tista' tevita l-istħarriġ tal-Qorti Komunitarja minħabba vizzju proċedurali mwettaq minnha. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, peress li l-Komunità Ewropea hija komunità ta' dritt, fejn l-istituzzjonijiet huma suġġetti għall-istħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom mat-Trattat, il-metodi proċedurali applikabbli għar-rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti Komunitarja għandhom jiġu interpretati, sa fejn possibbli, b'tali mod li dawn il-metodi jkunu jistgħu jingħataw applikazzjoni li tikkontribwixxi għall-implementazzjoni tal-għan li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-Unjoni.

### 2. *Locus standi*

Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE jissuġġetta l-ammissibbiltà ta' rikorsi ppreżentati minn individwi kontra atti li tagħhom huma ma humiex destinatarji għall-kundizzjoni doppja

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1981, *IBM vs Il-Kummissjoni*, 60/81, Ġabra p. 2639, punt 9.

[3] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

illi r-rikorrenti jkunu direttament u individwalment ikkonċernati bl-att ikkontestat. Skont il-ġurisprudenza, il-persuni fiżiċi u morali li ma humiex id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jallegaw li huma kkonċernati individwalment ħlief jekk din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanzi li jiddistingwuhom mill-persuni l-oħra kollha, u li minħabba dan il-fatt, jindividwawhom bl-istess mod kif kien individwat id-destinatarju tad-deċiżjoni[4]. Barra minn hekk, sabiex jikkonċerna direttament individwu, l-att inkwistjoni għandu jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-individwu u l-implementazzjoni tiegħu għandha tkun ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni, mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra[5].

Fil-kawża *Vischim vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-7 ta' Ottubru 2009, T-420/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), ir-rikorrenti talbet l-annullament tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/53/KE, tas-16 ta' Settembru 2005[6], li temenda d-Direttiva 91/414/KEE[7] li tinkludi, fl-Anness I tagħha (li jelenka s-sustanzi li tagħhom l-Istati Membri jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq), is-sustanza attiva chlorothalonil prodotta mir-rikorrenti, filwaqt li timponi ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontenut massimu ta' hexachlorobenzène (HCB) ta' din is-sustanza. Permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jinkludu l-chlorothalonil li ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet.

Peress li l-imsemmija direttiva tikkostitwixxi att ta' applikazzjoni ġenerali, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li għalkemm ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE ma jirreferix espressament għall-ammissibbiltà ta' rikorsi għal annullament ippreżentati minn persuna fiżika jew ġuridika kontra direttiva, madankollu mill-ġurisprudenza jirriżulta li dan il-fatt minnu nnifsu ma huwiex biżżejjed sabiex tali rikorsi jiġu ddikjarati inammissibbli. Fil-fatt l-istituzzjonijiet ma jistgħux, sempliċement permezz tal-għażla tal-forma tal-att inkwistjoni, jeskludu l-protezzjoni ġudizzjarja li din id-dispożizzjoni tat-Trattat toffri lill-individwi, peress li l-applikazzjoni ġenerali tal-att ikkontestat ma teskludihx milli jkun ta' interess dirett u individwali għal ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi. F'din is-sitwazzjoni, att tal-Unjoni jista' jkun ta' natura ġenerali, kif ukoll, fir-rigward ta' ċerti operaturi ekonomiċi, ta' natura deċiżjonali. Peress li d-Direttiva 91/414 tipprovdi li l-proċedura ta' evalwazzjoni dwar is-sustanzi attivi preżenti fis-suq hija mibdija permezz ta' notifika ta' prodottur interessat li jippreżenta fajl li jinkludi d-data meħtieġa għal dan il-għan u hija marbuta mal-istadji differenti tal-eżami tal-imsemmi fajl, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti, bħala awtur tan-notifika, tgawdi minn garanziji proċedurali u, b'dan il-mod, hija kkonċernata individwalment mid-direttiva kkontestata.

Fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-interess dirett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, permezz tad-direttiva kkontestata, il-Kummissjoni temmet l-evalwazzjoni tal-chlorothalonil billi ddeċidiet li tinkludiha fl-Anness I tad-Direttiva 91/414 taħt ċerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludu din is-sustanza u jivverifikaw li l-kontenut massimu ta' HCB jiġi osservat, u fil-kuntest ta' din l-azzjoni huma ma għandhom l-ebda marġni ta' diskrezzjoni.

4 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, *Plaumann vs Il-Kummissjoni*, 25/62, Ġabra p. 197.

5 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 1998, *Dreyfus vs Il-Kummissjoni*, C-386/96 P, Ġabra p. I-2309, punt 43.

6 ĠU L 287M, p. 338.

7 Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, tal-15 ta' Lulju 1991, li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332). Skont din id-direttiva, l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq hija possibbli biss jekk, fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku attwali, ikun jista' jiġi antiċipat li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li għandhom is-sustanza attiva kkonċernata jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet sabiex ma jkunux ta' ħsara għas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, kif ukoll għall-ambjent.

Id-direttiva kkontestata għalhekk tikkonċerna direttament lir-rikorrenti, bħala kumpannija li tipproduċi s-sustanza attiva inkwistjoni, b'tali mod li r-rikors għal annullament huwa ammissibbli.

## 3. Terminu għall-preżentata ta' rikors

Fis-sentenzi tal-10 ta' Ġunju 2009, *Il-Polonja vs Il-Kummissjoni* (T-257/04, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell) u tat-2 ta' Ottubru 2009, *Ċipru vs Il-Kummissjoni,* (T-300/05 u T-316/05, mhux ippubblikata), ġiet deċiża l-kwistjoni dwar minn meta jibda jiddekorri t-terminu ta' xahrejn, stipulat fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, fil-każ ta' rikors għal annullament ippreżentat minn Stat Membru kontra regolament li jirrakkomanda l-adozzjoni ta' miżuri tranżitorji fil-qasam agrikolu adottat u ppubblikat qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat. F'dawn il-kawżi, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika ta' Ċipru allegaw li t-terminu għall-preżentata ta' rikors ma setax jibda jiddekorri qabel l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni, li kienet kundizzjoni għad-dħul fis-seħħ tar-regolament inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont il-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, ir-rikors għal annullament għandu jiġi ppreżentat f'terminu ta' xahrejn mill-pubblikazzjoni tal-att u li l-applikazzjoni stretta tar-regoli dwar it-termini proċedurali tissodisfa r-rekwiżit ta' ċertezza legali u l-bżonn li tiġi evitata kull diskriminazzjoni jew kull trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Minn dan jirriżulta, għalhekk, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, it-tardività tar-rikorsi inkwistjoni, peress li l-argumenti tal-Istati kkonċernati ma kinux jippermettu li din il-konklużjoni tiġi kkontestata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, l-ewwel nett, li l-kwistjoni dwar l-issuġġettar tad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti inkwistjoni għall-adeżjoni tal-Istati kkonċernati hija irrilevanti, meta ma ssirx distinzjoni bejn il-kontestabbiltà ta' att, li jkun marbut mat-twettiq tal-formalitajiet kollha ta' pubbliċità u li bih jibda jiddekorri t-terminu għall-preżentata tar-rikors, u d-dħul fis-seħħ tal-imsemmi att, li jista' jiġi pospost. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li peress li t-terminu stipulat fl-Artikolu 230 KE huwa ta' applikazzjoni ġenerali, l-imsemmi artikolu ma jirrikjedix li l-Istati kkonċernati jkollhom il-kwalità ta' Stat Membru u japplika, fi kwalunkwe każ, għall-Istati kkonċernati fil-kwalità tagħhom ta' persuna ġuridika. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li dawn tal-aħħar ma kinux imċaħħda mid-dritt ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li l-Istati terzi, inklużi l-Istati qabel l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, jekk ma jistgħux jinvokaw il-kwalità ta' litigant mogħtija lill-Istati Membri, xorta jibbenefikaw mill-possibbiltajiet li jkunu parti fi proċeduri legali li din is-sistema tirrikonoxxi lill-persuni ġuridiċi, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-regolament inkwistjoni, minkejja li jikkostitwixxi att ta' applikazzjoni ġenerali jipprekludi direttament lill-Istati kkonċernati milli jeżerċitaw kif jidhrilhom il-kompetenzi tagħhom filwaqt li jimponi fuqhom diversi obbligi dwar l-adozzjoni u l-implementazzjoni ta' miżura, b'mod partikolari dik fiskali, intiża sabiex telimina l-ħażniet żejda taz-zokkor. B'analoġija mal-ġurisprudenza applikabbli għall-entitajiet infrastatali[8], il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, qabel ma kisbu l-kwalità ta' Stat Membru, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika ta' Ċipru kienu direttament u individwalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat, b'tali mod li l-applikazzjoni stretta tat-termini proċedurali li jiddekorru mid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi regolament ma pprekludithomx milli jinvokaw id-drittijiet tagħhom.

Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' Ċipru allegat li r-rikors tagħha kien, fi kwalunkwe każ, ammissibbli, peress li kien indirizzat kontra regolament, ippreżentat fit-termini, li kien jemenda lir-regolament inizjali. Il-Qorti Ġenerali fakkret li, minkejja li n-natura definittiva ta' att li ma jkunx ġie kkontestat fit-termini previsti ma tirrigwardax biss l-att innifsu iżda anki kull att sussegwenti li jkun ta' natura purament konfermattiva, soluzzjoni din li hija ġġustifikata mill-istabbiltà legali meħtieġa

8 Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 1998, *Vlaams Gewest vs Il-Kummissjoni*, T-214/95, Ġabra p. II-717, punt 29.

u li tgħodd kemm għall-atti individwali kif ukoll għal dawk li huma ta' natura leġiżlattiva, meta dispożizzjoni ta' regolament tiġi emendata, id-dritt ta' rikors jerġa' jinfetaħ mhux biss kontra din id-dispożizzjoni waħedha, iżda wkoll kontra dawk li, anki jekk ma jkunux ġew emendati, jifformaw magħha grupp wieħed ta' regoli[9]. Madankollu, meta eżaminat din il-konklużjoni fil-kuntest tagħha, il-Qorti Ġenerali kkwalifikatha, billi ppreċiżat li l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għandha tiġi kkontestata fir-rikors għal annullament ippreżentat kontra dispożizzjoni emendata mhux biss meta l-imsemmija dispożizzjoni tirriproduċi dik li tinsab fl-att li għalih ikun skada t-terminu għall-preżentata tar-rikors, iżda wkoll meta, minkejja li l-formulazzjoni ġdida hija differenti, is-sustanza tagħha ma tinbidilx. Min-naħa l-oħra, meta dispożizzjoni ta' regolament tiġi, anki jekk parzjalment, emendata b'mod sostanzjali, id-dritt ta' rikors huwa miftuħ mill-ġdid kontra din id-dispożizzjoni kif ukoll kontra dawk kollha li, anki jekk mhux emendati, jifformaw magħha grupp ta' regoli indiviżibbli u sostanzjali. F'din il-kawża, peress li r-regolament inkwistjoni wassal għal emendi inċidentali u proċedurali intiżi biss sabiex jestendu t-termini previsti mir-regolament inizjali, l-annullament tad-dispożizzjonijiet tar-regolament inizjali ma setax jintalab permezz ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra r-regolament emendatorju.

### *Regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi*

## 1. Kummenti Ġenerali

### a) Tul tal-ksur

Fis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2009, *Solvay vs Il-Kummissjoni* (T-58/01, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, anki li kieku seta' jkun hemm ċirkustanzi partikolari li jippermettu inverżjoni tal-oneru tal-prova fir-rigward tat-tul tal-ksur, il-Kummissjoni xorta ma tkunx eżentata milli tagħti deċiżjoni sostanzjata li tistabbilixxi ksur taħt l-Artikolu 81(1) KE, fir-rigward tat-tul tal-ksur, u li tagħti l-informazzjoni li hija għandha fuq l-imsemmi tul. Filwaqt li rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata kienet kontradittorja fir-rigward tat-tmiem tal-ksur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni, li prinċipalment kellha l-oneru tal-prova, ma pprovatx li l-ksur inkwistjoni kompla sal-aħħar tas-sena 1990. Għaldaqstant, skont il-Qorti Ġenerali, kien hemm lok li d-deċiżjoni kkontestata tinbidel billi l-multa imposta fuq ir-rikorrenti titnaqqas b'25 %.

### b) Preskrizzjoni

Il-kawża *ArcelorMittal Luxembourg et vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-31 ta' Marzu 2009, T-405/06, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell) ippermettiet lill-Qorti Ġenerali tikkonferma l-ġurisprudenza tagħha[10] fir-rigward tal-applikazzjoni *ratione personae* tal-effetti ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni. F'din il-kawża, il-kumpannija parent ta' sussidjarja li kienet ħadet sehem f'akkordju fis-suq tat-travi tal-azzar enfasizzat illi l-atti li jinterrompu l-preskrizzjoni ta' ħames snin kellhom effett biss fil-konfront tal-impriżi li pparteċipaw fil-ksur. Peress li la kienet identifikata bħala tali matul il-proċedura amministrattiva, li fil-kuntest tagħha kien jinsab l-att li jinterrompi l-preskrizzjoni, u lanqas kienet id-destinatarja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-kumpannija parent għalhekk ikkontestat li l-Kummissjoni setgħet topponi l-effett ta' interruzzjoni ta' dan l-att fil-konfront tagħha. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet din l-interpretazzjoni, filwaqt li speċifikat li din timplika fatt oġġettiv, jiġifieri l-parteċipazzjoni fil-ksur, li huwa distint minn element suġġettiv u partikolari bħall-indentifikazzjoni ta' tali impriża matul il-proċedura amministrattiva. Fil-fatt, jista'

[9] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ottubru 2007, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, C-299/05, Ġabra p. I-8695, punti 29 u 30.

[10] Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, *Compagnie maritime belge vs Il-Kummissjoni* (T-276/04, Ġabra p. II-1277).

jkun li impriża tkun ipparteċipat fil-ksur mingħajr ma l-Kummissjoni kienet taf dwar dan meta hija tadotta att li jinterrompi l-preskrizzjoni. Din hija interrotta mhux biss fir-rigward tal-impriżi li kienu s-suġġett ta' investigazzjoni jew proċeduri, iżda wkoll fir-rigward ta' dawk li, wara li pparteċipaw fil-ksur, għadhom ma humiex magħrufa lill-Kummissjoni u, għaldaqstant ma kienu suġġetti għal ebda miżura istruttorja jew li ma huma destinatarji ta' ebda att proċedurali.

Fir-rigward tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti Ġenerali spjegat li, minkejja li r-Regolament (KE) Nru 1/2003[11] jispeċifika li l-interruzzjoni tapplika għall-impriżi u l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur, ma hemmx l-istess preċiżazzjoni fir-rigward tas-sospensjoni. Hija għalhekk eżaminat jekk il-preżentata ta' rikors quddiemha għandhiex biss effett fir-rigward tal-impriża rikorrenti, jew *erga omnes* fir-rigward tal-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur, kemm jekk ippreżentaw rikors jew le. F'dan ir-rigward, hija rrilevat l-ewwel nett li, l-istess bħall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, is-sospensjoni tal-preskrizzjoni, li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju tal-preskrizzjoni ta' ħames snin, għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Għaldaqstant ma jistax ikun hemm il-preżunzjoni li l-leġiżlatur ried japplika l-istess sistema għaż-żewġ sitwazzjonijiet. Barra minn hekk, b'differenza mill-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, li hija intiża sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tibda proċeduri u li tippenalizza b'mod effettiv il-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, is-sospensjoni tal-preskrizzjoni tikkonċerna, minnha nnifisha, ipoteżi li fiha l-Kummissjoni diġà tkun adottat deċiżjoni. L-effett *inter partes* tal-proċeduri ġudizzjarji u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnhom neċessarjament jipprekludu, bħala prinċipju, li l-preżentata ta' rikors minn impriża destinatarja tad-deċiżjoni kkontestata jkollha xi tip ta' impatt fuq is-sitwazzjoni ta' destinatarji oħra. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni li tirriżulta mill-fatt li impriża tibda proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali jew il-Qorti tal-Ġustizzja tapplika kemm għall-entità ġuridika li hija parti fil-kawża kif ukoll għall-entitajiet ġuridiċi l-oħra li jagħmlu parti mill-istess unità ekonomika, tkun liema tkun l-entità ġuridika li tkun tat bidu għal dawn il-proċeduri.Fil-fatt, jekk huwa minnu li r-regoli tal-kompetizzjoni huma indirizzati lejn "impriżi", bħala unità ekonomika, xorta jibqa' l-fatt li, għall-finijiet tal-applikazzjoni u tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, huwa meħtieġ li tiġi identifikata, bħala destinatarja, entità li jkollha personalità ġuridika, l-unika li tista' tippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni adottata fi tmiem il-proċedura amministrattiva u li tagħha hija d-destinatarja. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li t-terminu tal-preskrizzjoni ta' għaxar snin kien għadda fir-rigward ta' waħda mir-rikorrenti u annullat id-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tagħha.

## c) Drittijiet tad-difiża

Fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2009, *ThyssenKrupp Stainless vs Il-Kummissjoni* (T-24/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali fakkret illi, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' ssib bilanċ bejn, minn naħa, in-neċessità li tippreserva d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet permezz tal-għoti tal-iktar aċċess possibbli għall-fajl u, min-naħa l-oħra, il-bżonn li tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali ta' partijiet oħra jew ta' terzi persuni, dawn il-partijiet u dawn it-terzi persuni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-elementi kollha utli. Hija spjegat illi jekk parti, wara li tkun kisbet aċċess għall-fajl, tikkunsidra li għad-difiża tagħha hija teħtieġ ċerta informazzjoni mhux aċċessibbli, hija tista' tressaq talba mmotivata għal dan il-għan lill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li talba ta' natura ġenerali u mhux iddettaljata, dokument b'dokument, ma tammontax għal talba mmotivata u ma tagħtix risposta għad-domanda tal-Kummissjoni dwar ir-rilevanza apparenti tal-informazzjoni mhux aċċessibbli għad-difiża tar-rikorrenti stess.

[11] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret illi, sabiex tirrispetta d-drittijiet tad-difiża tal-impriżi, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet ikkonċernati d-dritt li jinstemgħu qabel ma tieħu waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 7, 8, 23 u 24(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Meta t-trażmissjoni tad-dokumenti lir-rikorrenti ssir wara l-adozzjoni ta' waħda mid-deċiżjonijiet hawn fuq imsemmija, bħal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, id-drittijiet tad-difiża ta' din il-parti madankollu ma humiex miksura jekk il-Kummissjoni tibdilx l-oġġezzjonijiet kif esposti f'din id-deċiżjoni u li, għalhekk, ma tkunx ibbażat ruħha fuq fatti li fuqhom l-impriża kkonċernata ma kellhiex l-opportunità li tesprimi ruħha dwarhom.

## 2. Żviluppi fil-qasam tal-Artikolu 81 KE

### a) Applikazzjoni tal-liġi fiż-żmien

Skont il-prinċipji stabbiliti fil-kawżi ta' akkordji msejħa tal-"vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit"[12], il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-kawżi *ArcelorMittal Luxembourg et vs Il-Kummissjoni* u *ThyssenKrupp Stainless vs Il-Kummissjoni,* iċċitati iktar 'il fuq, u fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 2009*, Outokumpu u Luvata vs Il-Kummissjoni* (T-122/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), li s-suċċessjoni tal-kuntest ġuridiku tat-Trattat KE għal dak tat-Trattat KEFA wassal, b'effett mill-24 ta' Lulju 2002, għal bidla tal-bażijiet legali, tal-proċeduri u tar-regoli sostantivi applikabbli, b'din is-suċċessjoni tifforma parti mill-unità u l-kontinwità tas-sistema legali Komunitarja u mill-għanijiet tagħha. Barra minn hekk, il-kunċetti ta' ftehim u ta' prattiki miftiehma taħt l-Artikolu 65(1) KEFA jikkorrispondu għal dawk ta' ftehim u ta' prattiki miftiehma skont l-Artikolu 81 KE u dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma interpretati bl-istess mod mill-qorti Komunitarja. Għaldaqstant, il-kontinwità tas-sistema legali Komunitarja u tal-għanijiet li jirregolaw it-tħaddim tagħha teżiġi li, bħala suċċessur tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar, u fil-kuntest proċedurali tagħha stess, il-Komunità Ewropea tiggarantixxi, fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li nħolqu taħt it-Trattat KEFA, ir-rispett tad-drittijiet u tal-obbligi li kienu imposti *eo tempore* kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq l-individwi taħt it-Trattat KEFA u tar-regoli adottati għall-applikazzjoni tiegħu. Dan ir-rekwiżit huwa neċessarju iktar u iktar fejn id-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta min-nuqqas ta' osservanza tar-regoli fil-qasam ta' akkordji tista' testendi l-effetti tagħha fiż-żmien wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, taħt it-Trattat KE. Għaldaqstant, ir-Regolament Nru 1/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Kummissjoni tikkonstata u tissanzjona, wara t-23 ta' Lulju 2002, l-akkordji konklużi fis-setturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA *ratione materiae* u *ratione temporis*.

### b) Multi

Fil-kawża *Peugeot u Peugeot Nederland vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, T-450/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), ir-rikorrenti kkontestaw, b'mod partikolari, l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur li l-Kummissjoni għamlet. Minn naħa waħda, il-ksur kien ikklassifikat bħala "ksur serju ħafna" skont il-punt 1 A tal-linji gwida tal-1998[13], peress li l-implementazzjoni ta' sistema ta' bonus bejn l-1997 u l-2003 mill-Peugeot fil-Pajjiżi l-Baxxi kellha l-għan li tinkoraġġixxi lill-konċessjonarji Olandiżi jillimitaw l-importazzjonijiet paralleli. Sabiex tikkonkludi li l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, ma żbaljatx billi kkwalifikat in-natura tal-ksur bħala gravi ħafna, il-Qorti Ġenerali rrilevat, b'mod partikolari, li dan il-ksur jippreżenta, minħabba n-natura tiegħu,

[12] Sentenza tal-25 Ottubru 2007, *SP et vs Il-Kummissjoni,* T-27/03, T-46/03, T-58/03, T-79/03, T-80/03, T-97/03 u T-98/03, Ġabra p. II-4331.

[13] Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi mposti skont l-artikolu 15(2) tar-Regolament Nru. 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU 1998, C 9, p. 3).

karattru ta' gravità speċjalment evidenti, fid-dawl tal-metodi partikolarment moħbija li kienu wara l-applikazzjoni tas-sistema ta' remunerazzjoni sal-2003, u dan f'kuntest meta l-prattika preċedenti tal-Kummissjoni u l-ġurisprudenza stabbilita fil-qasam tal-importazzjonijiet paralleli, b'mod partikolari fis-settur awtomobilistiku, kienu jikkostitwixxu indikazzjonijiet ċari fir-rigward tal-illegalità ta' tali sistema. Barra minn hekk, hija enfasizzat li r-rikorrenti huma l-membri ta' grupp industrijali kbir li jokkupa pożizzjoni importanti fis-suq inkwistjoni u li kellhom konsulenza legali li tippermettilhom li jiżnu n-natura antikompetittiva tal-aġir inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-impatt konkret tal-ksur fuq l-imsemmi suq, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni ma tatx attenzjoni suffiċjenti għar-rwol tal-evoluzzjoni tad-differenzi fil-prezz fit-tnaqqis tal-esportazzjonijiet. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-kompetenza tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, hija ddeċidiet li tnaqqas b'10 % l-ammont tal-multa minħabba l-gravità tal-ksur.

Fil-kawża tat-30 ta' April 2009, *Nintendo u Nintendo of Europe vs Il-Kummissjoni* (T-13/03, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali aċċettat li, fir-rigward ta' assjem ta' akkordji u ta' prattiki miftiehma ta' natura vertikali li għandhom bħala għan u effett ir-restrizzjoni tal-esportazzjonijiet paralleli ta' consoles u cartridges tal-logħob, l-ishma rispettivi miżmuma mill-partijiet fid-distribuzzjoni tal-prodotti inkwistjoni huma rappreżentattivi tal-piż speċifiku ta' kull impriża fis-sistema ta' distribuzzjoni kontenzjuża. Għalhekk il-Kummmissjoni ġustament irreferiet għal dan il-kriterju għall-finijiet tat-trattament differenzjat magħmul fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ammonti inizjali tal-multi.

Fl-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali, waqt li kienet qed tevalwa jekk il-Kummissjoni kkommettietx żball fl-iffissar tan-natura dissważiva tal-multa, ippreċiżat li l-kwalità ta' produttur tal-prodotti tista' wkoll tikkostitwixxi, fil-każ ta' ksur ta' natura vertikali, element rappreżentattiv tal-kapaċità effettiva tiegħu li jikkawża ħsara kbira lill-kompetizzjoni. Fil-fatt, il-produttur tal-prodotti inkwistjoni, li jokkupa post ċentrali fis-sistema ta' distribuzzjoni tal-imsemmija prodotti, għandu jagħmel prova ta' viġilanza partikolari ħafna u jiżgura li josserva r-regoli tal-kompetizzjoni matul il-konklużjoni tal-ftehim ta' distribuzzjoni.

Il-kwistjoni dwar il-portata dissważiva tal-multi hija s-suġġett ta' preċiżazzjoni oħra f'waħda mis-sentenzi dwar l-akkordju fis-suq tal-aċidu monokloroaċetiku. Fil-fatt, fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2009, *Arkema vs Il-Kummissjoni* (T-168/05, mhux ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, jekk il-Kummissjoni f'kawżi preċedenti li fihom kienet involuta r-rikorrenti applikat koeffiċjent multiplikatur għal raġunijiet dissważivi, dan ma għandux iwassal sabiex terġa' tiġi kkontestata l-applikazzjoni tal-imsemmi koeffiċjent f'kawżi sussegwenti li fihom ir-rikorrenti hija kkundannata minħabba l-parteċipazzjoni tagħha f'akkordju li jaqa' fl-istess perijodu ta' ksur. Peress li kull ksur kien differenti u kien is-suġġett ta' deċiżjoni differenti, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tikkunsidra d-daqs tal-impriżi kkonċernati u tapplika l-koeffiċjent multiplikatur għall-ammont inizjali tal-multa.

Wara l-eżami tagħha tal-grad ta' kooperazzjoni tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali biddlet ukoll waħda mid-deċiżjonijiet dwar il-prattiki antikompetittivi fis-suq tal-consoles u tal-cartridges tal-logħob Nintendo. Fis-sentenza *Nintendo u Nintendo of Europe vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, hija qabblet il-kooperazzjoni ta' Nintendo, minn naħa waħda, u tad-distributur esklużiv tagħha għas-suq Irlandiż u dak tar-Renju Unit, min-naħa l-oħra, l-ewwel nett minn perspettiva kronoloġika. Dan jippermettilha tirrileva li d-dokumenti rilevanti pprovduti kemm minn Nintendo kif ukoll minn dan id-distributur ġew hekk ipprovduti fl-istess stadju tal-proċedura, u l-fatt li Nintendo bdiet tikkoopera xi jiem wara dan id-distributur ma kienx fattur deċiżiv f'dan ir-rigward. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali qabblet il-grad ta' kooperazzjoni minn perspettiva kwalitattiva billi tikkunsidra kemm il-kundizzjonijiet li fihom dawn l-impriżi kkooperaw kif ukoll il-valur intrinsiku tal-informazzjoni kkomunikata. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li ż-żewġ

impriżi għaddew din l-informazzjoni b'mod spontanju u li l-kontenut tagħha għen lill-Kummissjoni bl-istess mod. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, skont il-prinċipju ta' trattament ugwali, il-kooperazzjoni ta' Nintendo għandha tiġi kkunsidrata bħala li kienet paragunabbli għal dik tad-distributur. Konsegwentement, fil-konfront ta' Nintendo, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet l-istess rata ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa bħal dik li minnha bbenefika d-distributur.

Fis-sentenza *Outokumpu u Luvata vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha fir-rigward ta' ċirkustanzi aggravanti, u b'mod partikolari ta' ksur ripetut. Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kunċett ta' ksur ripetut jimplika biss il-konstatazzjoni preliminari ta' ksur. Il-fatt li l-ewwel ksur seħħ taħt it-Trattat KEFA u li l-ebda multa ma ġiet imposta minħabba l-kuntest partikolari tal-imsemmija kawża bl-ebda mod ma jipprekludi l-prinċipju illi, ladarba l-Kummissjoni stabbilixxiet, permezz ta' deċiżjoni, il-parteċipazzjoni ta' impriża f'akkordju, din id-deċiżjoni tista' sservi bħala bażi sabiex issir evalwazzjoni ulterjuri tal-propensità ta' din l-impriża li tikser regoli dwar l-akkordji.

Il-fatt li ksur li seħħ fil-passat jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' ksur ripetut huwa wkoll is-suġġett ta' żvilupp speċifiku fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2009, *Hoechst vs Il-Kummissjoni* (T-161/05, mhux ippubblikata). F'din il-kawża, ir-rikorrenti kkontestat il-possibbiltà li l-Kummissjoni tikkunsidra deċiżjoni preċedenti, minħabba l-fatt li din kisbet karattru definittiv biss wara t-tmiem tal-ksur inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali enfasizzat illi sabiex din tkun tista' tiġi kkunsidrata, huwa biżżejjed li l-impriża tkun ġiet ikkunsidrata preċedentement bħala awtriċi ta' ksur tal-istess tip, u dan anki jekk id-deċiżjoni għadha suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

### c) Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur

Fis-sentenzi dwar l-akkordju fis-suq tal-aċidu monokloroaċetiku, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet interessanti dwar l-imputabbiltà tal-kumpannija parent fir-rigward tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-kumpanniji sussidjarji tagħha.

B'mod partikolari, fis-sentenza *Hoechst vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikorrenti ma tistax tinvoka t-trasferiment tar-responsabbiltà tagħha permezz tal-kuntratt ta' trasferiment tal-qasam tal-attività tagħha konkluż ma' waħda mill-kumpanniji sussidjarji tagħha. Minn naħa waħda, tali kuntratt ma jistax jiġi invokat quddiem il-Kummissjoni sabiex jiġu evitati s-sanzjonijiet imposti b'applikazzjoni tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni, sa fejn dan huwa intiż sabiex iqassam ir-responsabbiltà bejn il-kumpanniji talli pparteċipaw f'akkordju. Min-naħa l-oħra, l-allegat trasferiment tar-responsabbiltà implementat f'din il-kawża skont it-termini tal-kuntratt ta' trasferiment huwa mingħajr effett fuq id-determinazzjoni tar-responsabbiltà tar-rikorrenti, peress li dan il-kuntratt ġie konkluż bejnha u waħda mill-kumpanniji sussidjarji tagħha, li tagħha hija kellha 100 % tal-azzjonijiet, u, konsegwentement, l-aġir li jikkostitwixxi l-ksur seta' jiġi attribwit lilha fil-kwalità tagħha ta' kumpannija parent.

Bl-istess mod, fil-kawża li tat lok għas-sentenza *Arkema vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, ir-rikorrenti kkontestat il-possibbiltà li l-Kummissjoni timputa l-ksur tal-kumpannija sussidjarja lill-kumpannija parent, peress li din tal-aħħar kienet biss kumpannija holding mhux operattiva, li kienet tintervjeni ftit ħafna fit-tmexxija tal-kumpannija sussidjarja. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li dan il-fatt ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi eskluż li l-kumpannija parent teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tal-kumpannija sussidjarja tagħha, billi tikkoordina b'mod partikolari l-investimenti finanzjarji fi ħdan il-grupp ikkonċernat. Fil-fatt, fil-kuntest ta' gruppi ta' kumpanniji, kumpannija holding li tikkoordina b'mod partikolari l-investimenti finanzjarji fi ħdan il-grupp hija intiża li tiġbor flimkien l-ishma f'diversi kumpanniji u l-funzjoni tagħha hija li tiżgura l-unità tat-tmexxija, b'mod partikolari permezz ta' dan il-kontroll finanzjarju. Barra minn hekk,

il-Qorti Ġenerali speċifikat li ma tista' tintlaħaq l-ebda konklużjoni mill-fatt li ż-żewġ kumpanniji joperaw fuq swieq distinti u li ma kellhomx rabtiet ta' fornitur u klijent. Fil-fatt, fi grupp bħal dan, it-tqassim tal-inkarigi huwa fenomenu normali li ma jirribattix il-preżunzjoni li l-kumpannija parent u l-kumpannija sussidjarja tagħha jikkostitwixxu impriża waħda, skont l-Artikolu 81 KE. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-preżunzjoni ta' responsabbiltà tal-kumpannija parent għall-ksur kommess mis-sussidjarji tagħha, li tagħhom hija għandha l-kapital kollu jew kważi kollu, tistrieħ fuq kriterju oġġettiv li japplika jkun xi jkun id-daqs jew l-organizzazzjoni legali tal-impriża. Għaldaqstant, jekk l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju għandha riperkussjonijiet differenti skont id-daqs tal-grupp u l-organizzazzjoni legali tiegħu, din hija biss konsegwenza oġġettiva tad-diversità tal-impriżi.

## 3. Żviluppi fil-qasam tal-Artikolu 82 KE

Fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2009, *Clearstream vs Il-Kummissjoni* (T-301/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar il-legalità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkundanna lir-rikorrenti talli kisru l-Artikolu 82 KE, minn naħa waħda, billi rrifjutaw li jagħtu s-servizzi tagħhom b'mod diskriminatorju, u, min-naħa l-oħra, billi applikaw prezzijiet diskriminatorji.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni ġustament setgħet tikkonstata l-eżistenza ta' każijiet ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li r-rifjut li jingħata aċċess u d-diskriminazzjoni mhux iġġustifikata f'dan ir-rigward ma jikkostitwixxux żewġ ksur separati, iżda żewġ manifestazzjonijiet tal-istess aġir, peress li d-diskriminazzjoni mhux iġġustifikata tirriżulta mir-rifjut li klijenti paragunabbli jingħataw l-istess servizzi jew servizzi simili.

F'dan ir-rigward, peress li qabeż sew dak li seta' jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli u ġġustifikat, biex b'hekk jidher bħala rifjut abbużiv li jiġi pprovdut is-servizz inkwistjoni, id-dewmien għall-ksib tal-aċċess huwa ta' natura li jikkawża żvantaġġ kompetittiv fis-suq inkwistjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat wkoll li l-applikazzjoni, fir-rigward ta' sieħeb kummerċjali, ta' prezzijiet differenti għal servizzi ekwivalenti, u dan b'mod kontinwu matul ħames snin u minn impriża li għandha monopolju fis-suq upstream, ma tistax ma tipproduċix żvantaġġ kompetittiv għal dan l-istess sieħeb.

Barra minn hekk, fis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2009, *Solvay vs Il-Kummissjoni* (T-57/01, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dokumenti ppreżentati biss sabiex tiġi vverifikata l-parteċipazzjoni f'akkordji u/jew fi prattiki miftiehma fil-kuntest tal-Artikolu 81 KE setgħu jiġu użati insostenn ta' lmenti ta' ksur tal-Artikolu 82 KE, meta kien hemm xebh materjali bejn il-prattiki li l-Kummissjoni kkunsidrat bħala li kienu l-oriġini tal-abbuż ta' pożizzjoni dominanti u dawk li fuqhom hija awtorizzat l-aġenti tagħha sabiex jinvestigaw.

Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod partikolari bħala abbużiva sistema ta' skonti li permezz tagħha, fost kundizzjonijiet oħra, ingħataw skonti differenti meta l-klijent kien jordna mingħand ir-rikorrenti kwantitajiet addizzjonali minbarra dawk stabbiliti bil-kuntratt, indipendentement mill-kwantità, f'termini assoluti, ta' dawn tal-aħħar. Fil-fatt, minħabba f'hekk, il-prezz unitarju għal dawn il-kwantitajiet kien sinjifikattivament inqas mill-prezz medju mħallas mil-klijent għall-kwantitajiet ta' bażi stabbiliti bil-kuntratt, u dan kien iħajjar lill-klijent jistokkja wkoll bil-kwantitajiet li jaqbżu lil dawk stabbiliti bil-kuntratt, b'tali mod li l-fornituri l-oħra diffiċilment setgħu joffru, għall-istess kwantitajiet, prezzijiet kompetittivi meta mqabbla ma' dawk offruti mir-rikorrenti.

## 4. Żviluppi fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet

### a) Obbligu ta' diliġenza

Fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, *NVV et vs Il-Kummissjoni* (T-151/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fid-dawl tar-rekwiżit ta' prontezza u tat-termini stretti imposti fuq il-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet, hija ma setgħetx, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet li juru l-ineżattezza tal-informazzjoni pprovduta, tkun marbuta li twettaq verifiki fir-rigward tal-informazzjoni kollha li hija tirċievi. Fil-fatt, minkejja li l-obbligu ta' eżami diliġenti u imparzjali tal-Kummissjoni, fil-kuntest ta' tali proċedura, ma jippermettilhiex li tibbaża ruħha fuq elementi jew informazzjoni li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala veri, dan ir-rekwiżit ta' prontezza jassumi, madankollu, li hija ma tistax tivverifika waħedha, fl-iċken dettall, l-awtentiċità u l-affidabbiltà tal-komunikazzjonijiet kollha mibgħuta lilha, fejn il-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet tistrieħ neċessarjament u, sa ċertu punt, fuq il-fiduċja.

### b) Talbiet għal informazzjoni

Fis-sentenza tal-4 ta' Frar 2009, *Omya vs Il-Kummissjoni* (T-145/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-portata tas-setgħa tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' talbiet għal informazzjoni. Minn naħa waħda, f'dak li jirrigwarda t-talba għal informazzjoni fiha nnifisha, il-Qorti Ġenerali spjegat, l-ewwel nett, li l-evalwazzjoni tan-neċessità tal-informazzjoni mitluba ssir b'riferiment għall-idea li l-Kummissjoni setgħet' leġittimament ikollha fil-mument tat-talba u mhux fir-rigward tan-neċessità reali li l-informazzjoni seta' jkollha matul l-iżvolġiment tal-proċedura. It-tieni nett, hija rrilevat li, peress li t-tul tas-sospensjoni tat-termini stabbiliti fl-Artikolu10 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004[14], li tirriżulta mill-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament, jiddependi mid-data tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni neċessarja, il-Kummissjoni ma tiksirx il-prinċipju ta' proporzjonalità meta tissospendi l-proċedura sakemm tali informazzjoni tiġi kkomunikata lilha.

Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda t-talbiet ta' korrezzjoni ta' informazzjoni diġà mibgħuta minn parti, liema informazzjoni tiġi identifikata bħala żbaljata, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni tista' titlob dawn il-korrezzjonijiet jekk jeżisti riskju li l-iżbalji identifikati jista' jkollhom impatt sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà tal-operazzjoni ta' konċentrazzjoni inkwistjoni mas-suq komuni. Fit-tieni lok, hija spjegat li l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi ma tistax tintuża sabiex tevita l-konsegwenzi tal-ksur tal-obbligu li tipprovdi informazzjoni kompleta u eżatta għas-sempliċi raġuni li dan il-ksur ma ġiex innotat mill-Kummissjoni waqt il-verifiki msemmija iktar 'il fuq.

### c) Terminu għall-preżentata ta' rikors

Fil-kawża *Qualcomm vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-19 ta' Ġunju 2009, T-48/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Kummissjoni sostniet li r-rikors ippreżentat minn Qualcomm, kontra d-deċiżjoni li ddikjarat bħala kompatibbli mas-suq komuni t-tranżazzjoni ta' akkwist ta' kontroll konġunt minn żewġ impriżi ta' Toll Collect, sistema ta' ħlas għall-użu tat-triq awtomatizzata, kien inammissibbli peress li, minkejja li Qualcomm ma kinitx id-destinatarja ta' din id-deċiżjoni, it-trażmissjoni tagħha lil din l-impriża kienet tikkostitwixxi notifika, fis-sens tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE

[14] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40)

u għalhekk, it-terminu għall-preżentata tar-rikors beda jiddekorri minn dan il-mument. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni, Hija fakkret li, minn naħa waħda, l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89[15] jimponi l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-regolament, b'mod li, għall-persuni li ma humiex identifikati bħala d-destinatarji fid-deċiżjoni kkontestata, il-kalkolu tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għandu jsir fuq il-bażi tal-ewwel eżempju msemmi fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE, jiġifieri, mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, hija enfasizzat li, jekk tiġi aċċettata l-interpretazzjoni wiesgħa proposta mill-Kummissjoni tal-kunċett ta' destinatarju, li jinkludi kemm id-destinatarju jew id-destinatarji identifikati f'deċiżjoni kif ukoll kull persuna oħra kkunsidrata bħala tali mill-Kummissjoni mingħajr ma din tkun ġiet imsemmija f'din id-deċiżjoni, iwassal sabiex jiġu kkontestati l-effetti tal-obbligu previst mill-Artikolu 20(1) tal-imsemmi regolament li jagħtu lill-Kummissjoni setgħa diskrezzjonali sabiex jiġu identifikati, fost il-persuni li ma humiex imsemmija bħala destinatarji f'deċiżjoni, dawk li jistgħu jippreżentaw rikors mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni u mhux mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha. L-għoti ta' setgħa diskrezzjonali bħal din għandu r-riskju li jwassal għal ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali peress li, fost il-persuni li ma humiex speċifikament imsemmija bħala destinatarji f'deċiżjoni, dawk li lilhom din id-deċiżjoni ġiet "innotifikata" jistgħu jikkontestawha mid-data tan-"notifika" tagħha waqt li persuni oħra li lilhom ma ġietx "innotifikata" din id-deċiżjoni jistgħu jikkontestawha mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Barra minn dan, ma huwiex dejjem possibbli għall-Kummissjoni li tidentifika *a priori* l-persuni li jistgħu jippreżentaw rikors mid-data tan-notifika ta' deċiżjoni. F'dan ir-rigward, din id-diskriminazzjoni ma tistax għalhekk tiġi ġġustifikata mill-għan li tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali l-iktar malajr possibbli.

### *Għajnuna mill-Istat*

Il-kawżi dwar l-għajnuna mill-Istat kienu parti importanti mill-attività tal-Qorti Ġenerali, b'70 kawża deċiża u 46 kawża mressqa. Tista' tingħata biss titwila fuq dawn id-deċiżjonijiet, f'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, il-kwistjonijiet ta' ammissibbiltà, it-tieni nett, il-kwistjonijiet dwar il-mertu, u t-tielet nett, il-kwistjonijiet proċedurali.

### 1. Ammissibbiltà

Il-ġurisprudenza ta' din is-sena kkjarifikat b'mod partikolari l-kunċetti ta' att li jipproduċi effetti legali vinkolanti u ta' interess ġuridiku.

Fir-rigward tal-kunċett ta' att li jipproduċi effetti legali vinkolanti, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2009, *TF1 vs Il-Kummissjoni* (T-354/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni li hija ma tieħu l-ebda deċiżjoni fil-każ tal-proċedura ta' eżami ta' għajnuna eżistenti li twassal għall-aċċettazzjoni mill-Istat tal-miżuri xierqa proposti, jew intiżi sabiex iqassru din il-proċedura għal proċess kważi kuntrattwali. Ċertament, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiddiskutu dwar il-miżuri xierqa proposti, iżda huwa biss meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li taċċetta l-impenji tal-Istat li jirrispondi għall-preokkupazzjonijiet tagħha, li l-proċedura ta' eżami ta' għajnuna eżistenti tintemm permezz ta' deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata.

Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju 2009, *NDSHT vs Il-Kummissjoni* (T-152/06, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, l-obbligu, għall-Kummissjoni, li tadotta

[15] F'din il-kawża ġie diskuss ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1310/97, tat-30 ta' Ġunju1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 164).

deċiżjoni b'risposta għal ilment jikkonċerna biss il-każ previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament KE Nru 659/1999[16]. It-tieni sentenza tal-Artikolu 20(2) tal-istess regolament tipprovdi li l-Kummissjoni tista' sempliċement tinforma bil-miktub lill-persuna li tilmenta li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex tingħata deċiżjoni. B'mod partikolari, dan huwa l-każ meta l-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament huwa inapplikabbli għaliex l-ilment ma jikkonċernax għajnuna illegali, iżda fir-realtà jirreferi għal għajnuna eżistenti.

Mid-dritt ta' inizjattiva esklużiva li l-Kummissjoni għandha fil-qasam ta' għajnuna eżistenti jirriżulta li persuna li tilmenta ma tistax, permezz ta' lment, tobbliga lil din tal-aħħar tevalwa l-kompatibbiltà ta' għajnuna eżistenti. Jekk il-Kummissjoni tqis, wara l-ewwel evalwazzjoni, li l-ilment ma jikkonċernax għajnuna illegali iżda għajnuna eżistenti, hija ma hijiex obbligata tindirizza deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999 lill-Istat Membru kkonċernat u ma tistax tkun obbligata timplementa l-proċedura tal-Artikolu 88(1) KE. Għaldaqstant, ittra li tikklassifika l-għajnuna allegata fl-ilment bħala għajnuna eżistenti, ma għandhiex il-karatteristiċi ta' deċiżjoni li tipproduċi effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti.

Fir-rigward tal-interess ġuridiku, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza *TF1 vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, iddeċidiet li r-rikorrenti ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li ma għandhiex interess ġuridiku minħabba li d-deċiżjoni kkontestata, inkwantu kienet timponi kundizzjonijiet dwar għajnuna li minnha kienet tibbenefika impriża kompetittriċi, kienet favorevoli għaliha. Fil-fatt, tali raġunament huwa bbażat fuq il-premessa li l-kontestazzjonijiet tagħha rigward il-mertu tad-deċiżjoni, b'mod partikolari, rigward in-natura manifestament inadegwata tal-impenji intiżi sabiex jiżguraw il-kompatibbiltà ta' sistema ta' għajnuna mas-suq komuni, huma żbaljati. Annullament tad-deċiżjoni kkontestata li huwa mmotivat minn żball manifest tal-Kummissjoni fid-determinazzjoni tal-miżuri xierqa li għandhom jiġu implementati, jew minn motivazzjoni insuffiċjenti tal-adegwatezza ta' dawn il-miżuri għall-problemi identifikati, ma tqiegħedx lir-rikorrenti f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik li tirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata. Tali annullament ifisser għalhekk li d-deċiżjoni kkontestata kienet jew ikkaratterizzata, jew inkella li tista' tiġi kkaratterizzata, minn impenji mhux xierqa u, għaldaqstant, ma kinitx favorevoli għar-rikorrenti.

Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Frar 2009, *Deutsche Post u DHL International vs Il-Kummissjoni* (T-388/03, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell) il-Qorti Ġenerali spjegat li l-partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE kellhom interess li jiksbu l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda wara l-proċedura ta' eżami preliminari, peress li tali annullament jimponi l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, u jippermettilhom jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom u b'hekk jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjoni l-ġdida. F'dan il-kuntest, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tqabbel il-motivi mqajma mal-argumenti ppreżentati fid-difiża mir-rikorrenti f'kawża distinta.

## 2. Regoli sostantivi

### a) Għoti ta' vantaġġ ekonomiku

Fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2009, *Iride u Irede Energia vs Il-Kummissjoni* (T-25/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar il-kwistjoni jekk il-liberalizzazzjoni ta' suq kinitx tagħmel parti mill-iżviluppi li l-operaturi għandhom jistennew jew, min-naħa l-oħra, jekk il-kundizzjonijiet normali tas-suq iwasslux għall-istabbiltà tal-qafas regolamentari. Hija fakkret li fi

[16] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

Stat demokratiku, il-qafas regolamentari jista' jiġi emendat f'kull waqt, u dan jgħodd iktar u iktar jekk il-qafas regolamentari preċedenti kien jipprovdi għall-għeluq nazzjonali u/jew reġjonali ta' suq, b'mod li joħloq sitwazzjonijiet ta' monopolju. Minn dan isegwi li l-ftuħ ta' suq li qabel kien magħluq ma jistax jitqies bħala anomalija meta mqabbel mal-kundizzjonijiet normali tas-suq.

L-operaturi ekonomiċi għandhom, f'dan ir-rigward, dritt għal protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tagħhom. Madankollu, peress li huma bbenefikaw minn din il-protezzjoni, huma ma jistgħux jippretendu li din il-protezzjoni tkun implementata b'mod partikolari u mhux b'mod ieħor, jiġifieri permezz tal-esklużjoni ta' għajnuna li tikkumpensa t-telf dovut minħabba l-bidla fil-qafas tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE pjuttost milli minn dikjarazzjoni ta' kompatibbiltà ta' din il-miżura mas-suq komuni, skont l-Artikolu 87(3)KE.

Il-Qorti Ġenerali applikat ukoll il-prinċipju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 1997, *TWD vs Il-Kummissjoni* [17], li l-Kummissjoni ma tabbużax mis-setgħa diskrezzjonali tagħha meta, fil-każ fejn għandha tieħu deċiżjoni dwar pjan ta' għajnuna li Stat Membru jipproponi li jagħti lil impriża, hija tadotta deċiżjoni li tiddikjara din l-għajnuna kompatibbli mas-suq komuni, iżda taħt riżerva li l-impriża inkwistjoni l-ewwel tirrimborsa għajnuna preċedenti illegali, u dan minħabba l-effett kumulattiv tal-għajnuna inkwistjoni. Il-fatt li l-għajnuna preċedenti illegali ma tkunx ingħatat bħala għajnuna individwali, iżda fil-qafas ta' skema ta' għajnuna u li l-benefiċċju eżatt mogħti lill-impriżi benefiċjarji ma setax, minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat, jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni, ma għandux jiġġustifika n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-imsemmi prinċipju, peress li kull soluzzjoni oħra tkun tfisser li jiġi ppremjat in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali u dan ixejjen l-effiċjenza tas-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

F'dan ir-rigward, l-obbligu li għandhom Stat Membru u l-impriża potenzjalment benefiċjarja ta' għajnuna ġdida li jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li tista' turi li din l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq komuni japplika wkoll għall-bżonn li jiġi stabbilit in-nuqqas ta' effett kumulattiv ta' għajnuna ġdida mal-għajnuna preċedenti illegali. Jekk il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni, minħabba li l-Istat Membru u l-impriża potenzjalment benefiċjarja tal-għajnuna ma kinux jafu b'dan l-obbligu, li tevalwa l-effett fuq il-kompetizzjoni li seta' jirriżulta minn dan l-effett kumulattiv, il-Kummissjoni ma għandhiex tiġi kkritikata minħabba nuqqas ta' identifikazzjoni jew analiżi tas-suq inkwistjoni.

## b) Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

Fis-sentenza *Deutsche Post u DHL International vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-dikjarazzjonijiet magħmula fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark* [18], kienu applikabbli kompletament għad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami preliminari tal-Artikolu 88(2) KE li tagħmel eżami komplet f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tan-natura adegwata tal-livell tal-kumpens mogħti lil servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jikkostitwixxi indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji sabiex issir evalwazzjoni jekk għajnuna hijiex kompatibbli mas-suq komuni.

Fis-sentenza *TF1 vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-kundizzjonijiet imposti fis-sentenza *Altmark*, li hija intiża sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat skont

[17] C-355/95 P, Ġabra p. I-2549, punti 25 sa 27.

[18] C-280/00, Ġabra p. I-7747.

l-Artikolu 87(1) KE, ma għandhomx jiġu mfixxkla mat-test tal-Artikolu 86(2) KE, li jippermetti li jiġi stabbilit jekk miżura li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat tistax tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq komuni.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat wkoll li l-eżami ta' għajnuna eżistenti, li tista' twassal biss għal miżuri għall-futur, jekk kumpens żejjed eventwali għall-passat jista' eventwalment jippreżenta interess għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna eżistenti mas-suq komuni, xorta jibqa' l-fatt li tali riċerka ma tkunx, fiha nnifisha, neċessarjament indispensabbli għal evalwazzjoni korretta tan-neċessità sabiex jiġu proposti miżuri xierqa għall-futur u sabiex jiġu stabbiliti dawn il-miżuri. Ir-riskju jew in-nuqqas ta' riskju ta' kumpens żejjed għall-futur jiddependi, fl-aħħar nett, essenzjalment mill-modalitajiet konkreti tas-sistema ta' finanzjament innifisha, u mhux mill-fatt li din is-sistema kienet, fil-prattika, għamlet kumpens żejjed fil-passat.

### c) Kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq

Fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2009, *EDF vs Il-Kummissjoni* (T-156/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret li l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi fil-kapital ta' impriża, taħt kwalunkwe forma, jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Madankollu, dan ma jistax ikun il-każ, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn impriżi pubbliċi u privati, meta l-kapitali li jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' impriża, direttament jew indirettament, mill-Istat, jitpoġġew f'ċirkustanzi li jikkorrispondu mal-kundizzjonijiet normali tas-suq. Fis-sitwazzjonijiet fejn l-intervent ikun jifforma parti mill-atti ta' setgħa pubblika, isir riferiment għall-kriterju tal-operatur privat sabiex jiġi stabbilit jekk dan l-intervent setax jiġi adottat minn operatur privat bi skop ta' profitt. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li hija ġurisprudenza stabbilita illi, sabiex jiġi evalwat jekk il-miżuri adottati mill-Istat jifformawx parti mill-prerogattivi ta' setgħa pubblika tiegħu jew jirriżultawx mill-obbligi li għandu jassumi bħala azzjonist, dawn il-miżuri għandhom jiġu evalwati mhux skont il-forma tagħhom, iżda skont in-natura tagħhom, is-suġġett tagħhom, u skont ir-regoli li huma suġġetti għalihom, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan segwit mill-miżuri inkwistjoni.

F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Kummissjoni ma eżaminatx jekk iż-żieda fil-kapital ta' Électricité de France (EDF), imwettqa mir-Repubblika Franċiża permezz ta' rinunzja ta' kreditu fiskali kinitx miżura legali fir-rigward tal-kriterju ta' investitur privat. Skont il-Kummissjoni, dan il-kriterju ma setax japplika għal dan il-vantaġġ fiskali, peress li tali rinunzja tirriżulta mill-eżerċizzju, min-naħa tal-Istat, tas-setgħa regolatorja tiegħu, jew inkella, tal-prerogattivi tas-setgħa pubblika tiegħu. It-Tribunal ċaħad din l-interpretazzjoni, filwaqt li enfasizza li l-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat ma tistax tiġi injorata biss minħabba li ż-żieda fil-kapital ta' EDF tirriżulta mir-rinunzja min-naħa tal-Istat ta' kreditu fiskali li dan tal-aħħar kellu fil-konfront ta' EDF. Fil-fatt, f'ċirkustanzi bħal dawn, kienet il-Kummissjoni li kellha tivverifika jekk investitur privat kienx ipproċeda għal investiment paragunabbli fl-ammont tiegħu f'ċirkustanzi simili, indipendentement mill-forma tal-intervent tal-Istat sabiex iżid il-kapital ta' EDF u mill-użu eventwali ta' riżorsi fiskali għal dan il-għan, u dan sabiex tiġi vverifikata r-razzjonalità ekonomika ta' dan l-investiment, u sabiex dan jiġi pparagunat mal-aġir li tali investitur kien adotta fir-rigward tal-istess impriża fl-istess ċirkustanzi. Il-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, irrilevat li tali obbligu tal-Kummissjoni li tivverifika jekk il-kapitali ġewx miżjuda mill-Istat f'ċirkustanzi li jikkorrispondu mal-kundizzjonijiet normali tas-suq, jeżisti indipendentement mill-forma li fiha l-kapitali ġew miżjuda mill-Istat, kemm jekk din tkun simili jew differenti minn dik li setgħet tiġi użata minn investitur privat.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-kriterju tal-investitur privat għandu preċiżament l-għan li jivverifika jekk, minkejja l-fatt li l-Istat jiddisponi minn metodi li ma jiddisponix minnhom investitur privat, dan tal-aħħar kienx, fl-istess ċirkustanzi, jieħu deċiżjoni ta' investiment paragunabbli ma'

dik tal-Istat. In-natura tal-kreditu kkonvertit f'kapital u, għalhekk, il-fatt li investitur privat ma jistax iżomm kreditu fiskali, huma irrilevanti f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-kriterju tal-investitur privat għandux jiġi applikat jew le. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, meta rrifjutat li teżamina l-miżura kkontestata fil-kuntest tagħha, u li tapplika l-kriterju tal-investitur privat, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi. Għaldaqstant, hija annullat parzjalment id-deċiżjoni kkontestata.

## d) Obbligu ta' rkupru tal-għajnuna

Fis-sentenzi tat-30 ta' Novembru 2009, *Franza vs Il-Kummissjoni* u *France Télécom vs IlKummissjoni* (T-427/04 et T-17/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkonfermat mill-ġdid il-ġurisprudenza li l-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandu jkun jista' jsir, fid-dawl tal-indikazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni, mingħajr diffikultà żejda. Hija ddeċidiet li l-Kummissjoni għalhekk kienet korretta li tillimita ruħha li tikkonstata l-obbligu ta' ħlas lura tal-għajnuna inkwistjoni u tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali l-kompitu tal-kalkolu tal-ammont eżatt tal-għajnuna li għandha titħallas lura, speċjalment meta dan il-kalkolu jeħtieġ it-teħid inkunsiderazzjoni ta' sistemi ta' tassazzjoni jew ta' sigurtà soċjali li l-modalitajiet tagħhom huma stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. F'din il-kawża, l-enfażi għandu jkun fuq il-fatt li l-Kummissjoni użat ammont massimu u ammont minimu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni indikat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ammont tal-għajnuna inkwistjoni kellu jkun bejn EUR 798 u EUR 1 140 miljun. Minn dan jirriżulta li l-ammont ta' EUR 798 miljun għandu jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi l-ammont minimu tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata. Peress li l-ammonti li jikkostitwixxu l-ammont massimu u l-ammont minimu li bejniethom jinsab l-ammont tal-għajnuna inkwistjoni ma humiex ta' natura indikattiva, id-deċiżjoni kkontestata tinkludi għalhekk l-indikazzjonijiet xierqa li għandhom jippermettu lir-Repubblika Franċiża tiddetermina hija stess, mingħajr diffikultà żejda, l-ammont finali tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-ġurisprudenza li l-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandu jkun jista' jsir, mingħajr diffikultà żejda, fid-dawl tal-indikazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fir-rigward tal-interpretazzjoni mogħtija lid-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti tal-Ġustizzja[19], il-Qorti Ġenerali qieset li l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata f'din il-kawża seta' jiġi kkalkolat mingħajr diffikultà żejda u li mill-inqas kien ugwali għall-ammont minimu stabbilit mill-Kummissjoni.

# 3. Regoli proċedurali

## a) Proċedura ta' investigazzjoni formali

Fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 2009, *Scheucher-Fleisch et vs Il-Kummissjoni* (T-375/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali b'mod partikolari jekk, fid-dawl tal-informazzjoni miksuba matul il-proċedura ta' eżami preliminari, jibqgħalha diffikultajiet serji ta' evalwazzjoni tal-miżura kkunsidrata. Fil-mument meta l-Kummissjoni eżaminat il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq komuni, hija kienet taf li wieħed mill-artikoli tal-liġi nazzjonali inkwistjoni ma kienx josserva l-kundizzjoni stabbilita mil-linji gwida applikabbli għall-għajnuna mill-Istat għar-reklamar li tipprovdi li s-sistema nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità ma tistax tkun limitata għall-prodotti ta' oriġini partikolari. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni kienet tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà

[19] Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2007, *Il-Kummissjoni vs Franza* (C-441/06, Ġabra p. I-8887).

tal-għajnuna inkwistjoni mal-linji gwida applikabbli għall-għajnuna mill-Istat għar-reklamar u kellha twassal għall-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE. Il-Qorti Ġenerali annullat għalhekk id-deċiżjoni kkontestata.

Barra minn hekk, fis-sentenza *Franza vs Il-Kummissjoni u France Télécom vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali spjegat illi l-fatt illi, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni biddlet l-analiżi tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ma huwiex tali li jwassal, fil-konfront tal-Istat, għal ksur tad-drittijiet tad-difiża ħlief jekk l-indikazzjonijiet li jinsabu f'din id-deċiżjoni jew, sussegwentement, ipprovduti waqt id-dibattitu kontradittorju matul il-proċedura amministrattiva, ma kinux jippermettu lill-Istat li jiddiskuti utilment il-punti ta' fatt u ta' liġi kollha kkunsidrati fid-deċiżjoni kkontestata. Min-naħa l-oħra, id-diverġenzi bejn id-deċiżjoni kkontestata u d-deċiżjoni ta' ftuħ li jirriżultaw mill-adozzjoni bħala tagħha, min-naħa tal-Kummissjoni, totalment jew parzjalment, tal-argumenti mressqa mill-Istat, ma jistgħux iwasslu, bħala regola, għal ksur tad-drittijiet tad-difiża fil-konfront ta' dan l-Istat.

Bl-istess mod, fis-sentenza tal-4 ta' Settembru 2009, *L-Italja vs Il-Kummissjoni* (T-211/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-proċedura ta' investigazzjoni formali ippermettiet li jiġu approfonditi u kkjarifikati l-kwistjonijiet mqajma fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, b'mod illi diverġenza eventwali bejnha u d-deċiżjoni finali ma tistax titqies fiha nnifisha bħala difett li jaffettwa l-legalità ta' din tal-aħħar. Ma jirriżulta minn l-ebda dispożizzjoni dwar l-istħarriġ ta' għajnuna mill-Istat li l-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-pożizzjoni tagħha qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, ladarba dan ikun ġie intimat sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

## b) Aspettattivi leġittimi

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2009, *Diputación Foral de Álava et vs IlKummissjoni* (T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), ir-rikorrenti sostnew, b'mod partikolari, li l-aġir tal-Kummissjoni kkostitwixxa ċirkustanza eċċezzjonali li tista' toħolqilhom aspettattivi leġittimi fir-regolarità tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni, minħabba n-nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-avviż lill-benefiċjarji potenzjali tal-għajnuna, kif previst mill-Komunikazzjoni tal-1983 dwar l-għajnuna illegali.

Minkejja li l-Qorti Ġenerali kkundannat in-nuqqas ta' pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, hija rrilevat illi jibqa' l-fatt li l-informazzjoni li tinsab fil-komunikazzjoni msemmija kienet nieqsa minn kull ekwivoku. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni mogħtija mir-rikorrenti wasslet sabiex il-Komunikazzjoni tal-1983 dwar l-għajnuna illegali tingħata portata li tmur kontra l-Artikolu 88(3) KE u dan ma kienx jiddependi mill-pubblikazzjoni jew le fil-Ġurnal Uffiċjali tal-avviż previst mill-Komunikazzjoni tal-1983 dwar l-għajnuna illegali.

B'mod partikolari, ma għandux ikun impossibbli li l-għajnuna mogħtija illegalment tiġi rkuprata biss minħabba n-nuqqas ta' tali avviż mill-Kummissjoni, mingħajr ma tiġi ppreġudikata s-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat stabbilita mit-Trattat. Minn dan jirriżulta li n-nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-avviż previst mill-Komunikazzjoni tal-1983 dwar l-għajnuna illegali ma jikkostitwixxix ċirkustanza eċċezzjonali li tista' toħloq xi aspettattiva kwalunkwe fir-regolarità tal-għajnuna mogħtija illegalment.

Barra minn hekk, fis-sentenzi *Franza vs Il-Kummissjoni u France Télécom vs Il-Kummissjoni*, iċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-obbligu ta' notifika tal-miżuri li jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat lill-impriżi kellu preċiżament l-għan li jippermetti li jitneħħa kull dubju dwar jekk il-miżuri kinux jikkostitwixxu effettivament għajnuna mill-Istat. Fid-data tal-adozzjoni tal-liġi li stipulat

is-sistema speċifika ta' tassazzjoni applikabbli għal France Télécom, ma kienx ċar li din is-sistema kienet tagħti vantaġġ lil din l-impriża. Il-Qorti Ġenerali qieset għalhekk li Franza kellha tinnotifika din il-miżura lill-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' din in-notifika qabel l-implementazzjoni tas-sistema ta' tassazzjoni inkwistjoni, hija ma setgħetx tibbaża ruħha fuq il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sakemm ma turix l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali.

## c) Proċedura tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet

Fis-sentenzi *Franza vs Il-Kummissjoni u France Télécom vs Il-Kummissjoni*, iċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjoni importanti fir-rigward tal-proċedura tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma għandux jiġi eskluż li, kif jipprevedi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 tar-Regolament intern tal-Kummissjoni[20], il-kulleġġ tal-membri tal-Kummissjoni jagħti struzzjonijiet lil wieħed jew iktar mill-membri tiegħu sabiex jadotta t-test finali ta' deċiżjoni li l-partijiet essenzjali tagħha jkunu ġew deċiżi fid-deliberazzjonijiet tiegħu. Meta l-kulleġġ jagħmel użu minn dan id-dritt, hija l-qorti Komunitarja, li jkollha quddiemha l-kwistjoni tar-regolarità tal-eżerċizzju ta' din is-setgħa, li għandha tivverifika jekk il-kulleġġ jistax jiġi kkunsidrat li ħa d-deċiżjoni inkwistjoni fid-dawl tal-punti kollha ta' fatt u ta' liġi. Filwaqt li f'din il-kawża kkonstatat li peress li d-diverġenzi formali bejn il-verżjoni tad-deċiżjoni kkontestata adottata fit-2 ta' Awwissu 2004 u t-test li kien ġie approvat mill-kulleġġ tal-membri tal-Kummissjoni fid-19 u l-20 ta' Lulju 2004 ma kellhom l-ebda effett fuq il-portata tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali ma laqgħatx il-motiv.

## *Trade mark Komunitarja*

Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 40/94, issostwit bir-Regolament (KE) Nru 207/2009[21] li madankollu jillimita ruħu, essenzjalment, sabiex jikkodifika r-regoli dwar it-trade mark Komunitarja li ġew emendati diversi drabi u b'mod sostanzjali mill-1994 'l hawn, fl-2009 baqgħu jirrappreżentaw parti sinjifikattiva mill-kawżi deċiżi mill-Qorti Ġenerali (168 kawża, jiġifieri 30 % tan-numru totali ta' kawżi deċiżi fl-2009).

## 1. Raġunijiet assoluti għal rifjut u raġunijiet assoluti ta' invalidità

L-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 40/94 jipprojbixxi r-reġistrazzjoni, bħala trade mark Komunitarja, ta' sinjali li, minħabba l-karattru deskrittiv tagħhom, ma humiex adatti sabiex jindikaw l-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi koperti. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-karattru deskrittiv għandu jiġi evalwat, minn naħa, fil-konfront tal-prodotti jew tas-servizzi koperti u, min-naħa l-oħra, fil-konfront tal-perċezzjoni li jkollu l-pubbliku rilevanti[22].

Fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, *Torresan vs UASI – Klosterbrauerei Weissenohe (CANNABIS)* (T-234/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks

[20] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 213

[21] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), sostwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1). Madankollu, f'dan ir-rapport, isir riferiment biss għan-numri tal-artikoli li jinsabu fir-Regolament Nru 40/94.

[22] Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2001, *Procter & Gamble vs UASI* C-383/99 P, Ġabra p. I-6251, punt 39, u tal-21 ta' Ottubru 2004, *UASI vs Erpo Möbelwerk*, C-64/02 P, Ġabra p. I-10031, punt 43.

u Disinni) (UASI), li ddikjarat li, għall-konsumatur medju, is-sinjal verbali CANNABIS kien deskrittiv ta' karatteristiċi tal-birra, tal-inbid u ta' xorb ieħor alkoħoliku, li fost l-ingredjenti tagħhom jista' jkollhom il-kannabis bħala ħaxixa aromatika fil-produzzjoni tagħhom. Tali konklużjoni ma hijiex ikkontestata minħabba l-fatt li t-terminu "kannabis" jikkostitwixxu terminu evokattiv u allużiv li jagħti idea ta' pjaċir, ta' evażjoni jew ta' rilassament.

Barra minn hekk, fis-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2009, *Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI (222, 333 u 555)* (T-200/07 sa T-202/07), *(350, 250 u 150)* (T-64/07 sa T-66/07), *(1000)* (T-298/06) (mhux ippubblikati), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat illi sinjali verbali li jikkonsistu biss f'ċifri kienu deskrittivi ta' prodotti bħal fuljetti, perijodiċi, ġurnali ta' kuljum u logħob, sakemm jirreferu għal karatteristiċi tal-imsemmija prodotti, b'mod partikolari għall-kwantità ta' paġni, ta' xogħlijiet, ta' informazzjoni u ta' logħob ikkompilat.

Fir-rigward ta' sinjali figurattivi li jikkonsistu f'ċifri mdawra b'rettangolu u akkumpanjati minn dekorazzjonijiet ikkuluriti, il-Qorti Ġenerali ntalbet tiddeċiedi wkoll, fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2009, *Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI (100 u 300)* (T-425/07 u T-426/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), dwar il-konsegwenzi tar-rifjut tal-impriża li għamlet applikazzjoni sabiex tirreġistra dawn is-sinjali bħala trade marks Komunitarji li tiddikjara, skont l-Artikolu 38(2) tar-Regolament Nru 40/94, li tirrinunzja għal kull dritt esklużiv fuq l-imsemmija ċifri. Wara li fakkret li, skont din id-dispożizzjoni, meta trade mark ikun fiha element li ma huwiex ta' karattru distintiv u l-inklużjoni ta' dan l-element jista' jqajjem dubji dwar il-portata tal-protezzjoni mogħtija, l-UASI tista' titlob, bħala kundizzjoni sabiex it-trade mark tiġi rreġistrata, li l-applikant jistqarr li huwa jirrinunzja għal kull dritt esklużiv fuq dak l-element, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-funzjoni ta' tali stqarrijiet hija li jenfasizzaw il-fatt li d-dritt esklużiv mogħti lill-proprjetarju ta' trade mark ma jestendix għall-elementi li jifformawha li ma humiex ta' karattru distintiv, u li l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tal-elementi tat-trade marks li għalihom saret applikazzjoni, fil-kuntest tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament Nru 40/94, ma għandhiex issir fil-konfront tal-impressjoni ġenerali li l-imsemmija trade marks jagħtu, iżda fil-konfront tal-elementi li jifformawhom.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali reġgħet iddeċidiet dwar il-karattru distintiv ta' sinjali figurattivi sempliċi ħafna, bħal punt ta' esklamazzjoni, waħdu jew f'rettangolu, fis-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2009, *Joop!/OHMI (!)* (T-75/08, mhux ippubblikata) u *(Rappreżentazzjoni ta' punt ta' esklamazzjoni f'rettangolu))* (T-191/08, mhux ippubblikata). Hija fakkret li r-reġistrazzjoni ta' trade mark komposta minn sinjali li jintużaw ukoll bħala slogans pubbliċitarji, indikazzjonijiet ta' kwalità jew espressjonijiet li jħeġġu x-xiri tal-prodotti jew tas-servizzi msemmija ma hijiex fiha nnifisha eskluża minħabba tali użu. Madankollu, trade mark li taqdi funzjonijiet differenti minn dawk ta' trade mark fis-sens tradizzjonali hija distintiva biss jekk tista' tiġi pperċepita immedjatament bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi koperti. Sussegwentement, hija rrilevat li, f'din il-kawża, il-konsumatur, inkluż dak li għandu livell ta' attenzjoni iktar għoli, ma kienx f'pożizzjoni li jistabbilixxi l-oriġini tal-prodotti koperti billi jibbaża ruħu fuq punt ta' esklamazzjoni, li huwa iktar ipperċepit bħala eloġju, u dan anki li kieku kien jinsab f'qafas rettangolari, element sekondarju li jagħti lis-sinjal inkwistjoni d-dehra ta' tikketta. Barra minn hekk, fis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, *Pioneer Hi-Bred International vs UASI (OPTIMUM)* (T-424/07, mhux ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat illi preċiżament minħabba l-użu komuni tiegħu fil-lingwa użata ta' kuljum, bħal fil-kummerċ, bħala terminu ġenerali ta' tifħir, is-sinjal OPTIMUM ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li kien adattat sabiex jidentifika l-oriġini kummerċjali tal-prodotti li huwa jindika u l-fatt li l-prodotti koperti huma intiżi għal pubbliku speċjalizzat ma jibdel xejn minn din l-evalwazzjoni, peress illi l-livell ta' attenzjoni ta' tali pubbliku, li bħala regola huwa għoli, huwa relattivament dgħajjef fil-konfront ta' indikazzjonijiet ta' natura promozzjonali.

Skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94, trade mark tista' tiġi rreġistrata jekk tkun saret distintiva fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi koperti wara l-użu li jkun sar minnha. F'dan ir-rigward, fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2009, *BCS vs UASI – Deere (Taħlita tal-kuluri aħdar u isfar)* (T-137/08, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett fakkret li kull użu ta' sinjal, f'din il-kawża taħlita tal-kuluri aħdar u isfar, mhux neċessarjament jikkostitwixxi użu inkwantu trade mark. Madankollu, f'dan il-każ, id-deċiżjoni tal-UASI li ma tannullax it-trade mark komposta mill-imsemmi sinjal kienet ibbażata b'mod partikolari fuq id-dikjarazzjonijiet ta' assoċjazzjonijiet professjonali li jipprovdu li t-taħlita tal-kuluri aħdar u isfar kienet tirreferi għall-magni tal-agrikoltura prodotti mill-intervenjenti u fuq il-fatt li din kienet użat l-istess taħlita ta' kuluri fuq il-magni tagħha għal perijodu kunsiderevoli. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat illi, għalkemm għandu jiġi stabbilit li t-trade mark ikkontestata kisbet karattru distintiv fl-Unjoni kollha, ma huwiex meħtieġ li l-istess tipi ta' provi jitressqu għal kull Stat Membru.

## 2. Raġunijiet relattivi għal rifjut u raġunijiet relattivi ta' invalidità

L-iżviluppi prinċipali tal-ġurisprudenza ta' din is-sena jikkonċernaw l-evalwazzjoni tax-xebh tas-sinjali u l-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni. L-ewwel nett, fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2009, *CureVac vs UASI – Qiagen (RNAiFect)* (T-80/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkunsidrat illi x-xebh tas-sinjali RNAifect u RNActive, li jirriżulta mill-identiċità tal-ewwel tliet ittri, kien madankollu mnaqqas ħafna bid-differenzi bejn l-aħħar ħames ittri. Hija speċifikat li, jekk huwa minnu li l-konsumatur normalment jagħti iktar importanza lill-parti inizjali tal-kliem peress li iktar hija ppronunzjata, il-pubbliku ma jikkunsidrax element deskrittiv jew ftit distintiv li jifforma parti minn trade mark kumplessa bħala l-element distintiv u dominanti fl-impressjoni ġenerali prodotta minnha. F'din il-kawża, l-element "rna" kellu karattru ftit distintiv, bil-konsumatur jippreżumi l-eżistenza ta' referenza għal komponent kimiku. Għaldaqstant, dan l-element ma setax jiġi kkunsidrat mill-pubbliku bħala distintiv u dominanti fl-impressjoni ġenerali prodotta mit-trade marks kumplessi inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, fil-kawża tat-2 ta' Diċembru 2009, *Volvo Trademark vs UASI – Grebenshikova (SOLVO)* (T-434/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkunsidrat illi s-sinjali SOLVO u VOLVO kellhom ċertu livell ta' xebh fonetiku, u għalhekk l-UASI kienet żbaljata meta ħasbet li setgħet tagħmel evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

Sussegwentement, fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2009, *Laboratorios Del Dr. Esteve vs UASI – Ester C (ESTER-E)* (T-230/07, mhux ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat ċerti ċirkustanzi li fihom il-paragun bejn is-sinjali fuq livell kunċettwali seta' jinnewtralizza x-xebh bejn dawn l-istess sinjali fuq livell viżiv u fonetiku. Hija rrilevat illi, jekk is-sinjal ESTEVE ma għandux sinjifikat f'lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni minbarra l-Ispanjol, is-sinjal ESTER-E ser jiġi assoċjat ma' isem magħruf sew jew ma' komponent kimiku u li din id-differenza bejn l-imsemmija sinjali fuq livell kunċettwali tiġġustifika n-nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, *Peek & Cloppenburg vs UASI – Redfil (Agile)* (T-386/07, mhux ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat illi ma jikkostitwixxux tali ċirkustanzi s-sitwazzjonijiet li fihom is-sinjal, li s-sinjifikat tiegħu jista' jinftiehem immedjatament mill-pubbliku rilevanti, għandu biss karattru distintiv limitat fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi koperti. Hija kkunsidrat li d-differenza bejn is-sinjali Aygill's u Agile fuq livell kunċettwali ma hijiex biżżejjed sabiex tinnewtralizza x-xebh bejn dawn is-sinjali fuq livell viżiv u fonetiku. Fil-fatt, fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni li huma artikoli u ħwejjeġ tal-isport, il-kelma "aġili" kellha natura ta' tifħir, li fid-dawl tal-imsemmija xebh, setgħet ukoll tiġi attribwita mill-konsumatur lit-trade mark preċedenti. Barra minn hekk, fis-sentenza tat-23 ta' Settembru 2009, *Viñedos y Bodegas Príncipe Alfonso de Hohenlohe vs UASI – Byass (ALFONSO)* (T-291/07, mhux ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-evalwazzjoni tal-UASI li t-trade mark preċedenti PRINCIPE ALFONSO u t-trade mark li tagħha ntalbet ir-reġistrazzjoni ALFONSO kienu kunċettwalment differenti għall-konsumatur Spanjol, b'mod partikolari inkwantu l-element

"principe" kien jidentifika persuna waħda fost dawk kollha li kellhom l-istess isem, u dan is-sinjal kellu sinjifikat ċar u speċifiku, b'tali mod li l-pubbliku rilevanti seta' jifhmu immedjatament.

F'dak li jirrigwarda l-paragun tal-prodotti u tas-servizzi, fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 2009, *Commercy vs UASI – easyGroup IP Licensing (easyHotel)* (T-316/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali, wara li fakkret li dawn huma kumplementari meta bejniethom teżisti rabta b'tali mod li wieħed huwa indispensabbli jew importanti għall-użu tal-ieħor, spjegat illi din id-definizzjoni timplika li dawn il-prodotti jew is-servizzi jistgħu jintużaw flimkien, u li għalhekk huma indirizzati lill-istess pubbliku.

Żviluppi oħra ġurisprudenzjali importanti ta' din is-sena ttrattaw l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità. Fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2009, *Moreira da Fonseca vs UASI – General Óptica (GENERAL OPTICA)* (T-318/06 sa T-321/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret li, sabiex topponi r-reġistrazzjoni jew sabiex titlob dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark Komunitarja bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, is-sinjal invokat għandu jissodisfa kumulattivament erba' kundizzjonijiet: huwa għandu jintuża fil-qasam tal-kummerċ; għandu jkollu sinjifikat li ma huwiex biss lokali; id-dritt għal dan is-sinjal għandu jkun inkiseb skont id-dritt tal-Istat Membru fejn is-sinjal intuża qabel id-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja u għandu jattribwixxi lill-proprjetarju tiegħu l-fakultà li jipprojbixxi l-użu ta' trade mark iżjed reċenti. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali spjegat illi l-ewwel żewġ kundizzjonijiet għandhom jiġu interpretati biss fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li ż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra għandhom jiġu evalwati fir-rigward tal-kriterji stabbiliti mid-dritt nazzjonali applikabbli. Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, hija ddeċidiet illi, minn naħa waħda, is-sinjifikat għandu jiġi evalwat fir-rigward kemm tad-dimensjoni ġeografika kif ukoll tad-dimensjoni ekonomika u, min-naħa l-oħra, li l-fatt li sinjal jagħti lill-proprjetarju tiegħu dritt esklużiv fit-territorju nazzjonali tiegħu kollu ma huwiex suffiċjenti fih innifsu sabiex jiġi stabbilit li s-sinjifikat tiegħu ma huwiex biss lokali. Barra minn hekk, fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, *Last Minute Network vs UASI – Last Minute Tour (LAST MINUTE TOUR)* (T-114/07 u T-115/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali enfasizzat illi, fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni hawn fuq imsemmija, il-Bord tal-Appell kellu l-obbligu jikkunsidra kemm il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat applikabbli abbażi tar-riferiment li tagħmel din id-dispożizzjoni kif ukoll il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti.

Barra minn hekk, fis-sentenza tal-14 ta' Mejju 2009, *Fiorucci vs UASI – Edwin (ELIO FIORUCCI)*, (T-165/06, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 40/94 ġewx osservati mill-Bord tal-Appell tal-UASI. F'din il-kawża Elio Fiorucci talab, b'mod partikolari, id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ELIO FIORUCCI għaliex għamel użu mid-dritt tiegħu ta' isem protett mid-dritt Taljan. Wara li fakkret illi, skont din id-dispożizzjoni, l-UASI jista' għalhekk, jiddikjara l-invalidità ta' trade mark Komunitarja jekk l-użu tagħha jista' jiġi pprojbit, b'mod partikolari, permezz ta' dritt ta' isem protett minn liġi nazzjonali, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-protezzjoni mogħtija mid-dispożizzjoni Taljana rilevanti ma hijiex esklużа peress li l-isem tal-persuna kkonċernata kiseb reputazzjoni minħabba l-attività kummerċjali li hija teżerċita.

Barra minn hekk, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2009, *Danjaq vs UASI – Mission Productions (Dr. No*) (T-435/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), ippermettiet lill-Qorti Ġenerali tippreċiża li l-istess sinjal jista' jkun protett kemm bħala xogħol oriġinali mid-drittijiet tal-awtur, kif ukoll bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti u tas-servizzi koperti mid-dritt tat-trade marks. IlQorti Ġenerali fakkret illi dawn iż-żewġ drittijiet esklużivi huma bbażati fuq kwalitajiet distinti, jiġifieri, minn naħa, l-oriġinalità ta' kreazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-kapaċità ta' sinjal li jiddistingwi l-imsemmija oriġini kummerċjali. Għalhekk, anki jekk it-titolu ta' film jista' jkun protett, skont

ċerti drittijiet nazzjonali, bħala kreazzjoni artistika indipendenti mill-protezzjoni mogħtija lill-film innifsu, huwa ma jistax jibbenifika b'mod awtomatiku mill-protezzjoni mogħtija lit-trade marks. Għaldaqstant, anki li kieku s-sinjali Dr. No u Dr. NO jippermettu li jiddistingwu l-film li kellu dan it-titolu minn films oħra tas-serje "James Bond", dan ma jippermettix li jiġi stabbilit li tali sinjali kienu jindikaw l-oriġini kummerċjali tal-prodotti u tas-servizzi koperti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċċarat ir-regoli dwar il-prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità. Fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2009, *Harwin International vs UASI – Cuadrado (Pickwick COLOUR GROUP)* (T-450/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), hija ppreċizat illi l-UASI kien obbligat li jeżamina l-kwistjoni tal-prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti anki meta l-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja li għaliha saret applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma għamilx talba speċifika f'dan is-sens iżda kkontesta l-provi ppreżentati għal dan il-għan mill-proprjetarju tat-trade mark preċedenti.

## 3. Raġunijiet għal revoka

Bis-saħħa tal-Artikolu 50 tar-Regolament Nru 40/94, id-drittijiet tal-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja jistgħu jiġu rrevokati, b'mod partikolari meta l-użu tat-trade mark jista' jqarraq bil-pubbliku fir-rigward tax-xorta, tal-kwalita jew tal-oriġini ġeografika tal-prodotti jew tas-servizzi koperti.

F'dan ir-rigward, fis-sentenza *ELIO FIORUCCI*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali qieset li l-identiċità bejn trade mark u isem personali ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-pubbliku kkonċernat jaħseb li l-persuna li l-isem personali tagħha tikkostitwixxi t-trade mark fasslet il-prodotti li għandhom din it-trade mark, peress li dan il-pubbliku jaf li wara kull trade mark magħmula minn isem, mhux neċessarjament hemm stilist li għandu l-istess isem. Sabiex l-Artikolu 50 tar-Regolament Nru 40/94 ikun jista' jiġi applikat, il-persuna interessata għandha tipprova li t-trade mark ġiet użata b'mod żbaljat jew li kien hemm riskju gravi biżżejjed ta' żball, ħaġa li ma ġietx murija f'din il-kawża.

Fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, *Stella Kunststofftechnik vs UASI – Stella Pack (Stella)* (T-27/09, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali speċifikat ukoll l-għan u l-effetti rispettivi tal-proċedimenti ta' revoka u ta' oppożizzjoni. Hija rrilevat b'mod partikolari li d-dispożizzjonijiet rilevanti ma jipprovdux li proċedimenti ta' oppożizzjoni mressqa abbażi ta' trade mark preċedenti, u li għadhom pendenti, jistgħu jeżerċitaw xi influwenza fuq l-ammissibbiltà, jew fuq l-iżvolġiment, ta' proċedimenti ta' revoka mressqa kontra din it-trade mark. Fil-fatt, il-proċedimenti ta' oppożizzjoni u ta' revoka huma żewġ proċedimenti speċifiċi u awtonomi: l-oppożizzjoni hija intiża sabiex twaqqaf, taħt ċerti kundizzjonijiet, applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark minħabba l-eżistenza ta' trade mark preċedenti, iċ-ċaħda ta' oppożizzjoni ma twassalx għal revoka tat-trade mark ikkonċernata, filwaqt li revoka tista' tinkiseb biss meta jsiru proċedimenti għal dan il-għan.

## 4. Kwistjonijiet ta' forma u ta' proċedura

Peress li l-ġurisprudenza kienet partikolarment numeruża fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' forma u ta' proċedura, huwa meħtieġ li jiġu ċċitati biss l-iżviluppi prinċipali.

L-ewwel nett, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, *Ferrero vs UASI – Tirol Milch (TiMi KiNDERJOGHURT)* (T-140/08, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), għandha importanza partikolari, peress li ppermettiet lill-Qorti Ġenerali tispeċifika l-valur, fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, tal-evalwazzjonijiet li saru u tal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Bord tal-Appell tal-UASI f'deċiżjoni preċedenti, li ngħatat fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn l-istess

partijiet u li jirrigwardaw l-istess trade mark Komunitarja. B'mod partikolari, kien ġie deċiż li ma kinux applikabbli la l-prinċipju tar-*res judicata*, peress illi l-proċeduri quddiem l-UASI kienu ta' natura amministrattiva, u d-dispożizzjonijiet rilevanti ma kinux jipprovdu regola f'dan is-sens, u lanqas il-prinċipji ta' ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li r-Regolament Nru 40/94 ma jeskludix il-possibbiltà ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità wara li ma jirnexxux proċedimenti ta' oppożizzjoni.

It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi għall-UASI ta' annullament ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tal-25 ta' Marzu 2009, *Kaul vs UASI – Bayer (ARCOL)* (T-402/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), indikat illi l-UASI kellu jara li l-appell, li sar pendenti mill-ġdid wara l-imsemmi annullament, iwassal għal deċiżjoni ġdida, meħuda eventwalment mill-istess Bord tal-Appell. Hija speċifikat illi, jekk, bħal f'din il-kawża, fis-sentenza ta' annullament ma ttieħditx pożizzjoni fuq in-natura simili jew le tat-trade marks kunfliġġenti, il-Bord tal-Appell għandu jeżamina mill-ġdid din il-kwistjoni, indipendentement mill-pożizzjoni adottata fid-deċiżjoni preċedenti annullata.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell meta trade mark tkopri diversi prodotti jew servizzi. Fis-sentenza tat-2 ta' April 2009, *Zuffa vs UASI (ULTIMATE FIGHTING CHAMPIONSHIP)* (T-118/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), hija spjegat illi ma kienx possibbli illi tingħata motivazzjoni globali għal serje ta' prodotti jew ta' servizzi meta bejniethom teżisti konnessjoni suffiċjentement diretta u konkreta sabiex tippermetti li l-kunsiderazzjonijiet li jikkostitwixxu l-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, minn naħa, jispjegaw suffiċjentement ir-raġunament segwit mill-Bord tal-Appell għal kull wieħed mill-prodotti u servizzi li jappartjenu għal din il-kategorija u, min-naħa l-oħra, ikunu applikabbli mingħajr distinzjoni għal kull wieħed mill-prodotti u servizzi kkonċernati. Fis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2009, *CFCMCEE vs UASI (P@YWEB CARD et PAYWEB CARD)* (T-405/07 u T-406/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), hija żiedet ukoll illi motivazzjoni globali xorta għandha tippermetti lill-qorti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Barra minn hekk, meta deċiżjoni lanqas biss għandha ħjiel ta' motivazzjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom l-UASI kkunsidra li ċerti prodotti jifformaw grupp omoġeneu, ma huwiex permess li jitressqu motivi addizzjonali matul il-proċedimenti.

Ir-raba' nett, fis-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2009, *Frosch Touristik vs UASI – DSR touristik (FLUGBÖRSE)* (T-189/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li hija biss id-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, u mhux dik tar-reġistrazzjoni, li hija rilevanti sabiex jitwettaq l-eżami li l-UASI għandu jagħmel matul proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità li fihom huwa allegat li trade mark Komunitarja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 40/94. Fil-fatt, dan l-approċċ jevita li l-probabbiltà li t-trade mark titlef il-karattru reġistrabbli tiżdied skont it-tul tal-proċedura ta' reġistrazzjoni.

Il-ħames nett, fis-sentenzi tas-7 ta' Mejju 2009, *Omnicare vs UASI – Astellas Pharma (OMNICARE)* (T-277/06) tat-12 ta' Mejju 2009, *Jurado Hermanos vs UASI (JURADO)* (T-410/07) tat-13 ta' Mejju 2009, *Aurelia Finance vs UASI (AURELIA)* (T-136/08), u tat-23 ta' Settembru 2009, *Evets vs UASI (DANELECTRO u QWIK TUNE)* (T-20/08 u T-21/08, taħt appelli) (li għadhom ma ġewx ippubblikati), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 40/94 dwar ir-*restitutio in integrum*, li jipprovdi li l-applikant jew il-proprjetarju ta' trade mark jew kull parti oħra fi proċedimenti quddiem l-UASI li ma osservawx it-terminu jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jingħataw lura d-drittijiet tagħhom. B'mod partikolari fl-ewwel u fir-raba' sentenzi hawn fuq imsemmija, il-Qorti Ġenerali spjegat illi din id-dispożizzjoni kienet applikabbli għat-terminu sabiex tiġi kkontestata deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell, iżda mhux għat-terminu sabiex titressaq talba ta' *restitutio in integrum* fiha nnifisha. Barra minn hekk, fit-tieni deċiżjoni, hija ċċarat il-kunċett ta' parti fil-proċedimenti filwaqt li fit-tielet, stabbilixxiet illi jekk il-proprjetarju ta' trade mark jiddelega

l-funzjonijiet amministrattivi relatati mat-tiġdid tagħha lil kumpannija speċjalizzata f'dan il-qasam, huwa għandu jiżgura li din tal-aħħar tippreżenta l-garanziji neċessarji li jippermettu l-preżunzjoni ta' eżekuzzjoni tajba tal-imsemmija funzjonijiet. B'mod partikolari, meta din il-kumpannija timplementa sistema informatika sabiex jitfakkru t-termini, din kellha tipprevedi mekkaniżmu ta' identifikazzjoni u ta' korrezzjoni ta' żbalji eventwali.

Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda d-deċiżjoni ta' revoka adottata minn istanza tal-UASI, sabiex tikkoreġi żball li jaffettwa l-parti relatata mal-ispejjeż ta' deċiżjoni adottata preċedentement minn din l-istess istanza, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2009, *Okalux vs UASI – Messe Düsseldorf (OKATECH)* (T-419/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), iddikjarat li din ir-revoka ma setgħetx tkun parzjali, peress li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kellu jiġi kkalkolat fil-konfront tal-ewwel deċiżjoni.

## *Ambjent – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra*

Fis-sentenzi tat-23 ta' Settembru 2009, *L-Estonja vs Il-Kummissjoni* (T-263/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell) u *Il-Polonja vs Il-Kummissjoni* (T-183/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet żviluppi importanti fir-rigward tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-kuntest tat-tfassil tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjoni (iktar 'il quddiem il-"PNA") tal-Istati Membri u tal-verifika, mill-Kummissjoni tal-konformità ta' dawn il-PNA mal-kriterji stipulati fid-Direttiva 2003/87/KE[23].

F'din il-kawża, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni kkonstatat illi l-PNA tar-Repubblika tal-Polonja u tar-Repubblika tal-Estonja ma kinux kompatibbli ma' ċerti kriterji stipulati fid-Direttiva 2003/87 u indikat illi ma kinux se jitqajmu oġġezzjonijeit kontra dawn il-PNA bil-kundizzjoni li jsiru ċerti bidliet. Quddiem il-Qorti Ġenerali, l-Istati Membri kkonċernati sostnew illi billi stabbilixxiet limitu ta' kwoti ta' gassijiet serra li jekk jinqabeż, il-PNA tagħhom jiġu miċħuda, u billi, f'dan il-kuntest, issostitwiet il-metodu ta' analiżi tagħha minflok dak użat mill-Istat Membru, il-Kummissjoni kisret it-tqassim tal-kompetenzi kif stipulati fid-Direttiva 2003/87. Il-Qorti Ġenerali laqat dawn l-allegazzjonijiet u annullat d-deċiżjonijiet ikkontestati.

Il-Qorti Ġenerali osservat li t-tnaqqis tal-emissjonijet tal-gassijiet serra huwa ta' importanza kbira ħafna fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, fenomenu li jirrappreżenta waħda mill-akbar theddidiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali li d-dinja hija kkonfrontata bihom attwalment. Madankollu, sabiex jintlaħaq dan il-għan, xorta ma jistax jiġġustifika li d-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-PNA tibqa' fis-seħħ, fil-każ li dan l-att ikun ġie adottat bi ksur tal-kompetenzi mogħtija mid-Direttiva 2003/87, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni rispettivament.

Il-Qorti Ġenerali fakkret illi, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, l-imsemmija direttiva torbot lill-Istati destinatarji, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli għażla tal-forom u tal-metodi xierqa f'idejhom għal dan il-għan. Hija l-Kummissjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa tagħha ta' stħarriġ, li għandha tipprova li l-istrumenti użati mill-Istat Membru għal dan l-għan imorru kontra d-dritt Komunitarju. Applikazzjoni rigoruża ta' dawn il-prinċipji hija importanti ħafna sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jimplika li l-Komunità tintervjeni biss, fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, jekk u sakemm l-għanijiet segwiti ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri.

23 Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631).

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali spjegat illi mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87 jirriżulta b'mod ċar illi, minn naħa waħda, huwa biss l-Istat Membru li għandu l-kompetenza li jfassal il-PNA u li jieħu deċiżjonijiet finali li jistabbilixxu l-kwantità totali ta' kwoti li ser jalloka għal kull perijodu ta' ħames snin kif ukoll id-distribuzzjoni ta' din il-kwantità bejn l-operaturi ekonomiċi, u min-naħa l-oħra, hija l-Kummissjoni, min-naħa tagħha, li għandha setgħa ta' stħarriġ fuq l-imsemmi PNA fir-rigward tal-kriterji stabbiliti mill-imsemmija direttiva, filwaqt li l-Istat Membru ma jistax jalloka l-kwoti ħlief jekk it-tibdiliet fil-pjan proposti wara r-rifjut inizjali tal-Kummissjoni jkunu ġew aċċettati minnha. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat illi l-Kummissjoni għandha d-dritt tagħmel kritika fir-rigward tal-inkompatibbiltajiet ikkonstatati u tagħmel proposti sabiex l-Istat Membru jkun jista' jbiddel il-PNA tiegħu b'mod li jagħmluh kompatibbli mal-imsemmija kriterji.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat illi, billi speċifikat kwantità speċifika ta' kwoti u billi rrifjutat il-PNA tal-Istati kkonċernati sa fejn il-kwantità totali tal-kwoti proposti jaqbżu dan il-limitu, il-Kummissjoni qabżet il-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ li tagħtiha d-Direttiva 2003/87, peress illi huwa biss l-Istat Membru li għandu jiffissa din il-kwantità.

Bl-istess mod, jekk huwa possibbli għall-Kummissjoni illi tfassal mudell ekoloġiku u ekonomiku tagħha stess sabiex tivverifika jekk il-PNA ta' diversi Stati Membri humiex kompatibbli mal-kriterji stipulati fid-Direttiva 2003/87, eżerċizzju li fil-kuntest tiegħu hija għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa, hija ma għandhiex, min-naħa l-oħra, tippretendi li twarrab l-informazzjoni mniżżla fil-PNA sabiex tissostitwixxiha bl-informazzjoni miksuba mill-metodu ta' evalwazzjoni tagħha, bir-riskju illi jiġi rrikonoxxut illi għandha setgħa reali ta' uniformizzazzjoni li l-imsemmija direttiva ma tagħtihiex. Il-Qorti Ġenerali osservat wkoll illi, fil-kuntest tat-tfassil tal-PNA tiegħu, l-Istat Membru kien obbligat jagħmel għażliet rigward il-politiki li jridu jiġu adottati, il-metodu li jrid jintuża u d-data li għandha tiġi kkunsidrata sabiex jiġi antiċipat l-iżvilupp prevedibbli tal-emissjonijiet, l-istħarriġ tal-Kummissjoni fuq dawn l-għażliet huwa limitat għall-verifika dwar jekk l-informazzjoni u l-parametri li fuqhom huma bbażati humiex kredibbli u suffiċjenti.

Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet illi, billi ssostitwiet il-metodu ta' evalwazzjoni tagħha flok dak użat mill-Istati Membri kkonċernati, minflok ma llimitat ruħha li tistħarreġ il-kompatibbiltà tal-PNA tagħhom mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2003/87, filwaqt li tikkunsidra, fejn kien il-każ, informazzjoni li tirriżulta mill-metodu tagħha, il-Kummissjoni eċċediet is-setgħat mogħtija lilha minn din id-direttiva.

## *Politika barranija u ta' sigurtà komuni*

### 1. Ġlieda kontra t-terroriżmu

Fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2009, *Sison vs Il-Kunsill* (T-341/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, fakkret fil-prinċipji stabbiliti fis-sentenzi *Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill*[24] u *Sison vs Il-Kunsill*[25], dwar l-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ffriżar ta' fondi ta' persuni marbuta ma' attivitajiet terroristiċi. Kemm il-motivazzjoni ta' deċiżjoni inizjali ta' ffriżar ta' fondi, kif ukoll il-motivazzjoni ta' deċiżjonijiet sussegwenti għandhom jitrattaw mhux biss il-kundizzjonijiet legali għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2580/2001[26], b'mod

24 Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, T-228/02, Ġabra p. II-4665.

25 Sentenza tal-11 ta' Lulju 2007, T-47/03, mhux ippubblikata.

26 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 207).

partikolari l-eżistenza ta' deċiżjoni nazzjonali ta' awtorità kompetenti, iżda wkoll ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li abbażi tagħhom il-Kunsill jikkunsidra li l-parti interessata għandha tkun suġġetta għal miżura ta' ffriżar ta' fondi Barra minn hekk, is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-Kunsill, fir-rigward tal-elementi li għandhom jitqiesu sabiex jadotta jew iżomm miżura ta' ffriżar ta' fondi, testendi għall-evalwazzjoni tat-theddida li persuna jew entità li fil-passat tkun wettqet atti terroristiċi, tista' tkun għadha tirrappreżenta, minkejja s-sospensjoni tal-attivitajiet terroristiċi tagħha matul perijodu xi ftit jew wisq twil. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma għadux meħtieġ li l-Kunsill jindika, b'mod iktar speċifiku, kif l-iffriżar tal-fondi tar-rikorrent jikkontribwixxi, b'mod konkret, għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jew li jipprovdi provi sabiex juri li l-parti interessata tista' tuża l-fondi tagħha sabiex twettaq jew tiffaċilita atti terroristiċi fil-futur.

Fit-tieni lok, wara li fakkret il-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni ta' deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi, ir-regoli dwar l-oneru tal-prova li għandu l-Kunsill f'dan il-kuntest u l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju f'dan il-qasam, il-Qorti Ġenerali rrilevat illi, fid-dawl kemm tal-kliem, tal-kuntest u tal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni kif ukoll tar-rwol maġġuri tal-awtoritajiet nazzjonali fil-proċess tal-iffriżar tal-fondi, deċiżjoni ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew ta' prosekuzzjoni" għandha, sabiex tkun tista' tiġi invokata mill-Kunsill b'mod validu, tittieħed fil-kuntest ta' proċeduri nazzjonali intiżi b'mod dirett u prinċipalment sabiex jimponu miżura ta' tip preventiv jew ripressiv kontra l-parti interessata, minħabba l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-fatt tal-involviment tagħha fih. Dan ir-rekwiżit ma huwiex sodisfatt minn deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja li tiddeċiedi biss b'mod anċillari u inċidentali fuq l-involviment possibbli tal-parti interessata f'attività bħal din, fil-kuntest ta' kontestazzjoni li tirrigwarda, pereżempju, id-drittijiet u l-obbligi ta' natura ċivili.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat illi, meta l-Kunsill ikun beħsiebu jadotta jew iżomm, wara eżami mill-ġdid, miżura ta' ffriżar ta' fondi skont ir-Regolament Nru 2580/2001, abbażi ta' deċiżjoni nazzjonali ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew ta' prosekuzzjoni" għal att terroristiku, dan ma jistax jinjora l-iżviluppi ulterjuri ta' dawn l-investigazzjonijiet jew ta' din il-prosekuzzjoni. Għaldaqstant, jista' jiġri li investigazzjoni tal-pulizija jew ta' sigurtà tingħalaq mingħajr ma mbagħad tittieħed azzjoni ġudizzjarja, minħabba li ma jkunux tħallew jinġabru provi suffiċjenti jew minħabba li ma tkunx saret inkjesta ġudizzjarja għall-istess raġunijiet. Bl-istess mod, deċiżjoni li ssir prosekuzzjoni tista' twassal sabiex jingħata tmiem għal dawn il-proċeduri jew li l-akkużat jiġi lliberat minn kull akkuża kriminali. Huwa inammissibbli li l-Kunsill ma jqisx tali elementi li jagħmlu parti mill-informazzjoni kollha rilevanti li għandha titqies għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. Jekk jiġi deċiż mod ieħor, dan jammonta għall-għoti lill-Kunsill u lill-Istati Membri, tas-setgħa eżorbitanti li jiffriżaw il-fondi ta' persuna, b'mod indefinit, mingħajr ebda stħarriġ ġudizzjarju u jkun xi jkun l-eżitu tal-proċeduri legali eventwalment mibdija.

## 2. Ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari

Fil-kawżi *Melli Bank vs Il-Kunsill* (sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, T-246/08 u T-332/08, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell) u *Bank Melli Iran vs Il-Kunsill* (sentenza tal-14 ta' 2009, T-390/08, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), deċiżi permezz ta' proċedura mħaffa, il-Qorti Ġenerali, għall-ewwel darba, eżaminat rikorsi kontra miżuri ta' ffriżar ta' fondi adottati fil-kuntest tas-sistema ta' miżuri restrittivi adottata sabiex issir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex din ittemm l-attivitajiet nukleari li għandhom riskju ta' proliferazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari.

L-oriġini tas-sistema inkwistjoni tinsab f'riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, implementata permezz tar-Regolament (KE) Nru 423/2007[27], li tipprevedi l-iffriżar tal-fondi ta' persuni, ta' entitajiet jew ta' organizzazzjonijiet, indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà, u l-iffriżar tal-fondi ta' entitajiet illi huma miżmuma jew ikkontrollati minn entitajiet li ġew identifikati bħala parteċipanti, li kienu assoċjati direttament ma' jew jipprovdu appoġġ għall-proliferazzjoni nukleari. Abbażi ta' dan ir-regolament, bank Iranjan u l-kumpannija sussidjarja tiegħu fir-Renju Unit, li l-ishma kollha tagħha kienu miżmuma mill-kumpannija parent, kienu s-suġġett ta' deċiżjonijiet ta' ffriżar ta' fondi, fid-dawl tal-allegat rwol tagħhom ta' faċilitatur għall-attivitajiet sensittivi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, f'bosta akkwisti ta' materjal sensittiv għall-programmi nukleari u missilistiċi tal-Iran u tal-provvista ta' servizzi finanzjarji.

Jekk, f'dawn is-sentenzi, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq prinċipji diġà stabbiliti fil-kuntest tal-ġurisprudenza dwar l-iffriżar tal-fondi fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, hija xorta introduċiet xi żviluppi speċifiċi.

Minn naħa waħda, b'risposta għall-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma minn Melli Bank plc fir-rigward tar-Regolament Nru 423/2007 inkwantu dan jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti Ġenerali fakkret illi l-legalità tal-projbizzjoni ta' attività ekonomika kienet suġġetta għall-kundizzjoni li l-miżuri ta' projbizzjoni jkunu xierqa u meħtieġa għat-twettiq tal-għanijiet leġittimament imfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, peress li huwa mifhum li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik li hija l-inqas oneruża u li l-iżvantaġġi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet koperti[28]. Hija ppreċiżat illi r-Regolament Nru 423/2007 għandu l-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari u l-finanzjament tagħha u b'hekk issir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex ittemm l-attivitajiet ikkonċernati. Dan l-għan jagħmel parti mill-kuntest iktar ġenerali tal-isforzi marbuta maż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali u huwa, għalhekk, leġittimu. Barra minn hekk, l-iffriżar ta' fondi proprjetà ta' jew ikkontrollati minn entità identifikata bħala li hija involuta fil-proliferazzjoni nukleari hija marbuta ma' dan il-għan meta jkun hemm riskju mhux insinjifikattiv li tali entità teżerċita pressjoni fuq l-entitajiet li hija żżomm bi proprjetà jew tikkontrolla sabiex tevita l-effett ta' miżuri li jsiru kontra tagħha, billi tħeġġiġhom jew sabiex jittrasferixxulha, direttament jew indirettament, il-fondi tagħhom jew sabiex jagħmlu tranżazzjonijiet li ma tistax tagħmel hija stess minħabba l-iffriżar tal-fondi tagħha. Fl-aħħar nett, mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-dritt ta' proprjetà u d-dritt li wieħed jeżerċita attività ekonomika ma humiex drittijiet assoluti u li jistgħu jsiru restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali li l-Komunità tfittex li tilħaq. L-importanza tal-għanijiet li l-leġiżlazzjoni kkontestata tfittex li tilħaq hija tali li tiġġustifika konsegwenzi negattivi, anki kunsiderevoli, għal ċerti operaturi[29]. Il-Qorti Ġenerali rrilevat illi l-libertà li teżerċita attività ekonomika kif ukoll id-dritt ta' proprjetà tal-istabbilimenti bankarji kkonċernati huma ristretti b'mod sostanzjali bl-iffriżar tal-fondi b'tali mod li dawn ma jistgħux jittrasferixxu l-fondi tagħhom li jinsabu fit-territorju tal-Komunità jew li jinsabu f'idejn ċittadini Komunitarji, ħlief b'awtorizzazzjonijiet speċifiċi, u li l-fergħat tagħhom li jinsabu fl-imsemmi territorju ma jistgħux jikkonkludu tranżazzjonijiet ġodda mal-klijenti tagħhom. Madankollu, hija kkunsidrat illi, fid-dawl tal-importanza ewlenija taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, l-inkonvenjenzi maħluqa ma humiex sproporzjonati għall-għanijiet previsti, fid-dawl tal-importanza ewlenija taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali.

[27] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/200, tad-19 ta' April 2007, dwar l-adozzjoni ta' miżuri ristrettivi fil-konfront tal-Iran (ĠU L 103, p. 1).

[28] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 1990, *Fedesa et*, C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 13.

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Lulju 1996, *Bosphorus*, C-84/95, Ġabra p. I-3953, punti 21 sa 23.

Min-naħa l-oħra, fit-tieni sentenza hawn fuq imsemmija, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet importanti fir-rigward tal-obbligu illi l-persuni inkwistjoni jiġu informati dwar ir-raġunijiet tal-miżuri illi, minkejja li huma ġenerali, xorta jikkonċernawhom direttament u individwalment u li jistgħu jillimitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Hija qieset illi l-Kunsill huwa obbligat, sa fejn ikun possibbli, jinforma lill-entitajiet ikkonċernati bil-miżuri ta' ffriżar ta' fondi permezz ta' notifika individwali. Fil-fatt, ir-regola li kulħadd huwa meqjus li jaf il-liġi ma tistax tiġi invokata fil-każ fejn l-att inkwistjoni jkollu, fil-konfront tal-persuna kkonċernata, in-natura ta' att individwali. F'din il-kawża, il-Kunsill ma għamilx notifika individwali, minkejja li kien jaf l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat tar-rikorrent. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat għalhekk illi l-Kunsill ma osservax l-obbligu li jikkomunika l-motivi tad-deċiżjoni kkontestata lir-rikorrent. Madankollu, mill-proċess jirriżulta li l-Commission bancaire Franċiża informat lill-fergħa tar-rikorrent f'Pariġi dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u dwar il-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali, li saret fl-istess ġurnata. B'hekk, huwa kien informat, fi żmien utli u minn sors uffiċjali, kemm dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll dwar il-possibbiltà li jikkonsulta l-motivazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali b'tali mod illi, f'dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, l-irregolarità kkonstatata ma tiġġustifikax l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

### *Awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti*

Matul is-sena 2009, il-Qorti tat diversi sentenzi dwar id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati abbażi tad-Direttiva 91/414, li stabbilixxiet is-sistema Komunitarja applikabbli għall-awtorizzazzjoni u għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq (iktar 'il quddiem l-"ATS") ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Minkejja n-natura partikolarment teknika ta' dawn il-kawżi, għandhom jissemmew żewġ sentenzi li fihom il-Qorti Ġenerali bbażat ir-raġunament tagħha fuq il-konsegwenzi li għandhom jiġu misluta mill-prinċipju ta' prekawzjoni.

Fis-sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, *Cheminova et vs Il-Kummissjoni* (T-326/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret illi l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 91/414 kien jipprevedi li, sabiex sustanza attiva tkun tista' tiġi awtorizzata, għandu jiġi mistenni li, fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku, l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva inkwistjoni, wara applikazzjoni konformi mal-prattiċi xierqa għall-protezzjoni tal-pjanti, ma jkollhomx effetti ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew l-annimali u li ma jkollhomx xi influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent. Filwaqt li interpretat din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni, il-Qorti Ġenerali spjegat illi, fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem, l-eżistenza ta' indikazzjonijiet serji li, mingħajr ma titwarrab l-inċertezza xjentifika, jippermettu b'mod raġonevoli li tkun iddubitata l-innokwità ta' sustanza, tostakola, bħala regola, l-inklużjoni ta' din is-sustanza. Għaldaqstant, mir-riferiment magħmul mid-Direttiva 91/414 għat-"tagħrif xjentifiku u tekniku" ma jistax jiġi dedott li impriżi li nnotifikaw sustanza attiva u li huma kkonfrontati bil-probabbiltà ta' deċiżjoni ta' noninklużjoni ta' din is-sustanza fost is-sustanzi awtorizzati għandhom jibbenefikaw mill-possibbiltà li jippreżentaw studji u data ġodda sakemm ikunu għadhom jeżistu dubji dwar in-nuqqas ta' ħsara tal-imsemmija sustanza attiva. Tali interpretazzjoni hija kuntrarja għall-oġġettiv ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll tal-ambjent sa fejn din hija ekwivalenti għall-għoti lill-parti li nnotifikat is-sustanza attiva, li għandha, minn naħa, l-oneru tal-prova tal-fatt li din ma tagħmilx ħsara u, min-naħa l-oħra, l-aħjar tagħrif dwar is-sustanza inkwistjoni, dritt ta' veto għall-adozzjoni ta' deċiżjoni eventwali sabiex is-sustanza inkwistjoni ma tiġix awtorizzata.

Bl-istess mod, fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, *Denka International vs Il-Kummissjoni* (T-334/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret illi skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, meta jkun hemm inċertezzi xjentifiċi fir-rigward tal-eżistenza jew tal-portata tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, l-istituzzjonijiet Komunitarji jistgħu jieħdu miżuri ta' protezzjoni

mingħajr ma jkollhom għalfejn jistennew li r-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji jiġu pprovati b'mod eżawrjenti[30]. Barra minn hekk, f'kuntest ta' inċertezza xjentifika, ma jistax jintalab li evalwazzjoni tar-riskji għandha b'mod obbligatorju tipprovdi lill-istituzzjonijiet bi provi xjentifiċi konklużivi dwar ir-realtà tar-riskju u l-gravità tal-effetti ħżiena potenzjali fil-każ li dan ir-riskju jitwettaq. Filwaqt li rrivelat illi l-fajl ippreżentat mir-rikorrenti kien fih ħafna lakuni, b'tali mod illi l-ebda konklużjoni affidabbli ma setgħet tintlaħaq fir-rigward tal-proprjetajiet ġenotossiċi u kanċeroġeni tad-dichlorvos, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet illi fid-dawl tal-data tossikoloġika disponibbli, tal-inċertezzi marbuta mal-innokwità tas-sustanza u tal-lakuni tal-fajl, il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta adottat id-deċiżjoni kkontestata.

## *Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet*

Il-kawżi *Borax Europe vs Il-Kummissjoni* (sentenzi tal-11 ta' Marzu 2009, T-121/05 u T-166/05, mhux ippubblikati) wasslu sabiex il-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet, relatati, minn naħa waħda, mal-protezzjoni għall-ħajja privata u l-integrità tal-individwu u, min-naħa l-oħra, mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali.

F'din il-kawża, ir-rikorrenti ma ngħatatx id-dokumenti u r-reġistrazzjonijiet ta' laqgħat, li kienu jirrigwardaw, b'mod partikolari, kummenti u rapporti ta' esperti u ta' rappreżentanti tal-industrija mogħtija fil-kuntest ta' proċedura ta' klassifikazzjoni tal-aċidu boriku u tal-borati li wasslet sabiex il-Kummissjoni ppubblikat konklużjonijiet finali ta' dawn l-esperti li jirrakkomandaw illi dawn il-prodotti jiġu kklassifikati fost is-sustanzi tossiċi. Sabiex tiġġustifika dan ir-rifjut, il-Kummissjoni kienet sostniet, b'mod partikolari, li l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-protezzjoni tad-data personali li jirriżulta mir-Regolament (KE) Nru 45/2001[31] u kien jippermetti li l-esperti jiġu identifikati, liema esperti jirriskjaw li jiġu suġġetti għal pressjonijiet esterni minħabba l-valur ekonomiku inkwistjoni. Il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet ikkontestati minħabba l-fatt li l-Kummissjoni ma tatx spjegazzjonijiet dwar il-kwistjoni kif l-aċċess għad-dokumenti inkwistjoni seta' jikkawża dannu b'mod konkret u effettiv għall-interessi protetti bl-eċċezzjoni inkwistjoni.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali spjegat illi l-Kummissjoni ma tistax tibbaża r-rifjut tagħha fuq l-assigurazzjoni illi hija ssostni li tat lill-esperti li huma setgħu jesprimu ruħhom b'mod personali u li l-identità u l-opinjoni tagħhom ma kinux ser jiġu żvelati. Fil-fatt, l-impenn ta' kunfidenzjalità li l-Kummissjoni tallega li jorbotha mal-esperti, peress li kien konkluż bejnhom u bejn din l-istituzzjoni, ma japplikax kontra Borax, li d-drittijiet tagħha ta' aċċess għad-dokumenti huma ggarantiti skont il-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fir-Regolament Nru 1049/2001. Barra minn hekk, deċiżjoni ta' rifjut ta' aċċess għal dokumenti miżmuma minn istituzzjoni tista' tkun ibbażata biss fuq l-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001, b'tali mod illi l-istituzzjoni inkwistjoni ma tistax topponi tali rifjut filwaqt li tirreferi għal impenn li għandha mal-parteċipanti fil-laqgħa, meta dan l-impenn ma jistax jiġi ġġustifikat b'waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet. Il-Kummissjoni ma spjegatx ir-raġunijiet li għalihom l-identifikazzjoni tal-esperti kienet ser tikkawża dannu għall-ħajja privata tagħhom jew kienet ser tikser ir-Regolament

[30] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 1998, *Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni,* C-180/96, Ġabra p. I-2265, punt 99, u sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Settembru 2002, *Pfizer Animal Health vs IlKunsill*, T-13/99, Ġabra p. II-3305, punt 139.

[31] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

Nru 45/2001 u ma wrietx b'mod sodisfaċenti riskju prevedibbli biżżejjed li l-iżvelar tal-opinjoni tagħhom kienet ser tesponihom għal pressjonijiet esterjuri inġustifikati li jikkawżaw dannu għall-integrità tagħhom, u wisq inqas li l-omissjoni tal-ismijiet tal-esperti u tal-oriġini tagħhom kienet tista', fi kwalunkwe każ, tneħħi kull riskju eventwali f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat illi, jekk il-leġiżlatur stabbilixxa eċċezzjoni speċifika għad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-pariri legali, huwa ma għamilx l-istess għażla għall-pariri l-oħra, b'mod partikolari l-pariri ta' natura xjentifika, bħal dawk espressi fir-reġistrazzjonijiet ikkontestati. Peress illi, skont il-ġurisprudenza, ma jistax jiġi kkunsidrat illi hemm bżonn ġenerali ta' kunfidenzjalità f'dak li jikkonċerna l-pariri tas-servizz legali tal-Kunsill dwar kwistjonijiet leġiżlattivi[32], l-istess prinċipju għandu jiġi applikat għall-pariri kkontestati, li fil-konfront tagħhom il-leġiżlatur Komunitarju ma stipulax eċċezzjoni speċifika u li jibqgħu suġġetti għar-regoli ġenerali f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti. Minn dan jirriżulta illi l-pariri ta' natura xjentifika miġbura minn istituzzjoni sabiex jitfassal test leġiżlattiv għandhom, bħala regola, jiġu żvelati, anki jekk jistgħu jqajmu polemiki jew jiskoraġġixxu lill-persuni li jkunu taw dawn il-pariri li jagħtu l-kontribut tagħhom għall-proċess deċiżjonali ta' din l-istituzzjoni. Ir-riskju, imsemmi mill-Kummissjoni, li dibattitu pubbliku li jinbeda mill-iżvelar tal-opinjoni tagħhom, jinkoraġġxxi lill-esperti sabiex ma jipparteċipawx iktar fil-proċess deċiżjonali, huwa inerenti fir-regola li tirrikonoxxi l-prinċipju tal-aċċess għad-dokumenti li jkun fihom pariri intiżi għall-użu intern fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet u ta' deliberazzjonijiet preliminari.

## II. Kawżi dwar il-kumpens għad-danni

### *1. Ammissibbiltà*

Skont il-ġurisprudenza, kawża għad-danni stipulata fl-Artikolu 235 KE hija rimedju legali awtonomu, u l-inammissibbiltà ta' tali rikors, meta huwa intiż sabiex jikkontesta att, ma tistax tiġi dedotta mill-inammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra dan l-att. Għaldaqstant, persuni, li ma humiex direttament u individwalment ikkonċernati minn att leġiżlattiv, ma humiex, għal din ir-raġuni biss, imċaħħda milli jipproċedu għad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Komunità minħabba l-illegalità ta' dan l-att[33].

Fid-digriet tat-30 ta' Settembru 2009, *Ivanov vs Il-Kummissjoni* (T-166/08, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali spjegat il-limiti tal-awtonomija bejn ir-rikors għal annullament u r-rikors għad-danni, filwaqt li indikat li l-indipendenza ta' dawn ir-rimedji legali ma għandhiex twassal sabiex persuna li ħalliet it-terminu għall-preżentata ta' rikors skont il-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE jiskadi, taħrab mid-dekadenza billi tipprova tikseb, permezz ta' rikors għad-danni, il-benefiċċju li setgħet tikseb li kieku ppreżentat ir-rikors għal annullament fit-termini. Konsegwentement, id-dekadenza ta' talba għal annullament, li għandha karattru ta' ordni pubbliku, twassal għal dik ta' talba għad-danni marbuta mill-qrib ħafna mat-talba għal annullament. Għaldaqstant, rikors għad-danni għandu jiġi ddikjarat bħala inammissibbli meta jkun intiż, fir-realtà, għar-revoka ta' deċiżjoni individwali li saret definittiva u meta jkollu bħala effett, jekk jintlaqa', li jneħħi l-effetti ġuridiċi ta' din id-deċiżjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali enfasizzat

[32] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2008, *Suède u Turco vs Il-Kunsill*, C-39/05 P u C-52/05 P, Ġabra p. I-4723, punt 57.

[33] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Diċembru 1971, *Zuckerfabrik Schöppenstedt vs Il-Kunsill,* 5/71, Ġabra p. 975, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2000, *Fresh Marine vs IlKummissjoni,* T-178/98, Ġabra p. II-3331.

illi r-rikorrent jibqa' jista' jikkontesta, permezz ta' rikors għad-danni, l-iżbalji li jirriżultaw mill-aġir ta' istituzzjoni meta dan iseħħ wara deċiżjonijiet li l-legalità tagħhom huwa ma kkontestax fit-terminu għall-preżentata tar-rikors.

Barra minn hekk, fis-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2009, *Arizmendi et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* (T-440/03, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet żviluppi ġodda dwar l-ammissibbiltà ta' rikors għal kumpens ta' danni allegatament subiti minħabba l-fatt illi l-Kummissjoni bagħtet lil Stat Membru opinjoni motivata li kienet tikkonstata li dan kien naqas mill-obbligu tiegħu taħt il-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli. F'din il-kawża, wara din l-opinjoni motivata, ir-Repubblika Franċiża kienet, fil-fatt, neħħiet il-monopolju legali li kienu jgawdu s-sensara interpreti u skrivani ta' bastimenti, li kienu jikkostitwixxu korp li kellu status ibridu peress li kien jgħaqqad l-istatus ta' uffiċjal pubbliku, li kellu monopolju fir-rigward ta' ċerti operazzjonijiet, u l-istatus ta' negozjant.

Skont ġurisprudenza stabbilita, rikors għad-danni bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma fetħitx proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, huwa inammissibbli. Fil-fatt, sa fejn il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tiftaħ proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, id-deċiżjoni tagħha li ma tiftaħx tali proċeduri ma tikkostitwixxix, fi kwalunkwe każ, illegalità, b'tali mod li din id-deċiżjoni ma hijiex ta' natura li twassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità[34]. Il-Kummissjoni kkunsidrat li din is-soluzzjoni kienet applikabbli b'analoġija għall-każijiet fejn hija ma naqsitx milli tiftaħ proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, iżda fejn, għall-kuntrarju, ħarġet opinjoni motivata, li hija stadju preliminari għal proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument filwaqt li fakkret illi r-rikors għad-danni huwa rimedju legali awtonomu li għandu l-funzjoni partikolari tiegħu fost ir-rimedji legali inkwantu għandu bħala suġġett t-talba sabiex jiġi kkumpensat dannu kkawżat minn att jew minn aġir illegali imputabbli lil istituzzjoni. Għaldaqstant, irrispettivament mill-kwistjoni jekk jikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat permezz ta' rikors għal annullament, kull att ta' istituzzjoni, anki meta jkun ittieħed minn din l-istituzzjoni fl-eżerċizzjoni ta' setgħa diskrezzjonali, jista' jkun, bħala regola ġenerali, is-suġġett ta' rikors għad-danni, peress li din is-setgħa diskrezzjonali ma għandhiex il-konsegwenza li teżentaha mill-obbligu tagħha li taġixxi inkonformità man-normi superjuri tad-dritt, bħalma huma t-Trattat u l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, u mad-dritt sekondarju rilevanti. Għaldaqstant jekk, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha taħt l-Artikolu 226 KE, il-Kummissjoni tista' tevalwa b'mod liberu jekk huwiex opportun li tindirizza opinjoni motivata lil Stat Membru, ma jistax jiġi eskluż li, f'ċirkustanzi verament eċċezzjonali, individwu jista' juri li tali opinjoni motivata hija vvizzjata b'illegalità li tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali ta' natura li jikkawżalu dannu. B'hekk il-Qorti Ġenerali ddeċidiet illi r-rikors huwa ammissibbli.

## 2. *Ksur suffiċjentement serju ta' regola li tagħti drittijiet lill-individwi*

Sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità, huwa mitlub illi r-rikorrenti tistabbilixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li l-għan tagħha jkun li tagħti drittijiet lill-individwi[35].

[34] Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Mejju 1990, *Asia Motor France vs Il-Kummissjoni*, C-72/90, Ġabra p. I-2181, punti 13 sa 15 u digrieti tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 1997, *Smanor et vs Il-Kummissjoni*, T-201/96, Ġabra p. II-1081, punti 30 u 31, u tal-14 ta' Jannar 2004, *Makedoniko Metro u Michaniki vs IlKummissjoni*, T-202/02, Ġabra p. II-181, punti 43 u 44.

[35] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2000, *Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni*, C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punti 42 u 43.

Fil-kuntest ta' talba għad-danni intiża sabiex jiġu kkumpensati danni allegatament ikkawżati lir-rikorrenti permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ta' annimali li ġejjin mill-akwakultura tal-Kosta Rika, fil-kawża *Ristic et vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, T-238/07, mhux ippubblikata), il-Qorti Ġenerali spjegat illi, sabiex tiggarantixxi l-effett utili tal-kundizzjoni dwar il-ksur ta' regola li tagħti drittijiet lill-individwi, kien meħtieġ illi l-protezzjoni offruta mir-regola invokata tkun effettiva fil-konfront tal-persuna li tinvokaha u, għalhekk, li din il-persuna tkun fost dawk li lilhom ir-regola inkwistjoni tagħti drittijiet. Regola illi ma tipproteġiex lil persuna kontra l-illegalità li tinvoka, iżda li tipproteġi persuna oħra, ma tistax tiġi meqjusa bħala bażi għal kumpens. F'din il-kawża, ir-rikorrenti ma setgħetx għalhekk tinvoka, fil-kuntest tar-rikors għad-danni, l-illegalitajiet li jirriżultaw mill-allegat ksur tad-dritt għal smigħ tal-Kosta Rika u tad-dritt li tipparteċipa fil-proċeduri tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Barra minn hekk, fis-sentenza *Arizmendi et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali osservat illi, matul proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni setgħet tagħti biss opinjoni dwar in-nuqqas ta' osservanza min-naħa ta' Stat Membru tad-dritt Komunitarju, peress illi l-Qorti tal-Ġustizzja biss definittivament għandha l-kompetenza sabiex tikkonstata li Stat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt Komunitarju. Sa fejn, fl-imsemmija opinjoni, il-Kummissjoni sempliċement tieħu pożizzjoni dwar l-eżistenza ta' nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt Komunitarju, l-adozzjoni ta' din l-opinjoni ma tistax twassal għal ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li l-għan tagħha huwa li tagħti drittijiet lill-individwi. Għaldaqstant, lanqas it-teħid ta' pożizzjoni żbaljata mill-Kummissjoni, f'opinjoni motivata, dwar il-portata tad-dritt Komunitarju ma jista' jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju li jista' jwassal għar-responsabbiltà tal-Komunità. Għall-kuntrarju, jekk l-evalwazzjonijiet magħmula f'opinjoni motivata jmorru lil hinn mid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu jew jekk aġir ieħor min-naħa tal-Kummissjoni fl-okkażjoni ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jmur lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha, pereżempju l-iżvelar indebitu ta' sigrieti kummerċjali jew ta' informazzjoni li tista' tippreġudika r-reputazzjoni ta' persuna, dawn l-evalwazzjonijiet jew dan l-aġir jistgħu jikkostitwixxu ksur ta' natura li jwassal għar-responsabbiltà tal-Komunità.

## III. Appelli

Matul is-sena 2009, ġew ippreżentati 31 appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u 31 kawża ġew magħluqa mill-Qorti Ġenerali (Awla tal-Appelli). Tnejn minn fosthom jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Minn naħa waħda, fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, *ETF vs Landgren* (T-404/06 P, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-pożizzjoni innovattiva tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li kull deċiżjoni li ġġib fi tmiem kuntratt għal perijodu indefinit għandha tkun motivata, skont raġunament ibbażat fuq ir-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq ir-rabta mill-qrib bejn l-obbligu ta' motivazzjoni u l-eżerċizzju mill-qorti tal-legalità tas-setgħa ta' stħarriġ tagħha.

Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2009, *Il-Kummissjoni vs Roodhuijzen* (T-58/08 P, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkunsidrat illi r-rekwiżiti għall-estensjoni tal-Iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni kontra l-Mard ta' uffiċjal permezz tal-Artikolu 72(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej ma jitolbux illi s-sħubija mhux matrimonjali li torbot lill-uffiċjal u lis-sieħeb tiegħu tkun ekwivalenti għaż-żwieġ. Fil-fatt, l-eżistenza ta' tali sħubija mhux matrimonjali teħtieġ biss unjoni bejn żewġ persuni u li dawn jipprovdu dokument rikonoxxut minn Stat Membru li juri l-istatus tagħhom bħala msieħba mhux miżżewġa, mingħajr

ma jkun hemm lok li jiġi vverifikat jekk il-konsegwenzi li jirriżultaw mis-sħubija konkluża mill-uffiċjal ikkonċernat humiex simili għal dawk li jirriżultaw minn żwieġ.

## IV. Talbiet għal miżuri provviżorji

Matul is-sena 2009, il-Qorti Ġenerali ġiet adita minn 24 talba għal miżuri provviżorji, numru li jirrappreżenta tnaqqis sinjifikattiv meta mqabbel man-numru ta' talbiet (58) imressqa s-sena ta' qabel. Fl-2009, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ddeċieda 20 kawża, kontra 57 fl-2008. Huwa laqa' talba waħda biss għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni fid-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' April 2009, *United Phosphorus vs Il-Kummissjoni* (T-95/09 R, mhux ippubblikata).

Il-kawża li tat lok għal dan id-digriet kienet parti minn serje ta' kawżi li fihom il-President tal-Qorti Ġenerali, fl-2007 u fl-2008, kien ċaħad sitt talbiet għas-sospensjoni ta' deċiżjonijiet li kienu jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti sustanzi, u dan minħabba n-nuqqas ta' urġenza, għaliex id-dannu allegat ma kien la ta' natura irreparabbli, u lanqas ta' gravità suffiċjenti, peress li kien jirrapreżenta biss 1 % tad-dħul mill-bejgħ totali tal-grupp li fih kienu jappartjenu l-kumpanniji rikorrenti. Jekk fis-seba' digriet, mogħti fil-kawża *United Phosporus*, l-Imħallef għal miżuri provviżorji rrikonoxxa l-imminenza ta' dannu gravi u irreparabbli, kien minħabba ċ-ċirkustanzi proprji ta' din il-kawża, jiġifieri, il-kriżi profonda li l-ekonomija mondjali kienet għaddejja minnha tul numru ta' xhur u li affettwat il-valur ta' ħafna impriżi u l-kapaċità tagħhom li jakkwistaw likwidità. Il-grupp li fih kienet tappartjeni r-rikorrenti tilef ħafna mill-valur tiegħu, li kien juri l-gravità tad-dannu allegat. Filwaqt li aċċettat li l-possibbiltà biss li tista' tippreżenta rikors għad-danni hija biżżejjed sabiex turi n-natura riparabbli ta' dannu finanzjarju, l-Imħallef għal miżuri provviżorji jżid illi huwa ma huwiex marbut "li jagħmel applikazzjoni mekkanika u riġida" tal-kundizzjonijiet rilevanti, iżda li huwa għandu jistabbilixxi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, il-mod kif l-urġenza għandha tiġi vverifikata.

F'din il-kawża, l-Imħallef għal miżuri provviżorji kkunsidra b'mod partikolari illi, parallelament mal-proċedura amministrattiva li wasslet għad-deċiżjoni ta' projbizzjoni tal-prodotti inkwistjoni, ir-rikorrenti kienet introduċiet it-talba tagħha għall-awtorizzazzjoni tal-imsemmija prodotti, u dan skont il-proċedura mħaffa li ġiet introdotta dan l-aħħar, li tintemm xi xhur biss wara d-data imposta għall-irtirar mis-suq ta' dawn il-prodotti u li fil-kuntest tagħhom hija setgħet tippreżenta l-informazzjoni xjentifika kollha li kienet ġiet injorata illegalment fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni ta' projbizzjoni. Skont l-Imħallef għal miżuri provviżorji, ikun irraġonevoli illi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott tiġi pprojbita, biex imbagħad probabbilment it-tqegħid tiegħu fis-suq jiġi awtorizzat biss xi ftit xhur wara. Barra minn hekk, diversi fatturi kienu jindikaw illi r-ritorn tar-rikorrenti fis-suq inkwistjoni kien jidher diffiċli minħabba l-fatt illi, fil-mument kruċjali, hija probbabilment ma kellhiex provvista disponibbli ta' dan il-prodott. Din il-konklużjoni kienet ikkorroborata, f'livell ta' bilanċ ta' interessi, mill-kostatazzjoni ta' ċertu dewmien tal-proċedura amministrattiva li kienet turi illi l-Kummissjoni, hija stess, ma rat l-ebda raġuni partikolari għalfejn il-prodott inkwistjoni kellu jiġi rtirat mis-suq kemm jista' jkun malajr, kif ukoll mill-fatt li d-deċiżjoni kkontestata kienet tipprevedi, hija stess, terminu ta' tlettax-il xahar sabiex jintużaw l-provvisti eżistenti, li kien jindika illi l-użu tal-prodotti bilkemm kien tali li jirriżulta f'riskji serji għas-saħħa pubblika. L-eżistenza ta' *fumus boni juris* ġiet ammessa, minħabba l-fatt li r-rikors prinċipali qajjem *prima facie* mistoqsijiet kumplessi, delikati u kkaratterizzati minn teknikalità għolja, li kienu jitolbu eżami fil-fond, li ma setax isir fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, iżda li kellu jkun is-suġġett tal-proċedura prinċipali.

F'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni dwar l-urġenza, fid-digrieti tal-25 ta' Mejju 2009, *Biofrescos vs IlKummissjoni* (T-159/09 R, mhux ippubblikat); tal-10 ta' Lulju 2009, *TerreStar Europe vs IlKummissjoni* (T-196/09 R, mhux ippubblikat), u tat-13 ta' Lulju 2009, *Sniace vs Il-Kummissjoni* (T-238/09 R, mhux ippubblikat), il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad talbiet għal miżuri provviżorji peress illi r-rikorrenti llimitaw ruħhom sabiex iressqu sempliċi suppożizzjonijiet, taħt il-forma ta' "sitwazzjonijiet l-inqas favorevoli" li kienu jseħħu fil-każ li t-talbiet tagħhom jiġu miċħuda, minflok ma taw indikazzjonijiet konkreti u preċiżi, sostnuti b'dokumenti ddettaljati u ċċertifikati li juru s-sitwazzjoni li fiha jsibu ruħhom, kważi ċertament, jekk il-miżuri provviżorji mitluba ma jingħatawx.

Fil-kawża li tat lok għad-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' April 2009, *Nycomed Danmark vs EMEA* (T-52/09 R, mhux ippubblikat), impriża – li xtaqet titlob ATS mill-Kummissjoni għal prodott mediċinali – kienet marbuta, skont ir-regolamentazzjoni applikabbli, l-ewwel titlob lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA) sabiex tivvalida t-talba tagħha għal awtorizzazzjoni. Peress li din il-validazzjoni ġiet miċħuda mill-EMEA, l-impriża talbet il-ħruġ ta' miżuri provviżorji sabiex jiġi evitat illi impriża farmaċewtika oħra tieħu l-inizjattiva u tikseb ATS għal prodott kompetitur. L-Imħallef għal miżuri provviżorji ċaħad din it-talba billi rrileva illi d-dannu kkawżat minħabba dewmien fit-tqegħid tas-suq tal-prodott mediċinali inkwistjoni kien ta' natura purament ipotetika inkwantu kien jissuponi l-eżistenza ta' avvenimenti futuri u inċerti: tali tqegħid fis-suq bl-ebda mod ma seta' jitqies li ngħata, iżda kien jiddependi mill-għoti, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' ATS, peress li r-rikorrenti kellha biss l-intenzjoni li titlob din l-ATS wara li tkun għaddiet b'suċċess il-proċedura ta' validazzjoni pendenti quddiem l-EMEA u peress li ma kinitx speċifikat il-probabbiltà tar-riskju konkret li hija tinqabeż, matul it-tqegħid fis-suq, minn impriżi kompetituri, mingħajr ma identifikat l-impriżi li kienu diġà bdew il-proċedura għall-ksib ta' ATS għal prodott ta' sostituzzjoni. Is-sitwazzjoni kienet simili fil-kawża li tat lok għad-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Jannar 2009, *Intel vs Il-Kummissjoni* (T-457/08 R, mhux ippubblikat), dwar ċerti miżuri meħuda fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 82 KE. Ir-rikorrenti stenniet, qabel l-għeluq tal-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni, li tevita l-konsegwenzi ta' deċiżjoni finali li kellha tittieħed wara li tintemm l-imsemmija proċedura bi ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Skont l-Imħallef għal miżuri provviżorji, l-eżistenza tad-dannu allegat kien jiddependi fuq avveniment futur u ipotetiku, jiġifieri, l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni sfavorevoli għar-rikorrenti: mhux biss l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni ma kinitx ta' natura ċerta, iżda l-effetti dannużi li eventwalment kienu jirriżultaw minnha ma kinux ta' natura irreparabbli, peress illi r-rikorrenti kellha l-possibbiltà titlob kemm l-annullament tagħha kif ukoll is-sospensjoni.

Fid-digriet tat-23 ta' Jannar 2009, *Pannon Hőerőmű vs Il-Kummissjoni* (T-352/08 R, mhux ippubblikat), li kien jirrigwarda deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna lill-awtoritajiet nazzjonali jirkupraw għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ddeċieda dwar id-data rilevanti sabiex tiġi vverifikata l-kundizzjoni ta' ammissibbiltà marbuta mal-eżistenza tal-urġenza u enfasizza illi ċ-ċirkustanzi li jistgħu jiġġustifikaw l-urġenza għandhom, bħala regola, jiġu stabbiliti skont il-punti ta' fatt u ta' liġi li jeżistu meta titressaq it-talba għal miżuri provviżorji, kif riprodotti fiha. F'din il-kawża, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet tistipula illi l-kalkolu, minn dawn l-awtoritajiet, tal-ammont li għandu jiġi rkuprat, kellu josserva metodoloġija speċifika li għandha tiġi deċiża mil-leġiżlatur. Fid-data meta tressqet it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, mill-benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni, ix-xogħol fuq il-liġijiet kien għadu fl-istadju ta' abbozz ta' liġi, li seta jiġi emendat matul id-dibattitu parlamentari, b'tali mod li kien għadu ma jeżistix kuntest legali definittiv li jirregola l-proċedura ta' rkurpru. It-talba għal miżuri provviżorji għalhekk ġiet meqjusa bħala prematura.

L-Imħallef għal miżuri provviżorji kien ikkonfrontat diversi drabi b'danni finanzjarji allegatament gravi u irreparabbli. Fid-digriet *United Phosporus vs Il-Kummissjoni*, iċċitat iktar 'il fuq, huwa kkwalifika d-dannu kkawżat lir-rikorrenti bħala purament finanzjarju, jiġifieri t-telf ta' ishma tas-suq u ta' klijentela, filwaqt li speċifika illi r-riskju ta' bidla irrimedjabbli tal-ishma tas-suq tal-imsemmija rikorrenti ma għandux jiġi kkunsidrat bħala ugwali għar-riskju tal-għejbien totali tas-suq u jiġġustifika l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji mitluba ħlief jekk is-sehem tas-suq li jista' jintilef b'mod irrimedjabbli huwa suffiċjentament sinjifikattiv fil-konfront, b'mod partikolari, tal-karatteristiċi tal-grupp li minnu tifforma parti l-impriża kkonċernata. Fir-rigward tal-kunċett ta' grupp, fid-digriet tal-15 ta' Jannar 2009, *Ziegler vs Il-Kummissjoni* (T-199/08 R, mhux ippubblikat, taħt appell), huwa kkunsidra r-rabta ekonomika bejn l-impriżi ta' netwerk ta' madwar mitt impriża marbuta mill-qrib u li għandhom interessi komuni.

Fil-qasam tal-proċeduri ta' sejħa għal offerti u ta' għażla, id-digrieti tat-23 ta' Jannar 2009, *Unity OSG FZE vs Il-Kunsill u EUPOL Afghanistan* (T-511/08 R, mhux ippubblikat), u *TerreStar Europe vs Il-Kummissjoni*, iċċitat iktar 'il fuq, ippermettew lill-President jikkonferma evoluzzjoni ġurisprudenzjali reċenti[36], billi stabbilixxa illi jista' jingħata valur ekonomiku lil dannu subit minħabba t-"telf ta' opportunità li tintgħażel", liema valur ekonomiku jista' jissodisfa l-obbligu ta' kumpens totali tad-dannu subit. Huwa għalhekk irrifjuta l-argument li dan id-dannu kien irreparabbli, għaliex kien impossibbli li jiġi kkwantifikat.

Fl-aħħar nett, fil-kawża *Sniace vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, kienet tirrigwarda talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ordnat lill-awtoritajiet nazzjonali jirkupraw, mingħand l-impriża benefiċjarja, għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali. L-Imħallef għal miżuri provviżorji kkonferma l-ġurisprudenza illi huwa r-rikorrent li għandu juri, fit-talba għal miżuri provviżorji, li r-rimedji legali taħt id-dritt nazzjonali applikabbli sabiex jopponi l-irkupru immedjat tal-għajnuna mill-Istat ikkontestata ma kinux jippermettulu, filwaqt li jsemmi b'mod partikolari s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, li jevita li jsofri dannu gravi u irreparabbli. Din il-ġurisprudenza ġiet trasposta fid-digrieti tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ġunju 2009, *Dover vs Il-Parlament* (T-149/09 R, mhux ippubblikat), u *Biofrescos vs IlKummissjoni,* iċċitat iktar 'il fuq, minħabba x-xebh evidenti bejn il-każijiet rispettivi. Fil-fatt, fil-kawżi li wasslu għal dawn l-aħħar żewġ digrieti, it-talbiet għal miżuri provviżorji kienu relatati, minn naħa waħda, mal-irkupru, mill-Parlament Ewropew, ta' allowances parlamentari mogħtija inġustament lil deputat, fejn il-Parlament kellu jibda proċedura ta' rkupru quddiem il-qorti nazzjonali u, min-naħa l-oħra, mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li titlob lill-awtoritajiet nazzjonali jipproċedu bl-irkupru ta' dazji fuq l-importazzjoni dovuti minn impriża. L-Imħallef għal miżuri provviżjorji għalhekk ikkonkluda n-nuqqas ta' urġenza, peress li ma kien hemm xejn x'jindika illi r-rimedji tad-dritt nazzjonali offruti lir-rikorrenti ma kinux jippermettu li jiġi evitat id-dannu li seta' jiġi kkawżat.

36 Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' April 2008, *Vakakis vs Il-Kummissjoni*, T-41/08 R, li għadu ma ġiex ippubblikat.

## B – Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali



(Ordni Protokollari fis-7 ta' Ottubru 2009)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

Il-Presidenti ta' Awla I. Wiszniewska-Białecka, M. E. Martins Ribeiro, M. Vilaras u J. Azizi; Il-President tal-Qorti Ġenerali M. Jaeger; Il-Presidenti ta' Awla A. W. H. Meij, N. J. Forwood, O. Czúcz u I. Pelikánová.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin N. Wahl, S. Papasavvas, K. Jürimäe, E. Cremona, F. Dehousse, V. Vadapalas, I. Labucka, E. Moavero Milanesi u M. Prek.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

Ir-Reġistratur E. Coulon; L-Imħallfin H. Kanninen, S. Frimodt Nielsen, S. Soldevila Fragoso, V. Ciucă, T. Tchipev, A. Dittrich, L. Truchot, K. O'Higgins u J. Schwarcz.

# 1. Membri tal-Qorti Ġenerali

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



**Marc Jaeger**
Imwieled fl-1954; Avukat; attaché de justice, delegat mal-Prokuratur Ġenerali; Imħallef, viċi-president tat-Tribunal d'arrondissement tal-Lussemburgu; għalliem fiċ-Ċentru Universitarju tal-Lussemburgu; Magistrat detaché, Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-1986; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-11 ta' Lulju 1996; President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



**Virpi Tiili**
Imwielda fl-1942; gradwata fid-Dritt mill-Università ta' Helsinki; assistenta fid-dritt ċivili u fid-dritt kummerċjali fl-Università ta' Helsinki, Direttur għal Affarijiet Ġuridiċi u tal-Politika Kummerċjali tal-Kamra Ċentrali tal-Kummerċ tal-Finlandja; direttur ġenerali mal-Amministrazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumaturi tal-Finlandja; membru ta' diversi kumitati governattivi u delegazzjonijiet, fosthom, membru tal-Kunsill ta' Sorveljanza tar-Reklamar ta' Mediċini (1988-1990), membru tal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur (1990-1994), membru tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni (1991-1994) u membru tal-Kumitat Editorjali tan-Nordic Intellectual Property Law Review (1982-1990); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995 sas-6 ta' Ottubru 2009.



**Josef Azizi**
Imwieled fl-1948; Duttur tal-liġi u ggradwat fix-xjenzi soċjali u ekonomiċi mill-Università ta' Vjenna; inkarigat mill-korsijiet u għalliem fl-Università tax-Xjenzi Ekonomiċi ta' Vjenna fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Vjenna u f'diversi universitajiet oħra; Professur onorarju fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Vjenna; Ministerialrat u Kap tad-Diviżjoni tal-Kanċellerija Federali; membru tal-Kumitat ta' tmexxija għall-kooperazzjoni ġuridika fil-Kunsill tal-Ewropa (CDCJ); mandatarju *ad litem* quddiem il-Verfassungsgerichtshof (Qorti Kostituzzjonali) fil-proceduri ġudizzjarji għall-eżami tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet federali; koordinatur responsabbli għall-adattament tad-dritt federali Awstrijak mad-dritt Komunitarju; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-18 ta' Jannar 1995.



**Arjen W. H. Meij**

Imwieled fl-1944; Konsulent mal-Qorti Suprema tal-Olanda (1996) ; Konsulent u viċi-president tal-College van Beroep voor het bedrijfsleven (Qorti Amministrattiva tal-Kummerċ u l-Industrija) (1986); Konsulent *ad interim* tal-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u mal-Kummissjoni ġudizzjarja dwar id-dazji tad-dwana; Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1980); Għalliem tad-dritt Ewropew mal-Fakultà tal-liġi tal-Università ta' Groningen u assistent riċerkatur fil-University of Michigan Law School; membru tas-Segretarjat internazzjonali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Amsterdam (1970); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 1998.



**Mihalis Vilaras**

Imwieled fl-1950; Avukat (1974-1980); espert nazzjonali mas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, imbagħad amministratur prinċipali mad-Direttorat Ġenerali V (xogħol, relazzjonijiet industrijali, affarijiet soċjali); awditur, rapporteur mal-Kunsill tal-Istat u mill-1999 konsulent; membru assoċjat tal-Qorti Suprema Speċjali tal-Greċja; Membru tal-Kumitat Ċentrali għall-Abbozzar tal-Liġijiet tal-Greċja (1996-1998); Direttur tas-Servizz Ġuridiku mas-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern Grieg; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 1998.



**Nicholas James Forwood**

Imwieled fl-1948; iggradwa - B.A. fl-1969, M.A. fl-1973 - fix-xjenzi mekkaniċi u fil-liġi mill-Università ta' Cambridge; membru tal-Avukatura tal-Ingilterra mill-1970, wara eżerċita l-professjoni ta' avukat f'Londra (1971-1999) kif ukoll fi Brussell (1979-1999); membru tal-Avukatura tal-Irlanda mill-1981; nominat bħala Queen's Counsel fl-1987 u bħala bencher tal-Middle Temple fl-1998; rappreżentant tal-Avukatura tal-Ingilterra u ta' Wales mal-Kunsill tal-Avukaturi tal-Unjoni Ewropea (CCBE) u Chairman tad-Delegazzjoni Permanenti tas-CCBE fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja (1995–1999); membru tal-Bord tal-World Trade Law Association u tal-European Maritime Law Organization (1993-2002); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-15 ta' Diċembru 1999.



### Maria Eugénia Martins de Nazaré Ribeiro

Imwielda fl-1956; studjat f'Lisbona, fi Brussell u fi Strasbourg; Advogada fil-Portugall u fi Brussell; riċerkatriċi indipendenti fl-Institut d'études européennes tal-Université Libre ta' Brussell; Référendaire mal-Imħallef Portugiż tal-Qorti tal-Ġustizzja, Moitinho de Almeida (1986-2000), wara tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Vesterdorf (2000-2003); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-31 ta' Marzu 2003.



### Franklin Dehousse

Imwieled fl-1959; gradwat fil-liġi (Università ta' Liege, 1981); aspirant (Fonds national de la recherche scientifique, 1985-1989); Conseiller juridique mal-Kamra tar-Rapprezentanti (1981-1990); Duttur fil-Liġi (Università ta' Strasbourg, 1990); Professur (Universitajiet ta' Liège u ta' Strasbourg, Collège d'Europe, Institut Royal Supérieur de Défense, Université Montesquieu ta' Bordeaux; College Michel Servet des Universités de Paris; Fakultajiet Notre-Dame de la Paix f'Namur); rappreżentant speċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1995-1999); Direttur tal-Istudji Ewropej tal-Institut Royal des Relations Internationales (1998-2003); assessur mal-Kunsill tal-Istat (2001-2003); Konsulent mal-Kummissjoni Ewropea (1990-2003); Membru tal-Observatoire Internet (2001-2003); Imħallef tal-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2003.



### Ena Cremona

Imwielda fl-1936; gradwata (B.A.) fil-lingwi mir-Royal University of Malta (1955); Duttur tal-Liġi (LL.D) mir-Royal University of Malta (1958); avukat Membru tal-Avukatura Maltija mill-1959; Konsulent Ġuridiku mal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (1964 -1979); membru tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (1987-1989); membru tal-Kunsill Amministrattiv tal-Lombard Bank (Malta) Ltd., bħala rappreżentanta tal-Azzjonijiet tal-Gvern (1987-1993); membru tal-Kummissjoni Elettorali mill-1993; membru tal-bord tat-teżijiet fil-Fakultà tar-Royal University of Malta; membru tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) (2003-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Ottó Czúcz**

Imwieled fl-1946; Duttur tal-Liġi mill-Università ta' Szeged (1971); amministratur mal-Ministeru tax-Xogħol (1971-1974); lecturer u professur (1974-1989), dekan tal-Fakultà tal-Liġi (1989-1990), viċi-rettur (1992-1997) tal-Università ta' Szeged; avukat; membru tal-Presidium għall-Assigurazzjoni Nazzjonali dwar l-Irtirar; viċi-president tal-Istitut Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (1998-2002); membru tal-kunsill tekniku tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Sigurtà Soċjali; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Irena Wiszniewska-Białecka**

Imwielda fl-1947; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Varsavja (1965-1969); Riċerkatriċi (Assistenta, Amministratriċi tal-Konferenzi, Professur) mal-Istitut għax-Xjenzi Ġuridiċi, lecturer, professur assoċjat, professur fl-Akkademja għax-Xjenzi (1969-2004); riċerkatur fl-Istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali dwar il-privattivi industrijali, dwar id-drittijiet tal-awtur u d-dritt tal-kompetizzjoni f'München (1985-1986); avukat (1992-2000); Imħallef fil-Qorti Suprema Amministrattiva (2001-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Irena Pelikánová**

Imwielda fl-1949; Duttur tal-Liġi, lecturer tad-dritt ekonomiku (qabel l-1989); wara "*docteur ès sciences*", professur tad-dritt kummerċjali (mill-1993) fil-Fakultà tal-Liġi taċ-Charles University fi Praga; Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà (1999-2002); avukat; membru tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Gvern Ċek (1998-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Daniel Šváby**

Imwieled fl-1951; Duttur tal-Liġi (Università ta' Bratislava); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Bratislava; Imħallef fil-Qorti tal-Appell responsabbli għall-kawżi ta' dritt ċivili u Viċi-President tal-Qorti tal-Appell ta' Bratislava; Membru tas-Sezzjoni tad-dritt ċivili u tal-familja mal-Istitut tad-Dritt tal-Ministeru tal-Ġustizzja; Imħallef *ad interim* fil-Qorti Suprema responsabbli għal kawżi ta' dritt kummerċjali; Membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Strasbourg); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (2000-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004 sas-6 ta' Ottubru 2009; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Vilenas Vadapalas**

Imwieled fl-1954; Duttur tal-Liġi mill-Università ta' Moska; duttur awtorizzat jgħallem il-liġi, Università ta' Varsavja; professur fl-Università ta' Vilnius: dritt internazzjonali (mill-1981), drittijiet tal-bniedem (mill-1991) u dritt Komunitarju (mill-2000); konsulent mal-Gvern għall-affarijiet barranin (1991-1993); membru tal-grupp ta' koordinazzjoni tad-delegazzjoni għan-negozjati għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew tal-Gvern (1997-2004); professur tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Vilnius u inkarigat mill-Kattedra Jean Monnet; President tal-Assoċjazzjoni Litwana għall-Istudji fuq l-Unjoni Ewropea; relatur tal-grupp ta' xogħol parlamentari għar-riforma kostituzzjonali dwar l-adeżjoni tal-Litwanja; Membru tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi (April 2003); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



**Küllike Jürimäe**

Imwielda fl-1962; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Tartu (1981-1986); Assistent tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika f'Talinn (1986-1991); gradwata mill-Iskola tad-Diplomazija tal-Estonja (1991-1992); konsulent ġuridiku (1991-1993) u Segretarja Eżekuttiva tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (1992-1993); Imħallef tal-Qorti tal-Appell ta' Talinn (1993-2004); Masters Ewropew fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, Universitajiet ta' Padova u ta' Nottingham (2002-2003); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



## Ingrida Labucka

Imwielda fl-1963; gradwata fil-liġi mill-Università tal-Latvja (1986); Investigatur għall-Ministeru tal-Intern għar-Reġjun ta' Kirov u tal-Belt ta' Riga (1986-1989); Imħallef fil-Qorti tal-Appell ta' Riga (1990-1994); avukat (1994-1998 u Lulju 1999 - Mejju 2000); Ministru tal-Ġustizzja (Novembru 1998 - Lulju 1999 u Mejju 2000 - Ottubru 2002); Membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ ta' The Hague (2001-2004); Membru Parlamentari (2002-2004); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



## Savvas S. Papasavvas

Imwieled fl-1969; studji fl-Università ta' Ateni (Ptychion fl-1991); studji Phd fl-Università ta' Pariġi II (DEA fid-dritt pubbliku fl-1992) u fl-Università ta' Aix-Marseille III (Dottorat fil-Liġi fl-1995); ammess fl-Avukatura ta' Ċipru, Membru tal-Avukatura ta' Nikosia mill-1993; Lecturer fl-Università ta' Ċipru (1997-2002), Lecturer tad-dritt kostituzzjonali minn Settembru 2002; Riċerkatur fiċ-Ċentru għad-Dritt Pubbliku Ewropew (2001-2002); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004.



## Enzo Moavero Milanesi

Imwieled fl-1954; duttur fil-liġi (Università La Sapienza, Ruma); studji fid-dritt Komunitarju (Collège d'Europe, Bruges); irreġistrat fl-Avukatura, eżerċita l-professjoni ta' avukat (1978-1983); responsabbli tal-kors fid-Dritt Komunitarju tal-universitajiet La Sapienza, Ruma (1993-1996), Luiss, Ruma (1993-1996 u 2002-2006) u Bocconi (Milan) (1996-2000); Kunsillier għall-kwistjonijiet Komunitarji mal-Prim Ministru Taljan (1993-1995); uffiċjal mal-Kummissjoni Ewropea: kunsillier ġuridiku u sussegwentement kap tal-Uffiċċju tal-Viċi President (1989-1992), Kap ta' Kabinett tal-Kummissarju responsabbli għas-"Suq Intern" (1995-1999) u l-"Kompetizzjoni" (1999), direttur mad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni (2000-2002), Assistent Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea (2002-2005), Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Kunsillieri Politiċi (2006); Imħallef tal-Qorti Ġenerali mit-3 ta' Mejju 2006.



**Nils Wahl**

Imwieled fl-1961; Master fil-liġi, Università ta' Stokkolma (1987); duttur fil-liġi, Università ta' Stokkolma (1995); Professur assoċjat (għalliem) u inkarigat mill-Kattedra Jean Monnet tad-dritt Ewropew (1995); Professur tad-Dritt Ewropew, Università ta' Stokkolma (2001); Prattika privata ta' avukat (1987-1989); Direttur Amministrattiv ta' Fondazzjoni Edukattiva (1993-2004); President tal-Assoċjazzjoni Żvediża għall-istudji ta' dritt Komunitarju (Nätverket för europarättslig forskning) (2001-2006); Membru tal-Kunsill għall-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni (Rådet för konkurrensfrågor) (2001-2006); Imħallef tal-Qorti tal-Appell għal Skåne u Blekinge (Hovrätten över Skåne och Blekinge) (2005); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Miro Prek**

Imwieled fl-1961; gradwat fil-liġi (1989); ammess fl-Avukatura (1994); diversi xogħlijiet u karigi fl-amministrazzjoni pubblika, prinċipalment fi ħdan l-uffiċċju governattiv responsabbli għal-leġiżlazzjoni (Assistent Segretarju tal-Istat u Viċi Direttur, Kap tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew u d-Dritt Komparattiv) u l-uffiċċju għall-affarijiet Ewropej (sottosegretarju tal-Istat); membru tad-delegazzjoni tan-negozjaturi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (1994-1996) u għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea (1998-2003), responsabbli mill-kwistjonijiet legali; avukat; reponsabbli għal proġetti għall-adattament għal-leġiżlazzjoni Ewropea u għall-integrazzjoni, prinċipalment fil-punent tal-Balkani; Kap ta' diviżjoni fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2004-2006); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Teodor Tchipev**

Imwieled fl-1940; gradwat fid-dritt mill-Università St Kliment Ohridski ta' Sofia (1961); dottorat fid-dritt (1977); avukat (1963-1964); konsulent legali fi ħdan l-impriża tal-Istat għat-trasport bit-triq internazzjonali (1964-1973); lecturer fl-Istitut ta' Dritt tal-Akkademja tax-Xjenzi Bulgara (1973-1988); lecturer dwar il-proċedura ċivili tal-fakultà tad-dritt tal-Università St Kliment Ohridski ta' Sofia (1988-1991); arbitru fil-Qorti ta' Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija (1988-2006); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1991-1994); professur assoċjat fl-Università Paissiy Hilendarski ta' Plovdiv (Frar 2001-2006); Ministru tal-Ġustizzja (1994-1995); lecturer dwar il-proċedura ċivili fl-Università Ġdida Bulgara ta' Sofia (1995-2006); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Jannar 2007.



## Valeriu M. Ciucă

Imwieled fl-1960; gradwat fid-dritt (1984), dottorat fid-dritt (1997) (Università Alexandre Jean Cuza ta' Iaşi); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Suceava (1984-1989); Imħallef militari fil-Qorti Militari ta' Iaşi (1989-1990); professur fl-Università Alexandre Jean Cuza ta' Iaşi (1990-2006); borża ta' studju ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt privat fl-Università ta' Rennes (1991-1992); president ta' konferenza fl-Università Petre Andrei ta' Iaşi (1999-2002); professur soċju fl-Università tal-Littoral Côte d'Opale (LAB. RII) (2006); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Jannar 2007.



## Alfred Dittrich

Imwieled fl-1950; studja l-liġi fl-Università ta' Erlangen-Nuremberg (1970-1975); Rechtsreferendar fil-qorti reġjonali superjuri ta' Nuremberg (1975-1978); amministratur fil-Ministeru Federali tal-Ekonomija (1978-1982); amministratur għar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja mal-Komunitajiet Ewropej (1982); amministratur fil-Ministeru Federali tal-Ekonomija, inkarigat bi kwistjonijiet ta' dritt Komunitarju u ta' kompetizzjoni (1983-1992); kap tad-dipartiment "Dritt tal-Unjoni Ewropea" (1992-2007) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; kap tad-delegazzjoni Ġermaniża tal-grupp ta' xogħol "Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; aġent tal-Gvern Federali f'numru kbir ta' kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



## Santiago Soldevila Fragoso

Imwieled fl-1960; gradwat fid-Dritt mill-Università Autónoma de Barcelona (1983); Imħallef (1985); mill-1992 Maġistrat speċjalizzat fil-qasam amministrattiv, fejn serva fit-Tribunal Superior de Justicia de Canarias, Santa Cruz de Tenerife (1992 u 1993), u fl-Audiencia Nacional (Madrid, Mejju 1998 sa Awwissu 2007), fejn iddeċieda appelli fil-qasam fiskali (VAT), u r-rikorsi diretti kontra d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi ġenerali tal-Ministru tal-Ekonomija u d-deċiżjonijiet tiegħu fuq għajnuna mill-Istat jew responsabbiltà patrimonjali tal-amministrazzjoni; kif ukoll dawk imressqa kontra l-ftehim kollu tar-regolaturi ekonomiċi ċentrali fil-qasam bankarju, tal-borża, tal-enerġija, tal-assigurazzjoni, u antitrust; Avukat fit-Tribunal Constitucional (Qorti Kostituzzjonali) (1993-1998); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



**Laurent Truchot**

Imwieled fl-1962; lawreat mill-Institut d'études politiques de Paris (1984); gradwat mill-École nationale de la magistrature (1986-1988); Imħallef tat-tribunal de grande instance de Marseille (Jannar 1988 - Jannar 1990); maġistrat fl-amministrazzjoni tal-kawżi ċivili u tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Jannar 1990 – Ġunju 1992); assistent amministratur, imbagħad amministratur għad-diviżjoni ġenerali tal-kompetizzjoni, tal-konsum u tal-eliminazzjoni tal-frodi fil-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija (Ġunju 1992 – Settembru 1994); kunsillier tekniku tal-gwardjan tas-siġilli, Ministru tal-Ġustizzja (Settembru 1994 – Mejju 1995); Imħallef tat-tribunal de grande instance de Nîmes (Mejju 1995 – Mejju 1996); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-Avukat Ġenerali Léger (Mejju 1996 - Diċembru 2001); référendaire konsulent għall-qorti ta' kassazzjoni (Diċembru 2001-Awwissu 2007); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



**Sten Frimodt Nielsen**

Imwieled fl-1963; gradwat fil-Liġi, Università ta' Kopenhagen (1988); uffiċjal mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1988-1991); lecturer fid-dritt internazzjonali u fid-dritt Ewropew għall-Università ta' Kopenhagen (1988-1991); Segretarju ta' ambaxxata mar-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka man-Nazzjonijiet Uniti fi New York (1991-1994); uffiċjal fid-dipartiment legali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1994-1995); professur assoċjat mal-Università ta' Kopenhagen (1995); konsulent, imbagħad konsulent prinċipali fl-uffiċċju tal-Prim Ministru (1995-1998); Ministru konsulent mar-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka mal-Unjoni Ewropea (1998-2001); konsulent speċjali fl-uffiċċju tal-Prim Ministru għal kwistjonijiet legali (2001-2002); kap ta' dipartiment u ġuriskonsulta fl-uffiċċju tal-Prim Ministru (Marzu 2002 - Lulju 2004); sottosegretarju tal-Istat u ġuriskonsulta fl-uffiċċju tal-Prim Ministru (Awwissu 2004 - Awwissu 2007) ; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.



**Kevin O'Higgins**

Imwieled fl-1946; studja fil-Crescent College ta' Limerick, fil-Clongowes Wood College, fil-University College Dublin (B.A. degree and Diploma in European Law) fil-Kings Inns; sar membru tal-avukatura tal-Irlanda fl-1968; barrister (1968-1982); Senior Counsel (Inner Bar of Ireland, 1982-1986); Imħallef tas-Circuit court (1986-1997); Imħallef tal-High Court tal-Irlanda (1997-2008); Bencher of King's Inns; rappreżentat Irlandiż fil-Kunsill konsultattiv tal-qrati Ewropej (2000-2008); Imħallef tal-Qorti Ġenerali mill-15 ta' Settembru 2008.



**Heikki Kanninen**

Imwieled fl-1952; lawreat mill-Iskola tal-Istudji Kummerċjali Għolja ta' Helsinki u mill-Fakultà tal-Liġi ta' Helsinki; Référendaire mal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-riforma tal-protezzjoni legali fl-amministrazzjoni pubblika; Amministratur Prinċipali mal-Qorti Amministrattiva Suprema; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-riforma tal-proċedimenti amministrattivi, Konsulent mad-Direttorat tal-Leġiżlazzjoni fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Deputat Reġistratur fil-Qorti tal-EFTA; Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema (1998-2005); Membru tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati; Viċi-President tal-Kumitat dwar l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji Finlandiżi; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005 sas-6 ta' Ottubru 2009; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Juraj Schwarcz**

Imwieled fl-1952; Duttur tal-Liġi (Università Comenius fi Bratislava, 1979); Konsulent legali ta' impriża (1975-1990); Reġistratur inkarigat mir-Reġistru Kummerċjali fit-Tribunal muniċipali ta' Košice (1991); Imħallef fit-Tribunal muniċipali ta' Košice (Jannar-Ottubru 1992); Imħallef u President ta' Awla fil-Qorti Reġjonali ta' Košice (Novembru 1992-2009); Imħallef issekondat mal-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka, Awla tad-dritt kummerċjali (Ottubru 2004-Settembru 2005); President tal-Kulleġġ tad-dritt kummerċjali fil-Qorti Reġjonali ta' Košice (Ottubru 2005-Settembru 2009); Membru estern tad-Dipartiment tad-dritt kummerċjali u ekonomiku tal-Università P.J. Šafárik ta' Košice (1997-2009); Membru estern tal-korp tal-għalliema tal-Akkademja legali (2005-2009); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2009.



**Emmanuel Coulon**

Imwieled fl-1968; studji tad-Dritt (Università Pathéon-Assas, f'Pariġi); studji tal-Maniġment (Università Paris-Dauphine); Collège d'Europe (1992); eżami għad-dħul fis-centre régional de formation à la profession d'avocat ta' Pariġi; warrant ta' Avukat mill-avukatura ta' Brussell; eżerċizzju tal-professjoni ta' Avukat fi Brussell; għadda minn eżami ġenerali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; Référendaire mal-Qorti tal-Prim'Istanza (Uffiċċju tal-President Saggio, 1996-1998; Uffiċċju tal-President Vesterdorf, 1998-2002); Kap tal-Uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-PrimIstanza (2003-2005) Reġistratur tal-Qorti Ġenerali mis-6 ta' Ottubru 2005.

## 2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2009

*Udjenza solenni tas-6 ta' Ottubru 2009*

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-25 ta' Frar 2009 u tat-8 ta' Lulju 2009, ġew innominati bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2010, Heikki Kanninen, wara r-riżenja ta' Virpi Tiili, u għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2010, Juraj Schwarcz, wara r-riżenja ta' Daniel Šváby.

# 3. Ordnijiet protokollari

### mill-1 ta' Jannar sas-6 ta' Ottubru 2009

M. JAEGER, President tal-Qorti Ġenerali
V. TIILI, President ta' Awla
J. AZIZI, President ta' Awla
A. W. H. MEIJ, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
N. J. FORWOOD, President ta' Awla
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' Awla
O. CZÚCZ, President ta' Awla
I. PELIKÁNOVÁ, President ta' Awla
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
E. MOAVERO MILANESI, Imħallef
N. WAHL, Imħallef
M. PREK, Imħallef
T. TCHIPEV, Imħallef
V. CIUCĂ, Imħallef
A. DITTRICH, Imħallef
S. SOLDEVILA FRAGOSO, Imħallef
L. TRUCHOT, Imħallef
S. FRIMODT NIELSEN, Imħallef
K. O'HIGGINS, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

### mis-7 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2009

M. JAEGER, President tal-Qorti Ġenerali
J. AZIZI, President ta' Awla
A. W. H. MEIJ, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
N. J. FORWOOD, President ta' Awla
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' Awla
O. CZÚCZ, President ta' Awla
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, President ta' Awla
I. PELIKÁNOVÁ, President ta' Awla
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
E. MOAVERO MILANESI, Imħallef
N. WAHL, Imħallef e
M. PREK, Imħallef
T. TCHIPEV, Imħallef
V. CIUCĂ, Imħallef
A. DITTRICH, Imħallef
S. SOLDEVILA FRAGOSO, Imħallef
L. TRUCHOT, Imħallef
S. FRIMODT NIELSEN, Imħallef
K. O'HIGGINS, Imħallef
H. KANNINEN, Imħallef
J. SCHWARCZ, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

# 4. Membri preċedenti tal-Qorti Ġenerali

Edward David Alexander Ogilvy (1989-1992)
Yeraris Christos (1989-1992)
Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995), President mill-1989 sal-1995
Biancarelli Jacques (1989-1995)
Barrington Donal Patrick Michael (1989-1996)
Schintgen Romain Alphonse (1989-1996)
Kirschner Heinrich (1989-1997)
Saggio Antonio (1989-1998), President mill-1995 sal-1998
Briët Cornelis Paulus (1989-1998)
Lenaerts Koen (1989-2003)
Vesterdorf Bo (1989-2007), President mill-1998 sal-2007
García-Valdecasas y Fernández Rafael (1989-2007)
Kalogeropoulos Andreas (1992-1998)
Bellamy Christopher William (1992-1999)
Potocki André (1995-2001)
Gens de Moura Ramos Rui Manuel (1995-2003)
Lindh Pernilla (1995-2006)
Tiili Virpi (1995-2009)
Cooke John D. (1996-2008)
Pirrung Jörg (1997-2007)
Mengozzi Paolo (1998-2006)
Legal Hubert (2001-2007)
Trstenjak Verica (2004-2006)
Šváby Daniel (2004-2009)

## Presidenti

Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995)
Saggio Antonio (1995-1998)
Vesterdorf Bo (1998-2007)

## Reġistratur

Jung Hans (1989-2005)

# C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali

***Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali***

1. Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2005-2009)

***Kawżi ġodda***

2. Natura tal-proċeduri (2005-2009)
3. Natura tar-rikors (2005-2009)
4. Suġġett tar-rikors (2005-2009)

***Kawżi magħluqa***

5. Natura tal-proċeduri (2005-2009)
6. Suġġett tar-rikors (2009)
7. Suġġett tar-rikors (2005-2009) (sentenzi u digrieti)
8. Kulleġġ ġudikanti (2005-2009)
9. Tul tal-proċeduri f'xhur (2005-2009) (sentenzi u digrieti)

***Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru***

10. Natura tal-proċeduri (2005-2009)
11. Suġġett tar-rikors (2005-2009)
12. Kulleġġ ġudikanti (2005-2009)

***Varji***

13. Proċeduri għal miżuri provviżorji (2005-2009)
14. Proċeduri mħaffa (2005-2009)
15. Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1989-2009)
16. Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2005-2009)
17. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2009) (sentenzi u digrieti)
18. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2005-2009) (sentenzi u digrieti)
19. Żvilupp ġenerali (1989-2009) (kawżi ġodda, magħluqa, pendenti)

# 1. *Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali* – Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2005-2009) [1]




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 469 | 432 | 522 | 629 | 568 |
| Kawżi magħluqa | 610 | 436 | 397 | 605 | 555 |
| Kawżi pendenti | 1 033 | 1 029 | 1 154 | 1 178 | 1 191 |

[1] Sakemm mhuwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin jieħdu inkunsiderazzjoni l-proċeduri partikolari.

Qed jiġu kkunsidrati bħala "proċeduri partikolari": l-oppożizzjoni għal sentenza (Artikolu 41 tal-Istatut KE; Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 42 tal-Istatut KE; Artikolu 123 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-reviżjoni ta' sentenza (Artikolu 44 tal-Istatut KE; Artikolu 125 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-interpretazzjoni ta' sentenza (Artikolu 43 tal-Istatut KE; Artikolu 129 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); it-tassazzjoni fuq l-ispejjeż (Artikolu 92 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); il-benefiċċju tal-għajnuna legali bla ħlas (Artikolu 96 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); u r-rettifika ta' sentenza (Artikolu 84 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali).

## 2. *Kawżi ġodda* – Natura tal-proċeduri (2005-2009) [1]




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 193 | 244 | 296 | 305 | 246 |
| Proprjetà intellettwali | 98 | 143 | 168 | 198 | 207 |
| Servizz pubbliku | 151 | 1 | 2 | 2 | |
| Appelli | | 10 | 27 | 37 | 31 |
| Proċeduri partikolari | 27 | 34 | 29 | 87 | 84 |
| **Total** | **469** | **432** | **522** | **629** | **568** |

[1] "F'din it-tabella u fit-tabelli fil-paġni li ġejjin, il-frażi "rikorsi oħrajn" tindika r-rikorsi diretti barra r-rikorsi tal-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea u r-rikorsi dwar il-qasam tal-proprjetà intellettwali."

# 3. *Kawżi ġodda* – Natura tar-rikors (2005-2009)




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi għal annullament | 160 | 223 | 249 | 269 | 214 |
| Rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni | 9 | 4 | 12 | 9 | 7 |
| Rikorsi għad-danni | 16 | 8 | 27 | 15 | 13 |
| Rikorsi fil-każ ta' klawżoli ta' arbitraġġ | 8 | 9 | 8 | 12 | 12 |
| Proprjetà intellettwali | 98 | 143 | 168 | 198 | 207 |
| Servizz pubbliku | 151 | 1 | 2 | 2 | |
| Appelli | | 10 | 27 | 37 | 31 |
| Proċeduri partikolari | 27 | 34 | 29 | 87 | 84 |
| **Total** | **469** | **432** | **522** | **629** | **568** |

# 4. *Kawżi ġodda* – Suġġett tar-rikors (2005-2009)

| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | | 1 |
| Agrikoltura | 21 | 18 | 34 | 14 | 18 |
| Ambjent u konsumaturi | 18 | 21 | 41 | 14 | 7 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | | 1 | | |
| Baġit tal-Komunitajiet | | | 2 | | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 28 | 15 | 28 | 43 | 47 |
| Dritt tal-kumpanniji | 12 | 11 | 10 | 30 | 23 |
| Enerġija | | 1 | | | 2 |
| Għajnuna mill-Istat | 25 | 28 | 37 | 55 | 46 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | 1 | | 3 | 3 | 2 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 2 | 3 | 1 | 12 | 12 |
| Kompetizzjoni | 40 | 81 | 62 | 71 | 39 |
| Kultura | | 3 | 1 | 2 | 1 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | | 3 | 4 |
| Libertà ta' stabbiliment | | | | 1 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | | 1 | 1 | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | 2 | 4 | 4 | 1 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 5 | 12 | 6 | 7 |
| Politika ekonomika u monetarja | 1 | 2 | | | |
| Politika kummerċjali | 5 | 18 | 9 | 10 | 8 |
| Politika reġjonali | 12 | 16 | 18 | 7 | 6 |
| Politika soċjali | 9 | 3 | 5 | 3 | 2 |
| Politika tas-sajd | 2 | | 5 | 23 | 1 |
| Proprjetà intellettwali | 98 | 145 | 168 | 198 | 207 |
| Relazzjonijiet barranin | 2 | 2 | 1 | 2 | 5 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 9 | 5 | 10 | 1 | 6 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 2 | | | | |
| Tariffa doganali komuni | | 2 | 1 | | |
| Tassazzjoni | | 1 | 2 | | |
| Trasport | | 1 | 4 | 1 | |
| Unjoni doganali | 2 | | 4 | 1 | 5 |
| **Total Trattat KE/TFUE [1]** | **291** | **386** | **464** | **502** | **452** |
| **Total Trattat KEFA** | | | | **1** | |
| **Total Trattat KEEA** | | **1** | | | |
| Regolamenti tal-Persunal | 151 | 11 | 29 | 39 | 32 |
| Proċeduri partikolari | 27 | 34 | 29 | 87 | 84 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **469** | **432** | **522** | **629** | **568** |

[1] Fl-1 ta' Diċembru 2009, data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) issostitwixxa t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

## 5. *Kawżi magħluqa* – Natura tal-proċeduri (2005-2009)




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 237 | 241 | 185 | 297 | 272 |
| Proprjetà intellettwali | 94 | 90 | 128 | 171 | 168 |
| Servizz pubbliku | 236 | 71 | 51 | 33 | 1 |
| Appelli | | | 7 | 21 | 31 |
| Proċeduri partikolari | 43 | 34 | 26 | 83 | 83 |
| **Total** | **610** | **436** | **397** | **605** | **555** |

# 6. *Kawżi magħluqa* – Suġġett tar-rikors (2009)

| | Sentenzi | Digrieti | Total |
|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | 1 | 1 |
| Agrikoltura | 15 | 23 | 38 |
| Ambjent u konsumaturi | 10 | 12 | 22 |
| Dritt Istituzzjonali | 3 | 24 | 27 |
| Dritt tal-kumpanniji | 4 | 8 | 12 |
| Enerġija | 1 | | 1 |
| Għajnuna mill-Istat | 56 | 14 | 70 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | 3 | 3 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 2 | 3 | 5 |
| Kompetizzjoni | 21 | 10 | 31 |
| Kultura | 1 | 1 | 2 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 2 | 2 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | 1 | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | | 1 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 6 | 2 | 8 |
| Politika kummerċjali | 6 | | 6 |
| Politika reġjonali | 1 | 2 | 3 |
| Politika soċjali | 3 | 3 | 6 |
| Politika tas-sajd | 1 | 16 | 17 |
| Proprjetà intellettwali | 127 | 42 | 169 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 3 | 1 | 4 |
| Unjoni doganali | 10 | | 10 |
| **Total Trattat KE/TFUE [1]** | **270** | **169** | **439** |
| **Total Trattat KEEA** | | **1** | **1** |
| Regolamenti tal-Persunal | 21 | 11 | 32 |
| Proċeduri partikolari | 1 | 82 | 83 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **292** | **263** | **555** |

[1] Fl-1 ta' Diċembru 2009, data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) issostitwixxa t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

# 7. *Kawżi magħluqa* – Suġġett tar-rikors (2005-2009) (sentenzi u digrieti)

| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | 1 | | | 1 |
| Agrikoltura | 34 | 25 | 11 | 38 | 38 |
| Ambjent u konsumaturi | 19 | 19 | 15 | 28 | 22 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | | 1 | 1 | |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | 4 | 2 | | | |
| Baġit tal-Komunitajiet | | | 1 | | |
| Dritt Istituzzjonali | 35 | 14 | 17 | 36 | 27 |
| Dritt tal-kumpanniji | 6 | 6 | 6 | 24 | 12 |
| Enerġija | | 3 | 1 | | 1 |
| Għajnuna mill-Istat | 53 | 54 | 36 | 37 | 70 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | 1 | | 2 | 1 | 3 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 1 | | 1 | 3 | 5 |
| Kompetizzjoni | 35 | 42 | 38 | 31 | 31 |
| Kultura | | | | 2 | 2 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | | 1 | | 2 |
| Libertà ta' stabbiliment | 1 | | | 1 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | | | 2 | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | 4 | 4 | 2 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 5 | 4 | 3 | 6 | 8 |
| Politika ekonomika u monetarja | | 1 | 1 | 1 | |
| Politika kummerċjali | 7 | 13 | 4 | 12 | 6 |
| Politika reġjonali | 4 | 7 | 6 | 42 | 3 |
| Politika soċjali | 6 | 5 | 3 | 3 | 6 |
| Politika tas-sajd | 2 | 24 | 4 | 4 | 17 |
| Proprjetà intellettwali | 94 | 91 | 129 | 171 | 169 |
| Relazzjonijiet barranin | 11 | 5 | 4 | 2 | |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 1 | 3 | 10 | 10 | 4 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | 2 | | | |
| Tariffa doganali komuni | | | 1 | 3 | |
| Tassazzjoni | | 1 | | 2 | |
| Trasport | 1 | 2 | 1 | 3 | |
| Unjoni doganali | 7 | 2 | 2 | 3 | 10 |
| **Total Trattat KE/TFUE [1]** | **329** | **330** | **302** | **468** | **439** |
| **Total Trattat KEFA** | **1** | **1** | **10** | | |
| **Total Trattat KEEA** | **1** | | **1** | | **1** |
| Regolamenti tal-Persunal | 236 | 71 | 58 | 54 | 32 |
| Proċeduri partikolari | 43 | 34 | 26 | 83 | 83 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **610** | **436** | **397** | **605** | **555** |

[1] Fl-1 ta' Diċembru 2009, data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) issostitwixxa t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

# 8. *Kawżi magħluqa* – Kulleġġ ġudikanti (2005-2009)

**Tqassim fl-2009**




| | 2005 | | | 2006 | | | 2007 | | | 2008 | | | 2009 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total |
| Awla Manja | 6 | | 6 | | | | 2 | | 2 | | | | | | |
| Awla tal-Appell | | | | | | | 3 | 4 | 7 | 16 | 10 | 26 | 20 | 11 | 31 |
| President tal-Qorti Ġenerali | | 25 | 25 | | 19 | 19 | | 16 | 16 | | 52 | 52 | | 50 | 50 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 28 | 34 | 62 | 22 | 33 | 55 | 44 | 8 | 52 | 15 | 2 | 17 | 27 | 2 | 29 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 181 | 329 | 510 | 198 | 157 | 355 | 196 | 122 | 318 | 228 | 282 | 510 | 245 | 200 | 445 |
| Imħallef uniku | 7 | | 7 | 7 | | 7 | 2 | | 2 | | | | | | |
| **Total** | **222** | **388** | **610** | **227** | **209** | **436** | **247** | **150** | **397** | **259** | **346** | **605** | **292** | **263** | **555** |

## 9. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċeduri f'xhur (2005-2009) [1] (sentenzi u digrieti)




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 25.6 | 27.8 | 29.5 | 26.0 | 33.1 |
| Proprjetà intellettwali | 21.1 | 21.8 | 24.5 | 20.4 | 20.1 |
| Servizz pubbliku | 19.2 | 24.8 | 32.7 | 38.6 | 52.8 |
| Appelli | | | 7.1 | 16.1 | 16.1 |

[1] Il-kalkolu tat-tul medju tal-proċeduri ma jiħux inkunsiderazzjoni: il-kawżi li fihom id-deċiżjoni tittieħed permezz ta' sentenza interlokutorja; il-proċeduri partikolari; il-kawżi rrinvijati mill-Qorti tal-Ġustizzja wara l-bidla tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali; il-kawżi rrinvijati mill-Qorti Ġenerali wara li beda jiffunzjona t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

It-tul tal-proċeduri huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar.

## 10. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Natura tal-proċeduri (2005-2009)




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 670 | 673 | 784 | 792 | 766 |
| Proprjetà intellettwali | 196 | 249 | 289 | 316 | 355 |
| Servizz pubbliku | 152 | 82 | 33 | 2 | 1 |
| Appelli | | 10 | 30 | 46 | 46 |
| Proċeduri partikolari | 15 | 15 | 18 | 22 | 23 |
| **Total** | **1 033** | **1 029** | **1 154** | **1 178** | **1 191** |

# 11. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Suġġett tar-rikors (2005-2009)

| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | 1 | | | | |
| Agrikoltura | 82 | 74 | 97 | 73 | 53 |
| Ambjent u konsumaturi | 43 | 44 | 70 | 56 | 40 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 1 | 1 | 1 | | |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | 2 | | | | |
| Baġit tal-Komunitajiet | | | 1 | 1 | 2 |
| Dritt Istituzzjonali | 42 | 43 | 54 | 61 | 81 |
| Dritt tal-kumpanniji | 16 | 23 | 27 | 33 | 45 |
| Enerġija | 4 | 2 | 1 | 1 | 2 |
| Għajnuna mill-Istat | 190 | 164 | 165 | 184 | 160 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | | 1 | 3 | 2 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 1 | 3 | 3 | 12 | 20 |
| Kompetizzjoni | 134 | 173 | 197 | 236 | 244 |
| Kultura | | 3 | 4 | 4 | 3 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | | 3 | 5 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | | 1 | | |
| Moviment liberu tal-persuni | 2 | 3 | 3 | 2 | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 8 | 9 | 18 | 18 | 17 |
| Politika ekonomika u monetarja | 1 | 2 | 1 | | |
| Politika kummerċjali | 23 | 28 | 33 | 31 | 33 |
| Politika reġjonali | 27 | 36 | 48 | 13 | 16 |
| Politika soċjali | 9 | 7 | 9 | 9 | 5 |
| Politika tas-sajd | 28 | 4 | 5 | 24 | 8 |
| Proprjetà intellettwali | 197 | 251 | 290 | 317 | 355 |
| Relazzjonijiet barranin | 9 | 6 | 3 | 3 | 8 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 16 | 18 | 18 | 9 | 10 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 2 | | | | |
| Tariffa doganali komuni | 1 | 3 | 3 | | |
| Tassazzjoni | | | 2 | | |
| Trasport | 2 | 1 | 4 | 2 | 2 |
| Unjoni doganali | 13 | 11 | 13 | 11 | 6 |
| **Total Trattat KE/TFUE [1]** | **854** | **910** | **1 072** | **1 106** | **1 119** |
| **Total Trattat KEFA** | **11** | **10** | | **1** | **1** |
| **Total Trattat KEEA** | **1** | **2** | **1** | **1** | |
| Regolamenti tal-Persunal | 152 | 92 | 63 | 48 | 48 |
| Proċeduri partikolari | 15 | 15 | 18 | 22 | 23 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **1 033** | **1 029** | **1 154** | **1 178** | **1 191** |

[1] Fl-1 ta' Diċembru 2009, data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) issostitwixxa t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

# 12. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2005-2009)

**Tqassim fl-2009**




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Awla Manja | 1 | 2 | | | |
| Awla tal-Appell | | 10 | 30 | 46 | 46 |
| President tal-Qorti Ġenerali | | 1 | | | |
| Awli b'ħames Imħallfin | 146 | 117 | 75 | 67 | 49 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 846 | 825 | 971 | 975 | 1 019 |
| Imħallef uniku | 4 | 2 | | | 2 |
| Mhux assenjati | 36 | 72 | 78 | 90 | 75 |
| **Total** | **1 033** | **1 029** | **1 154** | **1 178** | **1 191** |

# 13. *Varji* – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2005-2009)




## Tqassim fl-2009

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Proċeduri għal miżuri provviżorji magħluqa | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irrifjutati | Ftehim | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni |
| Agrikoltura | 1 | 1 | 1 | | |
| Għajnuna mill-Istat | 1 | 2 | 2 | | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 2 | 1 | 1 | | |
| Kompetizzjoni | 5 | 6 | 4 | | 2 |
| Dritt tal-kumpanniji | 2 | 1 | 1 | | |
| Dritt Istituzzjonali | 4 | 3 | 2 | | 1 |
| Ambjent u konsumaturi | 5 | 3 | 2 | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | 1 | | | 1 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 1 | 1 | 1 | | |
| Unjoni doganali | 2 | 1 | 1 | | |
| **Total** | **24** | **20** | **15** | **1** | **4** |

# 14. *Varji* – Proċeduri mħaffa (2005-2009)[1]




| | 2005 | | | | 2006 | | | | 2007 | | | | 2008 | | | | 2009 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
| | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] |
| Agrikoltura | 2 | | | | 2 | 1 | 3 | | | | | | 1 | | | | 2 | | 3 | |
| Għajnuna mill-Istat | | | | | 1 | | | | 1 | | 2 | | 1 | | 1 | | | | | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 1 | | | | |
| Kompetizzjoni | 2 | 3 | 2 | | 4 | 2 | 2 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 2 | | 2 | |
| Dritt tal-kumpanniji | 3 | 2 | 1 | 1 | | | | | 1 | | | | 3 | 1 | 3 | | 2 | | 2 | |
| Dritt Istituzzjonali | 1 | | 1 | | | | | | 1 | | 1 | | 3 | | 2 | 1 | 5 | | 5 | |
| Ambjent u konsumaturi | 2 | 1 | | 1 | 3 | 1 | 1 | | 7 | 1 | 7 | | | | | | 2 | | 1 | 1 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | 1 | | |
| Politika kummerċjali | | | | | | | | | 2 | 1 | | | | 1 | | | 2 | | 2 | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | | | | | | | | 3 | 2 | 1 | | 4 | 4 | | | 5 | 1 | 2 | 1 |
| Proċedura | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 2 | | | | | | | 2 | | | | | | | | | | | | |
| Regolamenti tal-Persunal | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | 1 | | |
| **Total** | **12** | **6** | **4** | **2** | **10** | **4** | **6** | **2** | **17** | **4** | **13** | **0** | **15** | **6** | **7** | **2** | **22** | **3** | **18** | **2** |

[1] It-trattazzjoni ta' kawża quddiem il-Qorti Ġenerali permezz tal-proċedura mħaffa tista' tiġi awtorizzata abbażi tal-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura. Din id-dispożizzjoni ilha applikabbli mill-1 ta' Frar 2001.

[2] Il-każijiet segwenti jaqgħu taħt il-kategorija "mingħajr tkomplija": l-irtirar tat-talba, ir-rinunzja għall-atti u l-kawżi li fihom ir-rikors jiġi deċiż permezz ta' digriet anki qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għal proċedura mħaffa.

# 15. *Varji* – Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1989-2009)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati [1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell |
|---|---|---|---|
| **1989** | | | |
| **1990** | 16 | 46 | 35 % |
| **1991** | 13 | 62 | 21 % |
| **1992** | 24 | 86 | 28 % |
| **1993** | 17 | 73 | 23 % |
| **1994** | 12 | 105 | 11 % |
| **1995** | 47 | 142 | 33 % |
| **1996** | 27 | 133 | 20 % |
| **1997** | 35 | 139 | 25 % |
| **1998** | 67 | 214 | 31 % |
| **1999** | 60 | 178 | 34 % |
| **2000** | 68 | 215 | 32 % |
| **2001** | 69 | 214 | 32 % |
| **2002** | 47 | 212 | 22 % |
| **2003** | 67 | 254 | 26 % |
| **2004** | 53 | 241 | 22 % |
| **2005** | 64 | 272 | 24 % |
| **2006** | 77 | 265 | 29 % |
| **2007** | 76 | 272 | 28 % |
| **2008** | 83 | 321 | 26 % |
| **2009** | 91 | 352 | 26 % |

[1] Total ta' deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati – sentenzi u digrieti ta' inammissibbiltà, għal miżuri provviżorji, ta' proċeduri konklużi għax ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni u ta' ċaħda ta' intervent – li t-terminu għall-appell tagħhom skada jew li tressaq appell kontrihom.

## 16. *Varji* – Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2005-2009)

| | 2005 | | | 2006 | | | 2007 | | | 2008 | | | 2009 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** |
| Rikorsi oħrajn | 37 | 120 | **31 %** | 46 | 146 | **32 %** | 52 | 163 | **32 %** | 51 | 190 | **27 %** | 65 | 201 | **32 %** |
| Proprjetà intellettwali | 16 | 71 | **23 %** | 18 | 59 | **31 %** | 14 | 63 | **22 %** | 23 | 100 | **23 %** | 25 | 148 | **17 %** |
| Servizz pubbliku | 11 | 81 | **14 %** | 13 | 60 | **22 %** | 10 | 46 | **22 %** | 9 | 31 | **29 %** | 1 | 3 | **33 %** |
| **Total** | 64 | 272 | **24 %** | 77 | 265 | **29 %** | 76 | 272 | **28 %** | 83 | 321 | **26 %** | 91 | 352 | **26 %** |

## 17. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2009) (sentenzi u digrieti)

| | Appell miċħud | Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | Annullament totali jew parzjali b'rinviju | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 4 | | 2 | | 6 |
| Kompetizzjoni | 18 | 4 | 1 | | 23 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | | | | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 19 | 1 | | | 20 |
| Ambjent u konsumaturi | 8 | | | 3 | 11 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 2 | | | | 2 |
| Politika kummerċjali | 1 | 1 | | | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 2 | | 1 | 3 |
| Politika reġjonali | 1 | 2 | | | 3 |
| Prinċipji tad-dritt Komunitarju | 1 | | | | 1 |
| Proprjetà intellettwali | 19 | 2 | | 1 | 22 |
| Relazzjonijiet barranin | 1 | | | | 1 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 1 | | | | 1 |
| Regolamenti tal-Persunal | 8 | | | | 8 |
| **Total** | **84** | **12** | **3** | **5** | **104** |

## 18. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2005-2009) (sentenzi u digrieti)




| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 41 | 51 | 72 | 51 | 84 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 7 | 8 | 8 | 16 | 12 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | | 1 | 6 | 7 | 3 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | 2 | 5 | 4 | 3 | 5 |
| **Total** | **50** | **65** | **90** | **77** | **104** |

# 19. *Varji* – Żvilupp Ġenerali (1989-2009)
## Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti

| | Kawżi ġodda [1] | Kawżi magħluqa [2] | Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru |
|---|---|---|---|
| **1989** | 169 | 1 | 168 |
| **1990** | 59 | 82 | 145 |
| **1991** | 95 | 67 | 173 |
| **1992** | 123 | 125 | 171 |
| **1993** | 596 | 106 | 661 |
| **1994** | 409 | 442 | 628 |
| **1995** | 253 | 265 | 616 |
| **1996** | 229 | 186 | 659 |
| **1997** | 644 | 186 | 1 117 |
| **1998** | 238 | 348 | 1 007 |
| **1999** | 384 | 659 | 732 |
| **2000** | 398 | 343 | 787 |
| **2001** | 345 | 340 | 792 |
| **2002** | 411 | 331 | 872 |
| **2003** | 466 | 339 | 999 |
| **2004** | 536 | 361 | 1 174 |
| **2005** | 469 | 610 | 1 033 |
| **2006** | 432 | 436 | 1 029 |
| **2007** | 522 | 397 | 1 154 |
| **2008** | 629 | 605 | 1 178 |
| **2009** | 568 | 555 | 1 191 |
| **Total** | **7 975** | **6 784** | |

[1] "1989: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 153 kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza, li kienet għadha kemm ġiet stabbilita.
1993: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 451 kawża minħabba l-ewwel żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
1994: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 14-il kawża minħabba t-tieni żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
2004-2005: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 25 kawża minħabba t-tielet żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza."

[2] 2005-2006: il-Qorti tal-Prim'Istanza rrinvijat 118-il kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li kien għadu kemm ġie stabbilit.



# Kapitolu III

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

## A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2009

*Mill-President Paul Mahoney*

**1.** L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kienet indikat li, għall-ewwel darba f'għaxar snin, in-numru ta' rikorsi ppreżentati fil-qasam tas-servizz pubbliku Ewropew kien naqas kunsiderevolment meta mqabbel ma dak tas-sena preċedenti. In-numru ta' rikorsi ppreżentati fl-2009 (113) jindika li l-fenomenu osservat is-sena l-oħra ma kienx sempliċement limitat għal dik is-sena. L-inverżjoni tat-tendenza ta' żieda ta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku tidher li hija kkonfermata. L-istess bħas-sena l-oħra wieħed jista' jressaq l-ipoteżi li r-regola li tipprovdi li min jitlef għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż, li daħlet fis-seħħ flimkien mar-Regoli tal-Proċedura, fl-1 ta' Novembru 2007, setgħet ikkontribwixxiet għall-iżvilupp ikkonstatat.

Din is-sena, in-numru ta' kawżi magħluqa huwa nettament ikbar meta mqabbel mas-sentejn preċedenti. Dan, fil-parti l-kbira, huwa dovut għall-fatt li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-22 ta' Diċembru 2008, *Centeno Mediavilla et vs Il-Kummissjoni* (C-443/07 P), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku seta' jagħlaq 32 kawża li kellhom li kienu konnessi ma din il-kawża "pilota". Madankollu, 18-il kawża marbuta mal-imsemmija kawża għadhom attwalment pendenti.

Peress li, għall-ewwel darba wara l-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, id-differenza bejn in-numru ta' kawżi magħluqa (155) u n-numru ta' kawżi mressqa (113) fl-2009 kienet ferm pożittiva, is-sitwazzjoni tal-kawżi pendenti qed titjieb ħafna. In-numru ta' kawżi pendenti bħalissa huwa 175, filwaqt li fi tmiem l-2008 kien 217.

It-tul medju tal-proċeduri huwa ta' 15.1 xhur, u dan jirrappreżenta tnaqqis nett tat-tul medju tal-kawżi meta mqabbel ma dak tas-sena l-oħra, li kien ta' 17-il xahar.

Għalkemm it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huwa naturalment kuntent li jista' jippreżenta statistika ġudizzjarja daqshekk sodisfaċjenti, madankollu għandha tiġi enfasizzata n-natura eċċezzjonali taċ-ċirkustanzi li ppermettew li tali ċifri jintlaħqu, u għandu b'mod partikolari jiġi indikat li għalkemm id-differenza bejn il-kawżi magħluqa u dawk imressqa hija ferm pożittiva fl-2009, dan huwa fil-parti l-kbira marbut mal-konsegwenzi tas-sentenza *Centeno Mediavilla et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward iċ-ċifri tal-2007 u l-2008, li juru bilanċ bejn in-numru ta' kawżi magħluqa u n-numru ta' kawżi mressqa, jagħtu stampa iktar ċara tal-kapaċitajiet reali tat-Tribunal għas-servizz Pubbliku li jagħti deċiżjonijiet.

**2.** Matul din is-sena t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kompla bl-isforzi tiegħu sabiex jagħti widen għall-istedina tal-leġiżlatur u jiffaċilita ftehim bonarju tal-kontroversji f'kull fażi tal-proċedura. Madankollu, 2 kawżi biss setgħu jingħalqu wara li ntlaħaq ftehim bonarju fuq inizjattiva tal-kulleġġ ġudikanti. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra li din iċ-ċifra pjuttost insodisfaċenti hija fil-parti l-kbira dovuta għall-attitudni ta' spiss retiċenti tal-partijiet, u b'mod partikolari tal-istituzzjonijiet, u dan minkejja l-fatt li, f'numru ta' każijiet, il-kawża setgħet tiġi solvuta bi ftehim bonarju u l-possibbiltà li jintlaħaq tali ftehim kienet reali. F'dan ir-rigward, il-kulleġġi ġudikanti kellhom l-impressjoni li f'ċerti każijiet l-istituzzjonijiet kienu disposti li jikkonkludu ftehim bonarju biss jekk kienu konvinti li wettqu żball. Madankollu, fatturi oħra li mhumiex strettament legali, bħall-ekwità, setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġġustifikaw il-konklużjoni ta' ftehim bonarju.

**3.** Tressqu 31 appell mis-sentenzi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, dan l-ammont jirrappreżenta 32.98 % tas-sentenzi mogħtija minnu li jistgħu jiġu kkontestati u 32.29 % tat-total tal-kawżi magħluqa, bla ħsara għal każijiet fejn waħda mill-partijiet unilateralment tirrinunzja għall-appell[1]. Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat 10 deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

**4.** Fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, l-2009 kienet ikkaratterizzata bil-wasla ta' Mħallef ġdid, M.I. Rofes i Pujol, wara li l-President tat-Tieni Awla, H. Kanninen, irriżenja minħabba li nħatar Imħallef mal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fis-7 ta' Ottubru 2009, M. H. Tagaras inħatar President tat-Tieni Awla.

**5.** Fis-7 ta' Ottubru 2009 ukoll, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li jemenda l-kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli, fis-sens li dawn tal-aħħar ma baqgħux speċjalizzati fuq suġġett.

**6.** Fis-segwenti espożizzjoni ser jiġu indikati l-iktar sentenzi sinjifikattivi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-qasam tal-proċedura, fuq il-mertu, fuq il-kwistjoni tal-ispejjeż u tal-ispejjeż tal-qorti u fl-aħħar nett dawk li jirrigwardaw proċeduri għal miżuri provviżorji. Peress li ma kien hemm ebda żvilupp importanti fil-qasam tal-għajnuna legali, is-sezzjoni tradizzjonalment iddedikata għal din il-kwistjoni tħalliet barra għal din is-sena.

## I. Aspetti proċedurali

### Ġurisdizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Fil-kawża *Labate vs Il-Kummissjoni* (digriet tad-29 ta' Settembru 2009, F-64/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu quddiemu rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni, ippreżentat abbażi tal-Artikolu 232 KE minn persuna "li għaliha japplikaw ir-Regolament tal-Persunal" tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal), fis-sens tal-Artikolu 91 tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal, u li kienet f'kawża kontra l-Awtorità tal-Ħatra, fi ħdan il-Kummissjoni, jiġifieri kontra l-Kummissjoni inkwantu persuna li tħaddem u mhux inkwantu istituzzjoni. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li kienet biss il-qorti li kellha ġurisdizzjoni li tiddeċiedi fuq ir-rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni ppreżentati minn individwi, jiġifieri l-Qorti Ġenerali, li kellha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti, fl-imsemmija kawża, kinitx ammissibbli li tippreżenta rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni abbażi tal-Artikolu 232 KE. Konsegwentement it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi tal-Artikolu 8(2) tal-Anness tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni

Fil-kawża *Chassagne vs Il-Kummissjoni* (digriet tat-18 ta' Novembru 2009, F-11/05 RENV), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu quddiemu sitwazzjoni fejn rikorrent, għalkemm ma kienx wera formalment l-intenzjoni tiegħu li jċedi l-atti tal-kawża fis-sens tal-Artikolu 74 tar-Regoli tal-Proċedura, kien madankollu wera manifestament l-intenzjoni tiegħu li jirrinunzja għat-talbiet tiegħu. Wara li sema' lill-partijiet, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li huwa kellu,

[1] Id-differenza bejn is-sentenzi appellati u l-kawżi magħluqa, bla ħsara għal każijiet fejn waħda mill-partijiet unilateralment tirrinunzja għall-appell, tista' titqies li hija iktar rappreżentattiva tar-"rata ta' kontestazzjoni" tas-sentenzi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku milli d-differenza bejn is-sentenzi appellati u s-sentenzi li jistgħu jiġu kkontestati, fid-dawl tal-fatt li kull sena numru ta' kawżi jingħalqu permezz ta' ftehim bonarju.

għall-finijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u fid-dawl tan-nuqqas persistenti tar-rikorrenti li jieħu azzjoni, jikkonstata *ex officio*, skont l-Artikolu 75 tar-Regoli tal-Proċedura, li r-rikors ma kienx għad għandu skop u li ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni[2].

## Kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà

### 1. *Kunċett ta' att li jikkawża preġudizzju*

Fil-kawżi magħquda *Violetti et u Schmit vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-28 ta' April 2009, F-5/05 u F-7/05*, li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea)[3], it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu jiddeċiedi fuq il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni li permezz tagħha d-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) bagħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali informazzjoni miksuba matul investigazzjonijiet interni fuq fatti li jistgħu jwasslu għal proċeduri kriminali kontra uffiċjal, tikkostitwixxix att li jikkawża preġudizzju fis-sens tal-Artikolu 90a tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-risposta tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għal din il-kwistjoni kienet waħda affermattiva. Fil-fatt, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'mod partikolari kkonstata li l-fatt li tali deċiżjoni tiġi kkunsidrata bħala deċiżjoni li hija biss intermedjarja jew preparatorja jkun ifisser li d-dispożizzjoni prevista fit-tieni sentenza tal-Artikolu 90a tar-Regolamenti tal-Persunal, li tiprovdi li kull persuna li għaliha japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat lid-Direttur tal-OLAF ilment fis-sens tal-Artikolu 90(2) tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal kontra att tal-OLAF li jikkawżala preġudizzju f'konnessjoni ma' investigazzjoni mill-OLAF, titlef kull portata. Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li diffiċilment jista' jiġi aċċettat li deċiżjoni bħal din ma tingħatax il-kwalità ta' att li jikkawża preġudizzju meta l-leġiżlatur innifsu pprovda għal-ħtieġa li l-investigazzjonijiet interni tal-OLAF jitwettqu fil-kuntest ta' garanziji proċedurali stretti u, b'mod partikolari, li l-atti l-iktar sinjifikattivi li l-OLAF jadotta fil-kuntest ta' tali investigazzjonijiet ikunu suġġetti għar-rispett tal-prinċipji fundamentali tad-drittijiet tad-difiża, li jinkludu b'mod partikolari d-dritt għal smigħ.

### 2. *Termini*

Fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 2009, *Sergio et vs Il-Kummissjoni* (F-137/07), ġie speċifikat li, meta jirriżulta b'mod ċar li lment tressaq minn avukat f'isem uffiċjali jew membri tal-persunal, l-amministrazzjoni hija ġġustifikata li tikkunsidra li dan tal-aħħar isir id-destinatarju tad-deċiżjoni adottata bħala risposta għal dan l-ilment. Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet li jipprovdu mod ieħor mibgħuta lill-amministrazzjoni qabel in-notifika tar-risposta tagħha, din in-notifka, indirizzata lill-avukat, għalhekk, hija ekwivalenti għal notifika lill-uffiċjali jew lill-membri tal-persunal li huwa jirrappreżenta u għaldaqstant tagħti lok għal bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-preżentata ta' appell.

Fid-digriet tat-8 ta' Lulju 2009, *Sevenier vs Il-Kummissjoni* (F-62/08, li huwa s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar, fir-rigward tal-komputazzjoni tat-termini tal-proċedura prekontenzjuża, li, fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi dwar it-termini previsti fl-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal infushom, għandu jsir riferiment għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1182/71, tat-3 ta' Ġunju 1971, li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 1, Vol. 1, p. 51).

2 Ara, fl-istess sens, id-digriet tat-22 ta' Ottubru 2009, *Aayhan vs Il-Parlament* (F-10/08).

3 Is-sentenzi mmarkati b'asterisk ġew tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, ħlief għall-Irlandiż.

Barra minn hekk, dan id-digriet speċifika li t-tieni inċiż tal-Artikolu 91(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jipprovdi li "fejn ilment mhux aċċettat b'deċiżjoni espressa wara li ma jkunx aċċettat b'deċiżjoni taċita iżda qabel jiskadi l-perjodu li fih jista' jsir appell, il-perjodu li fih jista' jsir appell jerġa' jibda mill-ġdid", mhuwiex applikabbli fl-istadju tat-talba u qabel ma jiġi ppreżentat l-ilment. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni speċifika, li tirrigwarda l-metodu ta' komputazzjoni tat-termini għall-preżentata ta' appell, għandha tiġi interpretata testwalment u b'mod strett. Isegwi li peress li deċiżjoni espressa ta' rifjut ta' talba, li ttittieħed wara li l-istess talba kienet is-suġġett ta' deċiżjoni impliċita ta' rifjut, għandha n-natura ta' att purament konfermattiv, tali deċiżjoni espressa ma tistax tippermetti lill-uffiċjal ikkonċernat li jkompli l-proċedura prekontenzjuża billi tagħtih terminu ġdid sabiex jippreżenta lment.

### 3. *Fatt ġdid sostanzjali*

Fid-digriet tal-11 ta' Ġunju 2009, *Ketselidou vs Il-Kummissjoni* (F-81/08), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li l-fatt li sentenza ta' qorti Komunitarja tikkonstata li deċiżjoni amministrattiva ta' portata ġenerali tikser ir-Regolamenti tal-Persunal ma tistax tikkostitwixxi, fir-rigward tal-uffiċjali li naqsu milli jużaw, fi żmien utli, ir-rimedji disponibbli pprovduti mir-Regolamenti tal-Persunal, fatt ġdid li jiġġustifika l-preżentata ta' talba intiża għal eżami mill-ġdid ta' deċiżjonijiet individwali adottati mill-Awtorità tal-Ħatra fir-rigward tagħhom. Permezz ta' din il-ġurisprudenza t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonforma ruħu ma ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.

## II. Fuq il-mertu

### Prinċipji ġenerali

### 1. *Nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tal-att*

Fis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, *Wenig vs Il-Kummissjoni* (F-80/08*), ġie speċifikat li l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali titlob, anki meta ebda dispożizzjoni bil-miktub ma tipprovdi dan espressament, li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-eżerċizzju tas-setgħat li r-Regolamenti tal-Persunal jagħtu lill-Awtorità tal-Ħatra u li l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-"RAA"), jagħtu lill-Awtorità awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratti (iktar 'il quddiem l-"AATK) ikunu s-suġġett ta' miżura ta' pubbliċità xierqa skont il-modalitajiet u l-forom li għandhom jiġu ddeterminati mill-amministrazzjoni. Fin-nuqqas ta' pubbliċità xierqa, tali deċiżjoni ma tistax tiġi invokata fil-konfront tal-uffiċjal ikkonċernat minn deċiżjoni individwali li tkun ġiet adottata abbażi tagħha. Il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tad-deċiżjoni individwali kkontestata għandu konsegwentement jiġi milqugħ u d-deċiżjoni għandha tiġi annullata.

### 2. *Invokabbiltà tad-direttivi*

Fis-sentenzi tat-30 ta' April 2009, *Aayhan et vs Il-Parlament* (F-65/07*), u tal-4 ta' Ġunju 2009, *Adjemian et vs Il-Kummissjoni* (F-134/07 u F-8/08), liema sentenza tal-aħħar hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku speċifika li d-direttivi, li huma indirizzati lill-Istati Membri u mhux lill-istituzzjonijiet, ma jistgħux jiġu kkunsidrati li bħala tali jimponu obbligi fuq l-imsemmija istituzzjonijiet fir-relazzjonijiet tagħhom mal-persunal tagħhom. Madankollu, din il-kunsiderazzjoni ma tistax teskludi l-invokabbiltà ta' kull direttiva fir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-uffiċjali jew il-membri tal-persunal tagħhom. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jistgħu, l-ewwel nett, ikunu indirettament imposti fuq istituzzjoni jekk dawn ikunu

jikkostitwixxu l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali tad-dritt u li hija għandha għaldaqstant tapplika bħala tali. F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'mod partikolari ddeċieda li għalkemm l-istabbiltà tal-impjieg hija kkunsidrata bħala element ewlieni tal-protezzjoni tal-ħaddiema, madankollu din ma tikkostitwixxix prinċipju ġenerali tad-dritt li fid-dawl tiegħu tista' tiġi evalwata l-legalità ta' att ta' istituzzjoni. It-tieni nett, direttiva tista' torbot istituzzjoni meta din kienet, fil-kuntest tal-awtonomija organizzattiva tagħha u fil-limiti tar-Regolamenti tal-Persunal, intiża li twettaq obbligu partikolari stabbilit minn direttiva jew saħansitra fil-każ fejn att ta' portata ġenerali applikabbli internament jagħmel riferiment espressament huwa stess, għall-miżuri deċiżi mil-leġiżlatur skont it-trattati (ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li jipprovdi li l-uffiċjali "għandhom jingħataw l-kondizzjonijiet tax-xogħol, konformi ma' l-istandards xierqa tas-saħħa u tas-sigurtà, mill-anqas ekwivalenti għall-ħtiġijiet minimi applikabbli taħt il-miżuri adottati f'dawn l-oqsma skond it-Trattati"). It-tielet nett, skont id-dmir ta' lealtà impost fuqhom mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 10 KE, l-istituzzjonijiet għandhom, sa fejn possibbli u sabiex jiggarantixxu interpretazzjoni konformi mad-dritt Komunitarju, jieħdu inkunsiderazzjoni, meta jaġixxu bħala persuna li tħaddem, mal-liġijiet adottati fuq skala Komunitarja.

## 3. *Limiti tas-setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni*

Filwaqt li qagħad attent li ma jissostitwixxix l-analiżi tiegħu għal dik tal-amministrazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma fejn dawn għandhom, abbażi tal-leġiżlazzjoni, marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku madankollu kellu jiddeċiedi kontra deċiżjonijiet ivvizzjati minn żball manifest ta' evalwazzjoni. Għal din ir-raġuni, It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku annulla deċiżjoni ta' tkeċċija mix-xogħol (sentenza tas-7 ta' Lulju 2009, *Bernard vs Europol*, F-54/80) u ċaħda ta' promozzjoni (sentenza tas-17 ta' Frar 2009, *Stols vs Il-Kunsill*, F-51/08, li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea). It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar ukoll li meta l-amministrazzjoni tiddeċiedi li tillimita l-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha permezz ta' regoli interni, dawn ir-regoli jkunu ta' portata vinkolanti u jawtorizzaw lill-qorti tintensifika l-istħarriġ tagħha (ara, fir-rigward tar-"regoli ta' evalwazzjoni" li l-evalwaturi ta' istituzzjoni għandhom josservaw: is-sentenza tas-17 ta' Frar 2009*, Liotti vs Il-Kummissjoni*, F-38/08, li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea). F'kull każ, l-amministrazzjoni ma tistax tevita l-prinċipji ġenerali tad-dritt (ara, fir-rigward ta' evalwazzjoni li tqieset li tmur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali: is-sentenza tal-11 ta' Frar 2009, *Schönberger vs Il-Parlament*, F-7/08).

## 4. *Interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju*

Fis-sentenza tad-29 ta' Settembru 2009, *O vs Il*-Kummissjoni (F-69/07 u F-60/08*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu jiddeċiedi fuq il-legalità ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni imponiet fuq ir-rikorrenti riżerva ta' natura medika, kif previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 100 tar-RAA[4]. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, wara li fakkar li, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxa mil-leġiżlazzjoni li fiha tinsab, kif ukoll id-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt Komunitarju, interpreta l-Artikolu 100 tar-RAA fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-moviment liberu tal-ħaddiema, stabbilit mill-Artikolu 39 KE. B'risposta għall-argument tal-konvenuta li jgħid li, il-qorti, billi tibbaża ruħha b'mod partikolari fuq l-Artikolu 39 KE, li ma ġiex invokat mir-rikorrenti fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, tkun qegħdha tistħarreġ *ex officio*

[4] Dan l-artikolu jipprovdi li jekk l-eżami mediku li sar qabel ikun ingaġġat membru tal-persunal bil-kuntratt, juri li qed isofri minn mard jew invalidità, l-AATK, sa fejn jidħlu r-riskji konnessi ma' tali mard jew invalidità, tista' tiddeċiedi li tagħtih il-benefiċċju tal-garanzija previsti fil-qasam ta' invalidità jew mewt biss wara perijodu ta' ħames snin mid-data ta' meta jidħol fis-servizz tal-istituzzjoni.

l-legalità ta' att amministrattiv tal-AATK fid-dawl ta' motiv ibbażat fuq ksur ta' dispożizzjoni tat-trattat, itTribunal għasServizz Pubbliku espona li, billi jispeċifika l-kuntest ġuridiku li fih dispożizzjoni tad-dritt sekondarju għandha tiġi interpretata, huwa ma jkunx qiegħed jiddeċiedi fuq il-legalità ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, inklużi dawk tat-Trattat, iżda jkun qiegħed ifittex l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni li tagħmilha l-iktar konformi possibbli mad-dritt primarju u l-iktar koerenti possibbli mal-kuntest legali li fih tinsab.

## *5. Prinċipju ta' eżekuzzjoni bona fide tal-kuntratti*

Fis-sentenza tat-2 ta' Lulju 2009, *Bennett et vs UASI* (F-19/08), ġie speċifikat li r-relazzjoni ta' impjieg bejn istituzzjoni u l-membri tal-persunal tagħha, anki jekk tirriżulta minn kuntratt, hija rregolata mir-RAA, inkonnessjoni mar-Regolamenti tal-Persunal, u għalhekk taqa' taħt id-dritt pubbliku. Madankollu, il-fatt li membri tal-persunal huma suġġetti għal sistema ta' dritt amministrattiv Komunitarju ma jeskludix li, fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' ċerti klawżoli tal-kuntratt ta' membru tal-persunal, li jikkompletaw l-imsemmija sistema, l-istituzzjoni tkun suġġetta għall-osservanza tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni *bona fide* tal-kuntratti, li huwa prinċipju komuni tad-dritt tal-parti l-kbira tal-Istati Membri. F'din il-kawża, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li l-konvenut kien kiser il-prinċipju ta' eżekuzzjoni *bona fide* tal-kuntratti, u kkundannah jikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni morali li rriżultaw mill-impressjoni li l-imsemmija rikorrenti kellhom li ġew imqarrqa fir-rigward tal-prospetti reali tagħhom ta' karriera.

## *6. Eżekuzzjoni ta' sentenza ta' annullament*

Fis-sentenza tal-5 ta' Mejju 2009, *Simões Dos Santos vs UASI* (F-27/08, li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), ġie speċifikat li l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' qorti li tannulla att minħabba insuffiċjenza ta' bażi legali ma tistax sistematikament tiġġustifika l-fatt li amministrazzjoni tadotta att ta' natura retroattiva b'mod li tkopri l-illegalità inizjali. Tali retroattività tista' titqies li hija konformi mal-prinċipju ta' ċertezza legali biss f'każijiet eċċezzjonali, meta l-għan imfittex jeżiġi dan u meta jiġu debitament osservati l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati.

F'din il-kawża, wara li kkonstata li l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' annullament kienet tippreżenta diffikultajiet partikolari, sa fejn kien jidher li ma hemm ebda miżura ta' eżekuzzjoni alternattiva għal dawk adottati mill-konvenuta, li kienu ġew iddikjarati li jiksru r-*res judicata* u l-prinċipju ta' nonretroattività tal-atti, li hija, *a priori*, ħielsa minn diffikultajiet, It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li l-ħlas, *ex officio*, ta' kumpens jikkostitwixxi l-aħjar soluzzjoni li tissodisfa l-interessi tar-rikorrenti u l-eżiġenzi tas-servizz, u tippermetti, barra minn hekk, li jiġi żgurat l-effett utli tas-sentenzi ta' annullament.

## Drittijiet u obbligi ta' uffiċjal

Fis-sentenza tas-7 ta' Lulju 2009, *Lebedef vs Il-Kummissjoni* (F-39/08*, li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li fakkar li r-rappreżentanza tal-persunal hija ta' importanza vitali sabiex l-istituzzjonijiet Komunitarji jiffunzjonaw tajjeb, u għaldaqstant, sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, madankollu speċifika li s-sistema li tipprovdi speċifikament għas-sekondjar ta' ċerti rappreżentanti tal-persunal timplika li, fil-każ ta' uffiċjali jew membri tal-persunal mhux sekondati, il-parteċipazzjoni fir-rappreżentaza tal-persunal hija ta' natura okkażjonali u, ikkalkolata fuq bażi ta' sitt xhur jew tliet xhur, tkopri perċentwali tal-ħin tax-xogħol relattivament limitata. F'din il-kawża, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu quddiemu rikors ippreżentat minn rappreżentant tal-persunal, sekondat b'50 %, li ma kien iddedika ebda ħin tax-xogħol fid-dipartiment fejn kien assenjat, u li kien qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tnaqqaslu diversi ġranet

ta' leave mil-leave annwali tiegħu. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li osserva li l-persuna kkonċernata la kienet talbet awtorizzazzjoni u lanqas, minn tal-anqas, ma kienet informat minn qabel lid-dipartiment tagħha dwar l-assenzi tagħha, ċaħad ir-rikors.

## Karriera ta' uffiċjal

### 1. *Kompetizzjonijiet*

Fis-sentenza *Bennet et vs UASI*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li fakkar li mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-interess tas-servizz jista' jiġġustifika li kandidat għal kompetizzjoni jintalab ikollu konoxxenzi lingwistiċi speċifiċi f'ċerti lingwi tal-Unjoni, speċifika li, fil-kuntest tal-funzjonament intern tal-istituzzjonijiet, sistema ta' pluraliżmu lingwistiku tagħti lok għal diffikultajiet serji ta' amministrazzjoni u tkun tirrikjedi riżorsi ekonomiċi ikbar. Għalhekk, l-għan li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jiffunzjonaw sewwa, b'mod partikolari meta l-korp ikkonċernat ikollu riżorsi limitati, jista' oġġettivament jiġġustifika għażla limitata ta' lingwi għall-komunikazzjoni interna, u għalhekk ta' lingwi għall-istadji tal-kompetizzjoni.

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2009, *Di Prospero vs Il-Kummissjoni* (F-99/08*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu quddiemu eċċezzjoni ta' illegalità, fid-dawl tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jipprovdi li "[i]r-reklutaġġ għandu jkollu l-mira li jiżgura li l-istituzzjoni jkollha s-servizzi ta' uffiċjali ta' l-ogħla livell ta' kapaċita', effiċjenza u integrità, magħżula mill-iktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli […]", ta' klawżola ta' avviż ta' kompetizzjoni ġenerali li tipprovdi li l-istadji ta' diversi kompetizzjonijiet ġenerali jistgħu jiġu organizzati simultanjament u li, għal din ir-raġuni, il-kandidati jistgħu japplikaw biss għal waħda minn dawn il-kompetizzjonijiet. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li din il-klawżola kienet inkompatibbli mal-imsemmija dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u konsegwentement annulla d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) ċaħad il-kandidatura tar-rikorrenti għal waħda miż-żewġ kompetizzjonijiet ġenerali li għalihom hija kienet applikat.

### 2. *Proċeduri ta' ħatra*

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ntalab jiddeċiedi fuq tliet rikorsi ppreżentati minn rikorrenti li kienu qegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni li tiċħad il-kandidatura tagħhom għal-pożizzjoni vakanti ta' kap tar-rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Ateni. Permezz ta' tliet sentenzi tat-2 ta' April 2009, *Menidiatis vs Il-Kummissjoni* (F-128/07*), *Yannoussis vs Il-Kummissjoni* (F-143/07) u *Kremlis vs Il-Kummissjoni* (F-129/07), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku laqa' l-motiv tar-rikorrenti bbażat fuq l-illegalità tal-użu tal-proċedura ta' sekondar, kif prevista fit-tieni inċiż tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 37 tar-Regolamenti tal-Persunal, u annulla d-deċiżjonijiet ikkontestati. Huwa b'mod partikolari ddeċieda li n-"natura politika u sensittiva" tal-funzjonijiet imwettqa mill-kapijiet ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni mhijiex biżżejjed, fiha nnifisha, sabiex tiġġustifika rikors għall-pożizzjoni ta' sekondar ta' uffiċjal ma Membru tal-Kummissjoni. Tali interpretazzjoni tat-tieni inċiż tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 37 tar-Regolamenti tal-Persunal twassal sabiex jiġi permess is-sekondar mal-imsemmija membri tal-uffiċjali kollha li jeżerċitaw funzjonijiet "politiċi u sensittivi" fi ħdan l-istituzzjoni, li normalment huma kompetenza ta' persunal ta' livell superjuri, u għalhekk jippreġudika l-istruttura nnifisha tas-servizz pubbliku Ewropew, kif stabbilita fl-Artikolu 35 tar-Regolamenti tal-Persunal, billi tippreġudika, b'mod partikolari, it-trasparenza tar-relazzjonijiet ġerarkiċi.

Fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 2009, *Campos Valls vs Il-Kunsill* (F-39/07*), ġie speċifikat li, fil-kuntest tal-eżami ta' proċedura ta' ħatra, il-kwalifiki meħtieġa minn avviż ta' pożizzjoni vakanti ma jistgħux jiġu interpretati b'mod indipendenti mid-deskrizzjoni tal-funzjonijiet li tinsab fl-imsemmi avviż.

## Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali tal-uffiċjal

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta' April 2009, *Balieu-Steinmetz u Noworyta vs Il-Parlament* (F-115/07), ir-rikorrenti, parti mill-persunal li jirrispondi t-telefon, ressqu rikors quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kontra d-deċiżjoni tal-Parlament li ċċaħħadhom mill-ħlas ta' allowance fil-forma ta' somma f'daqqa għas-sigħat maħduma żejda. Ir-rikorrenti invokaw motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali peress li l-kollegi tagħhom li daħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004 kienu għadhom jibbenefikaw minn din l-allowance. Fir-risposta tiegħu l-Parlament Ewropew invoka, minn naħa, il-ġurisprudenza li tipprovdi li ħadd ma jista' jinvoka favurih illegalità mwettqa favur ħaddieħor u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-ħlas, lill-kollegi tar-rikorrenti, tal-allowance fil-forma ta' somma f'daqqa huwa illegali. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li osserva li huwa minnu li ħadd ma jista' jinvoka favurih illegalità mwettqa favur ħaddieħor, madankollu kkonstata li, f'dan il-każ, il-Parlament ma kienx stabbilixxa suffiċjentement li l-ħlas, lill-kollegi tar-rikorrenti, tal-allowance fil-forma ta' somma f'daqqa għal sigħat maħduma żejda kien mingħajr bażi legali. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku konsegwentement annulla d-deċiżjonijiet ikkontestati. Barra minn hekk, is-sistema tax-xogħol tal-persunal li jirrispondi t-telefon tal-Parlament kienet ukoll is-suġġett tas-sentenza tat-18 ta' Mejju 2009, *De Smedt et vs Il-Parlament* (F-66/08), essenzjalment fir-rigward tal-kunċett ta' "xogħol [kontinwu jew] bix-*shift*" fis-sens tal-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal.

## Miżuri dixxiplinari

Fis-sentenza *Wenig vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, ġie speċifikat li, fid-dawl tan-natura provviżorja ta' miżura ta' sospensjoni, l-istħarriġ mill-qorti tal-fondatezza ta' tali miżura jista' jkun biss limitat ħafna. Għalhekk il-qorti għandha sempliċement tistħarreġ jekk l-allegazzjonijiet ta' nuqqas gravi humiex suffiċjentement verosimili u jekk humiex manifestament infondati. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li dan kien il-każ fil-kawża inkwistjoni.

## Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej

### 1. *Reklutaġġ ta' membri tal-persunal bil-kuntratt*

Fis-sentenza tad-29 ta' Settembru 2009, *Aparicio et vs IlKummissjoni* (F-20/08, F-34/08 u F-75/08*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li kellu quddiemu, fost l-oħrajn, motiv ibbażat fuq l-illegalità ta' eżami verbali u numeriku impost matul il-proċedura ta' reklutaġġ ta' membri tal-persunal bil-kuntratt, ikkonstata li, billi pprovdew għall-organizzazzjoni ta' eżami ta' raġunament verbali u numeriku, billi tawh natura eliminatorja u billi imponewh fuq il-membri tal-persunal diġà fis-servizz, il-Kummissjoni u l-EPSO, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, ma kinux, f'din il-kawża, marru lil hinn mil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħhom.

### 2. *Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 dwar it-terminu massimu ta' rikors għall-persunal mhux permanenti fid-dipartimenti tal-Kummissjoni*

Fis-sentenza tad-29 ta' Jannar 2009, *Petrilli vs Il-Kummissjoni* (F-98/07, li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), ġie deċiż li istituzzjoni ma' tistax, mingħajr ma tikser l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 88 tar-RAA, tillimita b'mod ġenerali u impersonali, b'mod partikolari permezz ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni jew ta' deċiżjoni interna ta' portata ġenerali, il-perijodu massimu possibbli ta' impjieg ta' membru tal-persunal bil-kuntratt abbażi tal-Artikolu 3 tar-RAA, kif ġie stabbilit mil-leġiżlatur innifsu. Fil-fatt l-istituzzjonijiet jistgħu jidderogaw minn regola espressa tar-Regolamenti tal-Persunal jew tar-RAA permezz ta' dispożizzjoni ta' eżekuzzjoni biss jekk ikunu ġew espressament awtorizzati jagħmlu dan. F'din il-kawża, it-Tribunal għas-Servizz

Pubbliku kkonstata li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tillimita għal sitt snin il-perijodu totali ta' servizz ta' membru tal-persunal tillimita b'mod illegali l-portata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 88 tar-RAA li jawtorizza lill-AATK tikkonkludi u ġġedded kuntratti ta' membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt għal perijodu massimu ta' tliet snin. F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bbaża ruħu fuq il-konstatazzjoni li fil-każ fejn membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt kien, għal xi perijodu u taħt titolu ieħor, preċedentement impjegat, iż-żmien li matulu dan il-membru tal-persunal jista' normalment jiġi impjegat jista' jonqos, minħabba l-effett tad-deċiżjoni kkontestata, għal inqas minn tliet snin.

### 3. *Membri tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt*

Fis-sentenza *Adjemian et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, ġie deċiż li kull impjieg ta' membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt għandu jkun dovut għal bżonnijiet temporanji u intermittenti. Fil-kuntest ta' amministrazzjoni li d-daqs tal-persunal tagħha huwa kunsiderevoli, huwa inevitabbli li dawn il-bżonnijiet jirrepetu ruħhom minħabba, b'mod partikolari, l-indisponibbiltà ta' uffiċjali, żidiet fl-ammont tax-xogħul dovuti għaċ-ċirkustanzi jew minħabba l-ħtieġa, li kull direttorat ġenerali okkażjonalment ikollu, li jiġu impjegati persuni li għandhom kwalifiki jew għarfien speċifiku. Dawn iċ-ċirkustanzi jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw kemm il-perijodu determinat tal-kuntratti ta' aġenti awżiljarji kif ukoll it-tiġdid tagħhom skont meta jirriżultaw dawn il-bżonnijiet.

### 4. *Membri tal-persunal awżiljarju ta' sessjoni tal-Parlament*

Fis-sentenza *Aayhan et vs IlParlament*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 78 tar-RAA fid-dawl tal-ftehim qafas dwar xogħol għal perijodu determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva 1999/70, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, iddeċieda li l-bżonnijiet intermittenti u speċifiċi tal-Parlament ta' riżorsi umani għall-perijodu tas-sessjonijiet tiegħu biss, jikkostitwixxu "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) tal-imsemmi ftehim qafas, li jiġġustifikaw l-użu ta' kuntratti sussegwenti ta' membri tal-persunal awżiljarju għal perijodu determinat, li jiġġeddu kull darba li ssir sessjoni parlamentari, kif previst fl-Artikolu 78 tar-RAA, sal-1 ta' Jannar 2007. Fil-fatt għalkemm dawn il-bżonnijiet kienu prevedibbli, iż-żieda fl-attività ma kinitx għat-tul u permanenti.

## III. Spejjeż u spejjeż tal-qorti

### 1. *Intaxxar tal-ispejjeż*

Fid-digriet tal-10 ta' Novembru 2009, *X vs Il-Parlament* (F-14/08 DEP), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku laqa' t-talba tar-rikorrenti intiża sabiex il-konvenut jiġi kkundannat jħallasha, b'effett mill-qari tad-digriet ta' ntaxxar tal-ispejjeż, l-interessi moratorji fuq l-ammont tal-ispejjeż li għandu jitħallas lura bir-rata ta' interessi applikabbli, jiġifieri dik ikkalkolata abbażi tar-rati stabbiliti mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament applikabbli matul il-perijodu kkonċernat, miżjuda b'żewġ punti, sakemm ma tkunx għola minn dik mitluba mir-rikorrenti.

### 2. *Spejjeż tal-qorti*

Fid-digriet tas-7 ta' Ottubru 2009, *Marcuccio vs Il-Kummissjoni* (F-3/08), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku applika għall-ewwel darba l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, li jipprovdi li jekk it-Tribunal ikun għamel spejjeż li setgħu jiġu evitati, b'mod partikolari jekk ir-rikors huwa ta' natura

manifestament inġustifikata, huwa jista' jikkundanna lill-parti li kkawżathom tħallashom kollha jew tħallas parti minnhom mingħajr ma dan l-ammont ta' ħlas lura jaqbeż is-somma ta' EUR 2 000.

Għandu jiġi osservat li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, *Voslamber vs Il-Kummissjoni* (F-86/08), l-istituzzjoni konvenuta kienet talbet lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkundanna lir-rikorrent iħallas lura parti mill-ispejjeż tal-qorti, abbażi tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li speċifika li l-possibbiltà prevista fl-imsemmija dispożizzjoni hija biss għad-diskrezzjoni tal-qorti, iddikjara l-imsemmija talba inammissibbli.

## IV. Proċeduri għal miżuri provviżorji

L-uniku digriet għal miżuri provviżorji mogħti mill-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2009 (digriet tat-18 ta' Diċembru 2009, *U vs Il-Parlament*, F-92/09 R) jistħoqqlu jissemma sa fejn, permezz tiegħu, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ordna, għall-ewwel darba, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' istituzzjoni. Din il-kawża tirrigwarda tkeċċija mix-xogħol abbażi tal-proċedura prevista mill-Artikolu 51 tar-Regolamenti tal-Persunal għal każijiet ta' inkompetenza ta' uffiċjal, fejn ir-rikorrenti talbet is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tordna t-tkeċċija tagħha. Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata, fir-rigward tar-rekwiżit ta' urġenza, li r-rikorrenti ma kellhiex somma li normalment tista' tippermettilha tkopri l-ispejjes indispensabbli kollha sabiex tissodisfa l-bżonnijiet elementari tagħha sakem tittieħed deċiżjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, l-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiż ta' residenza tar-rikorrenti kienu rrifjutaw li jatuha l-benefiċċji tal-qagħad u, barra minn hekk, ma kienx probabbli li r-rikorrenti ssib, bla dewmien, xogħol ieħor u dan fid-dawl tal-problemi ta' personalità li hija donnha għandha. Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata, fir-rigward tar-rekwiżit ta' *fumus boni juris*, li *prima facie* kien jidher li l-istituzzjoni konvenuta ma kinitx ħadet, fir-rigward tar-rikorrenti, l-atti diliġenti kollha li jimponu fuqha d-dmir ta' premura sabiex tneħħi d-dubju li jeżisti fir-rigward ta' eventwali rabta bejn id-diffikultajiet professjonali tal-persuna kkonċernata u l-istat ta' saħħa mentali tagħha. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li, anki jekk jitqies li d-dħul lura fis-servizz tar-rikorrenti jista' jkun ta' ħsara għall-organizzazzjoni tad-dipartimenti tal-Parlament, xorta jibqa' l-fatt li dan tal-aħħar għandu jeżamina l-possibbiltà li juża l-proċedura, prevista mill-Artikolu 59(5) tar-Regolamenti tal-Persunal, fejn il-persuna kkonċernata tiġi meħtieġa tieħu l-vaganzi minħabba raġunijiet mediċi.

## B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku



(Ordni protokollari tas-7 ta' Ottubru 2009)

*Mix-xellug għal-lemin:*

LImħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel; ilPresident ta' awla H. Tagaras, ilPresident P. Mahoney; il-President ta' awla S. Gervasoni; lImħallfin I. Boruta u M. I. Rofes i Pujol; ir-Reġistratur W. Hakenberg.

# 1. Il-Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

